



Werrej

II Atti mhux leġiżlattivi

REGOLAMENTI

- ★ **Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/624 tat-8 ta' Frar 2019 rigward ir-regoli speċifiċi għat-twertiq ta' kontrolli uffiċjali fuq il-produzzjoni tal-laħam u għaż-żoni ta' produzzjoni u fejn jinżammu l-molluski bivalvi ħajjin skont ir-Regolament (UE) 2017/625 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽¹⁾** 1
- ★ **Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/625 tal-4 ta' Marzu 2019 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2017/625 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward ta' rekwiżiti għad-dħul fl-Unjoni ta' kunsinni ta' ċerti annimali u oġġetti maħsuba għall-konsum mill-bniedem ⁽¹⁾** 18
- ★ **Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/626 tal-5 ta' Marzu 2019 li jikkonċerna listi ta' pajjiżi terzi jew reġjuni tagħhom li minnhom hu awtorizzat id-dħul fl-Unjoni Ewropea ta' ċerti annimali u oġġetti maħsuba għall-konsum mill-bniedem, u li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2016/759 fir-rigward ta' dawn il-listi ⁽¹⁾** 31
- ★ **Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/627 tal-15 ta' Marzu 2019 li jistabbilixxi arranġamenti prattiċi uniformi għat-twertiq ta' kontrolli uffiċjali fuq prodotti mill-annimali maħsuba għall-konsum mill-bniedem skont ir-Regolament (UE) 2017/625 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jemenda r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2074/2005 fir-rigward tal-kontrolli uffiċjali ⁽¹⁾** 51
- ★ **Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/628 tat-8 ta' April 2019 dwar mudelli taċ-ċertifikati uffiċjali għal ċerti annimali u oġġetti u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 2074/2005 u r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2016/759 fir-rigward ta' dawn il-mudelli taċ-ċertifikati ⁽¹⁾** 101

⁽¹⁾ Test b'rilevanza għaż-ŻEE.

II

(Atti mhux leġislattivi)

REGOLAMENTI

REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) 2019/624

tat-8 ta' Frar 2019

**rigward ir-regoli speċifiċi għat-twertiq ta' kontrolli uffiċjali fuq il-produzzjoni tal-laħam u għaż-
żoni ta' produzzjoni u fejn jinżammu l-molluski bivalvi ħajjin skont ir-Regolament (UE) 2017/625
tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill**

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2017/625 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Marzu 2017 dwar il-kontrolli uffiċjali u attivitajiet uffiċjali oħra mwettqa biex jiżguraw l-applikazzjoni tal-liġi tal-ikel u tal-għalf, ta' regoli dwar is-saħħa u t-ttrament xieraq tal-annimali, dwar is-saħħa tal-pjanti u dwar prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 999/2001, (KE) Nru 396/2005, (KE) Nru 1069/2009, (KE) Nru 1107/2009, (UE) Nru 1151/2012, (UE) Nru 652/2014, (UE) 2016/429 u (UE) 2016/2031 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1/2005 u (KE) Nru 1099/2009 u d-Direttivi tal-Kunsill 98/58/KE, 1999/74/KE, 2007/43/KE, 2008/119/KE u 2008/120/KE, u li jħassar ir-Regolamenti (KE) Nru 854/2004 u (KE) Nru 882/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, id-Direttivi tal-Kunsill 89/608/KEE, 89/662/KEE, 90/425/KEE, 91/496/KEE, 96/23/KE, 96/93/KE u 97/78/KE u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 92/438/KEE (Regolament dwar il-Kontrolli Uffiċjali) ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 18(7) tiegħu,

Billi:

- (1) Ir-Regolament (UE) 2017/625 jistabbilixxi regoli għall-kontrolli uffiċjali u attivitajiet uffiċjali oħra mwettqa mill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri sabiex jivverifika li kwistjonijiet bħas-sikurezza tal-ikel jikkonformaw mal-leġislazzjoni tal-Unjoni f'kull stadju tal-proċess tal-produzzjoni, l-ipproċessar u d-distribuzzjoni. B'mod partikolari, dan jipprevedi kontrolli uffiċjali li jridu jitwettqu fuq prodotti li joriġinaw mill-annimali maħsuba biex jiġu kkonsumati mill-bnedmin sabiex jivverifika l-konformità mar-rekwiżiti stabbiliti fir-Regolament (KE) Nru 852/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽²⁾, ir-Regolament (KE) Nru 853/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽³⁾, ir-Regolament (KE) Nru 1069/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽⁴⁾ u r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1099/2009 ⁽⁵⁾.
- (2) Ir-Regolament (UE) 2017/625 iħassar ir-Regolament (KE) Nru 854/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽⁶⁾ b'effett mill-14 ta' Diċembru 2019. Ir-Regolament (KE) Nru 854/2004 bħalissa jistabbilixxi regoli speċifiċi għall-

⁽¹⁾ ĠUL 95, 7.4.2017, p. 1.

⁽²⁾ Ir-Regolament (KE) Nru 852/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 dwar l-iġjene tal-oġġetti tal-ikel (ĠUL 139, 30.4.2004, p. 1).

⁽³⁾ Ir-Regolament (KE) Nru 853/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 li jistabbilixxi ċerti regoli speċifiċi ta' iġjene għall-ikel li joriġinaw mill-annimali (ĠUL 139, 30.4.2004, p. 55).

⁽⁴⁾ Ir-Regolament (KE) Nru 1069/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Ottubru 2009 li jistabbilixxi regoli tas-saħħa li jirrigwardaw prodotti sekondarji tal-annimali jew derivati minnhom mhux maħsuba għall-konsum mill-bniedem u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1774/2002 (Regolament dwar prodotti sekondarji tal-annimali) (ĠUL 300, 14.11.2009, p. 1).

⁽⁵⁾ Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1099/2009 tal-24 ta' Settembru 2009 dwar il-protezzjoni tal-annimali waqt il-qatla (ĠUL 303, 18.11.2009, p. 1).

⁽⁶⁾ Ir-Regolament (KE) Nru 854/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 li jippreskrivi regoli speċifiċi għall-organizzazzjoni ta' kontrolli uffiċjali fuq prodotti li joriġinaw mill-annimali maħsuba għall-konsum uman (ĠUL 139, 30.4.2004, p. 206).

organizzazzjoni ta' kontrolli uffiċjali fuq prodotti li joriġinaw mill-annimali maħsuba biex jiġu kkonsmati mill-bnedmin sabiex jivverifika l-konformità mar-rekwiżiti tar-Regolamenti (KE) Nru 852/2004, (KE) Nru 853/2004 u (KE) Nru 1069/2009. Dan jipprevedi wkoll il-possibbiltà li jingħataw ċerti derogi minn dawk ir-rekwiżiti.

- (3) Ir-regoli stabbiliti f'dan ir-Regolament jenħtieġ li jiżguraw kontinwazzjoni tar-rekwiżiti li bħalissa huma stabbiliti fir-Regolament (KE) Nru 854/2004, filwaqt li jqisu l-esperjenza miksuba mid-data tal-adozzjoni tal-att, kif ukoll evidenza xjentifika ġdida u regoli nazzjonali mgħarrfa biex jiġi żgurat l-użu kontinwu ta' metodi tradizzjonali fi kwalunkwe stadju tal-produzzjoni tal-ikel, l-ipproċessar u d-distribuzzjoni.
- (4) Ir-Regolament (UE) 2017/625 jipprevedi li jiġu adottati atti delegati, filwaqt li jistabbilixxi l-kriterji u l-kundizzjonijiet għal derogi minn ċerti rekwiżiti ta' dak ir-Regolament, biex l-ispezzjonijiet *ante-mortem* u *post-mortem* ikunu jkunu jistgħu jitwettqu taħt ir-responsabbiltà tal-veterinarju uffiċjali, minflok ma jitwettqu jew jiġu ssorveljati mill-veterinarju uffiċjali. Dawn l-atti delegati jenħtieġ li jistabbilixxu wkoll il-kriterji u l-kundizzjonijiet li skonhom jistgħu jitwettqu l-kontrolli uffiċjali mill-persunal maħtur mill-awtoritajiet kompetenti f'impjanti tat-tqattigħ.
- (5) L-ispezzjoni *ante-mortem* hija essenzjali għall-protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem, is-saħħa tal-annimali u t-trattament xieraq tal-annimali u għalhekk tibqa' r-responsabbiltà tal-veterinarju uffiċjali. Madankollu, ċerti kompiti ta' rutina fl-ispezzjoni *ante-mortem* fil-biċċerija jistgħu jitwettqu mill-awżiljarju uffiċjali mingħajr ma tiġi kompromessa l-kisba tal-oġġettivi tar-Regolament (UE) 2017/625, sakemm ikunu konformi ma' ċerti kriterji u kundizzjonijiet.
- (6) B'mod partikolari, jekk l-ispezzjoni *ante-mortem* tkun twettqet mill-veterinarju uffiċjali fl-azjenda minn fejn joriġinaw l-annimali, jenħtieġ li tingħata iżjed flessibbiltà lill-ispezzjoni *ante-mortem* mal-wasla fil-biċċerija li tista' titwettaq taħt ir-responsabbiltà tal-veterinarju uffiċjali. Madankollu, meta ma tkun seħħet l-ebda spezzjoni *ante-mortem* fl-azjenda minn fejn joriġinaw l-annimali, id-delega tal-kompiti jenħtieġ li tkun permessa biss jekk l-ispezzjonijiet ikunu ssorveljati mill-veterinarju uffiċjali, soġġetti għal ċerti kriterji u kundizzjonijiet għal speċijiet li mhumiex pollam u lagomorfi.
- (7) F'każ ta' tbiċċir b'emerġenza, l-ispezzjoni *ante-mortem* ma tistax titwettaq fil-biċċerija. Sabiex jiġi evitat li l-animall isofri mingħajr ma jkun neċessarju billi jintbagħat f'biċċerija, u biex it-telf ekonomiku jiġi limitat għall-operaturi u jtnaqas l-iskart tal-ikel, il-kriterji u l-kundizzjonijiet jenħtieġ li jiġu stabbiliti biex jippermettu li l-ispezzjoni *ante-mortem* titwettaq barra mill-biċċerija f'każ ta' tbiċċir b'emerġenza. L-annimali soġġetti għal tbiċċir b'emerġenza xorta jistgħu jkunu eliġibbli għall-konsum mill-bniedem soġġetti għal spezzjoni tal-laħam favorevoli. Dawn l-ispezzjonijiet jenħtieġ li jipprovdur garanziji massimi tal-idoneità għall-konsum meta jħallu t-tbiċċir b'emerġenza barra mill-biċċerija.
- (8) Jista' jkun iżjed effiċjenti li nevalwaw ir-rekwiżiti tas-saħħa tal-bniedem, is-saħħa tal-annimali u t-trattament xieraq tal-animall billi jitwettqu spezzjonijiet *ante-mortem* fl-azjenda minn fejn joriġinaw l-annimali minflok fil-biċċerija. Għaldaqstant, jenħtieġ li d-derogi mill-ispezzjonijiet *ante-mortem* fil-biċċerija jitħallew fl-ispeċijiet kollha, soġġetti għal ċerti kriterji.
- (9) Filwaqt li l-ispezzjonijiet *post-mortem* u l-attivitajiet ta' awditjar huma essenzjali għall-protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem, is-saħħa tal-annimali u t-trattament xieraq tal-annimali, u għalhekk jenħtieġ li jibqgħu r-responsabbiltà tal-veterinarju uffiċjali, ċerti kompiti jistgħu jitwettqu mill-awżiljarju uffiċjali, sakemm jiġu ssodisfati biżżejjed garanziji għal dawn l-oġġettivi u jekk ikun hemm konformità ma' ċerti kriterji u kundizzjonijiet. Dawn il-kriterji u l-kundizzjonijiet jenħtieġ li jippermettu, b'mod partikolari, il-kontinwazzjoni ta' Prattiki attwali fil-każ ta' tbiċċir mhux kontinwu f'biċċerija b'kapaċità baxxa u fi stabbilimenti li jipproċessaw il-kaċċa b'kapaċità baxxa.
- (10) Ċerti kriterji u kundizzjonijiet iridu jiġu ddefiniti biex ikun hemm deroga mir-rekwiżiti bażiċi għall-ispezzjonijiet *ante-mortem* u *post-mortem* f'biċċerija u stabbilimenti li jipproċessaw il-kaċċa. Limitu tal-produzzjoni huwa kriterju mhux diskriminatorju, li jiffoka fuq l-iżgħar stabbilimenti b'konformità mal-Artikolu 16(3)(a) tar-Regolament (UE) 2017/625. Billi l-istruttura ta' dawn l-istabbilimenti tvarja bejn l-Istati Membri, dan il-limitu jenħtieġ li jkun ibbażat fuq l-għadd ta' annimali mbiċċra jew ipproċessati jew fuq id-dimostrazzjoni li dan il-limitu jirrappreżenta perċentwal limitat u fiss tal-laħam imqiegħed fis-suq. Ir-Regolament (KE) Nru 1099/2009 jiddefinixxi l-unitajiet tal-bhejjem u jstabbilixxi rati ta' konverżjoni biex jiġi espress l-għadd ta' annimali ta' ċertu speċijiet f'tali unitajiet tal-bhejjem. Dawn id-dispożizzjonijiet jenħtieġ li jintużaw biex jiġu ssettjati limiti u jiġu armonizzati derogi minn ċerti rekwiżiti bbażati fuq id-daqs ta' biċċerija.
- (11) Ċerti kompiti f'impjanti tat-tqattigħ jistgħu jitwettqu minn persunal maħtur mill-awtoritajiet kompetenti mingħajr ma jfixklu l-oġġettivi li jiġu protetti s-saħħa tal-bniedem, is-saħħa tal-annimali u t-trattament xieraq tal-annimali jekk ikunu konformi ma' ċerti kriterji u kundizzjonijiet.

- (12) Il-kontrolli uffiċjali fuq il-produzzjoni tal-molluski bivalvi huma neċessarji biex tiġi żgurata l-konformità mal-kriterji u l-miri stabbiliti fil-leġislazzjoni tal-Unjoni. B'konformità mal-Parti A tal-Kapitolu II tat-Taqsima VII tal-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 853/2004, il-ħsad ta' molluski bivalvi ħajjin irid isir minn żoni ta' produzzjoni kklassifikati mill-awtoritajiet kompetenti u li minnhom jiġi awtorizzat il-ħsad. Ir-Regolament (UE) 2017/625 jipprevedi l-adozzjoni ta' atti delegati, u jistabbilixxi l-kriterji u l-kundizzjonijiet biex jiġi ddeterminat, b'rabta mal-*Pectinidae*, il-gasteropodi tal-baħar u l-*Holothuroidea*, meta ma hemmx bżonn li jiġu kklassifikati ż-żoni ta' produzzjoni u fejn dawn jinżammu.
- (13) Jenħtieġ li jiġi stabbilit ukoll il-post fejn iridu jitwettqu l-kontrolli uffiċjali fuq il-produzzjoni ta' dawn il-*Pectinidae*, il-gasteropodi tal-baħar u l-*Holothuroidea* li mhumiex organiżmi filtraturi.
- (14) Ir-Regolament (UE) 2017/625 jipprevedi wkoll il-possibbiltà li jiġu stabbiliti derogi speċifiċi għall-kontrolli uffiċjali fir-rigward tar-*Rangifer tarandus tarandus* (ir-renna), il-*Lagopus lagopus* u l-*Lagopus mutus* (il-faġan) sabiex titħalla l-kontinwazzjoni ta' prattiki u drawwiet lokali u tradizzjonali li ilhom għaddejnin għal ħafna żmien.
- (15) B'konformità mal-Artikolu 17(3) tar-Regolament (KE) Nru 854/2004, l-Istati Membri tħallew jadottaw miżuri nazzjonali biex jippermettu l-użu kontinwu ta' metodi tradizzjonali jew biex jakkomodaw il-bżonnijiet tan-negozju tal-ikel bi throughput baxx jew li jinsabu f'reġjuni li huma soġġetti għal restrizzjonijiet ġeografiċi speċjali. Fuq din il-bażi, l-Iżvezja u l-Finlandja għarrfu lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri l-oħra b'miżuri nazzjonali b'derogi speċifiċi minn ċerti rekwiżiti għal kontrolli uffiċjali fuq il-laħam tar-renni u l-laħam tal-faġani. Billi r-Regolament (UE) 2017/625 ma għadux jippermetti adattament bħal dan minn miżuri nazzjonali, jenħtieġ li jiġu stabbiliti derogi f'dan ir-Regolament għal kontrolli uffiċjali li jkopru r-renni u l-faġani sabiex ikunu jistgħu jissoktaw il-prattiki u d-drawwiet lokali u tradizzjonali li ilhom għaddejnin għal ħafna żmien u li ma jaffettwawx il-kisba tal-objettivi tar-Regolament (UE) 2017/625.
- (16) Ir-Regolament (UE) 2017/625 jistabbilixxi rekwiżiti minimi speċifiċi għall-persunal maħtur mill-awtoritajiet kompetenti u għall-veterinarji uffiċjali u għall-awżiljarji uffiċjali involuti fil-kontrolli uffiċjali u ċerti attivitajiet uffiċjali oħra. Dan jistabbilixxi wkoll ir-rekwiżiti minimi tat-taħriġ għall-persunal tal-biċċerija involut fil-kontrolli uffiċjali u ċerti attivitajiet ta' kontroll oħra.
- (17) Jenħtieġ li jiġu stabbiliti rekwiżiti minimi speċifiċi għall-veterinarji uffiċjali, għall-awżiljarji uffiċjali u persunal ieħor maħtur mill-awtoritajiet kompetenti sabiex jinżamm livell għoli u adegwat tal-prestazzjoni tal-kompiti tagħhom u għalhekk jiġi żgurat livelli għoli ta' protezzjoni tal-konsumaturi, tas-saħħa tal-annimali u tat-treatment xieraq tal-annimali. Dawn jenħtieġ li jinkludu rekwiżiti minimi tat-taħriġ speċifiċi. Jenħtieġ li tiġi pprovduta biżżejjed flessibbiltà biex ir-rekwiżiti jiġi adattat għall-kompiti li se jitwettqu b'kunsiderazzjoni tal-esperjenza tax-xogħol.
- (18) Sabiex jinżamm livell għoli u adegwat tal-prestazzjoni, jenħtieġ li jiġu stabbiliti wkoll rekwiżiti minimi tat-taħriġ xierqa għall-persunal tal-biċċerija li jassisti fit-twettiq ta' kompiti relatati mal-kontrolli uffiċjali u attivitajiet ta' kontroll oħra stabbiliti fir-Regolament.
- (19) Billi r-Regolament (UE) 2017/625 iħassar ir-Regolament (KE) Nru 854/2004 b'effett mill-14 ta' Diċembru 2019, dan ir-Regolament jenħtieġ li japplika wkoll minn dik id-data,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Suġġett u kamp ta' applikazzjoni

Dan ir-Regolament jistabbilixxi regoli speċifiċi li jikkonċernaw it-twettiq tal-kontrolli uffiċjali msemmija fl-Artikolu 18(1) tar-Regolament (UE) 2017/625 mwettqa fuq prodotti li joriġinaw mill-annimali.

Dawk ir-regoli speċifiċi jkopru:

- (a) il-kriterji u l-kundizzjonijiet biex jiġi determinat
- (i) meta l-ispezzjoni *ante-mortem* f'ċerti biċċeriji tista' titwettaq taħt is-superviżjoni jew taħt ir-responsabbiltà ta' veterinarju uffiċjali;
 - (ii) meta l-ispezzjoni *ante-mortem* tista' titwettaq barra mill-biċċerija f'każ ta' tbiċċir b'emerġenza;
 - (iii) meta l-ispezzjonijiet *ante-mortem* jistgħu jitwettqu fl-azjenda minn fejn joriġinaw l-annimali;

- (iv) il-garanziji li jridu jkunu fis-seħħ għat-tweqqig ta' spezzjonijiet *post-mortem* u attivitajiet ta' awditjar taħt ir-responsabbiltà tal-veterinarju uffiċjali kif imsemmija fl-Artikolu 18(2)(c) u (d) tar-Regolament (UE) 2017/625;
 - (v) derogi mill-Artikolu 18(6) tar-Regolament (UE) 2017/625 rigward il-klassifikazzjoni taż-żoni ta' produzzjoni u fejn jinżammu l-molluski b'rabta mal-*Pectinidae*, il-gasteropodi tal-baħar u l-*Holothuroidea*;
 - (vi) meta l-kontrolli uffiċjali fl-impjanti tat-tqattigħ jistgħu jitwettqu minn persunal maħtur mill-awtoritajiet kompetenti għal dak l-iskop u li hu mħarreġ kif xieraq;
- (b) l-istabbiliment ta' derogi speċifiċi fir-rigward tar-*Rangifer tarandus tarandus*, il-*Lagopus lagopus* u l-*Lagopus mutus* sabiex ikunu jistgħu jissoktaw id-drawwiet u l-prattiki lokali u tradizzjonali li ilhom għaddejnin għal ħafna żmien;
 - (c) l-istabbiliment ta' rekwiżiti minimi speċifiċi, inklużi rekwiżiti tat-taħriġ għall-veterinarju uffiċjali, l-awżiljarju uffiċjali u l-persunal maħtur mill-awtoritajiet kompetenti, biex jiġi żgurat it-tweqqig adegwat tal-kompiti deskritti fl-Artikolu 18 tar-Regolament (UE) 2017/625;
 - (d) l-istabbiliment ta' rekwiżiti minimi tat-taħriġ xierqa għall-persunal tal-biċċerija li jassisti fit-tweqqig tal-kompiti deskritti fl-Artikolu 18(3) tar-Regolament (UE) 2017/625.

Artikolu 2

Definizzjonijiet

Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

- (1) "biċċerija" tfisser biċċerija kif definita fil-punt 1.16 tal-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 853/2004;
- (2) "azjenda minn fejn joriġinaw l-annimali" tfisser l-azjenda fejn l-aħħar li ġew imrobbija l-annimali. Fil-każ ta' ċriev semidomestikati kif definiti fil-punt 2(q) tal-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 999/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽⁷⁾, din tinkludi raggruppamenti maħsuba biex jintgħażlu l-annimali għat-tbiċċir;
- (3) "żona ta' produzzjoni" tfisser żona ta' produzzjoni kif iddefinita fil-punt 2.5 tal-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 853/2004;
- (4) "żona fejn jinżammu l-molluski" tfisser arja ta' ripożizzjoni kif iddefinita fil-paragrafu 2.6 tal-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 853/2004;
- (5) "persunal maħtur mill-awtoritajiet kompetenti" tfisser persuna minbarra l-awżiljarju uffiċjali u l-veterinarju uffiċjali, li hi kkwalifikata skont dan ir-Regolament biex taġixxi ftali kariga f'impjanti tat-tqattigħ u li l-awtoritajiet kompetenti jassenjawlha t-tweqqig ta' azzjonijiet speċifiċi;
- (6) "analiżi tar-riskju" tfisser analiżi tar-riskju kif iddefinita fl-Artikolu 3(10) tar-Regolament (KE) Nru 178/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽⁸⁾;
- (7) "impjant tat-tqattigħ" tfisser impjant tat-tqattigħ kif iddefinit fil-punt 1.17 tal-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 853/2004;
- (8) "pollam" tfisser pollam kif iddefinit fil-punt 1.3 tal-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 853/2004;
- (9) "lagomorfi" tfisser lagomorfi kif iddefiniti fil-punt 1.4 tal-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 853/2004;
- (10) "operatur ta' negozju tal-ikel" tfisser operatur ta' negozju tal-ikel kif iddefinit fl-Artikolu 3(3) tar-Regolament (KE) Nru 178/2002;
- (11) "ungulati domestiċi" tfisser ungulati domestiċi kif iddefiniti fil-punt 1.2 tal-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 853/2004;
- (12) "laħam" tfisser laħam kif iddefinit fil-punt 1.1 tal-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 853/2004;
- (13) "kaċċa mrobbija" tfisser kaċċa mrobbija kif iddefinita fil-punt 1.6 tal-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 853/2004;
- (14) "konsumatur finali" tfisser konsumatur finali kif iddefinit fl-Artikolu 3(18) tar-Regolament (KE) Nru 178/2002;
- (15) "bejjieġh bl-immnut" tfisser bejjieġh bl-immnut kif iddefinit fl-Artikolu 3(7) tar-Regolament (KE) Nru 178/2002;

⁽⁷⁾ Ir-Regolament (KE) Nru 999/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Mejju 2001 li jistabbilixxi regoli għall-prevenzjoni, kontroll u eradikazzjoni ta' ċertu enċefalopatija sponġiformi li tinxtered (ĠU L 147, 31.5.2001, p. 1).

⁽⁸⁾ Ir-Regolament (KE) Nru 178/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' Jannar 2002 li jistabbilixxi l-prinċipji ġenerali u l-ħtijiet tal-liġi dwar l-ikel, li jistabilixxi l-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel u jistabbilixxi l-proċeduri fi kwistjonijiet ta' sigurtà tal-ikel (ĠU L 31, 1.2.2002, p. 1).

- (16) “stabbiliment” tfisser stabbiliment kif iddefinit fl-Artikolu 2(1)(c) tar-Regolament (KE) Nru 852/2004;
- (17) “Biċċerija b'kapaċità baxxa” tfisser biċċerija identifikata mill-awtoritajiet kompetenti fuq il-bażi ta' analiżi tar-riskju u li fiha jsir it-tbiċċir biss matul parti mill-ġurnata tax-xogħol jew isir matul il-ġurnata tax-xogħol kollha iżda mhux f'kull ġurnata fil-ġimgħa tax-xogħol;
- (18) “Biċċerija li tipproċessa l-kaċċa b'kapaċità baxxa” tfisser stabbiliment li jimmaniġġja l-annimali tal-kaċċa identifikat mill-awtoritajiet kompetenti fuq il-bażi ta' analiżi tar-riskju u li fiha l-immaniġġjar tal-annimali tal-kaċċa jsir biss matul parti mill-ġurnata tax-xogħol jew isir matul il-ġurnata tax-xogħol kollha iżda mhux f'kull ġurnata tax-xogħol tal-ġimgħa;
- (19) “unità ta' bhejjem” tfisser unità ta' bhejjem kif iddefinita fl-Artikolu 17(6) tar-Regolament (KE) Nru 1099/2009;
- (20) “kaċċa salvaġġa żgħira” tfisser kaċċa salvaġġa żgħira kif iddefinita fil-punt 1.7 tal-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 853/2004;
- (21) “stabbiliment li jipproċessa l-kaċċa” tfisser stabbiliment li jipproċessa l-kaċċa kif iddefinit fil-punt 1.18 tal-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 853/2004;
- (22) “ċentru ta' spedizzjoni” tfisser ċentru ta' spedizzjoni kif iddefinit fil-punt 2.7 tal-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 853/2004;
- (23) “molluski bivalvi” tfisser molluski bivalvi kif iddefiniti fil-punt 2.1 tal-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 853/2004;
- (24) “ipproċessar” tfisser ipproċessar kif iddefinit fl-Artikolu 2(1)(m) tar-Regolament (KE) Nru 852/2004;
- (25) “interjuri” tfisser interjuri kif iddefinit fil-punt 1.12 tal-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 853/2004;
- (26) “produzzjoni primarja” tfisser produzzjoni primarja kif iddefinita fl-Artikolu 3(17) tar-Regolament (KE) Nru 178/2002;
- (27) “azjenda ta' produzzjoni tal-ħalib” tfisser azjenda ta' produzzjoni tal-ħalib kif iddefinit fil-punt 4.2 tal-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 853/2004.

Artikolu 3

Il-kriterji l-kundizzjonijiet li jistabbilixxu meta l-ispezzjonijiet *ante-mortem* f'ċerti biċċeriji jistgħu jitwettqu minn awżiljarju uffiċjali

1. Permezz ta' deroga mill-Artikolu 18(2)(a) tar-Regolament (UE) 2017/625, l-ispezzjonijiet *ante-mortem* jistgħu jitwettqu biss minn awżiljarju uffiċjali taħt is-superviżjoni tal-veterinarju uffiċjali fuq speċijiet minbarra l-pollam u l-lagomorfi, sakemm il-proċeduri applikati fil-biċċerija jikkonformaw mal-kriterji u l-kundizzjonijiet li ġejjin:
- (a) il-kompiti fi ħdan l-ispezzjonijiet *ante-mortem* huma ta' natura purament Prattika u jikkonċernaw biss waħda jew iktar minn dawn li ġejjin:
- (i) verifika li l-operatur ta' negozju tal-ikel jikkonforma mar-rekwiżiti relatati ma' informazzjoni tal-katina alimentari u mal-verifika tal-identità tal-annimal;
- (ii) l-għażla minn qabel ta' annimali li juru anormalitajiet possibbli fir-rigward tar-rekwiżiti tas-saħħa tal-bniedem, is-saħħa tal-annimali u t-trattament xieraq tal-annimali;
- (b) il-veterinarju uffiċjali jiġi infurmat immedjatament mill-awżiljarju uffiċjali li qed iwettaq l-ispezzjoni meta anormalitajiet possibbli jiġu osservati jew issuspettati u mbagħad il-veterinarju uffiċjali jwettaq l-ispezzjoni *ante-mortem* fuq il-post; u
- (c) il-veterinarju uffiċjali regolarment jivverifika li l-awżiljarju uffiċjali qed iwettaq il-kompiti tiegħu/tagħha kif suppost.
2. Permezz ta' deroga mill-Artikolu 18(2)(a) tar-Regolament (UE) 2017/625, l-ispezzjonijiet *ante-mortem* jistgħu jitwettqu biss minn awżiljarju uffiċjali f'biċċerija taħt is-superviżjoni tal-veterinarju uffiċjali, sakemm jiġu ssodisfati l-kriterji u l-kundizzjonijiet li ġejjin:
- (a) diġà twettqet spezzjoni *ante-mortem* mill-veterinarju uffiċjali fl-azjenda minn fejn joriġinaw l-annimali b'konformità mal-Artikolu 5;
- (b) il-veterinarju uffiċjali jiġi infurmat immedjatament mill-awżiljarju uffiċjali li qed iwettaq l-ispezzjoni meta anormalitajiet possibbli jiġu osservati jew issuspettati u mbagħad il-veterinarju uffiċjali jwettaq l-ispezzjoni *ante-mortem* fuq il-post;
- u
- (c) il-veterinarju uffiċjali regolarment jivverifika li l-awżiljarju uffiċjali qed iwettaq il-kompiti tiegħu/tagħha kif suppost.

3. Id-derogi fil-paragrafi 1 u 2 ma għandhomx japplikaw:
 - (a) għal annimali li jsirihom qtil b'emerġenza kif imsemmi fil-Kapitolu VI tat-Taqsima I tal-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 853/2004;
 - (b) għal annimali suspettati li għandhom marda jew kundizzjoni li tista' taffettwa b'mod avvers is-saħħa tal-bniedem;
 - (c) għal annimali bovini minn merħliet li ma ġewx iddikjarati uffiċjalment li huma ħielsa mit-tuberkulożi jew l-istatus uffiċjalment liberu li ġie sospiż;
 - (d) għal annimali bovini minn merħliet u għal annimali ovini u kaprini minn azjendi li ma ġewx iddikjarati uffiċjalment li huma ħielsa mill-bruċellożi jew l-istatus uffiċjalment liberu li ġie sospiż;
 - (e) f'każ ta' tifqigħa ta' mard tal-annimali f'annimali li ġejjin minn reġjun kif iddefinit fl-Artikolu 2 tad-Direttiva tal-Kunsill 64/432/KEE ⁽⁹⁾, li fih jiġu applikati restrizzjonijiet dwar is-saħħa tal-annimali b'konformità mal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni;
 - (f) għal annimali soġġetti għal kontrolli aktar stretti minħabba t-teħid ta' mard emerġenti jew mard partikolari mniżżel mill-Organizzazzjoni Dinjija għas-Saħħa tal-Annimali.

Artikolu 4

Il-kriterji u l-kundizzjonijiet li jstabilixxu meta jistgħu jitwettqu spezzjonijiet *ante-mortem* barra mill-biċċerija f'każ ta' tbiċċir b'emerġenza

Permezz ta' deroga mill-Artikolu 18(2)(a) tar-Regolament (UE) 2017/625, il-veterinarju uffiċjali jista' jwettaq spezzjonijiet *ante-mortem* barra mill-biċċerija fil-każ ta' tbiċċir b'emerġenza, fil-każ ta' unġulati domestiċi biss u soġġett għall-konformità mar-rekwiżiti għall-qtil b'emerġenza stabbiliti fil-punti (1), (2) u (6) tal-Kapitolu VI tat-Taqsima I tal-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 853/2004.

Se jinħareġ mudell taċ-ċertifikat tas-saħħa kif stabbilit fl-Anness V tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/628 ⁽¹⁰⁾ għal annimali lesti għat-tbiċċir. Iċ-ċertifikat tas-saħħa għandu jakkumpanja lill-annimali sal-biċċerija jew jintbagħat minn qabel fi kwalunkwe format. Kwalunkwe osservazzjoni rilevanti għal spezzjoni tal-laħam sussegwenti għandha tiġi rrekordjata fuq iċ-ċertifikat tas-saħħa.

Artikolu 5

Il-kriterji u l-kundizzjonijiet ġenerali li jstabilixxu meta jistgħu jitwettqu spezzjonijiet *ante-mortem* fl-azjenda minn fejn joriġinaw l-annimali

1. Permezz ta' deroga mill-Artikolu 18(2)(a) u (b) tar-Regolament (UE) 2017/625, l-awtorità kompetenti tista' tippermetti li l-ispezzjonijiet *ante-mortem* fuq annimali maħsuba għat-tbiċċir jitwettqu fl-azjenda minn fejn joriġinaw l-annimali b'konformità mal-kriterji u l-kundizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafu 2 u fl-Artikolu 6.
2. Għandhom jiġu applikati l-kriterji u l-kundizzjonijiet li ġejjin għall-ispeccijiet kollha:
 - (a) il-verifiki tar-rekords jew id-dokumentazzjoni fl-azjenda minn fejn joriġinaw l-annimali, inkluż il-verifika tal-informazzjoni tal-katina alimentari, għandhom jitwettqu;
 - (b) l-eżaminazzjoni individwali tal-annimali għandha tiġi ffaċilitata mill-operatur tan-negozju tal-ikel jekk meħtieġ;
 - (c) l-ispezzjonijiet *ante-mortem* fl-azjenda minn fejn joriġinaw l-annimali għandhom jinkludu eżaminazzjoni fiżika tal-annimali biex jiġi determinat jekk:
 - (i) għandhomx marda jew kundizzjoni li tista' tiġi trazzmessa lill-annimali jew lill-bnedmin permezz tat-trattament jew il-konsum tal-laħam ta' annimali bħal dawn, jew jekk humiex iġibu ruħhom tajjeb, b'mod individwali jew kollettiv, b'mod li jindika li tali marda seħħet;
 - (ii) jurux disturb ġenerali fl-imġiba, sinjali ta' mard jew anormalitajiet li jistgħu jwasslu biex il-laħam ta' annimali bħal dawn ma jkunx tajjeb għall-konsum mill-bniedem;

⁽⁹⁾ Id-Direttiva tal-Kunsill 64/432/KEE tas-26 ta' Ġunju 1964 dwar il-problemi tas-saħħa tal-annimali li jaffettwaw il-kummerċ ta' annimali bovini u suwini ġewwa l-Komunità (ĠU L21, 29.7.1964, p. 1977).

⁽¹⁰⁾ Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/628 tat-8 ta' April 2019 li jikkonċerna mudelli taċ-ċertifikati uffiċjali għal ċerti annimali u oġġetti u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 2074/2005 u r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2016/759 fir-rigward tal-mudelli taċ-ċertifikati (ara l-paġna 101 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali).

- (iii) hemmx evidenza jew raġuni biex wieħed jissuspetta li l-annimali jista' jkun fihom residwi kimiċi oġhla mill-livelli stabbiliti fil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni, jew residwi ta' sustanzi pprojbiti;
 - (iv) jurux sinjali li jindikaw problemi relatati mat-trattament xieraq tal-annimali, inkluż ħmieġ eċċessiv;
 - (v) humiex f'kundizzjoni li jiġu trasportati.
- (d) il-verifiki u l-ispezzjoni *ante-mortem* fl-azjenda minn fejn joriġinaw l-annimali msemmija f(a), (b) u (c) għandhom jitwettqu minn veterinarju uffiċjali;
- (e) l-annimali li jinsabu f'kundizzjoni li jitbiċċru għandhom jiġu identifikati u sseparati b'mod xieraq minn annimali oħra u jintbagħtu fil-biċċerija direttament mill-azjenda minn fejn joriġinaw l-annimali;
- (f) se jinħareġ ċertifikat tas-saħħa kif stabbilit f'Parti I tal-Anness IV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/628 għall-annimali lesti għat-tbiċċir. Iċ-ċertifikat tas-saħħa għandu jakkumpanja lill-annimali sal-biċċerija jew jintbagħat minn qabel fi kwalunkwe format. Kwalunkwe osservazzjoni rilevanti għal spezzjoni tal-laħam sussegwenti għandha tiġi rrekordjata fuq iċ-ċertifikat tas-saħħa.
3. Fil-biċċerija l-verifiki addizzjonali li ġejjin għandhom jitwettqu b'konformità mal-Artikolu 18(2)(a) u (b) tar-Regolament (UE) 2017/625 u l-Artikolu 3 ta' dan ir-Regolament:
- (a) verifika regolari tal-obbligu tal-operaturi ta' negozju tal-ikel li jiżguraw li l-annimali jiġu identifikati kif xieraq;
 - (b) verifika regolari li r-regoli tat-trattament xieraq tal-annimali ġew osservati waqt it-trasport u mal-wasla fil-biċċerija u jekk hemmx sinjali ta' kwalunkwe kundizzjoni li tista' taffettwa b'mod avvers is-saħħa tal-bniedem jew tal-annimali.
4. F'każ li l-annimali ma jiġux imbiċċra fi żmien tlett ijiem, jew 28 ġurnata fil-każijiet imsemmija fl-Artikolu 6(5), mid-data tal-ħruġ taċ-ċertifikat tas-saħħa msemmi fil-paragrafu 2(f):
- (a) meta l-annimali ma jkunux intbagħtu mill-azjenda minn fejn joriġinaw l-annimali għall-biċċerija, għandha titwettaq spezzjoni *ante-mortem* addizzjonali u għandu jinħareġ ċertifikat tas-saħħa ġdid;
 - (b) meta l-annimali jkunu diġà jinsabu fi triqthom lejn jew huma fil-biċċerija, it-tbiċċir jista' jiġi awtorizzat ladarba r-raġuni għad-dewmien tkun ġiet ivvalutata, sakemm l-annimali ssirilhom spezzjoni *ante-mortem* addizzjonali b'konformità mal-Artikolu 11 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/627 ⁽¹⁾.

Artikolu 6

Il-kriterji u l-kundizzjonijiet speċifiċi li jistabbilixxu meta jistgħu jitwettqu spezzjonijiet *ante-mortem* fl-azjenda minn fejn joriġinaw l-annimali

1. L-awtoritajiet kompetenti għandhom japplikaw il-kriterji u l-kundizzjonijiet speċifiċi stabbiliti f'dan l-Artikolu fil-każijiet rilevanti ta' pollam u kaċċa mrobbija.
2. Fil-każ ta' pollam imrobbi għall-produzzjoni tal-"foie gras" u ta' pollam bl-interjuri mneħħija mdewma u mbiċċra fl-azjenda minn fejn joriġinaw l-annimali, iċ-ċertifikat ippreparat b'konformità mal-mudell taċ-ċertifikat tas-saħħa stabbilit fil-Parti II tal-Anness IV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/628, għandu jakkumpanja l-karkassi bl-interjuri mhux imneħħija lejn il-biċċerija jew l-impjant tat-tqattigħ jew jintbagħat minn qabel fi kwalunkwe format, minflok iċ-ċertifikat imsemmi fil-punt 2(f) tal-Artikolu 5.
3. Fil-każ tal-kaċċa mrobbija mbiċċra fl-azjenda minn fejn joriġinaw l-annimali b'konformità mal-punt 3 tat-Taqsima III tal-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 853/2004, iċ-ċertifikat ippreparat b'konformità mal-mudell taċ-ċertifikat tas-saħħa stabbilit fil-Parti III tal-Anness IV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/628 għandu jakkumpanja l-annimali lejn il-biċċerija jew jintbagħat minn qabel fi kwalunkwe format, minflok iċ-ċertifikat imsemmi fil-punt 2(f) tal-Artikolu 5.
4. Fil-każ ta' kaċċa mrobbija mbiċċra fl-azjenda minn fejn joriġinaw l-annimali b'konformità mal-punt 3(a) tat-Taqsima III tal-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 853/2004:
 - (a) ċertifikat ippreparat b'konformità mal-mudell taċ-ċertifikat tas-saħħa stabbilit fil-Parti IV tal-Anness IV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/628 għandu jakkumpanja l-annimali lejn il-biċċerija jew jintbagħat minn qabel fi kwalunkwe format, minflok iċ-ċertifikat imsemmi fil-punt 2(f) tal-Artikolu 5;
 - (b) il-veterinarju uffiċjali għandu jivverifika b'mod regolari li daww li jwettqu t-tbiċċir u l-iżvinar jwettqu l-kompiti tagħhom kif suppost.

⁽¹⁾ Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/627 tal-15 ta' Marzu 2019 li jistabbilixxi arranġamenti prattiċi uniformi għat-twettiq ta' kontrolli uffiċjali fuq prodotti li joriġinaw mill-annimali maħsuba għall-konsum mill-bniedem b'konformità mar-Regolament (UE) 2017/625 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jemenda r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2074/2005 fir-rigward tal-kontrolli uffiċjali (ara l-paġna 51 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali).

5. Permezz ta' deroga mill-Artikolu 5(4), l-Istati Membri jistgħu jippermettu t-tbiċċir ta' kaċċa mrobbija sa 28 jum mid-data tal-ħruġ taċ-ċertifikat tas-saħħa msemmi fl-Artikolu 5(2)(f) jekk:
- (a) kwantitajiet żgħar biss tal-laħam tal-kaċċa mrobbija jiġu fornuti direttament mill-produttur lill-konsumatur finali jew lil stabbilimenti tal-bejgħ bl-imnut lokali li jfornu direttament lill-konsumatur finali; u
 - (b) mhux aktar minn 50 animal imbiċċer kull sena u f'kull azjenda minn fejn joriġinaw l-animali.

Artikolu 7

Il-kriterji u l-kundizzjonijiet għat-twettiq ta' spezzjonijiet *post-mortem* taħt ir-responsabbiltà tal-veterinarju uffiċjali kif imsemmi fl-Artikolu 18(2)(c) tar-Regolament (UE) 2017/625

(1) L-ispezzjonijiet *post-mortem* imsemmija fl-Artikolu 18(2)(c) tar-Regolament (UE) 2017/625 jistgħu jitwettqu minn awżiljarju uffiċjali taħt ir-responsabbiltà tal-veterinarju uffiċjali, soġġett għall-konformità mal-Kapitolu II tal-Anness II ta' dan ir-Regolament, meta jiġu ssodisfati l-kriterji u l-kundizzjonijiet li ġejjin:

- (a) it-tbiċċir jew l-attivitajiet ta' pproċessar tal-kaċċa jitwettqu f'biċċerija b'kapaċità baxxa jew fi stabbiliment li jipproċessa l-kaċċa li jbiċċer jew jipproċessa:
 - (i) anqas minn 1 000 unità ta' bhejjem kull sena; jew
 - (ii) anqas minn 150 000 pollam, lagomorfi u kaċċa salvaġġa żgħira kull sena;
- (b) l-awtorità kompetenti tista' żżid il-limiti stabbiliti fil-punt (a) biex tiżgura li d-deroga tiġi applikata fl-iżgħar biċċeriji u stabbilimenti li jipproċessaw il-kaċċa li jikkonformaw mad-definizzjoni ta' biċċerija b'kapaċità baxxa jew stabbiliment li jipproċessa l-kaxxa u sakemm il-produzzjoni annwali kkombinata ta' dawn l-istabbilimenti ma taqbiż il-5 % tal-ammont totali ta' laħam frisk prodott fi Stat Membru:
 - (i) għall-ispeċijiet ikkonċernati;
 - (ii) tal-ungulati kollha flimkien;
 - (iii) tal-pollam kollha flimkien; jew,
 - (iv) tal-għasafar u l-lagomorfi kollha flimkien;

f'każ bħal dan, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jgħarrfu din id-deroga u l-evidenza li tappoġġjaha b'konformità mal-proċedura stabbilita fid-Direttiva (UE) 2015/1535 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽¹²⁾;
- (c) l-istabbiliment ikkonċernat għandu biżżejjed faċilitajiet biex jaħżen laħam b'anormalitajiet xi mkien separat minn laħam ieħor sakemm il-veterinarju uffiċjali jkun jista' jispezzjona l-laħam b'anormalitajiet fuq il-post;
- (d) il-veterinarju uffiċjali jkun preżenti fl-istabbiliment mill-inqas darba kuljum, inkluż b'mod regolari matul l-attivitajiet ta' tbiċċir;
- (e) l-awtorità kompetenti poġġiet fis-seħħ proċedura biex tivvaluta fuq bażi regolari l-prestazzjoni ta' awżiljarji uffiċjali f'dawn l-istabbilimenti, inklużi:
 - (i) monitoraġġ tal-prestazzjoni individwali;
 - (ii) verifika tad-dokumentazzjoni dwar is-sejbiet tal-ispezzjoni u t-tqabbil tagħha mal-karkassi korrispondenti;
 - (iii) verifiki tal-karkassi fil-kamra tal-ħażna;
- (f) twettqet analiżi tar-riskju mill-awtorità kompetenti, li kkunsidrat mill-inqas l-elementi li ġejjin:
 - (i) l-għadd ta' animali mbiċċra jew ipproċessati kull siegħa jew kuljum;
 - (ii) l-ispeċi u l-klassi ta' animali mbiċċra jew ipproċessati;
 - (iii) it-throughput tal-istabbiliment;
 - (iv) it-twettiq storiku tat-tbiċċir jew tal-attivitajiet tal-ipproċessar;
 - (v) l-effettività ta' kwalunkwe miżura addizzjonali fil-katina alimentari li ttieħdet biex tiġi garantita s-sikurezza tal-ikel tal-animali maħsuba għat-tbiċċir;

⁽¹²⁾ Id-Direttiva 2005/36/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-9 ta' Settembru 2015 dwar ir-rikonossiment ta' kwalifiki professjonali (ĠU L 241, 17.9.2015, p. 1).

- (vi) l-effettività tal-proċeduri bbażati fuq l-analiżi tal-perikli u l-punti kritiċi ta' kontroll (l-HACCP);
- (vii) ir-rekords tal-awditjar;
- (viii) ir-rekords storiċi tal-awtorità kompetenti tal-ispezzjonijiet *ante-mortem* u *post-mortem*.

(2) Għall-iskop tal-punt (a) (i) tal-paragrafu 1, għandhom jintużaw ir-rati ta' konverżjoni stabbiliti fl-Artikolu 17(6) tar-Regolament (KE) Nru 1099/2009. Madankollu, f'każ ta' annimali ovini u kaprini u *Cervidae* żgħar (< 100 kg piż ħajja) għandha tintuża rata ta' konverżjoni ta' 0,05 unità ta' bhejjem, u f'każ ta' kaċċa kbira għandha tintuża rata ta' konverżjoni ta' 0,2 unità ta' bhejjem.

Artikolu 8

It-twertiq ta' spezzjonijiet *post-mortem* mill-veterinarju uffiċjali

L-ispezzjoni *post-mortem* għandha ssir mill-veterinarju uffiċjali fil-każijiet li ġejjin:

- (a) l-annimali li jsir ilhom qtil b'emerġenza kif imsemmi fil-Kapitolu VI tat-Taqsima I tal-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 853/2004;
- (b) l-annimali suspettati li għandhom marda jew kundizzjoni li tista' taffettwa b'mod avvers is-saħħa tal-bniedem;
- (c) l-annimali bovini minn merħliet li ma ġewx iddikjarati uffiċjalment ħielsa mit-tuberkulożi;
- (d) l-annimali bovini, ovini u kaprini minn merħliet li ma ġewx iddikjarati uffiċjalment ħielsa mill-bruċellożi;
- (e) it-tifqigħat ta' mard tal-annimali li għalih hemm stabbiliti regoli dwar is-saħħa tal-annimali fil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni. Din tikkonċerna annimali suxxettibbli għall-marda partikolari li jiġu mir-reġjun partikolari kif definit fl-Artikolu 2(2)(p) tad-Direttiva 64/432/KEE;
- (f) meta jkunu meħtieġa kontrolli aktar stretti biex jikkunsidraw mard emerġenti jew mard partikolari mniżżel mill-Organizzazzjoni Dinjija għas-Saħħa tal-Annimali;
- (g) f'każ ta' deroga dwar il-ħin tal-ispezzjoni *post-mortem* b'konformità mal-Artikolu 13 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/627.

Artikolu 9

Il-kriterji u l-kundizzjonijiet għat-twertiq tal-attivitajiet ta' awditjar fil-biċċeriji u fl-istabbilimenti li jipproċessaw il-kaċċa

L-attivitajiet tal-awditjar imsemmija fl-Artikolu 18(2)(d)(iii) tar-Regolament (UE) 2017/625 jistgħu jitwettqu f'biċċeriji jew fi stabbilimenti li jipproċessaw il-kaċċa minn awżiljarji uffiċjali taħt ir-responsabbiltà tal-veterinarju uffiċjali biss fir-rigward tal-ġbir tal-informazzjoni dwar il-prattiki ta' igijene tajba u proċeduri bbażati fuq l-HACCP, u soġġetti għall-konformità mal-Kapitolu II tal-Anness II ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 10

Il-kriterji u l-kundizzjonijiet għat-twertiq ta' kontrolli uffiċjali inklużi attivitajiet ta' awditjar fl-impjanti tat-tqattigħ

Il-kontrolli uffiċjali msemmija fl-Artikolu 18(2)(d), inklużi attivitajiet ta' awditjar, f'impjanti tat-tqattigħ jistgħu jitwettqu wkoll minn persunal ieħor maħtur mill-awtoritajiet kompetenti, permezz ta' deroga mir-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 18(2)(d) tar-Regolament (UE) 2017/625, sakemm l-awtoritajiet kompetenti jiċċekkjaw ix-xogħol ta' tali persunal regolament. It-twertiq ta' dawn l-attivitajiet hu soġġett għall-konformità mal-Kapitolu III tal-Anness II ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 11

Il-kontrolli uffiċjali fuq il-Pectinidae u l-gasteropodi tal-baħar u l-Holothuroidea, li mhumiex organiżmi filtraturi, li jinħasdu minn żoni tal-produzzjoni li mhumiex ikklassifikati b'konformità mal-Artikolu 18(6) tar-Regolament (UE) 2017/625

Permezz ta' deroga mill-Artikolu 18(6) tar-Regolament (UE) 2017/625, il-klassifikazzjoni taż-żoni ta' produzzjoni u fejn jinżammu l-molluski mhix meħtieġa b'rabta mal-ħsad tal-Pectinidae, il-gasteropodi tal-baħar u l-Holothuroidea, li mhumiex organiżmi filtraturi, meta l-awtoritajiet kompetenti jwettqu kontrolli uffiċjali fuq tali annimali fi rkanti tal-ħut, ċentri ta' spedizzjoni u stabbilimenti tal-ipproċessar.

Tali kontrolli uffiċjali għandhom jivverifikaw il-konformità ma':

- (a) l-istandards tas-saħħa għal molluski bivalvi ħajjin stabbiliti fil-Kapitolu V tat-Taqsima VII tal-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 853/2004;
- (b) ir-rekwiżiti speċifiċi għall-*Pectinidae* u l-gasteropodi tal-baħar u l-*Holothuroidea* li mhumiex organiżmi filtraturi, li jinħasdu barra miż-żoni ta' produzzjoni kklassifikati, stabbiliti fil-Kapitolu IX ta' dik it-Taqsima.

Artikolu 12

Derogi speċifiċi fir-rigward tar-*Rangifer tarandus tarandus*, il-*Lagopus lagopus* u l-*Lagopus mutus*, kif previst fl-Artikolu 18(7)(h) tar-Regolament (UE) 2017/625

1. B'konformità mal-Artikolu 18(7)(h) tar-Regolament (UE) 2017/625, id-derogi speċifiċi li ġejjin mir-rekwiżiti ta' kontroll uffiċjali għar-*Rangifer tarandus tarandus* (ir-renna) li huma stabbiliti fl-Artikolu 18 ta' dak ir-Regolament jistgħu jingħataw mill-Iżvezja u l-Finlandja fir-rigward taż-żoni ta' daww il-Istati Membri mniżżla fl-Anness I ta' dan ir-Regolament mingħajr ma tiġi affettwata l-kisba tal-oġġettivi ta' dak ir-Regolament:

- (a) permezz ta' deroga mill-Artikolu 18(1) tar-Regolament (UE) 2017/625, il-kontrolli uffiċjali ma għandhomx ikunu meħtieġa fuq laħam idderivat mir-*Rangifer tarandus tarandus*, fejn ikun fornut direttament mill-produttur f'ammonti żgħar lill-konsumatur finali jew lil stabbilimenti tal-bejgħ lokali li jfornu direttament lill-konsumatur finali;
- (b) permezz ta' deroga mill-Artikolu 18(2) tar-Regolament (UE) 2017/625, spezzjoni *ante-mortem* mhix mandatorja għal renni li jgħixu barra mbiċċra individwalment bejn l-1 ta' Mejju u t-30 ta' Settembru;
- (c) permezz ta' deroga mill-Artikolu 18(2)(c) u (3) tar-Regolament (UE) 2017/625, il-persunal tal-biċċerija li rċieva taħriġ xieraq għal dan il-kompitu b'konformità mal-Artikolu 14 jista' jispezzjona:

(i) l-interjuri addominali minbarra l-fwied u l-kliewi;

(ii) l-organi ġenitali;

(iii) il-bżieżel.

2. Permezz ta' deroga mill-Artikolu 18(1) tar-Regolament (UE) 2017/625, il-kontrolli uffiċjali ma għandhomx ikunu meħtieġa fuq laħam idderivat mil-*Lagopus lagopus* u l-*Lagopus mutus* (il-faġani), fejn jinqatlu permezz ta' nases fil-kontej Żvediżi ta' Norrbotten, Västerbotten u Jämtland u l-municipalitá Żvediża ta' Älvdalen fil-kontea ta' Dalarna matul l-istaġun tal-kaċċa tax-xitwa.

Artikolu 13

Rekwiżiti minimi speċifiċi għall-veterinarju uffiċjali, l-awżiljarju uffiċjali u l-persunal maħtur mill-awtoritajiet kompetenti

1. Veterinarji uffiċjali li jwettqu l-kompiti previsti fl-Artikolu 18 tar-Regolament (UE) 2017/625 għandhom jikkonformaw mar-rekwiżiti speċifiċi minimi stabbiliti fil-Kapitolu I tal-Anness II ta' dan ir-Regolament.

Permezz ta' deroga mir-regoli stabbiliti fil-punti 1 sa 6 tal-Kapitolu I tal-Anness II, l-Istati Membri jistgħu jistabbilixxu regoli speċifiċi għal:

- (a) veterinarji uffiċjali li jaħdmu fuq bażi part-time li huma responsabbli għall-ispezzjoni ta' negozji żgħar jew li jwettqu biss kontrolli uffiċjali fil-produzzjoni primarja, b'mod partikolari f'azjendi tal-produzzjoni tal-ħalib u spezzjonijiet *ante-mortem* barra mill-biċċeriji; u
- (b) studenti veterinarji li għaddew minn eżami fuq is-suġġetti msemmija fil-punt 3 tal-Kapitolu I tal-Anness II u li qed jaħdmu temporanjament f'biċċerija fil-preżenza ta' veterinarju uffiċjali.

2. Veterinarji li jkunu diġà nħatru bħala veterinarji uffiċjali qabel id-data ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament għandu jkollhom għarfien adegwat tas-suġġetti msemmija fil-punt 3 tal-Kapitolu I tal-Anness II ta' dan ir-Regolament. Fejn neċessarju, l-awtorità kompetenti għandha tiżgura li tali għarfien jinkiseb permezz ta' attivitajiet ta' taħriġ kontinwu.

3. L-awżiljarji uffiċjali li jwettqu l-kompiti previsti fl-Artikolu 18 tar-Regolament (UE) 2017/625 għandhom jikkonformaw mar-rekwiżiti speċifiċi minimi stabbiliti fil-Kapitolu II tal-Anness II ta' dan ir-Regolament.

4. Il-persunal maħtur mill-awtoritajiet kompetenti li jwettaq il-kompiti previsti fl-Artikolu 18 tar-Regolament (UE) 2017/625 għandu jikkonforma mar-rekwiżiti speċifiċi minimi stabbiliti fil-Kapitolu III tal-Anness II ta' dan ir-Regolament.

*Artikolu 14***Rekwiżiti minimi tat-taħriġ għall-persunal tal-biċċerija**

Il-persunal tal-biċċerija li jassisti fit-tweqqi ta' kompiti relatati ma' kontrolli uffiċjali u attivitajiet ta' kontroll oħra b'konformità mal-Artikolu 18(3) tar-Regolament (UE) 2017/625 għandu jiġi mħarreġ għas-sodisfazzjon tal-awtoritajiet kompetenti. Għandu jikkonforma wkoll mar-rekwiżiti minimi tat-taħriġ stabbiliti fil-Kapitolu II tal-Anness II ta' dan ir-Regolament sal-punt rilevanti għall-kompiti tal-assistenza tagħhom.

*Artikolu 15***Dħul fis-seħħ u applikabbiltà**

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Għandu japplika mill-14 ta' Diċembru 2019.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-8 ta' Frar 2019.

Għall-Kummissjoni

Il-President

Jean-Claude JUNCKER

ANNEX I

DEROGI SPEĊIFIĊI GĦALL-ISPEZZJONI TAL-LAĦAM LI JORIĠINA MIR-RENNI (IR-RANGIFER TARANDUS TARANDUS)

Id-derogi speċifiċi msemmija fl-Artikolu 12(1) għandhom japplikaw biss fiż-żoni li ġejjin:

(a) Fl-Iżvezja:

- (i) il-kontea ta' Norrbotten;
- (ii) il-kontea ta' Västerbotten;
- (iii) il-kontea ta' Jämtland;
- (iv) il-kontea ta' Västernorrland;
- (v) il-muniċipalità ta' Älvdalen fil-kontea ta' Dalarna;
- (vi) il-muniċipalitajiet ta' Nordanstig, Hudiksvall u Söderhamn fil-kontea ta' Gävleborg.

(b) Fil-Finlandja, kif ġew permessi fil-31 ta' Diċembru 2014:

- (i) il-kontea ta' Lapland minbarra l-muniċipalitajiet ta' Kemi, Keminmaa u Tornio;
- (ii) il-kontej ta' Ostrobothnia ta' Fuq u Kainuu:
 - il-muniċipalitajiet ta' Kuusamo, Taivalkoski, Pudasjärvi, Suomussalmi u Hyrynsalmi;
 - fil-muniċipalità ta' Oulu: iż-żona tal-eks muniċipalità ta' Yli-Ii u ż-żona fit-Tramuntana tax-Xmara Kiiminkijoki fl-eks muniċipalità ta' Ylikiminki;
 - fil-muniċipalità ta' Ii: iż-żona tal-eks muniċipalità ta' Kuivaniemi;
 - fil-muniċipalitajiet ta' Puolanka u Utajärvi: iż-żoni fit-Tramuntana tax-Xmara Kiiminkijoki u t-triq reġjonali 891 (Hyrynsalmi-Puolanka).

—

ANNEX II

REKWIŻITI MINIMI SPEĊIFIĊI GĦALL-VETERINARJU UFFIĊJALI, L-AWŻILJARJU UFFIĊJALI U L-PERSUNAL MAĦTUR MILL-AWTORITAJIET KOMPETENTI

KAPITOLU I

VETERINARJU UFFIĊJALI

1. L-awtoritajiet kompetenti jistgħu jaħtru biss bħala veterinarju uffiċjali veterinarji li għaddew minn test li jissodisfa r-rekwiżiti stabbiliti fil-punt 3.
2. L-awtoritajiet kompetenti jridu jagħmlu l-arranġamenti għat-test għall-kandidati li japplikaw biex jinħatru bħala veterinarju uffiċjali.
3. It-test irid juri li l-kandidati għandhom għarfien tas-suġġetti li ġejjin, immirati speċifikament għall-kompiti tal-veterinarju uffiċjali u sal-punt neċessarju skont l-isfond u l-kwalifiki tal-veterinarju filwaqt li tiġi evitata kwalunkwe duplikazzjoni ta' testijiet fuq l-għarfien u l-ħiliet meħtieġa għal kirurgu veterinarju skont l-Artikolu 38(3) tad-Direttiva 2005/36 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽¹⁾:
 - (a) il-leġiżlazzjoni nazzjonali u tal-Unjoni dwar is-saħħa tal-bniedem, is-sikurezza tal-ikel, it-trattament xieraq tal-annimali u s-sustanzi farmaċewtiċi;
 - (b) il-prinċipji tal-politika agrikola komuni, il-miżuri tas-suq, ir-rifużjonijiet fuq l-esportazzjoni u l-kxif tal-frodi, inkluż il-kuntest globali: il-ftehim sanitarju u fitosanitarju tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ, il-Codex Alimentarius, l-Organizzazzjoni Dinjija għas-Saħħa tal-Annimali;
 - (c) il-punti essenzjali tal-ipproċessar tal-ikel u t-teknoloġija alimentari;
 - (d) il-prinċipji, il-kunċetti u l-metodi ta' prattika tal-manifattura tajba u mmaniġġjar tal-kwalità;
 - (e) l-immaniġġjar ta' kwalità qabel il-ħsad (prattiki agrikoli tajba);
 - (f) il-promozzjoni u l-użu tal-iġjene tal-ikel, is-sikurezza relatata mal-ikel (prattiki ta' iġjene tajba);
 - (g) il-prinċipji, il-kunċetti u l-metodi tal-analiżi tar-riskju;
 - (h) il-prinċipji, il-kunċetti u l-metodi tal-HACCP, l-użu tal-HACCP tul il-katina alimentari tal-produzzjoni tal-ikel;
 - (i) l-awditjar u l-verifika tal-konformità mar-rekwiżiti msemmija fil-punti a) sa h);
 - (j) il-prevenzjoni u l-kontroll ta' perikli għas-saħħa tal-bniedem li jirriżultaw mill-ikel;
 - (k) id-dinamika tal-popolazzjoni tal-infezzjoni u l-intossikazzjoni;
 - (l) l-epidemjoloġija dijanjostika;
 - (m) is-sistemi ta' monitoraġġ u sorveljanza;
 - (n) il-prinċipji u l-applikazzjonijiet dijanjostiċi ta' metodi moderni tal-ittestjar;
 - (o) it-teknoloġija tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni fejn rilevanti bħala għodod ta' ħidma;
 - (p) it-trattament tad-*data* u l-applikazzjonijiet tal-bijostatistika;
 - (q) l-investigazzjonijiet ta' tifqigħat ta' mard fil-bnedmin li jirriżulta mill-ikel;
 - (r) l-aspetti rilevanti li jikkonċernaw l-enċefalopatiji sponġiformi trażmissibbli (it-TSEs);
 - (s) it-trattament xieraq tal-annimali fil-livell tal-produzzjoni, it-trasport u t-tbiċċir;
 - (t) il-problemi ambjentali relatati mal-produzzjoni tal-ikel (inkluż l-immaniġġjar tal-iskart);
 - (u) il-prinċipju ta' prekawzjoni u t-tħassib tal-konsumaturi;
 - (v) il-prinċipju tat-taħriġ tal-persunal li jaħdem fil-katina tal-produzzjoni;

⁽¹⁾ Id-Direttiva 2005/36/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Settembru 2005 dwar ir-rikonossiment ta' kwalifiki professjonali (ĠU L 255, 30.9.2005, p. 22).

- (w) ir-regoli tas-saħħa fir-rigward tal-prodotti sekondarji tal-annimali u l-prodotti derivati;
- (x) l-aspetti ta' frodi.

Il-kandidati jistgħu jiksbu l-għarfien meħtieġ bħala parti mit-taħriġ bażiku tagħhom għall-veterinarji, jew permezz ta' taħriġ li jagħmlu jew esperjenza professjonali li jiksbu wara li jikkwalifikaw bħala veterinarji.

Jekk l-awtoritajiet kompetenti jkunu sodisfatti li kandidat kiseb l-għarfien kollu meħtieġ bħala parti minn lawrja tal-università, jew permezz tat-tkomplija tal-edukazzjoni li twassal għal kwalifika postgradwatorja, esperjenza professjonali jew kwalifiki oħra, dawn għandhom jirrinunzjaw il-ħtieġa li jsir test. Jekk il-kandidat ikun kiseb parzjalment l-għarfien meħtieġ, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jagħmlu l-arranġamenti għal testijiet differenti minn dawk imsemmija fil-punt 2 li jikkunsidraw l-isfond tal-kandidati.

4. Il-veterinarju uffiċjali jrid ikollu l-kapaċità għal kooperazzjoni multidixiplinarja.
5. Kull veterinarju uffiċjali jrid jgħaddi minn taħriġ Prattiku għal perjodu ta' probazzjoni ta' mill-inqas 200 siegħa qabel ma jibda jaħdem b'mod indipendenti. Taħriġ rilevanti waqt l-istudji veterinarji jista' jiġi inkluż fil-perjodu ta' probazzjoni. Matul dan il-perjodu, il-perjodu taħt probazzjoni jrid jaħdem taħt is-supervizzjoni ta' veterinarji uffiċjali eżistenti fil-biċċeriji, fl-impjanti tat-tqattigħ u fl-azjendi. It-taħriġ irid jikkonċerna l-awditjar tal-Prattiki ta' Iġjene Tajba u l-proċeduri bbażati fuq il-prinċipji tal-HACCP, b'mod partikolari.
6. Il-veterinarju uffiċjali jrid iżomm ruħu aġġornat u jibqa' infurmat dwar żviluppi ġodda permezz ta' attivitajiet regolari ta' tkomplija tal-edukazzjoni u ta' pubblikazzjonijiet professjonali fl-oqsma msemmija fil-punt 3. Meta jkun possibbli, il-veterinarju uffiċjali jrid iwettaq attivitajiet ta' tkomplija tal-edukazzjoni kull sena.
7. Ir-rikonoxximent reċiproku tat-testijiet għall-veterinarji uffiċjali bejn l-Istati Membri jenħtieġ li japplika, meta l-professionisti jaqbzū l-fruntieri jew ikunu jixtiequ jistabbilixxu ruħhom fi Stat Membru ieħor. F'każ bħal dan it-testijiet jenħtieġ li jiġu llimitati għal suġġetti essenzzjali għall-ħarsien tas-saħħa tal-bniedem u s-saħħa tal-annimali fl-Istati Membri tal-impjeg, iżda mhux koperti mit-testijiet fl-Istat Membru tal-orijini.

KAPITOLU II

AWŻILJARJU UFFIĊJALI

1. Il-persuni li ġew imħarrġa u għaddew minn test b'konformità mar-rekwiżiti stabbiliti fil-punt 5 biss jistgħu jwettqu l-kompiti ta' awżiljarju uffiċjali.
2. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jagħmlu l-arranġamenti għat-testijiet imsemmija fil-punt 1. Sabiex ikunu eliġibbli għal dawn it-testijiet, il-kandidati jridu juru prova li rċevew:
 - (a) mill-inqas 500 siegħa ta' taħriġ, inkluż mill-inqas 400 siegħa ta' taħriġ Prattiku, li jkopru l-oqsma msemmija fil-punt 5; u
 - (b) kwalunkwe taħriġ addizzjonali meħtieġ biex l-awżiljarji uffiċjali jkunu jistgħu jwettqu d-dmirijiet tagħhom b'mod kompetenti.
3. It-taħriġ Prattiku msemmi fil-punt 2(a) irid isir fil-biċċeriji, fl-istabbilimenti li jipproċessaw il-kaċċa u/jew l-impjanti tat-tqattigħ taħt is-supervizzjoni ta' veterinarju uffiċjali.
4. It-taħriġ u t-testijiet iridu jikkonċernaw prinċipalment il-laħam aħmar jew il-laħam tat-tjur. Madankollu, il-persuni li jiġu mħarrġa għal waħda minn dawn iż-żewġ kategoriji u jgħaddu mit-test iridu jkunu meħtieġa biss li jagħmlu taħriġ imqassar biex jgħaddu mit-test għall-kategorija l-oħra. It-taħriġ u t-testijiet iridu jkopru l-kaċċa selvaġġa, il-kaċċa mrobbija u l-lagomorfi, fejn xieraq.
5. It-taħriġ għall-awżiljarji uffiċjali jenħtieġ li jkopri s-suġġetti li ġejjin, u t-testijiet jenħtieġ li jikkonfermaw l-għarfien dwarhom:
 - (a) Frelazzjoni mal-azjendi:
 - (i) il-parti teoretika:
 - l-isfond relatat mal-organizzazzjoni tal-industrija tal-agrikoltura, il-metodi ta' produzzjoni, l-istandards tal-kummerċ internazzjonali għall-annimali;
 - il-prattiki tajba tat-trobbija tal-bhejjem;

- l-għarfien bażiku tal-mard, b'mod partikolari ż-żoonożi minn viruses, batterji u parassiti;
 - il-monitoraġġ għall-mard, l-użu tal-mediċini u l-vaċċini, l-ittestjar tar-residwi;
 - l-ispezzjoni tal-iġjene u tas-saħħa;
 - it-trattament xieraq tal-annimali fl-irziezet u waqt it-trasport;
 - ir-rekwiżiti ambjentali - fil-bini, fl-irziezet u b'mod ġenerali;
 - il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi rilevanti;
 - it-tħassib tal-konsumaturi u l-kontroll tal-kwalità;
- (ii) il-parti Prattika:
- iż-żjarat fl-azjendi ta' tipi differenti u li jużaw metodi ta' trobbija differenti;
 - iż-żjarat fi stabbilimenti ta' produzzjoni;
 - l-osservazzjoni tat-tagħbija u l-ħatt tal-annimali;
 - id-dimostrazzjonijiet fil-laboratorju;
 - il-kontrolli veterinarji;
 - id-dokumentazzjoni;
- (b) b'rabta mal-biċċerija, l-istabbilimenti li jipproċessaw il-kaċċa u l-impjanti tat-tqattigħ:
- (i) il-parti teoretika:
- l-isfond relatat mal-organizzazzjoni tal-industrija tal-laħam, il-metodi tal-produzzjoni, l-istandards tal-kummerċ internazzjonali għall-ikel u t-teknoloġija tat-tbiċċir u tat-tqattigħ;
 - l-għarfien bażiku tal-iġjene u l-prattiki tal-iġjene tajba, u b'mod partikolari l-iġjene industrijali, l-iġjene tat-tbiċċir, it-tqattigħ u l-ħażna, u l-iġjene fuq il-post tax-xogħol;
 - l-għarfien bażiku tal-HACCP u l-awditjar ta' proċeduri bbażati fuq l-HACCP;
 - it-trattament xieraq tal-annimali mal-ħatt wara t-trasport u fil-biċċerija;
 - l-għarfien bażiku dwar l-anatomija u l-fiżjoloġija tal-annimali mbiċċra;
 - l-għarfien bażiku dwar il-patoloġija tal-annimali mbiċċra;
 - l-għarfien bażiku dwar l-anatomija patoloġika tal-annimali mbiċċra;
 - l-għarfien rilevanti li jikkonċerna t-TSEs u żoonożi u aġenti żoonotiċi importanti oħra, kif ukoll mard tal-annimali importanti;
 - l-għarfien dwar il-metodi u l-proċeduri għat-tbiċċir, l-ispezzjoni, il-preparazzjoni, it-tkebbib, l-imballaġġ u t-trasport ta' laħam frisk;
 - l-għarfien bażiku dwar il-mikrobijoloġija;
 - l-ispezzjoni *ante-mortem*;
 - il-kampjunar u l-analiżi għat-*Trichinella*;
 - l-ispezzjoni *post mortem*;
 - il-kompiti amministrattivi;
 - l-għarfien tal-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi rilevanti;
 - il-proċedura biex jittieħdu l-kampjuni;
 - l-aspetti ta' frodi;
- (ii) il-parti Prattika:
- l-identifikazzjoni tal-annimali;
 - il-verifiki tal-età;

- l-ispezzjoni u l-valutazzjoni tal-annimali mbiċċra;
 - l-ispezzjoni *ante-mortem* fil-biċċerija;
 - l-ispezzjoni *post-mortem* fil-biċċerija jew fi stabbiliment li jipproċessa l-kaċċa;
 - il-kampjunar u l-analiżi għat-*Trichinella*;
 - l-identifikazzjoni tal-ispeċijiet ta' annimali permezz tal-eżaminazzjoni ta' partijiet tipiċi tal-annimal;
 - l-identifikazzjoni u l-kummenti dwar il-partijiet mill-annimali mbiċċra li fihom seħħew il-bidliet;
 - il-kontroll tal-iġjene, inkluż l-awditjar tal-prattiki ta' iġjene tajba u l-proċeduri bbażati fuq l-HACCP;
 - ir-rekordjar tar-riżultati tal-ispezzjonijiet *ante-mortem*;
 - it-teħid ta' kampjuni;
 - it-traċċabbiltà tal-laħam;
 - id-dokumentazzjoni bħall-evalwazzjoni tal-informazzjoni tal-katina alimentari u l-qari tar-rekords.
6. L-awtoritajiet kompetenti jistgħu jiddeċiedu li jnaqqsu t-taħriġ u t-testijiet fir-rigward ta' dawn li ġejjin:
- (a) il-parti teoretika jekk l-awżiljarju uffiċjali juri biżżejjed edukazzjoni dwar punti speċifiċi stipulati fil-punt 5(a)(i) jew (b)(i) ta' dan il-Kapitolu;
 - (b) il-parti Prattika jekk l-awżiljarju uffiċjali juri biżżejjed esperjenza tax-xogħol dwar punti speċifiċi stipulati fil-punt 5(a)(ii) jew (b)(ii) ta' dan il-Kapitolu.
7. L-awżiljarju uffiċjali jrid ikollu l-kapaċità għal kooperazzjoni multidixxiplinarja.
8. L-awżiljarji uffiċjali jridu jżommu ruħhom aġġornati u jibqgħu infurmati dwar l-iżviluppi ġodda permezz ta' attivitajiet regolari ta' tkomplija tal-edukazzjoni u ta' pubblikazzjonijiet professjonali. Meta jkun possibbli, l-awżiljarju uffiċjali jrid iwettaq attivitajiet ta' taħriġ kontinwu kull sena.
9. Jekk l-awżiljarji uffiċjali jwettqu biss teħid ta' kampjuni u analiżi b'rabta mal-eżamijiet għat-*Trichinella* u l-kriterji mikrobijoloġiċi, l-awtoritajiet kompetenti jkunu meħtieġa biss li jiżguraw li dawn jirċievu t-taħriġ xieraq għal dawn il-kompiti.
10. Ir-rikonoxximent reċiproku tat-testijiet għall-awżiljarji uffiċjali bejn l-Istati Membri jrid japplika, meta l-professjonisti jaqbżu l-fruntieri jew ikunu jixtiequ jstabbilixxu ruħhom fi Stat Membru ieħor. F'każ bħal dan it-testijiet jenħtieġ li jiġu llimitati għal suġġetti essenzjali għall-ħarsien tas-saħħa tal-bniedem u s-saħħa tal-annimali fl-Istati Membri tal-impjeg, iżda mhux koperti mit-testijiet fl-Istat Membru tal-oriġini.

KAPITOLU III

PERSUNAL MAĦTUR MILL-AWTORITAJIET KOMPETENTI

1. L-awtoritajiet kompetenti jistgħu jaħtru biss persunal li jkun għadda minn taħriġ u minn test b'konformità mar-rekwiżiti stabbiliti fil-punt 5 ta' dan il-Kapitolu.
2. L-awtoritajiet kompetenti jridu jaġhmlu l-arranġamenti għat-test imsemmi fil-punt 1. Sabiex ikunu eliġibbli għal dan it-test, il-kandidati jridu juru prova li rċewew:
- (a) mill-inqas 500 siegħa ta' taħriġ inkluż mill-inqas 400 siegħa ta' taħriġ Prattiku li jkopri l-oqsma msemmija fil-punt 5; u
 - (b) kwalunkwe taħriġ addizzjonali meħtieġ biex il-persunal maħtur mill-awtoritajiet kompetenti jkunu jistgħu jwettqu d-dmirijiet tagħhom b'mod kompetenti.
3. It-taħriġ Prattiku msemmi fil-punt 2(a) irid isir fl-impjanti tat-tqattigħ, taħt is-supervizzjoni ta' veterinarju uffiċjali.
4. It-taħriġ u t-testijiet iridu jikkonċernaw prinċiparjament il-laħam aħmar jew il-laħam tat-tjur. Madankollu, il-persuni li jiġu mħarrġa għal waħda minn dawn iż-żewġ kategoriji u jgħaddu mit-test iridu jkunu meħtieġa biss li jaġhmlu taħriġ imqassar biex jgħaddu mit-test għall-kategorija l-oħra. It-taħriġ u t-testijiet iridu jkopru l-kaċċa selvaġġa, il-kaċċa mrobbija u l-lagomorfi, fejn xieraq.

5. It-taħriġ għall-persunal maħtur mill-awtoritajiet kompetenti jrid jinkludi s-suġġetti li ġejjin b'rabta mal-impjanti tat-tqattigħ, u t-testijiet iridu jikkonfermaw l-għarfien dwarhom:
- (i) il-parti teoretika:
- l-isfond relatat mal-organizzazzjoni tal-industrija tal-laħam, il-metodi tal-produzzjoni, l-istandards tal-kummerċ internazzjonali għall-ikel u t-teknoloġija tat-tqattigħ;
 - l-għarfien profond tal-iġjene u l-prattiki tal-iġjene tajba, u b'mod partikolari l-iġjene industrijali, l-iġjene tat-tqattigħ u l-ħażna, u l-iġjene fuq il-post tax-xogħol;
 - l-għarfien profond tal-HACCP u l-awditjar tal-proċeduri bbażati fuq l-HACCP;
 - l-għarfien rilevanti li jikkonċerna t-TSEs u żoonożi u aġenti zoonotiċi importanti oħra;
 - l-għarfien tal-metodi u l-proċeduri għall-preparazzjoni, it-tkebbib, l-imballaġġ u t-trasport tal-laħam frisk;
 - l-għarfien bażiku dwar il-mikrobijoloġija;
 - il-kompiti amministrattivi;
 - l-għarfien tal-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi rilevanti;
 - il-proċedura biex jittieħdu l-kampjuni;
 - l-aspetti ta' frodi;
- (ii) il-parti Prattika:
- l-ispezzjoni u l-valutazzjoni tal-annimali mbiċċra;
 - il-kontroll tal-iġjene, inkluż l-awditjar tal-prattiki ta' iġjene tajba u l-proċeduri bbażati fuq l-HACCP;
 - it-teħid ta' kampjuni;
 - it-traċċabbiltà tal-laħam;
 - id-dokumentazzjoni.
6. L-awtoritajiet kompetenti jistgħu jiddeċiedu li jnaqqsu t-taħriġ u t-testijiet fir-rigward ta' dawn li ġejjin:
- (a) il-parti teoretika jekk il-persunal maħtur mill-awtoritajiet kompetenti juri biżżejjed edukazzjoni dwar il-punti speċifiċi stipulati fil-punt 5(i) ta' dan il-Kapitolu;
- (b) il-parti Prattika jekk il-persunal maħtur mill-awtoritajiet kompetenti juri biżżejjed esperjenza tax-xogħol dwar il-punti speċifiċi stipulati fil-punt 5(ii) ta' dan il-Kapitolu.
7. Il-persunal maħtur mill-awtoritajiet kompetenti jrid ikollu aptitudni għal kooperazzjoni multidixxiplinarja.
8. Il-persunal maħtur mill-awtorità kompetenti jrid iżomm ruħu aġġornat u jibqa' infurmat dwar l-iżviluppi ġodda permezz ta' attivitajiet regolari ta' tkomplija tal-edukazzjoni u ta' pubblikazzjonijiet professjonali. Meta jkun possibbli, il-persunal maħtur mill-awtoritajiet kompetenti jrid iwettaq attivitajiet ta' taħriġ kontinwu kull sena.
9. Ir-rikonoxximent reċiproku tat-testijiet għal persunal ieħor maħtur mill-awtoritajiet kompetenti bejn l-Istati Membri jrid japplika, meta l-professjonisti jaqbżu l-fruntieri jew ikunu jixtiequ jstabbilixxu ruħhom fi Stat Membru ieħor. F'każ bħal dan it-testijiet jenħtieġ li jiġu llimitati għal suġġetti essenzjali għall-ħarsien tas-saħħa tal-bniedem u s-saħħa tal-annimali fl-Istati Membri tal-impjeg, iżda mhux koperti mit-testijiet fl-Istat Membru tal-oriġini.
-

REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) 2019/625**tal-4 ta' Marzu 2019****li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2017/625 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward ta' rekwiżiti għad-dħul fl-Unjoni ta' kunsinni ta' ċerti annimali u oġġetti maħsuba għall-konsum mill-bniedem****(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2017/625 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Marzu 2017 dwar il-kontrolli uffiċjali u attivitajiet uffiċjali oħra mwettqa biex jiżguraw l-applikazzjoni tal-liġi tal-ikel u tal-ġhalf, ta' regoli dwar is-saħħa u t-trattament xieraq tal-annimali, dwar is-saħħa tal-pjanti u dwar prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 999/2001, (KE) Nru 396/2005, (KE) Nru 1069/2009, (KE) Nru 1107/2009, (UE) Nru 1151/2012, (UE) Nru 652/2014, (UE) 2016/429 u (UE) 2016/2031 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1/2005 u (KE) Nru 1099/2009 u d-Direttivi tal-Kunsill 98/58/KE, 1999/74/KE, 2007/43/KE, 2008/119/KE u 2008/120/KE, u li jħassar ir-Regolamenti (KE) Nru 854/2004 u (KE) Nru 882/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, id-Direttivi tal-Kunsill 89/608/KEE, 89/662/KEE, 90/425/KEE, 91/496/KEE, 96/23/KE, 96/93/KE u 97/78/KE u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 92/438/KEE (Regolament dwar il-Kontrolli Uffiċjali) ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 126(1) tiegħu,

Billi:

- (1) Ir-Regolament (UE) 2017/625 jistabbilixxi regoli għat-twettiq ta' kontrolli uffiċjali u attivitajiet uffiċjali oħra mill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri, inkluż għall-istabbiliment ta' rekwiżiti li jridu jiġu ssodisfati għad-dħul fl-Unjoni ta' kunsinni ta' annimali u oġġetti minn pajjiżi terzi jew reġjuni tagħhom u kontrolli uffiċjali li jittwettqu fuq tali kunsinni li huma maħsuba għall-konsum mill-bniedem sabiex jiġi żgurat li jikkonformaw mal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni fil-qasam tal-ikel u s-sikurezza tal-ikel.
- (2) Ir-Regolament (UE) 2017/625 jipprovi bażi ġuridika biex jiġu adottati atti delegati sabiex jissupplimentaw il-kundizzjonijiet stabbiliti f'dak ir-Regolament għad-dħul fl-Unjoni ta' ċerti annimali u oġġetti. Dawn ir-rekwiżiti addizzjonali jinkludu garanziji li jikkonċernaw il-verifika ta' konformità ma' dawn li ġejjin:
 - il-miżuri għall-monitoraġġ ta' sustanzi u gruppi ta' residwi f'annimali u oġġetti maħsuba għall-konsum mill-bniedem skont id-Direttiva tal-Kunsill 96/23/KE ⁽²⁾;
 - ir-regoli għall-prevenzjoni, il-kontroll u l-eradikazzjoni ta' enċefalopatija sponġiformi li tinxtred (TSEs) f'annimali haġjin u prodotti ta' orijini mill-annimali skont ir-Regolament (KE) Nru 999/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽³⁾;
 - il-prinċipji ġenerali u r-rekwiżiti li jirregolaw l-ikel b'mod ġenerali u s-sigurtà tal-ikel b'mod partikolari fil-livell tal-Unjoni u dak nazzjonali skont ir-Regolament (KE) Nru 178/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽⁴⁾;
 - ir-regoli ġenerali għal operaturi tan-negozju tal-ikel dwar l-igiene tal-oġġetti tal-ikel skont ir-Regolament (KE) Nru 852/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽⁵⁾;

⁽¹⁾ ĠU L 95, 7.4.2017, p. 1.

⁽²⁾ Id-Direttiva tal-Kunsill 96/23/KE tad-29 ta' April 1996 dwar miżuri għall-monitoraġġ ta' ċerti sustanzi u residwi tagħhom f'annimali haġjin u prodotti tal-annimali u li tħassar id-Direttivi 85/358/KEE u 86/469/KEE u d-Deċiżjonijiet 89/187/KEE u 91/664/KEE (ĠU L 125, 23.5.1996, p. 10).

⁽³⁾ Ir-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (KE) Nru 999/2001 tat-22 ta' Mejju 2001 li jistabbilixxi regoli għall-prevenzjoni, kontroll u eradikazzjoni ta' ċertu enċefalopatija sponġiformi li tinxtred (ĠU L 147, 31.5.2001, p. 1).

⁽⁴⁾ Ir-Regolament (KE) Nru 178/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' Jannar 2002 li jistabbilixxi l-prinċipji ġenerali u l-ħtiġijiet tal-liġi dwar l-ikel, li jistabbilixxi l-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel u jistabbilixxi l-proċeduri fi kwistjonijiet ta' sigurtà tal-ikel (ĠU L 31, 1.2.2002, p. 1).

⁽⁵⁾ Ir-Regolament (KE) Nru 852/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 dwar l-igiene tal-oġġetti tal-ikel (ĠU L 139, 30.4.2004, p. 1).

- ir-regoli speċifiċi dwar l-iġjene tal-ikel li joriġina mill-annimali għal operaturi tan-negozju tal-ikel skont ir-Regolament (KE) Nru 853/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽⁶⁾;
 - ir-regoli speċifiċi dwar il-kontrolli uffiċjali u għal azzjoni li tittieħed mill-awtoritajiet kompetenti fir-rigward tal-produzzjoni ta' prodotti ta' oriġini mill-annimali maħsuba għall-konsum mill-bnedmin skont ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/624 ⁽⁷⁾ u r-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/627 ⁽⁸⁾.
- (3) Ir-Regolament (KE) Nru 854/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽⁹⁾ stabbilixxa kundizzjonijiet speċifiċi għad-dħul fl-Unjoni ta' prodotti li joriġinaw mill-annimali maħsuba għall-konsum uman, filwaqt li r-Regolament (KE) Nru 882/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽¹⁰⁾ stabbilixxa l-kundizzjonijiet ġenerali għad-dħul tal-ikel fl-Unjoni. Ir-Regolament (UE) 2017/625 stabbilixxa regoli f'oqsma attwalment koperti minn dawk iż-żewġ Regolamenti u jħassarhom u jissostitwihom b'effett mill-14 ta' Diċembru 2019.
 - (4) Ir-rekwiżiti stabbiliti f'dan ir-Regolament jenħtieġ li jiżguraw kontinwazzjoni tar-rekwiżiti stabbiliti fir-Regolamenti (KE) Nru 854/2004 u (KE) Nru 882/2004 sabiex jiġi żgurat livell għoli ta' protezzjoni tas-saħħa u sabiex jiġi evitat tfixkil fid-dħul fl-Unjoni ta' kunsinni ta' ċerti annimali u oġġetti maħsuba għall-konsum mill-bnedmin. Fl-istess ħin l-esperjenza miksuba fl-applikazzjoni tar-regoli stabbiliti f'dawk iż-żewġ Regolamenti jenħtieġ li titqies bl-użu ta' approċċ ibbażat fuq ir-riskju.
 - (5) Ir-Regolament (KE) Nru 853/2004 jistabbilixxi rekwiżiti għal operaturi tan-negozju tal-ikel li jimportaw fl-Unjoni prodotti li joriġinaw mill-annimali. Kif xieraq, ir-rekwiżiti addizzjonali stabbiliti f'dan ir-Regolament għall-kontrolli uffiċjali jenħtieġ li jkunu konsistenti ma' dawk diġà stabbiliti fir-Regolament (KE) Nru 853/2004.
 - (6) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2017/185 ⁽¹¹⁾ jipprevedi derogi mir-Regolament (KE) Nru 854/2004 rigward rekwiżiti tas-saħħa pubblika għal importazzjonijiet ta' ċerti prodotti li joriġinaw mill-annimali (bħal insetti u laħam tar-rettili) u ikel li fih kemm il-prodotti li joriġinaw mill-pjanti kif ukoll il-prodotti pproċessati li joriġinaw mill-annimali (il-prodotti komposti) sal-31 ta' Diċembru 2020. Sabiex jiġi żgurat livell għoli ta' protezzjoni tas-saħħa, ir-rekwiżiti għad-dħul fl-Unjoni ta' tali prodotti jenħtieġ li jiġu stabbiliti wkoll qabel l-iskadenza tal-miżuri tranżizzjonali sabiex tiġi vverifikata l-konformità mar-regoli tal-Unjoni li jkopru dawn il-prodotti.
 - (7) L-insetti qed jiġu dejjem aktar prodotti għall-konsum mill-bnedmin. Jenħtieġ li jiġi żgurat li l-insetti importati jikkonformaw mar-rekwiżiti tal-Unjoni għall-ikel u s-sikurezza tal-ikel. Għaldaqstant, ir-rekwiżiti addizzjonali stabbiliti f'dan ir-Regolament għad-dħul fl-Unjoni ta' kunsinni ta' prodotti ta' oriġini mill-annimali jenħtieġ li japplikaw ukoll għall-insetti. L-insetti jistgħu jkunu soġġetti wkoll għal awtorizzazzjoni bħala ikel ġdid skont ir-Regolament (UE) 2015/2283 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽¹²⁾.
 - (8) Fit-18 ta' Ottubru 2007, l-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel adottat Opinjoni dwar ir-riskji għas-saħħa pubblika involuti fil-konsum mill-bnedmin ta' laħam tar-rettili ⁽¹³⁾. Ġew identifikati għadd ta' perikli, bħal *Salmonella* u *Trichinella*. Ir-rekwiżiti għad-dħul fl-Unjoni jenħtieġ li jinkludu verifika tal-konformità mar-rekwiżiti tal-Unjoni biex jitnaqqas ir-riskju minn dawn il-perikli f'kunsinni ta' laħam tar-rettili.

⁽⁶⁾ Ir-Regolament (KE) Nru 853/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 li jistabbilixxi ċerti regoli speċifiċi ta' iġjene għall-ikel li joriġina mill-annimali (ĠU L 139, 30.4.2004, p. 55).

⁽⁷⁾ Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/624 tat-8 ta' Frar 2018 rigward ir-regoli speċifiċi għat-tweqqif ta' kontrolli uffiċjali fuq il-produzzjoni tal-laħam u fuq iż-żoni ta' produzzjoni u fejn jinżammu l-molluski bivalvi ħajjin skont ir-Regolament (UE) 2017/625 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ara l-paġna 1 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali).

⁽⁸⁾ Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/627 tal-15 ta' Marzu 2019 li jistabbilixxi arranġamenti prattiċi uniformi għat-tweqqif ta' kontrolli uffiċjali fuq prodotti ta' oriġini mill-annimali maħsuba għall-konsum mill-bnedmin b'konformità mar-Regolament (UE) 2017/625 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jemenda r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2074/2005 fir-rigward tal-kontrolli uffiċjali (ara paġna 51 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali).

⁽⁹⁾ Ir-Regolament (KE) Nru 854/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 li jippreskrivi regoli speċifiċi għall-organizzazzjoni ta' kontrolli uffiċjali fuq prodotti li joriġinaw mill-annimali maħsuba għall-konsum uman (ĠU L 139, 30.4.2004, p. 206).

⁽¹⁰⁾ Ir-Regolament (KE) Nru 882/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 dwar il-kontrolli uffiċjali mwettqa biex tiġi żgurata l-verifikazzjoni tal-konformità mal-liġi tal-għalf u l-ikel, mar-regoli dwar is-saħħa tal-annimali u l-welfare tal-annimali (ĠU L 165, 30.4.2004, p. 1).

⁽¹¹⁾ Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2017/185 tat-2 ta' Frar 2017 li jistabbilixxi miżuri tranżizzjonali għall-applikazzjoni ta' ċerti dispożizzjonijiet tar-Regolamenti (KE) Nru 853/2004 u (KE) Nru 854/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 29, 3.2.2017, p. 21).

⁽¹²⁾ Ir-Regolament (UE) 2015/2283 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Novembru 2015 dwar ikel ġdid, li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1169/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 258/97 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1852/2001 (ĠU L 327, 11.12.2015, p. 1).

⁽¹³⁾ <http://www.efsajournal/pub/578>.

- (9) Il-kompożizzjoni ta' prodotti komposti taffettwa l-karatteristiċi fiżikokimiċi ta' tali ikel, li jwasslu għal riskji differenti. Għal din ir-raġuni, kunsinni ta' prodotti komposti li jikkonformaw mar-rekwiżiti applikabbli biss, prinċipalment dwar l-orijini tal-prodotti pproċessati ta' orijini mill-annimali li fihom jikkonsisti tali ikel, l-orijini tal-ikel innifsu, jew il-garanziji li jakkumpanjaw il-kunsinni ta' prodotti komposti, jenħtieġ li jiġu awtorizzati għad-dħul fl-Unjoni. Għal prodotti komposti li jippreżentaw riskju baxx għas-saħħa tal-bniedem, dan ir-Regolament jenħtieġ li jipprevedi derogi minn verifiki f'postijiet ta' kontroll fuq il-fruntiera.
- (10) Meta jkunu qed jiġu stabbiliti r-rekwiżiti għad-dħul fl-Unjoni ta' kunsinni ta' ċerti annimali u oġġetti maħsuba għall-konsum mill-bniedem, jenħtieġ li ssir referenza għall-kodiċi tan-Nomenklatura Magħquda skont ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 ⁽¹⁴⁾ sabiex dawn l-oġġetti u l-annimali jiġu identifikati b'mod ċar.
- (11) Il-kunsinni ta' ċerti annimali u oġġetti maħsuba għall-konsum mill-bniedem jenħtieġ li jitħallew jidħlu fl-Unjoni biss, abbażi ta' analiżi tar-riskju, meta l-pajjiżi terzi jew ir-reġjuni tagħhom li minnhom jorijinaw dawn l-annimali u l-oġġetti, ikunu jistgħu jiżguraw il-konformità mar-rekwiżiti dwar is-sikurezza ta' dawn l-annimali u l-oġġetti maħsuba għall-konsum mill-bniedem u jkunu elenkati kif xieraq fir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/626 ⁽¹⁵⁾.
- (12) Minbarra r-rekwiżiti fl-Artikolu 127(3) tar-Regolament (UE) 2017/625, jenħtieġ li jiġu stabbiliti rekwiżiti speċifiċi għal ċerti annimali u oġġetti maħsuba għall-konsum mill-bniedem sabiex ikun hemm garanziji fir-rigward tal-effiċjenzi tal-kontrolli uffiċjali dwar is-sikurezza tal-ikel f'pajjiżi terzi jew reġjuni tagħhom. Jenħtieġ li pajjiżi terzi jew reġjuni tagħhom jidhru biss fl-listi wara li jiġu pprovduti evidenza u garanziji li l-annimali u l-oġġetti kkonċernati mill-pajjiżi terzi jew mir-reġjuni tagħhom jikkonformaw mar-rekwiżiti tal-Unjoni għas-sikurezza tal-ikel, jew ma' rekwiżiti rikonoxxuti bħala ekwivalenti għalihom, stabbiliti fid-Direttiva 96/23/KE, ir-Regolamenti (KE) Nru 999/2001, (KE) Nru 178/2002, (KE) Nru 852/2004, (KE) Nru 853/2004, (UE) 2017/625, u r-Regolament Delegat (UE) 2019/624 u r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/627.
- (13) Il-kunsinni ta' ċerti oġġetti maħsuba għall-konsum mill-bniedem jenħtieġ li jitħallew jidħlu fl-Unjoni biss meta daww l-oġġetti jintbagħtu minn stabbilimenti li jidhru fuq listi mfassla u miżmuma aġġornati skont l-Artikolu 127(3)(e) tar-Regolament (UE) 2017/625, u jinkisbu jew jiġu ppreparati fihom. Barra minn hekk, sabiex tiġi żgurata l-konformità mar-regoli tal-Unjoni dwar l-iġjene tal-ikel, jew ma' regoli rikonoxxuti bħala tal-inqas ekwivalenti għalihom, huwa xieraq li jkun previst li waqt it-tfassil u l-aġġornament tal-listi ta' tali stabbilimenti msemmija fl-Artikolu 127(3)(e) tar-Regolament (UE) 2017/625, il-pajjiżi terzi jenħtieġ li jipprovdni garanziji minbarra daww imsemmija fl-Artikolu 127(3)(e) (i) u (iv) tar-Regolament (UE) 2017/625.
- (14) Jenħtieġ li l-Kummissjoni tqiegħed għad-dispożizzjoni tal-pubbliku l-listi ta' stabbilimenti previsti fl-Artikolu 127 tar-Regolament (UE) 2017/625 sabiex tiġi żgurata t-trasparenza għall-operaturi tan-negozju tal-ikel u għall-konsumaturi, rigward l-istabbilimenti li minnhom tali oġġetti jistgħu jidhru fl-Unjoni biex jitqiegħdu fis-suq. Bl-għan li tiġi żgurata l-effettività ta' dawn ir-rekwiżiti, l-Istati Membri jenħtieġ li jippermettu d-dħul ta' kunsinni ta' tali oġġetti sakemm iċ-ċertifikati uffiċjali li huma meħtieġa li jakkumpanjaw tali kunsinni skont ir-regoli applikabbli tal-Unjoni jinħarġu mill-awtoritajiet kompetenti tal-pajjiżi terzi mid-data tal-pubblikazzjoni tal-listi mill-Kummissjoni.
- (15) Jenħtieġ li tali rekwiżiti li jikkonċernaw l-istabbilimenti ma jiġux stabbiliti b'rabta mal-oġġetti maħsuba għal tranżitu, għaliex jirrappreżentaw riskju baxx mill-perspettiva ta' sikurezza tal-ikel u ma hemm l-ebda tqegħid fis-suq ta' annimali u oġġetti fl-Unjoni. Barra minn hekk, jenħtieġ li tali rekwiżiti ma jiġux stabbiliti għal stabbilimenti li jwettqu biss attivitajiet ta' produzzjoni primarja, operazzjonijiet ta' transport, ħażna ta' prodotti ta' orijini mill-annimali li ma jeħtiġux kundizzjonijiet tal-ħażna b'temperatura kkontrollata jew produzzjoni ta' sulfat tal-kondrojina, aċidu jaluroniku, prodotti oħra tal-qarquċa idrolizzata, kitosan, glukosammina, kimożina, isinglass u amminoaċidi raffinati ħażna msemmija fit-Taqsima XVI tal-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 853/2004.

⁽¹⁴⁾ Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 tat-23 ta' Lulju 1987 dwar in-nomenklatura tat-tariffa u l-istatistika u dwar it-Tariffa Doganali Komuni ta' Dwana (ĠUL 256, 7.9.1987, p. 1).

⁽¹⁵⁾ Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/626 tal-5 ta' Marzu 2019 li jikkonċerna listi ta' pajjiżi terzi jew reġjuni tagħhom li minnhom hu awtorizzat id-dħul fl-Unjoni Ewropea ta' ċerti annimali u oġġetti maħsuba għall-konsum mill-bniedem, u li jemenda r-Regolament (UE) 2016/759 fir-rigward ta' dawn il-listi (ara l-paġna 31 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali).

- (16) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 210/2013 ⁽¹⁶⁾ jirrikjedi li stabbilimenti li jipproduċu n-nebbieta jkunu approvati mill-awtoritajiet kompetenti skont l-Artikolu 6 tar-Regolament (KE) Nru 852/2004. Sabiex tiġi żgurata l-konformità mar-regoli tal-Unjoni dwar l-iġjene tal-ikel, jew ma' regoli rikonoxxuti bħala tal-inqas ekwivalenti għalihom, in-nebbieta jenħtieġ li jitħallew jidħlu fl-Unjoni biss jekk jiġu prodotti fi stabbilimenti, li jidhru f'listi mfassla u aġġornati skont dan ir-Regolament.
- (17) Sabiex tiġi żgurata l-konformità mar-regoli tal-Unjoni dwar l-iġjene tal-ikel, jew ma' regoli rikonoxxuti bħala tal-inqas ekwivalenti għalihom, prodotti minn stabbilimenti li jimmanifatturaw laħam frisk, laħam ikkapuljat, preparati tal-laħam, prodotti tal-laħam, laħam separat mekkanikament u materja prima maħsuba għall-produzzjoni tal-ġelatina u l-kollaġen, jenħtieġ li jitħallew jidħlu fl-Unjoni biss jekk dawn l-istabbilimenti jidhru f'listi mfassla u aġġornati skont l-Artikolu 127(3)(e) tar-Regolament (UE) 2017/625 u li huma ppubblikati mill-Kummissjoni. Barra minn hekk, il-materja prima li minnha jiġu mmanifatturati dawn il-prodotti, jenħtieġ li tiġi minn stabbilimenti (biċċeriji, stabbilimenti li jżommu t-tjur, impjanti tat-tqattigħ u stabbilimenti li jipproċessaw prodotti tas-sajd) li jidhru f'listi mfassla u aġġornati skont l-Artikolu 127(3)(e) tar-Regolament (UE) 2017/625 u li huma ppubblikati mill-Kummissjoni.
- (18) Il-kunsinni ta' molluski bivalvi, ekinodermi, tunikati u gasteropodi tal-baħar ħajjin jenħtieġ li jitħallew jidħlu fl-Unjoni biss minn żoni tal-produzzjoni f'pajjiżi terzi jew reġjuni tagħhom li jidhru f'listi mfassla u aġġornati skont l-Artikolu 127(3)(e) tar-Regolament (UE) 2017/625 u li huma ppubblikati mill-Kummissjoni, sabiex tiġi żgurata l-konformità mar-rekwiżiti speċifiċi applikabbli għal dawn il-prodotti stabbiliti fir-Regolament (KE) Nru 853/2004 u r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/627, jew ma' regoli rikonoxxuti bħala tal-inqas ekwivalenti għalihom. Il-pubblikazzjoni ta' daww il-listi jenħtieġ li tiżgura t-trasparenza għall-operaturi tan-negozju tal-ikel u għall-konsumaturi rigward iż-żoni tal-produzzjoni li minnhom jistgħu jidħlu fl-Unjoni l-molluski bivalvi, l-ekinodermi, it-tunikati u l-gasteropodi tal-baħar ħajjin.
- (19) Il-kunsinni ta' prodotti tas-sajd jenħtieġ li jitħallew jidħlu fl-Unjoni biss meta l-kunsinni jintbagħtu minn stabbiliment fuq l-art, jew minn bastimenti reefer, fabrika jew friża li jtajru l-bandiera ta' pajjiż terz li jidher f'listi mfassla u aġġornati skont l-Artikolu 127(3)(e) tar-Regolament (UE) 2017/625 u li huma ppubblikati mill-Kummissjoni, jew li jinkisbu jew jiġu ppreparati fih, sabiex tiġi żgurata l-konformità mar-rekwiżiti tal-Unjoni, b'mod partikolari mar-rekwiżiti speċifiċi għall-prodotti tas-sajd stabbiliti fir-Regolament (KE) Nru 853/2004 u fir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/627, jew ma' regoli rikonoxxuti bħala tal-inqas ekwivalenti għalihom. Il-pubblikazzjoni ta' tali listi jenħtieġ li tiżgura t-trasparenza għall-operaturi tan-negozju tal-ikel u għall-konsumaturi rigward il-bastimenti li minnhom jistgħu jidħlu fl-Unjoni l-prodotti tas-sajd.
- (20) Il-kundizzjonijiet għad-dħul fl-Unjoni ta' prodotti ta' oriġini mill-annimali stabbiliti fir-Regolament (KE) Nru 853/2004 ma japplikawx għall-prodotti komposti. Madankollu, dak ir-Regolament jirrikjedi li l-operaturi tan-negozju tal-ikel li jimportaw prodotti komposti biex jiżguraw li l-prodotti pproċessati ta' oriġini mill-annimali li jinsabu f'tali ikel jissodisfaw ir-rekwiżiti stabbiliti f'dak ir-Regolament.
- (21) Ir-riskju relatat mal-prodotti komposti jiddependi fuq it-tip ta' ingredjenti u fuq il-kundizzjonijiet tal-ħażna tagħhom. Ir-rekwiżiti rigward il-kunsinni ta' prodotti komposti għalhekk jenħtieġ li jiġu stabbiliti biex jiġi żgurat li daww il-prodotti komposti li jippreżentaw riskju jiġu esportati minn pajjiżi li huma awtorizzati li jespertaw lejn l-Unjoni skont id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2007/777/KE ⁽¹⁷⁾, id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2006/766/KE ⁽¹⁸⁾, ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 798/2008 ⁽¹⁹⁾, ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 605/2010 ⁽²⁰⁾ u d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2011/163/UE ⁽²¹⁾.

⁽¹⁶⁾ Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 210/2013 tal-11 ta' Marzu 2013 dwar l-approvazzjoni tal-istabbilimenti li jipproduċu n-nebbieta skont ir-Regolament (KE) Nru 852/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 68, 12.3.2013, p. 24).

⁽¹⁷⁾ Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2007/777/KE tad-29 ta' Novembru 2007 li tistipula l-kundizzjonijiet tas-saħħa tal-annimali u tas-saħħa pubblika kif ukoll il-mudelli taċ-ċertifikati għall-importazzjonijiet ta' ċerti prodotti tal-laħam u tal-istonku, il-bżieżaq tal-awrina u l-imsaren ittrattati għall-konsum mill-bniedem minn pajjiżi terzi u li tirrevoka d-Deċiżjoni 2005/432/KE (ĠU L 312, 30.11.2007, p. 49).

⁽¹⁸⁾ Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2006/766/KE tas-6 ta' Novembru 2006 li tistabbilixxi l-listi ta' pajjiżi terzi u territorji li minnhom l-importazzjonijiet ta' molluski bivalvi, ekinodermi, tunikati, gastropodi tal-ibħra u prodotti tas-sajd huma permessi (ĠU L 320, 18.11.2006, p. 53).

⁽¹⁹⁾ Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 798/2008 tat-8 ta' Awwissu 2008 li jistabbilixxi lista ta' pajjiżi terzi, territorji, żoni jew kumpartimenti li minnhom jistgħu jiġu impurtati u jsir tranżitu ta' tjur u prodotti tat-tjur fil-Komunità u r-rekwiżiti ta' ċertifikazzjoni veterinarja (ĠU L 226, 23.8.2008, p. 1).

⁽²⁰⁾ Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 605/2010 tat-2 ta' Lulju 2010 li jistipula l-kundizzjonijiet tas-saħħa tal-annimali u tas-saħħa pubblika kif ukoll iċ-ċertifikazzjoni veterinarja għall-introduzzjoni fl-Unjoni Ewropea ta' ħalib mhux ipproċessat, prodotti tal-ħalib, kolostru u prodotti li fihom il-kolostru maħsuba għall-konsum mill-bniedem (ĠU L 175, 10.7.2010, p. 1).

⁽²¹⁾ Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2011/163/UE tas-16 ta' Marzu 2011 dwar l-approvazzjoni tal-pjanijiet sottomessi mill-pajjiżi terzi skont l-Artikolu 29 tad-Direttiva tal-Kunsill 96/23/KE (ĠU L 70, 17.3.2011, p. 40).

- (22) Abbażi tan-numru ta' notifikati li waslu fis-Sistema ta' Allarm Malajr għall-Ikel u l-Għalf stabbilita mir-Regolament (KE) Nru 178/2002, kunsinni ta' ċerti annimali u oġġetti mqiegħda fis-suq għall-konsum mill-bniedem jippreżentaw riskju miżjud għal nuqqas ta' konformità mar-rekwiżiti tal-Unjoni dwar is-sigurtà tal-ikel. Għaldaqstant, il-kunsinni ta' tali annimali u oġġetti mqiegħda fis-suq għall-konsum mill-bniedem jenħtieġ li jkunu soġġetti għaċ-ċertifikazzjoni individwali ta' kull kunsinna għad-dħul fl-Unjoni biex jitqiegħdu fis-suq. Iċ-ċertifikazzjoni ta' konformità mar-rekwiżiti tal-Unjoni tista' tikkontribwixxi wkoll biex tfakkar lill-operaturi tan-negozju tal-ikel u lill-awtoritajiet kompetenti ta' pajjiżi terzi jew reġjuni tagħhom bir-rekwiżiti tal-Unjoni applikabbli. Fil-każ ta' tranżitu, jenħtieġ li jibqa' l-użu taċ-ċertifikati ta' tranżitu dedikati attwali b'attestazzjoni tas-saħħa tal-annimali.
- (23) Billi r-Regolament (UE) 2017/625 japplika b'effett mill-14 ta' Diċembru 2019, jenħtieġ li dan ir-Regolament japplika wkoll minn dik id-data. Il-miżuri tranżizzjonali li jipprovdu derogi mir-Regolamenti (KE) Nru 853/2004 u (KE) Nru 854/2004, rigward ir-rekwiżiti tas-saħħa pubblika għall-importazzjonijiet ta' prodotti komposti ġew stabbiliti fir-Regolament (UE) 2017/185 u se jiġu estiżi sal-20 ta' April 2021 skont ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2019/759 ⁽²²⁾. Għaldaqstant, jenħtieġ li r-rekwiżiti tal-importazzjoni stabbiliti f'dan ir-Regolament japplikaw mill-20 ta' April 2021 għal prodotti komposti sabiex tiġi żgurata tranżizzjoni bla xkiel,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Suġġett u kamp ta' applikazzjoni

- Dan ir-Regolament jissupplimenta r-Regolament (UE) 2017/625 fir-rigward tar-rekwiżiti għad-dħul fl-Unjoni ta' kunsinni ta' ċerti annimali u oġġetti maħsuba għall-konsum mill-bniedem minn pajjiżi terzi jew reġjuni tagħhom sabiex jiżgura li jikkonformaw mar-rekwiżiti applikabbli stabbiliti mir-regoli msemmija fl-Artikolu 1(2)(a) tar-Regolament (UE) 2017/625 jew mar-rekwiżiti li huma rikonoxxuti bħala tal-inqas ekwivalenti għalihom.
- Ir-rekwiżiti msemmijin fil-paragrafu 1 ikopru:
 - l-identifikazzjoni ta' annimali u oġġetti soġġetti għar-rekwiżiti li ġejjin għad-dħul fl-Unjoni:
 - ir-rekwiżit li dawk l-annimali u l-oġġetti għandhom jiġu minn pajjiżi terzi jew reġjuni tiegħu elenkat skont l-Artikolu 126(2)(a) tar-Regolament (UE) 2017/625;
 - ir-rekwiżit li dawk l-annimali u l-oġġetti jintbagħtu minn stabbilimenti li jikkonformaw mar-rekwiżiti applikabbli msemmija fl-Artikolu 126(1) tar-Regolament (UE) 2017/625, jew ma' rekwiżiti rikonoxxuti bħala tal-inqas ekwivalenti għalihom, u jinkisbu jew jiġu ppreparati fihom, u li jidhru f'listi mfassla u aġġornati skont l-Artikolu 127(3)(e)(ii) u (iii) tar-Regolament (UE) 2017/625;
 - ir-rekwiżit li kull kunsinna ta' annimali u oġġetti tkun akkumpanjata minn ċertifikat uffiċjali, jew attestazzjoni uffiċjali jew kwalunkwe evidenza oħra ta' konformità mar-regoli msemmija fl-Artikolu 1(2)(a) tar-Regolament (UE) 2017/625, bħal attestazzjoni privata, skont l-Artikolu 126(2)(c) tar-Regolament (UE) 2017/625;
 - rekwiżiti għad-dħul fl-Unjoni ta' ċerti annimali u oġġetti minn pajjiżi terzi jew reġjuni tiegħu, elenkat skont l-Artikolu 127(2) tar-Regolament (UE) 2017/625;
 - rekwiżiti li l-kunsinni ta' ċerti oġġetti minn pajjiżi terzi jintbagħtu minn stabbilimenti li jikkonformaw mar-rekwiżiti applikabbli msemmija fl-Artikolu 126(1) tar-Regolament (UE) 2017/625, jew ma' rekwiżiti rikonoxxuti bħala tal-inqas ekwivalenti għalihom, u jinkisbu jew jiġu ppreparati fihom, u li jidhru f'listi mfassla u aġġornati skont l-Artikolu 127(3)(e)(ii) u (iii) tar-Regolament (UE) 2017/625;
 - rekwiżiti għad-dħul fl-Unjoni għat-tqegħid fis-suq tal-prodotti bażiċi speċifiċi li ġejjin minbarra r-rekwiżiti stabbiliti skont l-Artikolu 126 tar-Regolament (UE) 2017/625:
 - laħam frisk, laħam ikkapuljat, preparati tal-laħam, prodotti tal-laħam, laħam separat mekkanikament u materja prima maħsuba għall-produzzjoni tal-ġelatina u l-kollaġen;

⁽²²⁾ Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2019/759 tat-13 ta' Mejju 2019 li jistabbilixxi miżuri tranżizzjonali għall-applikazzjoni ta' rekwiżiti tas-saħħa pubblika għall-importazzjonijiet ta' ikel li fih kemm prodotti ta' oriġini mill-pjanti kif ukoll prodotti pproċessati ta' oriġini mill-annimali (prodotti komposti) (ĠU L 125, 14.5.2019, p. 11).

- (ii) molluski bivalvi haġġin, ekinodermi, tunikati u gasetropodi tal-baħar;
 - (iii) prodotti tas-sajd;
 - (iv) prodotti komposti;
- (e) rekwiżiti addizzjonali għaċ-ċertifikati uffiċjali, attestazzjonijiet uffiċjali u attestazzjonijiet privati li għandhom jakkumpanjaw lil ċerti animali u oġġetti għad-dħul fl-Unjoni.
3. Dan ir-Regolament ma għandux japplika għal:
- (a) Annimali u oġġetti mhux maħsuba għall-konsum mill-bniedem, madankollu meta d-destinazzjoni tal-annimali u l-oġġetti ma tkunx ġiet deċiża mad-dħul fl-Unjoni, japplika dan ir-Regolament;
 - (b) Annimali u oġġetti maħsuba għall-konsum mill-bniedem li jagħmlu biss tranżitu mill-Unjoni mingħajr ma jitqiegħdu fis-suq.

Artikolu 2

Definizzjonijiet

Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

- (1) "ekwivalenti" tfisser ekwivalenti kif definita fl-Artikolu 2(1)(e) tar-Regolament (KE) Nru 852/2004;
- (2) "tqegħid fis-suq" tfisser tqegħid fis-suq kif definit fil-punt (8) tal-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 178/2002;
- (3) "stabbiliment" tfisser stabbiliment kif definit fl-Artikolu 2(1)(c) tar-Regolament (KE) Nru 852/2004;
- (4) "attestazzjoni privata" tfisser attestazzjoni ffirmata mill-operatur ta' negozju tal-ikel li qed jimporta;
- (5) "laħam frisk" tfisser laħam frisk kif definit fil-punt 1.10 tal-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 853/2004;
- (6) "laħam ikkapuljat" tfisser ikkapuljat kif definit fil-punt 1.13 tal-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 853/2004;
- (7) "preparati tal-laħam" tfisser preparati tal-laħam kif definiti fil-punt 1.15 tal-Anness I mar-Regolament (KE) Nru 853/2004;
- (8) "prodotti tal-laħam" tfisser prodotti tal-laħam kif definiti fil-punt 7.1 tal-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 853/2004;
- (9) "laħam separat mekkanikament" tfisser laħam separat mekkanikament kif definit fil-punt 1.14 tal-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 853/2004;
- (10) "ġelatina" tfisser ġelatina kif definita fil-punt 7.7 tal-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 853/2004;
- (11) "kollaġen" tfisser kollaġni kif definita fil-punt 7.8 tal-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 853/2004;
- (12) "molluski bivalvi" tfisser molluski bivalvi kif definiti fil-punt 2.1 tal-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 853/2004;
- (13) "prodotti tas-sajd" tfisser prodotti tas-sajd kif definiti fil-punt 3.1 tal-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 853/2004;
- (14) "prodott kompost" tfisser ikel li fih kemm prodotti ta' oriġini mill-pjanti kif ukoll prodotti pproċessati ta' oriġini mill-annimali;
- (15) "rettilli" tfisser annimali li jappartjenu għall-ispeċijiet *Alligator mississippiensis*, *Crocodylus johnstoni*, *Crocodylus niloticus*, *Crocodylus porosus*, *Timon Lepidus*, *Python reticulatus*, *Python molurus bivittatus* jew *Pelodiscus sinensis*;
- (16) "laħam tar-rettilli" tfisser il-partijiet li jittieklu, mhux ipproċessati jew ipproċessati, derivati minn rettili mrobbija fl-irziezet, li huma, meta applikabbli, awtorizzati skont ir-Regolament (UE) 2015/2283 u elenkati fir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/2470 ⁽²³⁾;

⁽²³⁾ Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/2470 tal-20 ta' Diċembru 2017 li jstabbilixxi l-lista tal-Unjoni tal-ikel ġdid skont ir-Regolament (UE) 2015/2283 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ikel ġdid (ĠUL 351, 30.12.2017, p. 72).

- (17) "insetti" tfisser ikel li jikkonsisti minn, huwa iżolat minn jew prodott mill-insetti jew il-partijiet tagħhom inkluż kwalunkwe stadju ħaj ta' insetti maħsuba għall-konsum mill-bniedem li huma, meta applikabbli, awtorizzati skont ir-Regolament (UE) 2015/2283 u elenkati fir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2017/2470;
- (18) "ġelbin" tfisser nebbieta kif definiti fil-punt (a) tal-Artikolu 2 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 208/2013 ⁽²⁴⁾;
- (19) "produzzjoni primarja" tfisser produzzjoni primarja kif definita fil-punt (17) tal-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 178/2002;
- (20) "biċċerija" tfisser biċċerija kif definita fil-punt 1.16 tal-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 853/2004;
- (21) "stabbiliment li jipproċessa l-kaċċa" tfisser stabbiliment li jipproċessa l-kaċċa kif definit fil-punt 1.18 tal-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 853/2004;
- (22) "impjant tat-tqattigħ" tfisser impjant tat-tqattigħ kif definit fil-punt 1.17 tal-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 853/2004;
- (23) "żona ta' produzzjoni" tfisser arja ta' produzzjoni kif definita fil-punt 2.5 tal-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 853/2004;
- (24) "bastiment fabbrika" tfisser bastiment fabbrika kif definit fil-punt 3.2 tal-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 853/2004;
- (25) "bastiment friża" tfisser bastiment friża kif definit fil-punt 3.3 tal-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 853/2004;
- (26) "bastiment reefer" tfisser bastiment mgħammar biex jaħżen u jittrasporta oġġetti permezz ta' pellets jew merkanzija mhux marbuta (bl-ingrossa) fi stivi jew kmamar b'temperatura kkontrollata;
- (27) "operatur ta' negozju tal-ikel" tfisser operatur ta' negozju tal-ikel kif definit fil-punt (3) tal-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 178/2002.

Artikolu 3

Annimali u oġġetti li huma meħtieġa li jiġu minn pajjiżi terzi jew reġjuni tagħhom inklużi fil-lista msemmija fl-Artikolu 126(2)(a) tar-Regolament (UE) 2017/625

Il-kunsinni tal-annimali u l-oġġetti li ġejjin maħsuba għall-konsum mill-bniedem għandhom jidħlu fl-Unjoni biss minn pajjiż terz jew reġjun tiegħu inkluż fil-lista għal dawk l-annimali u l-oġġetti stabbiliti fl-Artikoli 3 sa 22 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/626:

- (a) prodotti li joriġinaw mill-annimali, inkluż laħam tar-rettili u insetti sħaħ mejtin, partijiet ta' insetti jew insetti pproċessati, li għalihom ġew stabbiliti l-kodiċijiet tan-Nomenklatura Magħquda ("il-kodiċijiet NM") fil-Kapitoli 2 sa 5, 15 u 16, u l-kodiċijiet tas-Sistema Armonizzata ("il-kodiċijiet SA") taħt l-intestaturi 1702, 1806, 2102, 2103, 2105, 2106, 2202, 2301, 2822, 2932, 3001, 3002, 3501, 3502, 3503, 3504, 3507, 3913, 4101, 4102, 4103, 4110 u 9602 tat-Tieni Parti tal-Anness I tar-Regolament (KEE) Nru 2658/87, meta dawn il-prodotti jkunu maħsuba għall-konsum mill-bniedem;
- (b) insetti ħajjin kif imsemmija bil-kodiċi NM 0106 49 00 tat-Tieni Parti tal-Anness I tar-Regolament (KEE) Nru 2658/87.

Artikolu 4

Rekwiżiti addizzjonali għad-dħul fl-Unjoni ta' ċerti annimali u oġġetti minn pajjiż terz jew reġjun tiegħu

Barra mir-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 127(3) tar-Regolament (UE) 2017/625, il-Kummissjoni għandha tiddeċiedi biss fuq l-inklużjoni ta' pajjiżi terzi jew reġjuni tagħhom fil-lista msemmija fl-Artikolu 126(2)(a) ta' dak ir-Regolament jekk ir-rekwiżiti li ġejjin ikunu rikonxuti mill-Kummissjoni li huma tal-inqas ekwivalenti għar-rekwiżiti rilevanti fl-Unjoni għall-annimali u l-oġġetti msemmija fl-Artikolu 3:

- (a) il-leġiżlazzjoni tal-pajjiż terz dwar:
 - (i) il-produzzjoni ta' ikel ta' oriġini mill-annimali;

⁽²⁴⁾ Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 208/2013 tal-11 ta' Marzu 2013 dwar ir-rekwiżiti ta' traċċabbiltà għan-nebbieta u ż-żrieragħ maħsubin għall-produzzjoni tan-nebbieta (ĠU L 68, 12.3.2013, p. 16).

- (ii) l-użu ta' prodotti mediċinali veterinarji, inklużi r-regoli dwar il-projbizzjoni jew l-awtorizzazzjoni tagħhom, it-tqassim tagħhom, it-tqegħid tagħhom fis-suq u r-regoli li jkopru l-amministrazzjoni u l-ispezzjonijiet;
 - (iii) il-preparazzjoni u l-użu tal-għalf, inklużi l-proċeduri għall-użu ta' addittivi u l-preparazzjoni u l-użu tal-għalf medikat, kif ukoll il-kwalità tal-igiene tal-materja prima użata għall-preparazzjoni tal-għalf u tal-prodott finali;
- (b) il-kundizzjonijiet tal-igiene tal-produzzjoni, il-manifattura, l-immaniġġar, il-ħażna u l-ispedizzjoni attwalment applikati għall-prodotti ta' oriġini mill-annimali maħsuba għall-Unjoni;
 - (c) kwalunkwe esperjenza ta' kummerċjalizzazzjoni tal-prodotti ta' oriġini mill-annimali mill-pajjiż terz u r-riżultati ta' kwalunkwe kontroll uffiċjali mad-dħul fl-Unjoni;
 - (d) meta disponibbli, ir-riżultati ta' kontrolli mwettqa mill-Kummissjoni fil-pajjiż terz relatati ma' annimali u oġġetti oħra li għalihom il-pajjiż terz diġà huwa elenkat skont l-Artikolu 127(2) tar-Regolament (UE) 2017/625, b'mod partikolari r-riżultati tal-valutazzjoni tal-awtoritajiet kompetenti fil-pajjiż terz awditjat, u l-azzjoni li ħadu l-awtoritajiet kompetenti fid-dawl ta' kwalunkwe rakkomandazzjoni indirizzata lilhom wara tali awditi mill-Kummissjoni;
 - (e) l-eżistenza, l-implimentazzjoni u l-komunikazzjoni ta' programm ta' kontroll ta' żoonożi approvat mill-Kummissjoni meta applikabbli;
 - (f) l-eżistenza, l-implimentazzjoni u l-komunikazzjoni ta' programm ta' kontroll ta' residwi approvat mill-Kummissjoni meta applikabbli, skont id-Direttiva 96/23/KE.

Artikolu 5

Rekwiżiti għad-dħul fl-Unjoni ta' ċerti oġġetti minn pajjiż terz fir-rigward ta' stabbilimenti

1. Il-kunsinni tal-oġġetti li ġejjin għandhom jidħlu fl-Unjoni biss meta daww il-kunsinni jintbagħtu minn stabbilimenti li jidhru fuq il-listi mfassla u miżmuma aġġornati skont l-Artikolu 127(3)(e)(ii) u (iii) tar-Regolament (UE) 2017/625, u jinkisbu u jiġu ppreparati fihom:
 - (a) prodotti ta' oriġini mill-annimali li għalihom ir-rekwiżiti huma stabbiliti fl-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 853/2004, u li għalihom ġew stabbiliti l-kodiċijiet NM fil-Kapitoli 2 sa 5, 15 u 16, u l-kodiċijiet SA taħt l-intestaturi 2102, 2103, 2105, 2106, 2202, 2301, 2822, 2932, 3001, 3002, 3501, 3502, 3503, 3504, 3507, 3913, 4101, 4102, 4103 u 4110 tat-Tieni Parti tal-Anness I tar-Regolament (KEE) Nru 2658/87;
 - (b) ġelbin imsemmija permezz tal-kodiċijiet SA li ġejjin: 0704 90, 0706 90, 0708 10, 0708 20, 0708 90 jew 1214 90 tat-Tieni Parti tal-Anness I tar-Regolament (KEE) Nru 2658/87.
2. Stabbilimenti msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu jistgħu jitpoġġew fuq il-listi msemmija fl-Artikolu 127(3)(e) tar-Regolament (UE) 2017/625 biss jekk, minbarra l-garanziji stabbiliti fl-Artikolu 127(3)(e)(ii) u (iv) tar-Regolament (UE) 2017/625, il-pajjiż terz jipprovdi l-garanziji li ġejjin:
 - (a) tali stabbilimenti, flimkien ma' kwalunkwe stabbiliment li jimmaniġġja materja prima ta' oriġini mill-annimali użata fil-manifattura tal-prodotti ta' oriġini mill-annimali kkonċernati, jikkonformaw mar-rekwiżiti applikabbli msemmija fl-Artikolu 126(1) tar-Regolament (UE) 2017/625, b'mod partikolari daww tar-Regolament (KE) Nru 853/2004, jew mar-rekwiżiti rikonoxxuti bħala tal-inqas ekwivalenti għalihom;
 - (b) l-istabbiliment, fejn xieraq, jimmaniġġja biss materja prima ta' oriġini mill-annimali li tiġi minn pajjiżi terzi bi pjan ta' monitoraġġ ta' residwi approvat għal dik il-kategorija tal-prodott skont id-Direttiva 96/23/KE jew mill-Istati Membri;
 - (c) għandu s-setgħa vera li jwaqqaf l-istabbilimenti milli jespertaw lejn l-Unjoni fkaż li l-istabbilimenti jonqsu milli jissodisfaw ir-rekwiżiti rilevanti tal-Unjoni jew ir-rekwiżiti rikonoxxuti bħala tal-inqas ekwivalenti għalihom.
3. Il-Kummissjoni għandha ttipprovdi lill-Istati Membri bi kwalunkwe lista ġdida u aġġornata li tirċievi mill-awtoritajiet kompetenti tal-pajjiż terz skont l-Artikolu 127(3)(e)(iii) tar-Regolament (UE) 2017/625 u għandha tippubblika tali listi fuq is-sit web tagħha.
4. L-Istati Membri għandhom jippermettu d-dħul fl-Unjoni tal-kunsinni msemmija fil-paragrafu 1 sakemm iċ-ċertifikati uffiċjali li huma meħtieġa li jakkumpanjaw tali kunsinni skont ir-regoli applikabbli tal-Unjoni jinħarġu mill-awtoritajiet kompetenti tal-pajjiż terz mid-data tal-pubblikazzjoni mill-Kummissjoni tal-listi msemmija fil-paragrafu 1.

Artikolu 6

Stabbilimenti li mhumiex soġġetti għar-reqwiziti tal-Artikolu 5(1)

Ir-reqwiziti stabbiliti fl-Artikolu 5 ma għandhomx japplikaw għal stabbilimenti li jwettqu biss l-attivitajiet li ġejjin:

- (a) produzzjoni primarja;
- (b) operazzjonijiet ta' transport;
- (c) ħażna ta' prodotti ta' orijini mill-annimali li ma għandhomx bżonn kundizzjonijiet ta' ħażna b'temperatura kkontrollata;
- (d) produzzjoni ta' sulfat tal-kondrojtina, aċidu jaluroniku, prodotti oħra tal-qarquċa idrolizzata, kitosan, glukosamina, kimożina, isinglass u amminoaċidi raffinati ħażna msemmija fit-Taqsima XVI tal-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 853/2004 u msemmija mill-kodiċijiet NM taħt l-intestatura ta' 2833, ex 3913, 2930, ex 2932, 3507 jew 3503 tat-Tieni Parti tal-Anness I tar-Regolament (KEE) Nru 2658/87.

Artikolu 7

Reqwiziti għall-kunsinni ta' laħam frisk, laħam ikkapuljat, preparati tal-laħam, prodotti tal-laħam, laħam separat mekkanikament u materja prima maħsuba għall-produzzjoni tal-ġelatina u l-kollaġen

Il-kunsinni tal-prodotti li ġejjin ta' orijini mill-annimali għandhom jidhru fl-Unjoni biss jekk ikunu ġew immanifatturati minn materja prima miksuba f'biċċeriji, stabbilimenti li jipproċessaw il-kaċċa, impjanti tat-tqattigħ u stabbilimenti li jipproċessaw prodotti tas-sajd, li jidhru fil-listi ta' stabbilimenti mfaßla u miżmuma aġġornati skont l-Artikolu 127(3)(e) tar-Regolament (UE) 2017/625:

- (a) laħam frisk;
- (b) laħam ikkapuljat;
- (c) preparati tal-laħam;
- (d) prodotti tal-laħam u laħam separat mekkanikament;
- (e) materja prima maħsuba għall-produzzjoni tal-ġelatina u l-kollaġen imsemmija rispettivament fil-punt 4(a) tal-Kapitolu I tas-Sezzjoni XIV u fil-punt 4(a) tal-Kapitolu I tas-Sezzjoni XV tal-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 853/2004.

Artikolu 8

Reqwiziti għall-kunsinni ta' molluski bivalvi haġġin, ekonidermi, tunikati u gasteropodi tal-baħar

1. Minkejja l-Artikolu 6, il-kunsinni ta' molluski bivalvi, ekinodermi, tunikati u gasteropodi tal-baħar haġġin li għalihom ġew stabbiliti l-kodiċijiet NM taħt l-intestatura 0307 tat-Tieni Parti tal-Anness I tar-Regolament (KEE) Nru 2658/87 għandhom jidhru fl-Unjoni biss minn żoni ta' produzzjoni fpajjiżi terzi li jidhru fl-listi mfaßla mill-awtoritajiet kompetenti tal-pajjiż terz skont l-Artikolu 127(3)(e) tar-Regolament (UE) 2017/625 u ppubblikati mill-Kummissjoni.

2. Il-prodotti li ġejjin jistgħu jidhru fl-Unjoni minn żoni ta' produzzjoni li ma ġewx ikklassifikati mill-awtoritajiet kompetenti fil-pajjiż terz skont l-Artikolu 18(6) tar-Regolament (UE) 2017/625:

- (a) *Pectinidae*, ħlief fejn id-data mill-programmi ta' monitoraġġ uffiċjali kif stabbiliti mill-Artikolu 57 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/627 tippermetti lill-awtoritajiet kompetenti jikklassifikaw postijiet tas-sajd kif stabbilit fil-punt (2) tal-Kapitolu IX tas-Sezzjoni VII tal-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 853/2004;
- (b) gasteropodi tal-baħar li mhumiex organiżmi filtraturi u *Holothuroidea* li mhumiex organiżmi filtraturi.

*Artikolu 9***Lista ta' żoni ta' produzzjoni**

1. Qabel ma l-listi msemija fl-Artikolu 8(1) jtfasslu mill-awtoritajiet kompetenti tal-pajjiż terz, għandhom jitqiesu b'mod partikolari l-garanzji li l-awtoritajiet kompetenti tal-pajjiż terz jistgħu jipprovdu rigward il-konformità mar-reqwiziti tal-Artikolu 52 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni 2019/627 dwar il-klassifikazzjoni u l-kontroll taż-żoni tal-produzzjoni.

Il-Kummissjoni għandha twettaq żjara ta' kontroll fuq il-post qabel jtfasslu listi bħal dawn.

2. Ladarba l-listi msemija fl-Artikolu 8(1) jtfasslu, u meta l-awtoritajiet kompetenti tal-pajjiż terz joffru biżżejjed garanzji dwar il-ġestjoni u l-kontrolli taż-żoni ta' produzzjoni taħt ir-responsabbiltà tagħhom, iż-żjara ta' kontroll fuq il-post tal-Kummissjoni ma hemmx għalxiex titwettaq qabel ma tiżdied żona ta' produzzjoni ġdida ma' lista eżistenti skont l-Artikolu 5.

*Artikolu 10***Rekwiżiti speċjali għall-prodotti tas-sajd**

Il-kunsinni tal-prodotti tas-sajd li għalihom ġew stabbiliti l-kodiċijiet NM fl-intestaturi 0301, 0302, 0303, 0304, 0305, 0306, 0307, 0308, 1504, 1516, 1603, 1604, 1605 jew 2106 tat-Tieni Parti tal-Anness I tar-Regolament (KEE) Nru 2658/87, għandhom jidhru fl-Unjoni biex jitqiegħdu fis-suq biss jekk ikunu nkisbu jew ġew ippreparati, fi kwalunkwe stadju tal-produzzjoni tagħhom, fi stabbiliment fuq l-art, fabrika jew bastiment friża jew mażżuna f'maħżen kiesaħ jew bastiment reefer li jidhru fl-lista mfassla u aġġornata skont l-Artikolu 127(3)(e) tar-Regolament (UE) 2017/625 u ppubblikata mill-Kummissjoni.

Artikolu 11

1. Bastiment jista' jiġi inkluż fil-listi ta' stabbilimenti msemija fl-Artikolu 127(3)(e)(ii) tar-Regolament (UE) 2017/625 sakemm l-awtoritajiet kompetenti tal-pajjiż terz li l-bastiment itajjar il-bandiera tiegħu u l-awtoritajiet kompetenti ta' pajjiż terz ieħor li għalih, l-awtoritajiet kompetenti tal-pajjiż terz li l-bastiment qed itajjar il-bandiera tiegħu ddelegaw ir-responsabbiltà għall-ispezzjoni tal-bastiment ikkonċernat, jipprovdu lill-Kummissjoni b'komunikazzjoni konġunta li tiddikjara li l-erba' rekwiżiti li ġejjin kollha huma ssodisfati:

- (a) iż-żewġ pajjiżi terzi jidhru fil-lista ta' pajjiżi terzi jew reġjuni tagħhom, imfassla skont l-Artikolu 127(3) tar-Regolament (UE) 2017/625, li minnhom huwa permess id-dħul fl-Unjoni ta' prodotti tas-sajd;
- (b) il-prodotti kollha tas-sajd mill-bastiment ikkonċernat li huma destinati għat-tqegħid fis-suq tal-Unjoni jtniżżlu l-art direttament fil-pajjiż terz li għalih għandu responsabbiltà delegata l-pajjiż terz li l-bastiment qed itajjar il-bandiera tiegħu rigward l-ispezzjoni tal-bastimenti kkonċernati;
- (c) l-awtoritajiet kompetenti delegati spezzjonaw il-bastiment u ddikjaraw li jikkonforma mar-reqwiziti applikabbli tal-Unjoni;
- (d) l-awtoritajiet kompetenti delegati ddikjaraw li se jispezzjonaw regolarment il-bastiment biex jiżguraw li jibqa' jikkonforma mar-reqwiziti applikabbli tal-Unjoni.

2. Bastiment jista' jiġi inkluż fil-listi ta' stabbilimenti msemija fl-Artikolu 127(3) tar-Regolament (UE) 2017/625 fuq il-bażi ta' komunikazzjoni konġunta mill-awtoritajiet kompetenti tal-pajjiż terz li l-bastiment itajjar il-bandiera tiegħu u mill-awtoritajiet kompetenti ta' Stat Membru, li għalih l-awtoritajiet kompetenti tal-pajjiż terz li l-bastiment qed itajjar il-bandiera tiegħu ddelegaw ir-responsabbiltà għall-ispezzjoni tal-bastiment ikkonċernat, jekk it-tliet rekwiżiti li ġejjin kollha huma ssodisfati:

- (a) il-prodotti kollha tas-sajd mill-bastiment ikkonċernat li huma destinati għat-tqegħid fis-suq tal-Unjoni jtniżżlu l-art direttament f'dak l-Istat Membru;
- (b) l-awtoritajiet kompetenti ta' dak l-Istat Membru spezzjonaw il-bastiment u ddikjaraw li jikkonforma mar-reqwiziti applikabbli tal-Unjoni;
- (c) l-awtoritajiet kompetenti ta' dak l-Istat Membru iddikjaraw li se jispezzjonaw regolarment il-bastiment biex jiżguraw li jkompli jikkonforma mar-reqwiziti applikabbli tal-Unjoni.

3. Meta kunsinni ta' prodotti tas-sajd jidħlu fl-Unjoni direttament minn bastiment reefer, fabbrika jew friża li jtajar il-bandiera ta' pajjiż terz, iċ-ċertifikat uffiċjali msemmi fl-Artikolu 13(3) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/628 ⁽²⁵⁾ jista' jiġi ffirmat mill-kaptan.

Artikolu 12

Rekwiżiti għall-kunsinni ta' prodotti komposti

1. Il-kunsinni tal-prodotti komposti msemmija bil-kodiċijiet SA taħt l-intestaturi 1601, 1602, 1603, 1604, 1605, 1901, 1902, 1905, 2004, 2005, 2103, 2104, 2105, 2106 tat-Tieni Parti tal-Anness I tar-Regolament (KEE) Nru 2658/87 għandhom jidħlu fl-Unjoni għat-tqegħid fis-suq biss jekk kull prodott ipproċessat li joriġina mill-annimali li jinsab fil-prodotti komposti kien jew prodott fi stabbilimenti li jinsabu f'pajjiżi terzi jew reġjuni tagħhom u awtorizzati li jespertaw lejn l-Unjoni dawk il-prodotti pproċessati ta' oriġini mill-annimali skont l-Artikolu 5 jew fi stabbilimenti li jinsabu fi Stati Membri.
2. Sakemm tiġi stabbilita mill-Kummissjoni lista speċifika ta' pajjiżi terzi jew reġjuni tagħhom awtorizzati li jespertaw prodotti komposti lejn l-Unjoni, il-kunsinni ta' prodotti komposti minn pajjiżi terzi jew reġjuni tagħhom jistgħu jidħlu fl-Unjoni, soġġett għal konformità mar-regoli li ġejjin:
 - (a) il-prodotti komposti msemmija fil-paragrafu 1 li jeħtieġ li jiġu trasportati jew maħżuna f'temperaturi kkontrollati għandhom joriġinaw minn pajjiżi terzi jew reġjuni tagħhom awtorizzati li jespertaw lejn l-Unjoni kull prodott ipproċessat ta' oriġini mill-annimali li jinsab fil-prodott finali, skont id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2007/777/KE, ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 605/2010, id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2006/766/KE, ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 798/2008 u d-Deċiżjoni 2011/163/UE;
 - (b) il-prodotti komposti msemmija fil-paragrafu 1 li ma għandhomx bżonn jiġu trasportati jew maħżuna f'temperaturi kkontrollati li fihom kwalunkwe kwantità ta' laħam ipproċessat għandhom joriġinaw minn pajjiżi terzi jew reġjuni tagħhom awtorizzati li jespertaw lejn l-Unjoni il-prodotti tal-laħam li jinsabu fil-prodott kompost skont id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2007/777/KE u d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2011/163/UE;
 - (c) il-prodotti komposti msemmija fil-paragrafu 1 li ma għandhomx bżonn jiġu trasportati jew maħżuna f'temperaturi kkontrollati u li fihom prodotti pproċessati ta' oriġini mill-annimali minbarra laħam ipproċessat, li għalihom ġew stabbiliti rekwiżiti fl-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 853/2004 għandhom joriġinaw minn pajjiżi terzi jew reġjuni tagħhom awtorizzati li jespertaw lejn l-Unjoni prodotti tal-laħam, prodotti tal-ħalib, prodotti li fihom il-kolostru, prodotti tas-sajd jew prodotti tal-bajd fuq il-bażi tar-rekwiżiti tal-Unjoni għas-saħħa pubblika u tal-annimali u li huma elenkati mill-inqas għal wieħed minn dawn il-prodotti ta' oriġini mill-annimali skont id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2007/777/KE, ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 605/2010, id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2006/766/KE u r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 798/2008, u fl-Anness tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2011/163/UE fuq il-bażi ta' pjan ta' kontroll tar-residwi approvat skont id-Direttiva 96/23/KE.

Artikolu 13

Ċertifikati uffiċjali

1. Kull kunsinna tal-prodotti li ġejjin għandha tidħol fl-Unjoni biss meta l-kunsinna tkun akkumpanjata minn ċertifikat uffiċjali:
 - (a) prodotti ta' oriġini mill-annimali li għalihom ġew stabbiliti l-Kodiċijiet NM fil-Kapitoli 2 sa 5, 15 u 16, u l-kodiċijiet SA taħt l-intestaturi 1506, 1521, 1601, 1602, 1603, 1604, 1605, 2102, 2103, 2105, 2106, 2202, 2301, 2932, 3001, 3002, 3501, 3502, 3503, 3504, 3507, 3913, 4101, 4102, 4103, 4110 u 9602 tat-Tieni Parti tal-Anness I tar-Regolament (KEE) Nru 2658/87, meta dawn il-prodotti jkunu maħsuba għall-konsum mill-bniedem;
 - (b) insetti ħajjin kif imsemmija bil-kodiċi NM 0106 49 00 tat-Tieni Parti tal-Anness I tar-Regolament (KEE) Nru 2658/87;
 - (c) ġelbin u żrieragħ maħsuba għall-produzzjoni ta' ġelbin u msemmija bil-kodiċi SA li ġejjin: 0704 90, 0706 90, 0708 10, 0708 20, 0708 90, 0713 10, 0713 33, 0712 34, 0712 35, 0713 39, 0713 40, 0712 50, 0712 60, 0713 90, 0910 99, 1201 10, 1201 90, 1207 50, 1207 99, 1209 10, 1209 21, 1209 91 jew 1214 90 tat-Tieni Parti tal-Anness I tar-Regolament (KEE) Nru 2658/87.

⁽²⁵⁾ Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/628 tat-8 ta' April 2019 li jikkonċerna mudelli taċ-ċertifikati uffiċjali għal ċerti annimali u oġġetti u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 2074/2005 u r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2016/759 fir-rigward ta' dawn il-mudelli taċ-ċertifikati (ara l-paġna 101 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali).

2. Iċ-ċertifikati uffiċjali msemmija fil-paragrafu 1 għandhom jiċċertifikaw li l-prodotti jikkonformaw:
 - (a) mar-rekwiżiti stabbiliti fir-Regolamenti (KE) Nru 178/2002, (KE) Nru 852/2004 u (KE) Nru 853/2004 jew mad-dispożizzjonijiet rikonoxxuti bħala ekwivalenti għal dawk ir-rekwiżiti;
 - (b) ma' kwalunkwe rekwiżit speċifiku għad-dħul fl-Unjoni stabbilit f'dan ir-Regolament.
3. Iċ-ċertifikati uffiċjali msemmija fil-paragrafu 1 jistgħu jinkludu dettalji meħtieġa b'konformità ma' leġislazzjoni oħra tal-Unjoni dwar kwistjonijiet tas-saħħa pubblika u tal-annimali.
4. Iċ-ċertifikat uffiċjali għall-ġelbin u ż-żrieragħ maħsuba għall-produzzjoni tal-ġelbin, imsemmija fil-paragrafu 1(c), għandhom jakkumpanjaw lill-kunsinna sakemm tasal fid-destinazzjoni tagħha kif indikat fiċ-ċertifikat uffiċjali. Fil-każ li l-kunsinna tinqasam, għandu jkun hemm kopja taċ-ċertifikat uffiċjali ma' kull parti tal-kunsinna.

Artikolu 14

Attestazzjoni privata

1. Attestazzjoni privata, ippreparata u ffirmata mill-operatur tan-negozju tal-ikel li qed jimporta, għandha takkumpanja lill-kunsinni ta' prodotti komposti kif imsemmi fl-Artikolu 12(2)(c) biex tikkonferma li l-kunsinni jikkonformaw mar-rekwiżiti applikabbli msemmija fl-Artikolu 126(1) tar-Regolament (UE) 2017/625.
2. Permezz ta' deroga mill-paragrafu 1, għall-prodotti eżentati minn kontrolli uffiċjali fil-postijiet ta' kontroll fuq il-fruntiera, skont l-Artikolu 48(h) tar-Regolament (UE) 2017/625, l-attestazzjoni privata għandha takkumpanja l-prodotti fil-mument li jitqiegħdu fis-suq.
3. L-attestazzjoni privata msemmija fil-paragrafu 1 għandha tiżgura t-traċċabbiltà tal-kunsinna u għandha tinkludi
 - (a) informazzjoni rigward il-konsenjaratur u l-konsenjararju tal-oġġetti importati;
 - (b) il-lista ta' prodotti ta' orġini mill-pjanti u prodotti pproċessati ta' orġini mill-annimali li jinsabu fil-prodotti komposti, indikati f'ordni dixxendenti tal-piż, kif irreġistrat fil-mument tal-użu tagħhom fil-manifattura tal-prodott kompost;
 - (c) in-numru tal-approvazzjoni tal-istabbiliment(i) li jimmanifattura(w) il-prodotti pproċessati ta' orġini mill-annimali li jinsabu fil-prodott kompost, kif previst fl-Artikolu 4(2) tar-Regolament (KE) Nru 853/2004 u indikat mill-operatur tan-negozju tal-ikel li qed jimporta.
4. L-attestazzjoni privata msemmija fil-paragrafu 1 għandha tattesta li:
 - (a) il-pajjiż terz jew reġjun tiegħu li jipproduċi l-prodott kompost huwa elenkat mill-inqas għal waħda mill-kategoriji ta' prodotti ta' orġini mill-annimali li ġejjin:
 - (i) prodotti tal-laħam;
 - (ii) prodotti tal-ħalib jew prodotti li fihom il-kolostru;
 - (iii) prodotti tas-sajd;
 - (iv) prodotti tal-bajd;
 - (b) l-istabbiliment li jipproduċi l-prodotti komposti jissodisfa standards tal-iġjene rikonoxxuti bħala ekwivalenti għal dawk meħtieġa mir-Regolament (KE) Nru 852/2004;
 - (c) il-prodott kompost ma għandux b'zonn jinħażen jew jiġi trasportat f'temperatura kkontrollata;
 - (d) il-prodotti pproċessati ta' orġini mill-annimali fil-prodott kompost joriġinaw minn pajjiżi terzi jew reġjuni tagħhom awtorizzati li jesportaw kull prodott ipproċessat ta' orġini mill-annimali lejn l-Unjoni, jew mill-Unjoni, u huma akkwistati minn stabbiliment(i) elenkat(i);
 - (e) il-prodotti pproċessati ta' orġini mill-annimali użati fil-prodott kompost sarilhom mill-inqas it-trattament previst għal dawk il-prodotti skont id-Deċizzjoni tal-Kummissjoni 2007/777/KE u r-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 605/2010 b'deskrizzjoni qasira ta' kwalunkwe proċess li sar u tat-temperaturi li ġew applikati lill-prodott.

*Artikolu 15***Dħul fis-seħħ**

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Għandu japplika mill-14 ta' Diċembru 2019. Madankollu, ir-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 12, u fl-Artikolu (14)(1) u (2) se japplikaw mill-21 ta' April 2021.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, l-4 ta' Marzu 2019.

Għall-Kummissjoni

Il-President

Jean-Claude JUNCKER

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2019/626**tal-5 ta' Marzu 2019****li jikkonċerna listi ta' pajjiżi terzi jew reġjuni tagħhom li minnhom hu awtorizzat id-dħul fl-Unjoni Ewropea ta' ċerti annimali u oġġetti maħsuba għall-konsum mill-bniedem, u li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2016/759 fir-rigward ta' dawn il-listi****(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2017/625 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Marzu 2017 dwar il-kontrolli uffiċjali u attivitajiet uffiċjali oħra mwettqa biex jiżguraw l-applikazzjoni tal-liġi tal-ikel u tal-għalf, ta' regoli dwar is-saħħa u t-trattament xieraq tal-annimali, dwar is-saħħa tal-pjanti u dwar prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 999/2001, (KE) Nru 396/2005, (KE) Nru 1069/2009, (KE) Nru 1107/2009, (UE) Nru 1151/2012, (UE) Nru 652/2014, (UE) 2016/429 u (UE) 2016/2031 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1/2005 u (KE) Nru 1099/2009 u d-Direttivi tal-Kunsill 98/58/KE, 1999/74/KE, 2007/43/KE, 2008/119/KE u 2008/120/KE, u li jħassar ir-Regolamenti (KE) Nru 854/2004 u (KE) Nru 882/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, id-Direttivi tal-Kunsill 89/608/KEE, 89/662/KEE, 90/425/KEE, 91/496/KEE, 96/23/KE, 96/93/KE u 97/78/KE u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 92/438/KEE (Regolament dwar il-Kontrolli Uffiċjali) ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 127(2) tagħha,

Wara li kkonsultat il-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel u l-Għalf,

Billi:

- (1) Ir-Regolament (UE) 2017/625 jstabbilixxi regoli għall-kontrolli uffiċjali u attivitajiet ta' kontroll oħra mwettqa mill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri sabiex tiġi vverifikata l-konformità mal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni fil-qasam, fost l-oħrajn, tas-sikurezza tal-ikel f'kull stadju tal-proċess tal-produzzjoni, l-ipproċessar u d-distribuzzjoni. B'mod partikolari, jipprevedi li ċerti annimali u oġġetti jridu jidħlu fl-Unjoni biss minn pajjiż terz jew minn reġjun tiegħu li jidher f'lista mfassla mill-Kummissjoni għal dan il-għan.
- (2) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/625 ⁽²⁾ jissupplimenta r-Regolament (UE) 2017/625 fir-rigward tal-kundizzjonijiet għad-dħul fl-Unjoni ta' kunsinni ta' ċerti annimali u oġġetti maħsuba għall-konsum mill-bniedem minn pajjiżi terzi jew reġjuni tagħhom biex jiġi żgurat li dawn jikkonformaw mar-rekwiżiti rilevanti stabbiliti fir-regoli msemmija fl-Artikolu 1(2)(a) tar-Regolament (UE) 2017/625 (is-sikurezza tal-ikel) jew mar-rekwiżiti rikonnoxxuti li huma tal-inqas ekwivalenti. Dawk il-kundizzjonijiet jinkludu l-identifikazzjoni tal-annimali u l-oġġetti maħsuba għall-konsum mill-bniedem li għalihom japplika r-rekwiżit biex jidħlu minn pajjiż terz jew reġjun tiegħu elenkat skont l-Artikolu 126(2)(a) tar-Regolament (UE) 2017/625.
- (3) Listi ta' pajjiżi terzi jew reġjuni tagħhom għad-dħul fl-Unjoni ta' kunsinni ta' ċerti annimali u oġġetti maħsuba għall-konsum mill-bniedem huma stabbiliti biex jiżguraw il-konformità mar-rekwiżiti tas-sikurezza tal-ikel skont l-Artikolu 11(1) tar-Regolament (KE) Nru 854/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽³⁾, li se jitħassar sal-14 ta' Diċembru 2019 bir-Regolament (UE) 2017/625, u mar-rekwiżiti dwar is-saħħa tal-annimali skont l-Artikolu 8(1) tad-Direttiva tal-Kunsill 2002/99/KE ⁽⁴⁾. Meta l-konformità mar-rekwiżiti tas-saħħa tal-bnedmin kif

⁽¹⁾ ĠUL 95, 7.4.2017, p. 1.

⁽²⁾ Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/625 tal-4 ta' Marzu 2019 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2017/625 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward ta' rekwiżiti għad-dħul fl-Unjoni ta' kunsinni ta' ċerti annimali u oġġetti maħsuba għall-konsum mill-bniedem (ara l-paġna 18 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali).

⁽³⁾ Ir-Regolament (KE) Nru 854/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 li jipprekrivi regoli speċifiċi għall-organizzazzjoni ta' kontrolli uffiċjali fuq prodotti li joriġinaw mill-annimali maħsuba għall-konsum uman (ĠU L 139, 30.4.2004, p. 206).

⁽⁴⁾ Id-Direttiva tal-Kunsill 2002/99/KE tas-16 ta' Diċembru 2002 li tistabbilixxi r-regoli sanitarji għall-annimali u li jiddeterminaw il-produzzjoni, l-ipproċessar, id-distribuzzjoni u l-introduzzjoni ta' prodotti li joriġinaw mill-annimali u li huma għall-konsum uman (ĠUL 18, 23.1.2003, p. 11).

ukoll ma' dawk tal-annimali tqieset li hi neċessarja, ġew stabbiliti listi komuni li jkopru ż-żewġ aspetti mir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/759 ⁽⁵⁾, mir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 206/2010 ⁽⁶⁾, mir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 119/2009 ⁽⁷⁾, mid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2007/777/KE ⁽⁸⁾, mid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2003/779/KE ⁽⁹⁾ u mir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 605/2010 ⁽¹⁰⁾.

- (4) Listi addizzjonali ta' pajjiżi terzi jew reġjuni tagħhom li minnhom hu permess id-dħul fl-Unjoni ta' molluski bivalvi, ekinodermi, tunikati, gastropodi tal-ibħra u prodotti tas-sajd, abbażi ta' kunsiderazzjonijiet ta' saħħa pubblika, huma stabbiliti fid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2006/766/KE ⁽¹¹⁾, adottata skont l-Artikolu 11(1) tar-Regolament (KE) Nru 854/2004.
- (5) Billi r-Regolament (KE) Nru 854/2004 huwa mħassar mir-Regolament (UE) 2017/625 b'effett mill-14 ta' Diċembru 2019 u sabiex ikun hemm att legali wieħed li jiġbor flimkien il-pajjiżi terzi jew reġjuni tagħhom kollha li jeħtieġu jkunu elenkati biex idaħħlu ċerti annimali u oġġetti fis-suq tal-Unjoni mill-perspettiva tal-ikel u tas-sikurezza tal-ikel, huwa xieraq li jiġu stabbiliti listi għal dawk l-annimali u l-oġġetti f'dan ir-Regolament.
- (6) Billi d-diskussjonijiet fil-kuntest tal-implimentazzjoni tar-Regolament (UE) 2016/429 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽¹²⁾ jinsabu għaddejnin dwar ir-rekwiżiti għall-elenkar ta' pajjiżi terzi jew reġjuni tagħhom għad-dħul fl-Unjoni ta' ċerti prodotti ta' oriġini mill-annimali għal raġunijiet ta' saħħa tal-annimali, huwa xieraq ukoll li jiġu pprovduti listi għal dawn il-prodotti ta' oriġini mill-annimali billi jiġu stabbiliti kontroreferenzi għal-listi eżistenti għal raġunijiet ta' saħħa tal-annimali biex tiġi evitata duplikazzjoni tal-listi. Dawn il-listi tfasslu abbażi tar-Regolament (KE) Nru 854/2004 u tad-Direttiva tal-Kunsill 2002/99/KE fuq talba tal-pajjiżi terzi kkonċernati. Sabiex ikunu fuq dawn il-listi, l-awtoritajiet kompetenti tal-pajjiżi terzi pprovdew garanziji xierqa, b'mod partikolari fir-rigward tal-konformità jew tal-ekwivalenza mal-liġi tal-Unjoni dwar l-ikel u l-organizzazzjoni tal-awtoritajiet kompetenti tal-pajjiżi terzi. Għalhekk il-valutazzjoni mill-ġdid tal-konformità ma' dawn il-kundizzjonijiet skont ir-Regolament (UE) 2017/625 mhix neċessarja.
- (7) Huwa xieraq għall-finijiet tar-Regolament (UE) 2017/625, li jinżammu listi relatati mal-ikel u s-sikurezza tal-ikel li jkunu komuni għal-listi eżistenti, stabbiliti għal raġunijiet ta' saħħa tal-annimali u li jinżamm approċċ koordinat billi jiġu elenkati biss pajjiżi terzi u reġjuni tagħhom jekk programm ta' kontroll tar-residwu ġie approvat skont id-Direttiva tal-Kunsill 96/23/KE ⁽¹³⁾, meta applikabbli.
- (8) Ir-Regolament (KE) Nru 853/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽¹⁴⁾ jistabbilixxi rekwiżiti għall-operaturi fin-negozju tal-ikel li jimpurtaw prodotti ta' oriġini mill-annimali u prodotti komposti. B'mod partikolari, jistipula li operaturi fin-negozju tal-ikel li jimpurtaw prodotti ta' oriġini mill-annimali minn pajjiżi terzi jew reġjuni tagħhom iridu jiżguraw li l-pajjiżi terzi li minnu ssir l-ispedizzjoni jkun qiegħed fuq lista ta' pajjiżi terzi li minnhom jistgħu jiġu importati tali prodotti.

⁽⁵⁾ Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/759 tat-28 ta' April 2016 li jfassal listi tal-pajjiżi terzi, il-partijiet ta' pajjiżi terzi u t-territorji li minnhom l-Istati Membri għandhom jawtorizzaw l-introduzzjoni fl-Unjoni ta' ċerti prodotti mill-annimali maħsuba għall-konsum uman, li jistabbilixxi ċertifikati, rekwiżiti u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 2074/2005 u li jħassar id-Deċiżjoni 2003/812/KE (ĠU L 126, 14.5.2016, p. 13).

⁽⁶⁾ Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 206/2010 tat-12 ta' Marzu 2010 li jistabbilixxi listi ta' pajjiżi terzi, territorji jew partijiet minnhom awtorizzati għall-introduzzjoni fl-Unjoni Ewropea ta' annimali partikolari u laħam frisk u r-rekwiżiti relatati maċ-ċertifikazzjoni veterinarja (ĠU L 73, 20.3.2010, p. 1).

⁽⁷⁾ Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 119/2009 tad-9 ta' Frar 2009 li jistabbilixxi lista ta' pajjiżi terzi jew ta' partijiet minnhom, għall-importazzjoni fil-Komunità, jew għat-tranżitu minnha, ta' laħam ta' leporidae selvaġġi, ta' ċerti mammali tal-art selvaġġi u ta' fniek imrobbija fl-irziezet u r-rekwiżiti taċ-ċertifikazzjoni veterinarja (ĠU L 39, 10.2.2009, p. 12).

⁽⁸⁾ Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2007/777/KE tad-29 ta' Novembru 2007 li tistipula l-kundizzjonijiet tas-saħħa tal-annimali u tas-saħħa pubblika kif ukoll il-mudelli taċ-ċertifikati għall-importazzjonijiet ta' ċerti prodotti tal-laħam u tal-istonku, il-bzieċaq tal-awrina u l-imsaren ittrattati għall-konsum mill-bniedem minn pajjiżi terzi u li tirrevoka d-Deċiżjoni 2005/432/KE (ĠU L 312, 30.11.2007, p. 49).

⁽⁹⁾ Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2003/779/KE tal-31 ta' Ottubru 2003 li tniżżel il-kundizzjonijiet meħtieġa tas-saħħa tal-annimali u ċ-ċertifikat veterinarju għall-importazzjoni tal-imsaren tal-annimali mill-pajjiżi terzi (ĠU L 285, 1.11.2003, p. 38).

⁽¹⁰⁾ Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 605/2010 tat-2 ta' Lulju 2010 li jistipula l-kundizzjonijiet tas-saħħa tal-annimali u tas-saħħa pubblika kif ukoll iċ-ċertifikazzjoni veterinarja għall-introduzzjoni fl-Unjoni Ewropea ta' ħalib mhux ipproċessat, prodotti tal-ħalib, kolostru u prodotti li fihom il-kolostru maħsuba għall-konsum mill-bniedem (ĠU L 175, 10.7.2010, p. 1).

⁽¹¹⁾ Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2006/766/KE tas-6 ta' Novembru 2006 li tistabbilixxi l-listi ta' pajjiżi terzi u territorji li minnhom l-importazzjonijiet ta' molluski bivalvi, ekinodermi, tunikati, gastropodi tal-ibħra u prodotti tas-sajd huma permessi (ĠU L 320, 18.11.2006, p. 53).

⁽¹²⁾ Ir-Regolament (UE) 2016/429 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Marzu 2016 dwar il-mard trasmissibbli tal-annimali u li jemenda u jħassar ċerti atti fil-qasam tas-saħħa tal-annimali ("Liġi dwar is-Saħħa tal-Annimali") (ĠU L 84, 31.3.2016, p. 1).

⁽¹³⁾ Id-Direttiva tal-Kunsill 96/23/KE tad-29 ta' April 1996 dwar miżuri għall-monitoraġġ ta' ċerti sustanzi u residwi tagħhom f'annimali ħajjin u prodotti tal-annimali u li tħassar id-Direttivi 85/358/KEE u 86/469/KEE u d-Deċiżjonijiet 89/187/KEE u 91/664/KEE (ĠU L 125, 23.5.1996, p. 10).

⁽¹⁴⁾ Ir-Regolament (KE) Nru 853/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 li jistabbilixxi ċerti regoli speċifiċi ta' iġjene għall-ikel li joriġina mill-annimali (ĠU L 139, 30.4.2004, p. 55).

- (9) Il-miżuri tranżizzjonali li jipprevedu derogi mill-kundizzjonijiet tal-importazzjoni stabbiliti fir-Regolament (KE) Nru 853/2004 u li japplikaw għal ċerti prodotti ta' oriġini mill-annimali huma previsti fir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2017/185 ⁽¹⁵⁾, u japplikaw sal-31 ta' Diċembru 2020.
- (10) Għaldaqstant, iridu jiġu stabbiliti listi addizzjonali ta' pajjiżi terzi jew reġjuni tagħhom mhux aktar tard minn qabel ma jiskadu l-miżuri tranżizzjonali stabbiliti fir-Regolament (UE) 2017/185 biex tiġi evitata interruzzjoni tad-dħul fl-Unjoni ta' kunsinni ta' daww il-prodotti ta' oriġini mill-annimali. Jenħtieġ li jiġu stabbiliti listi b'mod partikolari għal grass tal-annimali mdewweb u qrieqeċ, laħam tar-rettili, insetti u budellat.
- (11) L-ikel li jikkonsisti, huwa iżolat jew prodott minn insetti jew partijiet tagħhom, inklużi insetti ħajjin, huwa soġġett għal awtorizzazzjoni tal-ikel ġdid skont ir-Regolament (UE) 2015/2283 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽¹⁶⁾. Huwa xieraq li tiġi stabbilita lista separata għal dawn il-gruppi ta' prodotti.
- (12) Huwa neċessarju li qabel it-tmiem tal-miżuri tranżizzjonali previsti fir-Regolament (UE) 2017/185 tiġi stabbilita lista ta' prodotti ta' oriġini mill-annimali minbarra daww li għalihom ġew stabbiliti listi speċifiċi f'dan ir-Regolament biex jiġi evitat it-tfixkil tad-dħul fl-Unjoni ta' prodotti attwalment importati ta' oriġini mill-annimali, li huma essenzjali għall-operaturi tan-negozji tal-ikel Ewropej.
- (13) Il-miżuri tranżizzjonali stabbiliti fir-Regolament (UE) 2017/185 għal ċerti prodotti ta' oriġini mill-annimali u prodotti komposti ġew introdotti għaliex jirrappreżentaw riskju baxx għas-saħħa tal-bniedem minħabba l-kwantitajiet baxxi ħafna kkunsmati jew għax il-manifattura tal-prodotti teskludi l-biċċa l-kbira tar-riskju għas-saħħa tal-bniedem. Għalhekk huwa sproporzjonat li jintalbu l-evidenza u l-garanziji kollha minn pajjiżi terzi skont l-Artikolu 127(3) tar-Regolament (UE) 2017/625 u l-Artikolu 4 tar-Regolament Delegat (UE) 2019/625.
- (14) Il-listi jenħtieġ li jiġu stipulati f'dan ir-Regolament u jitħassru mir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2016/759 u d-Deċiżjoni 2006/766/KE. Għalhekk, ir-Regolament (UE) 2016/759 jenħtieġ li jiġi emendat kif xieraq u d-Deċiżjoni 2006/766/KE jenħtieġ li titħassar.
- (15) Billi r-Regolament (UE) 2017/625 japplika b'effett mill-14 ta' Diċembru 2019, jenħtieġ li dan ir-Regolament japplika wkoll minn dik id-data.
- (16) Il-listi ta' pajjiżi terzi jew reġjuni tagħhom li minnhom huwa permess, abbażi tal-istatus tas-saħħa tal-annimali tagħhom, id-dħul fl-Unjoni ta' kunsinni ta' budellat, se jiġu stabbilita biss mill-21 ta' April 2021 skont ir-Regolament (UE) 2016/429. Huwa xieraq li l-lista ta' pajjiżi terzi jew reġjuni tagħhom li minnhom huwa permess id-dħul fl-Unjoni ta' kunsinni ta' budellat għall-konsum mill-bniedem tapplika biss mill-istess data 'l quddiem. Għalhekk il-miżuri tranżizzjonali li jipprovdu derogi rigward ir-ekwiżiti tas-saħħa pubblika għad-dħul fl-Unjoni ta' kunsinni ta' budellat jenħtieġ li jiġu estiżi sal-20 ta' April 2021.
- (17) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel u l-Għalf,

ADOPTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Suġġett u kamp ta' applikazzjoni

Dan ir-Regolament jikkonċerna l-listi ta' pajjiżi terzi jew reġjuni tagħhom li minnhom għandhom jiġu awtorizzati l-kunsinni ta' ċerti annimali u oġġetti maħsuba għall-konsum mill-bniedem għad-dħul fl-Unjoni mill-perspettiva tas-sikurezza tal-ikel skont l-Artikolu 126(2)(a) tar-Regolament (UE) 2017/625.

⁽¹⁵⁾ Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2017/185 tat-2 ta' Frar 2017 li jstabilixxi miżuri tranżizzjonali għall-applikazzjoni ta' ċerti dispożizzjonijiet tar-Regolamenti (KE) Nru 853/2004 u (KE) Nru 854/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 29, 3.2.2017, p. 21).

⁽¹⁶⁾ Ir-Regolament (UE) 2015/2283 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Novembru 2015 dwar ikel ġdid, li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1169/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 258/97 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1852/2001 (ĠU L 327, 11.12.2015, p. 1).

Artikolu 2

Definizzjonijiet

Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

- (1) “laħam frisk” tfisser laħam frisk kif definit fil-punt 1.10 tal-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 853/2004;
- (2) “preparati tal-laħam” tfisser preparati tal-laħam kif definiti fil-punt 1.15 tal-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 853/2004;
- (3) “laħam” tfisser laħam kif definit fil-punt 1.1 tal-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 853/2004;
- (4) “pollam” tfisser pollam kif definit fil-punt 1.3 tal-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 853/2004;
- (5) “kaċċa selvaġġa” tfisser kaċċa selvaġġa kif definita fil-punt 1.5 tal-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 853/2004;
- (6) “bajd” tfisser bajd kif definiti fil-punt 5.1 tal-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 853/2004;
- (7) “prodotti mill-bajd” tfisser prodotti mill-bajd kif definiti fil-punt 7.3 tal-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 853/2004;
- (8) “prodotti tal-laħam” tfisser prodotti tal-laħam kif definiti fil-punt 7.1 tal-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 853/2004;
- (9) “Stonkijiet, vexxiki u intestini trattati” tfisser stonkijiet, vexxiki u intestini trattati kif definiti fil-punt 7.9 tal-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 853/2004;
- (10) “molluski bivalvi” tfisser molluski bivalvi kif definiti fil-punt 2.1 tal-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 853/2004;
- (11) “prodotti tas-sajd” tfisser prodotti tas-sajd kif definiti fil-punt 3.1 tal-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 853/2004;
- (12) “ħalib mhux ipproċessat” tfisser ħalib nej kif definit fil-punt 4.1 tal-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 853/2004;
- (13) “prodotti mill-ħalib” tfisser prodotti mill-ħalib kif definiti fil-punt 7.2 tal-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 853/2004;
- (14) “kolostru” tfisser kolostru kif definit fil-punt 1 tat-Taqsima IX tal-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 853/2004;
- (15) “prodotti li fihom il-kolostru” tfisser prodotti li fihom il-kolostru kif definiti fil-punt 2 tat-Taqsima IX tal-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 853/2004;
- (16) “saqajn taż-żrinġijiet” tfisser saqajn taż-żrinġijiet kif definiti fil-punt 6.1 tal-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 853/2004;
- (17) “bebbux” tfisser bebbux kif definit fil-punt 6.2 tal-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 853/2004;
- (18) “grass tal-annimali mdewweb” tfisser grass tal-annimali mdewweb kif definit fil-punt 7.5 tal-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 853/2004;
- (19) “qrieqeċ” tfisser qrieqeċ kif definiti fil-punt 7.6 tal-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 853/2004;
- (20) “ġelatina” tfisser ġelatina kif definita fil-punt 7.7 tal-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 853/2004;
- (21) “kollaġen” tfisser kollaġni kif definita fil-punt 7.8 tal-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 853/2004;
- (22) “għasel” tfisser għasel kif definit fil-punt 1 tal-Parti IX tal-Anness II tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽¹⁷⁾;
- (23) “prodotti tal-apikultura” tfisser prodotti tal-apikultura kif definiti fil-punt 2 tal-Parti IX tal-Anness II tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013;
- (24) “laħam tar-rettili” tfisser laħam tar-rettili kif definit fil-punt (16) tal-Artikolu 2 tar-Regolament (UE) 2019/625;
- (25) “insetti” tfisser insetti kif definiti fil-punt (17) tal-Artikolu 2 tar-Regolament (UE) 2019/625.

⁽¹⁷⁾ Ir-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni tas-swieq fi prodotti agrikoli u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 922/72, (KEE) Nru 234/79, (KE) Nru 1037/2001 u (KE) Nru 1234/2007 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 671).

*Artikolu 3***Lista ta' pajjiżi terzi jew reġjuni tagħhom li minnhom hu awtorizzat id-dħul fl-Unjoni ta' laħam frisk u preparati tal-laħam tal-ungulati**

Il-kunsinni ta' laħam frisk u preparati tal-laħam tal-ungulati maħsuba għall-konsum mill-bniedem għandhom jiġu awtorizzati għad-dħul fl-Unjoni biss jekk jiġu minn pajjiżi terzi jew reġjuni tagħhom li minnhom hija awtorizzata l-importazzjoni fl-Unjoni skont il-punt (a) tal-Artikolu 14 tar-Regolament (UE) Nru 206/2010.

*Artikolu 4***Lista ta' pajjiżi terzi jew reġjuni tagħhom li minnhom hu awtorizzat id-dħul fl-Unjoni ta' laħam ta' pollam, ratiti u għasafar tal-kaċċa salvaġġa, preparati tal-laħam tal-pollam, bajd u prodotti tal-bajd**

Il-kunsinni ta' pollam, ratiti u għasafar tal-kaċċa salvaġġa, preparati tal-laħam tal-pollam, bajd u prodotti tal-bajd maħsuba għall-konsum mill-bniedem għandhom jiġu awtorizzati għad-dħul fl-Unjoni biss jekk jiġu minn pajjiżi terzi jew reġjuni tagħhom li minnhom hi awtorizzata l-importazzjoni fl-Unjoni skont l-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 798/2008 ⁽¹⁸⁾.

*Artikolu 5***Lista ta' pajjiżi terzi jew reġjuni tagħhom li minnhom hu awtorizzat id-dħul fl-Unjoni ta' laħam ta' leporidae salvaġġi, ta' mammali salvaġġi tal-art minbarra unġulati u leporidae u ta' fniek imrobbija fl-irziezet**

Il-kunsinni ta' laħam leporidae salvaġġi, ta' mammali salvaġġi tal-art minbarra unġulati u leporidae u ta' fniek imrobbija fl-irziezet maħsuba għall-konsum mill-bniedem għandhom jiġu awtorizzati għad-dħul fl-Unjoni biss jekk jiġu minn pajjiżi terzi jew reġjuni tagħhom li minnhom hija awtorizzata l-importazzjoni fl-Unjoni skont l-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 119/2009.

*Artikolu 6***Lista ta' pajjiżi terzi jew reġjuni tagħhom li minnhom hu awtorizzat id-dħul fl-Unjoni ta' prodotti tal-laħam u tal-istonkijiet, tal-vexxiki u tal-intestini trattati minbarra budellat**

Il-kunsinni ta' prodotti tal-laħam u tal-istonku, bzieċaq tal-awrina u msaren trattati, minbarra budellat, maħsuba għall-konsum mill-bniedem għandhom jiġu awtorizzati għad-dħul fl-Unjoni biss jekk jiġu minn pajjiżi terzi jew reġjuni tagħhom li minnhom hija awtorizzata l-importazzjoni fl-Unjoni skont il-punt (b) tal-Artikolu 3 tad-Deċiżjoni 2007/777/KE.

Madankollu, il-kunsinni tal-biltong/jerky u tal-prodotti tal-laħam pasturizzati maħsuba għall-konsum mill-bniedem għandhom jiġu awtorizzati għad-dħul fl-Unjoni biss jekk jiġu minn pajjiżi terzi jew reġjuni tagħhom li minnhom hija awtorizzata l-importazzjoni fl-Unjoni skont il-Parti 3 tal-Anness II tad-Deċiżjoni 2007/777/KE.

*Artikolu 7***Pajjiżi terzi jew reġjuni tagħhom li minnhom hu awtorizzat id-dħul fl-Unjoni ta' budellat**

Il-kunsinni ta' budellat maħsuba għall-konsum mill-bniedem għandhom jiġu awtorizzati għad-dħul fl-Unjoni biss jekk jiġu minn pajjiżi terzi jew reġjuni tagħhom li minnhom hija awtorizzata l-importazzjoni fl-Unjoni skont l-Artikolu 1 tad-Deċiżjoni 2003/779/KE.

⁽¹⁸⁾ Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 798/2008 tat-8 ta' Awwissu 2008 li jistabbilixxi lista ta' pajjiżi terzi, territorji, żoni jew kumpartimenti li minnhom jistgħu jiġu impurtati u jsir tranżitu ta' tjur u prodotti tat-tjur fil-Komunità u r-rekwiżiti ta' ċertifikazzjoni veterinarja (ĠUL 226, 23.8.2008, p. 1)

*Artikolu 8***Lista ta' pajjiżi terzi jew reġjuni tagħhom li minnhom hu awtorizzat id-dħul fl-Unjoni ta' molluski bivalvi, ekinodermi, tunikati u gasteropodi tal-baħar ħajjin, imkessħa, iffriżati jew ipproċessati**

Il-kunsinni ta' molluski bivalvi, ekinodermi, tunikati u gasteropodi tal-baħar ħajjin, imkessħa, iffriżati jew ipproċessati maħsuba għall-konsum mill-bniedem għandhom jiġu awtorizzati għad-dħul fl-Unjoni biss jekk jiġu minn pajjiżi terzi jew reġjuni tagħhom li huma elenkati fl-Anness I. Madankollu, id-dħul fl-Unjoni ta' muskoli addutturi tal-pectinidae minbarra l-animali tal-akkwakultura, isseparati mill-vixxi u mill-gonadi, għandu jiġi permess ukoll minn pajjiżi terzi li ma jidhrux fuq tali lista.

*Artikolu 9***Lista ta' pajjiżi terzi jew reġjuni tagħhom li minnhom hu awtorizzat id-dħul fl-Unjoni ta' prodotti tas-sajd minbarra dawk imsemmija fl-Artikolu 8**

Il-kunsinni ta' prodotti tas-sajd minbarra dawk imsemmija fl-Artikolu 8 maħsuba għall-konsum mill-bniedem għandhom jiġu awtorizzati għad-dħul fl-Unjoni biss jekk jiġu minn pajjiżi terzi jew reġjuni tagħhom li huma elenkati fl-Anness II.

*Artikolu 10***Lista ta' pajjiżi terzi jew reġjuni tagħhom li minnhom hu awtorizzat id-dħul fl-Unjoni ta' kunsinni ta' ħalib mhux ipproċessat, kolostru, prodotti tal-ħalib u prodotti li fihom il-kolostru**

Il-kunsinni ta' ħalib mhux ipproċessat, kolostru, prodotti tal-ħalib u prodotti li fihom il-kolostru maħsuba għall-konsum mill-bniedem għandhom jiġu awtorizzati għad-dħul fl-Unjoni biss jekk jiġu minn pajjiżi terzi jew reġjuni tagħhom li minnhom hija awtorizzata l-importazzjoni fl-Unjoni skont l-Artikolu 2 tar-Regolament (UE) Nru 605/2010.

*Artikolu 11***Lista ta' pajjiżi terzi jew reġjuni tagħhom li minnhom hu awtorizzat id-dħul fl-Unjoni ta' saqajn taż-żrinġijiet**

Il-kunsinni ta' saqajn taż-żrinġijiet maħsuba għall-konsum mill-bniedem għandhom jiġu awtorizzati għad-dħul fl-Unjoni biss jekk jiġu minn pajjiżi terzi jew reġjuni tagħhom li huma elenkati fl-Anness III.

*Artikolu 12***Lista ta' pajjiżi terzi jew reġjuni tagħhom li minnhom hu awtorizzat id-dħul fl-Unjoni ta' bebbux, ippreparat skont is-Sezzjoni XI tal-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 853/2004**

Il-kunsinni ta' bebbux, ippreparat skont is-Sezzjoni XI tal-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 853/2004 maħsuba għall-konsum mill-bniedem għandhom jiġu awtorizzati għad-dħul fl-Unjoni biss jekk jiġu minn pajjiżi terzi jew reġjuni tagħhom li huma elenkati fl-Anness III ta' dan ir-Regolament.

*Artikolu 13***Lista ta' pajjiżi terzi jew reġjuni tagħhom li minnhom hu awtorizzat id-dħul fl-Unjoni ta' grass tal-animali mdewweb u qrieqeċ**

Il-kunsinni ta' grass tal-animali mdewweb u qrieqeċ maħsuba għall-konsum mill-bniedem għandhom jiġu awtorizzati għad-dħul fl-Unjoni biss jekk jiġu minn pajjiżi terzi jew minn reġjuni tagħhom li minnhom hi awtorizzata l-importazzjoni fl-Unjoni ta' kunsinni ta' prodotti tal-laħam skont il-punt (b)(i) tal-Artikolu 3 tad-Deċiżjoni 2007/777/KE.

*Artikolu 14***Lista ta' pajjiżi terzi jew reġjuni tagħhom li minnhom hu awtorizzat id-dħul fl-Unjoni ta' ġelatina u kollaġen**

1. Il-kunsinni ta' ġelatina u kollaġen derivati minn annimali bovini, ovini, kaprini u porċini u ekwini maħsuba għall-konsum mill-bniedem għandhom jiġu awtorizzati għad-dħul fl-Unjoni biss jekk jiġu minn pajjiżi terzi jew minn reġjuni tagħhom li minnhom hi awtorizzata l-importazzjoni fl-Unjoni ta' laħam frisk tal-ungulati speċifiċi skont il-punt (a) tal-Artikolu 14 tar-Regolament (UE) Nru 206/2010, jew mill-Korea t'Isfel, mill-Malasja, mill-Pakistan jew mit-Tajwan.
2. Il-kunsinni ta' ġelatina u kollaġen derivati minn pollam maħsuba għall-konsum mill-bniedem għandhom jiġu awtorizzati għad-dħul fl-Unjoni biss jekk jiġu minn pajjiżi terzi jew reġjuni tagħhom elenkati fil-kolonna 1 tat-tabella fil-Parti 1 tal-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 798/2008 li minnhom huma awtorizzati l-importazzjonijiet ta' laħam tal-pollam tal-ispeċijiet rispettivi kif speċifikat f'dik il-parti ta' dak l-Anness jew mit-Tajwan.
3. Il-kunsinni ta' ġelatina u kollaġen derivati minn prodotti tas-sajd maħsuba għall-konsum mill-bniedem għandhom jiġu awtorizzati għad-dħul fl-Unjoni biss jekk dawn jiġu minn pajjiżi terzi jew reġjuni tagħhom li huma elenkati fl-Anness II.
4. Il-kunsinni ta' ġelatina u kollaġen derivati minn leporidae u minn mammali selvaġġi tal-art minbarra unġulati maħsuba għall-konsum mill-bniedem għandhom jiġu awtorizzati għad-dħul fl-Unjoni biss jekk dawn jiġu minn pajjiżi terzi jew reġjuni tagħhom elenkati fil-kolonna 1 tat-tabella fil-Parti 1 tal-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 119/2009.

*Artikolu 15***Lista ta' pajjiżi terzi jew reġjuni tagħhom li minnhom hu awtorizzat id-dħul fl-Unjoni ta' materja prima għall-produzzjoni tal-ġelatina u tal-kollaġen**

1. Il-kunsinni ta' materja prima għall-produzzjoni tal-ġelatina jew tal-kollaġen derivati minn annimali bovini, ovini, kaprini u porċini u ekwini maħsuba għall-konsum mill-bniedem għandhom jiġu awtorizzati għad-dħul fl-Unjoni biss jekk dawn jiġu minn pajjiżi terzi jew reġjuni tagħhom li minnhom hi awtorizzata l-importazzjoni ta' laħam frisk tal-ungulati speċifiċi fl-Unjoni skont il-punt (a) tal-Artikolu 14 tar-Regolament (UE) Nru 206/2010.
2. Il-kunsinni ta' materja prima għall-produzzjoni tal-ġelatina u tal-kollaġen derivati minn pollam maħsuba għall-konsum mill-bniedem għandhom jiġu awtorizzati għad-dħul fl-Unjoni biss jekk dawn jiġu minn pajjiżi terzi jew reġjuni tagħhom elenkati fil-Parti 1 tal-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 798/2008 li minnhom huma awtorizzati l-importazzjonijiet ta' laħam tal-pollam tal-ispeċijiet rispettivi kif speċifikat f'dik il-parti ta' dak l-Anness.
3. Il-kunsinni ta' materja prima għall-produzzjoni tal-ġelatina u tal-kollaġen derivati minn prodotti tas-sajd maħsuba għall-konsum mill-bniedem għandhom jiġu awtorizzati għad-dħul fl-Unjoni biss jekk dawn jiġu minn pajjiżi terzi jew reġjuni tagħhom li huma elenkati fl-Anness II.
4. Il-kunsinni ta' materja prima għall-produzzjoni tal-ġelatina u tal-kollaġen derivati minn leporidae u minn mammali selvaġġi tal-art minbarra unġulati maħsuba għall-konsum mill-bniedem għandhom jiġu awtorizzati għad-dħul fl-Unjoni biss jekk dawn jiġu minn pajjiżi terzi jew reġjuni tagħhom elenkati fil-kolonna 1 tat-tabella fil-Parti 1 tal-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 119/2009.

*Artikolu 16***Lista ta' pajjiżi terzi jew reġjuni tagħhom li minnhom hu awtorizzat id-dħul fl-Unjoni ta' materja prima ttrattata għall-produzzjoni tal-ġelatina u tal-kollaġen**

1. Il-kunsinni ta' materja prima ttrattata għall-produzzjoni tal-ġelatina u tal-kollaġen derivati minn annimali bovini, ovini, kaprini u porċini u ekwini maħsuba għall-konsum mill-bniedem għandhom jiġu awtorizzati għad-dħul fl-Unjoni biss jekk dawn jiġu minn pajjiżi terzi elenkati fil-kolonna 1 tat-tabella fil-Parti 1 tal-Anness II tar-Regolament (UE) Nru 206/2010, jew mill-Korea t'Isfel, mill-Malasja, mill-Pakistan jew mit-Tajwan.

2. Il-kunsinni ta' materja prima trattata għall-produzzjoni tal-ġelatina u tal-kollaġen derivati minn pollam maħsuba għall-konsum mill-bniedem għandhom jiġu awtorizzati għad-dħul fl-Unjoni biss jekk dawn jiġu mill-pajjiżi terzi elenkati fil-kolonna 1 tat-tabella fil-Parti 1 tal-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 798/2008 jew mit-Tajwan.
3. Il-kunsinni ta' materja prima trattata għall-produzzjoni tal-ġelatina u tal-kollaġen derivati minn prodotti tas-sajd maħsuba għall-konsum mill-bniedem għandhom jiġu awtorizzati għad-dħul fl-Unjoni biss jekk dawn jiġu minn pajjiżi terzi jew reġjuni tagħhom li huma elenkati fl-Anness II.
4. Il-kunsinni ta' materja prima trattata għall-produzzjoni tal-ġelatina u tal-kollaġen derivati minn leporidae u minn mammali selvaġġi tal-art minbarra unġulati maħsuba għall-konsum mill-bniedem għandhom jiġu awtorizzati għad-dħul fl-Unjoni biss jekk dawn jiġu minn pajjiżi terzi jew reġjuni tagħhom elenkati fil-kolonna 1 tat-tabella fil-Parti 1 tal-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 119/2009.
5. Il-kunsinni ta' materja prima trattata għall-produzzjoni tal-ġelatina u kollaġni msemmija fil-punt 4(b)(iii) tal-Kapitolu I tat-Taqsima XIV tal-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 853/2004, għandhom jiġu awtorizzati għad-dħul fl-Unjoni biss jekk dawn jiġu minn pajjiżi terzi jew reġjuni tagħhom li minnhom hu awtorizzat id-dħul ta' materja prima derivata minn dawk il-komoditajiet skont l-Artikolu 15 ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 17

Lista ta' pajjiżi terzi li minnhom hu awtorizzat id-dħul fl-Unjoni ta' għasel u prodotti tal-apikultura oħra

Il-kunsinni ta' għasel u prodotti tal-apikultura oħra maħsuba għall-konsum mill-bniedem għandhom jiġu awtorizzati għad-dħul fl-Unjoni biss jekk jiġu mill-pajjiżi terzi elenkati fil-kolonna "Pajjiż" fl-Anness tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2011/163/UE ⁽¹⁹⁾ u mmarkati b'"X" fil-kolonna "Għasel" f'dak l-Anness.

Artikolu 18

Lista ta' pajjiżi terzi jew reġjuni tagħhom li minnhom hu awtorizzat id-dħul fl-Unjoni ta' ċerti prodotti raffinati ħafna

Il-kunsinni ta' sulfat tal-kondrojtina, aċidu jaluroniku, prodotti oħrajn tal-qarquċa idrolizzata, kitosan, glukosamina, tames, isinglass u aċidi amminiċi maħsuba għall-konsum mill-bniedem għandhom jiġu awtorizzati għad-dħul fl-Unjoni biss jekk jiġu mill-pajjiżi terzi jew mir-reġjuni tagħhom li ġejjin:

1. fil-każ tal-materja prima derivata mill-ungulati, il-pajjiżi terzi elenkati fil-kolonna 1 tat-tabella fil-Parti 1 tal-Anness II tar-Regolament (UE) Nru 206/2010, jew mill-Korea t'Isfel, mill-Malasja, mill-Pakistan jew mit-Tajwan;
2. fil-każ tal-materja prima derivata mill-prodotti tas-sajd, il-pajjiżi terzi jew ir-reġjuni tagħhom kollha li huma elenkati fl-Anness II;
3. fil-każ tal-materja prima derivata mill-pollam, il-pajjiżi terzi jew it-territorji elenkati fil-kolonna 1 tat-tabella fil-Parti 1 tal-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 798/2008.

Artikolu 19

Lista ta' pajjiżi terzi li minnhom hu awtorizzat id-dħul fl-Unjoni ta' laħam tar-rettili

Il-kunsinni ta' laħam tar-rettili maħsub għall-konsum mill-bniedem għandhom jiġu awtorizzati għad-dħul fl-Unjoni biss jekk jiġu mill-Iżvizzera ⁽²⁰⁾, mill-Botswana, mill-Vjetnam, mill-Afrika t'Isfel jew miż-Zimbabwe.

⁽¹⁹⁾ Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2011/163/UE tas-16 ta' Marzu 2011 dwar l-approvazzjoni tal-pjanijiet sottomessi mill-pajjiżi terzi skont l-Artikolu 29 tad-Direttiva tal-Kunsill 96/23/KE (ĠU L 70, 17.3.2011, p. 40).

⁽²⁰⁾ B'konformità mal-Ftehim tal-21 ta' Ġunju 1999 bejn il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar kummerċ fi prodotti agrikoli (ĠU L 114, 30.4.2002, p. 132).

*Artikolu 20***Pajjiżi terzi jew reġjuni tagħhom li minnhom hu awtorizzat id-dħul fl-Unjoni tal-insetti**

Il-kunsinni ta' insetti maħsuba għall-konsum mill-bniedem għandhom jiġu awtorizzati għad-dħul fl-Unjoni biss jekk tali ikel ikun joriġina u jiġi kunsinnat minn pajjiżi terzi jew reġjuni tiegħu li minnu jkunu ġew awtorizzati l-insetti skont ir-Regolament (UE) 2015/2283 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u elenkat fir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/2470 ⁽²¹⁾.

*Artikolu 21***Lista ta' pajjiżi terzi jew reġjuni tagħhom li minnhom hu awtorizzat id-dħul fl-Unjoni ta' prodotti oħra ta' oriġini mill-annimali**

Il-kunsinni ta' prodotti ta' oriġini mill-annimali minbarra daww imsemmija fl-Artikoli 3 sa 20 maħsuba għall-konsum mill-bniedem għandhom jiġu awtorizzati għad-dħul fl-Unjoni biss jekk jiġu mill-pajjiżi terzi jew mir-reġjuni tagħhom li ġejjin:

1. jekk derivati mill-ungulati, il-pajjiżi terzi elenkati fil-kolonna 1 tat-tabella fil-Parti 1 tal-Anness II tar-Regolament (UE) Nru 206/2010, jew mill-Korea t'Isfel, mill-Malasja, mill-Pakistan jew mit-Tajwan;
2. jekk derivati mill-pollam, il-pajjiżi terzi elenkati fil-kolonna 1 tat-tabella fil-Parti 1 tal-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 798/2008 jew mit-Tajwan;
3. jekk derivati mill-prodotti tas-sajd, il-pajjiżi terzi jew ir-reġjuni tagħhom elenkati fl-Anness II;
4. jekk derivati minn leporidae u minn mammali salvaġġi tal-art minbarra unġulati, il-pajjiżi terzi jew ir-reġjuni tagħhom elenkati fil-kolonna 1 tat-tabella fil-Parti 1 tal-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 119/2009;
5. jekk derivati minn speċijiet differenti, il-pajjiżi terzi jew ir-reġjuni tagħhom elenkati fil-punti 1 sa 4 ta' dan l-Artikolu għal kull prodott li joriġina mill-annimali.

*Artikolu 22***Emendi fir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2016/759**

Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2016/759 huwa emendat kif ġej:

1. L-Artikolu 1 jitħassar;
2. L-Anness I jitħassar.

*Artikolu 23***Tħassir**

Id-Deċiżjoni 2006/766/KE titħassar. Ir-referenzi għad-Deċiżjoni 2006/766/KE għandhom jinftiehem bħala referenzi għal dan ir-Regolament u jinqraw skont it-tabella ta' korrelazzjoni stabbilita fl-Anness IV ta' dan ir-Regolament.

*Artikolu 24***Dispożizzjonijiet tranżizzjonali**

Sal-20 ta' April 2021, l-Istati Membri għandhom ikomplu jippermettu d-dħul fit-territorju tagħhom ta' kunsinni ta' budellat imsemmija fl-Artikolu 7 minn pajjiżi terzi jew reġjuni tagħhom li minnhom hi awtorizzata l-importazzjoni fl-Unjoni ta' tali kunsinni skont l-Artikolu 1 tad-Deċiżjoni 2003/779/KE.

⁽²¹⁾ Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/2470 tal-20 ta' Diċembru 2017 li jistabbilixxi l-lista tal-Unjoni tal-ikel ġdid skont ir-Regolament (UE) 2015/2283 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ikel ġdid (ĠUL 351, 30.12.2017, p. 72).

*Artikolu 25***Dħul fis-seħħ u applikazzjoni**

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Għandu japplika mill-14 ta' Diċembru 2019.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, il-5 ta' Marzu 2019.

Għall-Kummissjoni

Il-President

Jean-Claude JUNCKER

ANNEX I

LISTA TA' PAJJIŻI TERZI JEW REĠJUNI TAGĦHOM LI MINNHOM HUWA PERMESS ID-DĦUL FL-UNJONI TA' MOLLUSKI BIVALVI, EKINODERMI, TUNIKATI U GASTEROPODI TAL-BAĦAR ĦAJJIN, IMKESSĦA, IFFRIŻATI JEW IPPROĊESSATI GĦALL-KONSUM MILL-BNIEDEM ⁽¹⁾

KODIĊI ISO TAL-PAJJIŻ	PAJJIŻ TERZ JEW REĠJUNI TIEGĦU	RIMARKI
AU	L-Awstralja	
CA	Il-Kanada	
CH	L-Iżvizzera ⁽²⁾	
CL	Iċ-Ċili	
GL	Greenland	
JM	Il-Ġamajka	Il-gasteropodi tal-baħar biss
JP	Il-Ġappun	Il-molluski bivalvi, l-ekinodermi, it-tunikati u l-gasteropodi tal-baħar iffriżati u pproċessati biss
KR	Il-Korea t'Isfel	Il-molluski bivalvi, l-ekinodermi, it-tunikati u l-gasteropodi tal-baħar iffriżati u pproċessati biss
MA	Il-Marokk	Il-molluski bivalvi pproċessati li jagħmlu parti mill-ispeċi <i>Acanthocardia tuberculatum</i> iridu jiġu akkumpanjati minn: (a) attestazzjoni tas-saħħa addizzjonali skont il-mudell stabbilit fil-Parti B tal-Appendiċi V tal-Anness VI tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2074/2005 (ĠU L 338, 22.12.2005, p. 27); u (b) ir-riżultati analitiċi tat-test li juri li l-molluski ma fihomx livell ta' tossina paralizzanti tal-muskoli (PSP) li jista' jiġi identifikat permezz tal-metodu bijoassaġġ.
NZ	New Zealand	
PE	Il-Perù	Il-Pectinidae (arzell) evixxerati li joriġinaw mill-akkwakultura biss
TH	It-Tajlandja	Il-molluski bivalvi, l-ekinodermi, it-tunikati u l-gasteropodi tal-baħar iffriżati u pproċessati biss
TN	It-Tuneżija	
TR	It-Turkija	
US	L-Istati Uniti tal-Amerka	L-awtoritjiet tal-Istat ta' Washington u Massachusetts
UY	L-Urugwaj	
VN	Il-Vjetnam	Il-molluski bivalvi, l-ekinodermi, it-tunikati u l-gasteropodi tal-baħar iffriżati u pproċessati biss

⁽¹⁾ Inklużi dawk koperti mid-definizzjoni ta' prodotti tas-sajd fil-punt 3.1, tal-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 853/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 139, 30.4.2004, p. 55).

⁽²⁾ B'konformità mal-Ftehim tal-21 ta' Ġunju 1999 bejn il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar kummerċ fi prodotti agrikoli (ĠU L 114, 30.4.2002, p. 132).

ANNEX II

**IL-LISTA TA' PAJJIŻI TERZI JEW REĠJUNI TAGĦHOM LI MINNHOM HUWA PERMESS ID-DĦUL FL-UNJONI
TA' PRODOTTI TAS-SAJD, ĦLIEF DAWK KOPERTI MILL-ANNEX I**

KODIĊI ISO TAL-PAJJIŻ	PAJJIŻ TERZ JEW REĠJUNI TIEGĦU	RESTRIZZJONIJET
AE	L-Emirati Għarab Magħquda	
AG	Antigua u Barbuda	L-awwisti ħajjin biss
AL	L-Albanija	
AM	L-Armenja	Iċ-ċkal selvaġġ ħaj, iċ-ċkal mhux imrobbi li huwa pproċessat bis-sħana u ċ-ċkal mhux imrobbi li jkun iffriżat biss
AO	L-Angola	
AR	L-Arġentina	
AU	L-Awstralja	
AZ	L-Ażerbajġan	Il-kavjar biss
BA	Il-Bożnija-Herzegovina	
BD	Il-Banġladesh	
BJ	Il-Benin	
BN	Il-Brunei	Prodotti tal-akkwakultura biss
BR	Il-Brażil	
BQ	Bonaire, Sint Eustatius, Saba	
BS	Il-Bahamas	
BY	Il-Belarusja	
BZ	Il-Belize	
CA	Il-Kanada	
CG	Il-Kongo	Il-prodotti tas-sajd biss li jkunu maqbuda, imnaddfa u msew-wija (fejn xieraq), iffriżati u ppakkjati fl-imballaġġ finali tagħhom fil-baħar
CH	L-Iżvizzera ⁽¹⁾	
CI	Il-Kosta tal-Avorju	
CL	Iċ-Ċili	
CN	Iċ-Ċina	
CO	Il-Kolombja	
CR	Il-Costa Rica	
CU	Kuba	
CV	Cape Verde	

KODIĊI ISO TAL-PAJJIŻ	PAJJIŻ TERZ JEW REĠJUNI TIEGĦU	RESTRIZZJONIJIET
CW	Curaçao	
DZ	L-Alġerija	
EC	L-Ekwador	
EG	L-Eġittu	
ER	L-Eritrea	
FJ	Fiġi	
FK	Il-Gżejjer Falkland	
GA	Il-Gabon	
GD	Grenada	
GE	Il-Georgia	
GH	Il-Ghana	
GL	Greenland	
GM	Il-Gambja	
GN	Il-Guinea	Il-ħut biss li ma jkun għadda mill-ebda operazzjoni ta' thejġija jew ipproċessar ħlief il-qtuġh tar-ras, it-tiswija, it-tkessiħ jew l-iffriżar. Il-frekwenza mnaqqsa ta' kontrolli fiżiċi, previsti mid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 94/360/KE (ĠU L 158, 25.6.1994, p. 41), ma għandhiex tiġi applikata.
GT	Il-Gwatemala	
GY	Il-Guyana	
HK	Hong Kong	
HN	Il-Honduras	
ID	L-Indoneżja	
IL	Iżrael	
IN	L-Indja	
IR	L-Iran	
JM	Il-Ġamaġka	
JP	Il-Ġappun	
KE	Il-Kenja	
KI	Ir-Repubblika ta' Kiribati	
KR	Il-Korea t'Isfel	
KZ	Il-Każakistan	

KODIĊI ISO TAL-PAJJIŻ	PAJJIŻ TERZ JEW REĠJUNI TIEGĦU	RESTRIZZJONIJIET
LK	Is-Sri Lanka	
MA	Il-Marokk	
MD	Ir-Repubblika tal-Moldova	Il-kavjar biss
ME	Il-Montenegro	
MG	Madagascar	
MK	Il-Maċedonja ta' Fuq	
MM	Il-Myanmar	
MR	Il-Mauritania	
MU	Mauritius	
MV	Il-Maldivi	
MX	Il-Messiku	
MY	Il-Malasja	
MZ	Il-Mozambique	
NA	In-Namibja	
NC	New Caledonia	
NG	In-Niġerja	
NI	In-Nikaragwa	
NZ	New Zealand	
OM	L-Oman	
PA	Il-Panama	
PE	Il-Perù	
PF	Il-Polineżja Franċiża	
PG	Papua New Guinea	
PH	Il-Filippini	
PM	Saint Pierre u Miquelon	
PK	Il-Pakistan	
RS	Is-Serbja Ma tinkludix il-Kosovo kif definit mir-Riżoluzzjoni tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti 1244 tal-10 ta' Ġunju 1999	
RU	Ir-Russja	

KODIĊI ISO TAL-PAJJIŻ	PAJJIŻ TERZ JEW REĠJUNI TIEGĦU	RESTRIZZJONIJET
SA	L-Arabja Sawdija	
SB	Il-Gżejjer Solomon	
SC	Is-Seychelles	
SG	Singapore	
SH	Saint Helena Ma tinkludix il-gżejjer ta' Tristan da Cunha u Ascension	
	Tristan da Cunha Ma tinkludix il-gżejjer ta' Saint Helena u Ascension	Awwisti (friski jew iffriżati) biss
SN	Is-Senegal	
SR	Is-Suriname	
SV	El Salvador	
SX	Sint Maarten	
TG	It-Togo	
TH	It-Tajlandja	
TN	It-Tuneżija	
TR	It-Turkija	
TW	It-Tajwan	
TZ	It-Tanzanija	
UA	L-Ukrajna	
UG	L-Uganda	
US	L-Istati Uniti tal-Amerka	
UY	L-Urugwaj	
VE	Il-Venezwela	
VN	Il-Vjetnam	
YE	Il-Jemen	
ZA	L-Afrika t'Isfel	
ZW	Iż-Żimbabwe	

(¹) B'konformità mal-Ftehim tal-21 ta' Ġunju 1999 bejn il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar kummerċ fi prodotti agrikoli (ĠU L 114, 30.4.2002, p. 132).

ANNEX III

LISTA TA' PAJJIŻI TERZI JEW REĠJUNI TAGĦHOM LI MINNHOM HUWA PERMESS ID-DĦUL FL-UNJONI TA' KOXOX TAŻ-ŻRINĠIJIET U BEBBUX, IPPREPARATI SKONT IS-SEZZJONI XI TAL-ANNEX III TAR-REGOLAMENT (KE) NRU 853/2004 MAĦSUBA GĦALL-KONSUM MILL-BNIEDEM

KODIĊI ISO TAL-PAJJIŻ	PAJJIŻ TERZ JEW REĠJUNI TIEGĦU	RESTRIZZJONIJIET
AE	L-Emirati Għarab Magħquda	
AL	L-Albanija	
AO	L-Angola	
AR	L-Arġentina	
AU	L-Awstralja	
AZ	L-Ażerbajġan	
BA	Il-Bożnija-Herzegovina	
BD	Il-Bangladesh	
BJ	Il-Benin	
BR	Il-Brażil	
BQ	Bonaire, Sint Eustatius, Saba	
BS	Il-Bahamas	
BY	Il-Belarusja	
BZ	Il-Belize	
CA	Il-Kanada	
CH	L-Iżvizzera ⁽¹⁾	
CI	Il-Kosta tal-Avorju	
CL	Iċ-Ċili	
CN	Iċ-Ċina	
CO	Il-Kolombja	
CR	Il-Costa Rica	
CU	Kuba	
CV	Cape Verde	
CW	Curaçao	
DZ	L-Alġerija	
EC	L-Ekwador	
EG	L-Eġittu	

KODIĊI ISO TAL-PAJJIŻ	PAJJIŻ TERZ JEW REĠJUNI TIEGĦU	RESTRIZZJONIJIET
ER	L-Eritrea	
FJ	Fiġi	
FK	Il-Gżejjer Falkland	
GA	Il-Gabon	
GD	Grenada	
GE	Il-Georgia	
GH	Il-Ghana	
GL	Greenland	
GM	Il-Gambja	
GT	Il-Gwatemala	
GY	Il-Guyana	
HK	Hong Kong	
HN	Il-Honduras	
ID	L-Indoneżja	
IL	Iżrael	
IN	L-Indja	
IR	L-Iran	
JM	Il-Ġamajka	
JP	Il-Ġappun	
KE	Il-Kenja	
KI	Ir-Repubblika ta' Kiribati	
KR	Il-Korea t'Isfel	
KZ	Il-Kazakistan	
LK	Is-Sri Lanka	
MA	Il-Marokk	
MD	Ir-Repubblika tal-Moldova	Bebbux biss
ME	Il-Montenegro	
MG	Madagascar	
MK	Il-Maċedonja ta' Fuq	
MM	Il-Myanmar	
MR	Il-Mauritania	

KODIĊI ISO TAL-PAJJIŻ	PAJJIŻ TERZ JEW REĠJUNI TIEGĦU	RESTRIZZJONIJIET
MU	Mauritius	
MV	Il-Maldivi	
MX	Il-Messiku	
MY	Il-Malasja	
MZ	Il-Mozambique	
NA	In-Namibja	
NC	New Caledonia	
NG	In-Niġerja	
NI	In-Nikaragwa	
NZ	New Zealand	
OM	L-Oman	
PA	Il-Panama	
PE	Il-Perù	
PF	Il-Polineżja Franċiża	
PG	Papua New Guinea	
PH	Il-Filippini	
PM	Saint Pierre u Miquelon	
PK	Il-Pakistan	
RS	Is-Serbja Ma tinkludix il-Kosovo kif definit mir-Riżoluzzjoni tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti 1244 tal-10 ta' Ġunju 1999	
RU	Ir-Russja	
SA	L-Arabja Sawdija	
SB	Il-Gżejjer Solomon	
SC	Is-Seychelles	
SG	Singapore	
SH	Saint Helena Ma tinkludix il-gżejjer ta' Tristan da Cunha u Ascension	
SN	Is-Senegal	
SR	Is-Suriname	
SV	El Salvador	

KODIĊI ISO TAL-PAJJIŻ	PAJJIŻ TERZ JEW REĠJUNI TIEGĦU	RESTRIZZJONIJIET
SX	Sint Maarten	
SY	Is-Sirja	Bebbux biss
TG	It-Togo	
TH	It-Tajlandja	
TN	It-Tuneżija	
TR	It-Turkija	
TW	It-Tajwan	
TZ	It-Tanzanija	
UA	L-Ukrajna	
UG	L-Uganda	
US	L-Istati Uniti tal-Amerka	
UY	L-Urugwaj	
VE	Il-Venezwela	
VN	Il-Vjetnam	
YE	Il-Jemen	
ZA	L-Afrika t'Isfel	
ZW	Iż-Żimbabwe	

(¹) B'konformità mal-Ftehim tal-21 ta' Ġunju 1999 bejn il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar kummerċ fi prodotti agrikoli (ĠU L 114, 30.4.2002, p. 132).

ANNEX IV

IT-TABELLA TA' KORRELAZZJONI MSEMMIJA FL-ARTIKOLU 23

Id-Deċiżjoni 2006/766/KE	Dan ir-Regolament
Artikolu 1	Artikolu 8
Artikolu 2	Artikolu 9
Artikolu 3	—
Artikolu 4	—
Anness I	Anness I
Anness II	Anness II

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2019/627**tal-15 ta' Marzu 2019****li jistabbilixxi arranġamenti prattiċi uniformi għat-twerttiq ta' kontrolli uffiċjali fuq prodotti mill-annimali maħsuba għall-konsum mill-bniedem skont ir-Regolament (UE) 2017/625 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jemenda r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2074/2005 fir-rigward tal-kontrolli uffiċjali****(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2017/625 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Marzu 2017 dwar il-kontrolli uffiċjali u attivitajiet uffiċjali oħra mwettqa biex jiżguraw l-applikazzjoni tal-liġi tal-ikel u tal-għalf, ta' regoli dwar is-saħħa u t-ttrattament xieraq tal-annimali, dwar is-saħħa tal-pjanti u dwar prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 999/2001, (KE) Nru 396/2005, (KE) Nru 1069/2009, (KE) Nru 1107/2009, (UE) Nru 1151/2012, (UE) Nru 652/2014, (UE) 2016/429 u (UE) 2016/2031 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1/2005 u (KE) Nru 1099/2009 u d-Direttivi tal-Kunsill 98/58/KE, 1999/74/KE, 2007/43/KE, 2008/119/KE u 2008/120/KE, u li jħassar ir-Regolamenti (KE) Nru 854/2004 u (KE) Nru 882/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, id-Direttivi tal-Kunsill 89/608/KEE, 89/662/KEE, 90/425/KEE, 91/496/KEE, 96/23/KE, 96/93/KE u 97/78/KE u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 92/438/KEE (Regolament dwar il-Kontrolli Uffiċjali) ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 18(8) tiegħu,

Billi:

- (1) Ir-Regolament (UE) 2017/625 jistabbilixxi regoli għall-kontrolli uffiċjali u għal attivitajiet uffiċjali oħra mwettqa mill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri sabiex tiġi verifikata l-konformità mal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni, fost oħrajn fil-qasam tas-sikurezza tal-ikel f'kull stadju tal-produzzjoni, tal-ipproċessar u tad-distribuzzjoni. B'mod partikolari, jipprevedi kontrolli uffiċjali fir-rigward ta' prodotti li joriġinaw mill-annimali maħsuba għall-konsum mill-bniedem. Barra minn hekk, iħassar ir-Regolament (KE) Nru 854/2004 ⁽²⁾ b'effett mill-14 ta' Diċembru 2019. Atwalment dak ir-Regolament jistabbilixxi regoli speċifiċi għall-kontrolli uffiċjali fuq prodotti li joriġinaw mill-annimali maħsuba għall-konsum mill-bniedem, inklużi rekwiżiti dwar arranġamenti prattiċi uniformi għat-twerttiq tal-kontrolli.
- (2) Ir-regoli stabbiliti f'dan ir-Regolament jenħtieġ li jiżguraw kontinwazzjoni tar-rekwiżiti biex tiġi żgurata l-verifika tal-konformità tal-operaturi tan-negozju tal-ikel mar-regoli għall-immaniġġar sikur ta' prodotti ta' oriġini mill-annimali, b'mod partikolari kif stabbilit f'dawn li ġejjin:
 - Id-Direttiva tal-Kunsill 96/23/KE ⁽³⁾ dwar il-miżuri għall-monitoraġġ ta' ċerti sustanzi u residwi;
 - Ir-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (KE) Nru 999/2001 ⁽⁴⁾ dwar il-kontrolli fuq enċefalopatiji sponġiformi li jinxterdu;
 - Id-Direttiva tal-Kunsill 2002/99/KE ⁽⁵⁾ dwar ir-regoli sanitarji għall-annimali fuq prodotti li joriġinaw mill-annimali;
 - Ir-Regolament (KE) Nru 178/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽⁶⁾ dwar il-prinċipji ġenerali u l-ħtiġijiet tal-liġi dwar l-ikel;

⁽¹⁾ ĠUL 95, 7.4.2017, p. 1.

⁽²⁾ Ir-Regolament (KE) Nru 854/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 li jippreskrivi regoli speċifiċi għall-organizzazzjoni ta' kontrolli uffiċjali fuq prodotti li joriġinaw mill-annimali maħsuba għall-konsum uman (ĠU L 139, 30.4.2004, p. 206).

⁽³⁾ Id-Direttiva tal-Kunsill 96/23/KE tad-29 ta' April 1996 dwar miżuri għall-monitoraġġ ta' ċerti sustanzi u residwi tagħhom f'annimali ħajjin u prodotti tal-annimali u li tħassar id-Direttivi 85/358/KEE u 86/469/KEE u d-Deċiżjonijiet 89/187/KEE u 91/664/KEE (ĠUL 125, 23.5.1996, p. 10).

⁽⁴⁾ Ir-Regolament (KE) Nru 999/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Mejju 2001 li jistabbilixxi regoli għall-prevenzjoni, kontroll u eradikazzjoni ta' ċerti enċefalopatiji sponġiformi li tinxtered (ĠUL 147, 31.5.2001, p. 1).

⁽⁵⁾ Id-Direttiva tal-Kunsill 2002/99/KE tas-16 ta' Diċembru 2002 li tistabbilixxi r-regoli sanitarji għall-annimali u li jiddeterminaw il-produzzjoni, l-ipproċessar, id-distribuzzjoni u l-introduzzjoni ta' prodotti li joriġinaw mill-annimali u li huma għall-konsum uman (ĠUL 18, 23.1.2003, p. 11).

⁽⁶⁾ Ir-Regolament (KE) Nru 178/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' Jannar 2002 li jistabbilixxi l-prinċipji ġenerali u l-ħtiġijiet tal-liġi dwar l-ikel, li jistabbilixxi l-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel u jistabbilixxi l-proċeduri fi kwistjonijiet ta' sigurtà tal-ikel (ĠU L 31, 1.2.2002, p. 1).

- Id-Direttiva 2003/99/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽⁷⁾ dwar il-monitoraġġ taż-żoonożi u tal-aġenti zoonotiċi;
- Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2003/467/KE ⁽⁸⁾ dwar il-kontroll tat-tuberkużi, tal-bruċellożi u tal-lewkożi bovina enzootika;
- Ir-Regolament (KE) Nru 2160/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽⁹⁾ dwar il-kontrolli tas-Salmonella;
- Ir-Regolament (KE) Nru 852/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽¹⁰⁾ dwar l-iġjene tal-oġġetti tal-ikel;
- Ir-Regolament (KE) Nru 853/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽¹¹⁾ dwar ir-regoli speċifiċi ta' iġjene għall-ikel li joriġina mill-annimali;
- Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1/2005 ⁽¹²⁾ dwar il-protezzjoni tal-annimali waqt it-trasport u operazzjonijiet relatati;
- Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2073/2005 ⁽¹³⁾ dwar il-kriterji mikrobijoloġiċi għall-oġġetti tal-ikel;
- Ir-Regolamenti tal-Kummissjoni (KE) Nru 1881/2006 ⁽¹⁴⁾ u (KE) Nru 124/2009 ⁽¹⁵⁾ dwar il-livelli massimi ta' ċerti kontaminanti fl-oġġetti tal-ikel;
- Id-Direttiva tal-Kunsill 2007/43/KE ⁽¹⁶⁾ dwar il-protezzjoni tat-tiġieġ;
- Ir-Regolament (KE) Nru 1069/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽¹⁷⁾ dwar ir-regoli tas-saħħa għal prodotti sekondarji tal-annimali;
- Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1099/2009 ⁽¹⁸⁾ dwar il-protezzjoni tal-annimali waqt il-qatla;
- Id-Direttiva 2010/63/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽¹⁹⁾ dwar il-protezzjoni tal-annimali li jintużaw għal skopijiet xjentifiċi;
- Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 636/2014 ⁽²⁰⁾ dwar il-kummerċ ta' kaċċa salvaġġa mhux imqaxxa mill-ġilda;

⁽⁷⁾ Id-Direttiva 2003/99/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Novembru 2003 rigward il-monitoraġġ taż-żoonożi u tal-aġenti zoonotiċi, temenda d-Deċiżjoni tal-Kunsill 90/424/KEE u tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 92/117/KEE (ĠU L 325, 12.12.2003, p. 31).

⁽⁸⁾ Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2003/467/KE tat-23 ta' Ġunju 2003 li tistabbilixxi l-kwalifika ta' uffiċjalment ħielsa mit-tuberkużi, bruċellożi u lewkosi bovina enzootika ta' xi Stati Membri u reġjuni fl-Istati Membri rigward annimali bovini (ĠU L 156, 25.6.2003, p. 74).

⁽⁹⁾ Ir-Regolament (KE) Nru 2160/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Novembru 2003 fuq il-kontroll tas-salmonella u aġenti Zoonotiċi oħra speċifiċi li jkun hemm ġewwa l-ikel (ĠU L 325, 12.12.2003, p. 1).

⁽¹⁰⁾ Ir-Regolament (KE) Nru 852/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 dwar l-iġjene tal-prodotti tal-ikel (ĠU L 139, 30.4.2004, p. 1).

⁽¹¹⁾ Ir-Regolament (KE) Nru 853/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 li jistabbilixxi ċerti regoli speċifiċi ta' iġjene għall-ikel li joriġina mill-annimali (ĠU L 139, 30.4.2004, p. 55).

⁽¹²⁾ Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1/2005 tat-22 ta' Diċembru 2004 dwar il-protezzjoni tal-annimali waqt it-trasport u operazzjonijiet relatati u li temenda d-Direttivi 64/432/KEE u 93/119/KE u r-Regolament (KE) Nru 1255/97, (ĠU L 3, 5.1.2005, p. 1).

⁽¹³⁾ Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2073/2005 tal-15 ta' Novembru 2005 dwar kriterji mikrobijoloġiċi għall-oġġetti tal-ikel [traduzzjoni mhux uffiċjali] (ĠU L 338, 22.12.2005, p. 1).

⁽¹⁴⁾ Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1881/2006 tad-19 ta' Diċembru 2006 li jiffissa l-livelli massimi ta' ċerti kontaminanti fl-oġġetti tal-ikel (ĠU L 364, 20.12.2006, p. 5).

⁽¹⁵⁾ Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 124/2009 tal-10 ta' Frar 2009 li jistabbilixxi livelli massimi għall-preżenza ta' koċċidijostati jew istomonostati fl-ikel li jirriżultaw mit-trażmissjoni inevitabbli ta' dawn is-sustanzi fl-għalf mhux fil-mira (ĠU L 40, 11.2.2009, p. 7).

⁽¹⁶⁾ Id-Direttiva tal-Kunsill 2007/43/KE tat-28 ta' Ġunju 2007 li tistabbilixxi regoli minimi għall-protezzjoni tat-tiġieġ miżmuma għall-produttjoni tal-laħam (ĠU L 182, 12.7.2007, p. 19).

⁽¹⁷⁾ Ir-Regolament (KE) Nru 1069/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Ottubru 2009 li jistabbilixxi regoli tas-saħħa li jirrigwardaw prodotti sekondarji tal-annimali jew derivati minnhom mhux maħsuba għall-konsum mill-bniedem u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1774/2002 (Regolament dwar prodotti sekondarji tal-annimali) (ĠU L 300, 14.11.2009, p. 1).

⁽¹⁸⁾ Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1099/2009 tal-24 ta' Settembru 2009 dwar il-protezzjoni tal-annimali waqt il-qatla (ĠU L 303, 18.11.2009, p. 1).

⁽¹⁹⁾ Id-Direttiva 2010/63/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Settembru 2010 dwar il-protezzjoni tal-annimali li jintużaw għal skopijiet xjentifiċi (ĠU L 276, 20.10.2010, p. 33).

⁽²⁰⁾ Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 636/2014 tat-13 ta' Ġunju 2014 dwar ċertifikat mudell għall-kummerċ ta' kaċċa salvaġġa kbira mhux imqaxxa mill-ġilda (ĠU L 175, 14.6.2014, p. 16).

- Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/1375 ⁽²¹⁾ dwar kontrolli uffiċjali għat-*Trichinella*; kif ukoll
- Ir-Regolament (UE) 2016/429 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽²²⁾ dwar ir-regoli tas-saħħa tal-annimali.
- (3) L-arranġamenti prattiċi għat-twettiq ta' kontrolli uffiċjali fuq prodotti ta' oriġini mill-annimali jenħtieġ li jġu kkunsidrati fejn ikun hemm il-ħtieġa ta' livell minimu ta' kontrolli uffiċjali sabiex jġu indirizzati perikli u riskji uniformi rikonoxxuti li jstgħu jġu kkawżati minn prodotti ta' oriġini mill-annimali, li jkopru l-aspetti kollha li huma importanti għall-protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem u, fejn xieraq, is-saħħa tal-annimali u t-trattament xieraq tal-annimali. Dawn jenħtieġ li jkunu bbażati fuq l-aktar informazzjoni rilevanti reċenti disponibbli u evidenza xjentifika mill-opinjoniġiet tal-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel (l-EFSA).
- (4) Fil-31 ta' Awwissu 2011, l-EFSA adottat opinjoni xjentifika dwar il-perikli għas-saħħa tal-bniedem li jridu jkunu koperti mill-ispezzjoni tal-laħam (il-ħnieżer) ⁽²³⁾. Ir-rakkomandazzjoniġiet ta' dik l-opinjoni tqiesu fir-rekwiżiti għall-ispezzjoniġiet tal-laħam tal-majjal stabbiliti fir-Regolament (KE) Nru 854/2004 u jenħtieġ li jinżammu fir-rekwiżiti stabbiliti f'dan ir-Regolament.
- (5) Fit-23 ta' Mejju 2012, l-EFSA adottat opinjoni xjentifika dwar il-perikli għas-saħħa tal-bniedem li jridu jkunu koperti mill-ispezzjoni tal-laħam (il-pollam) ⁽²⁴⁾. Dik l-opinjoni tidentifika l-*Campylobacter* spp. u s-*Salmonella* spp. bħala l-perikli ewlenin li jridu jkunu koperti mill-ispezzjoniġiet tal-laħam tat-tjur permezz ta' sistema integrata ta' assigurazzjoni tas-sikurezza tal-ikel, li tista' tinkiseb permezz ta' titjib tal-informazzjoni dwar il-katina tal-ikel (FCI) u interventi bbażati fuq ir-riskju.
- (6) Fis-6 ta' Ġunju 2013, l-EFSA adottat opinjoni xjentifika dwar il-perikli għas-saħħa tal-bniedem li jridu jkunu koperti mill-ispezzjoni tal-laħam (l-annimali bovini) ⁽²⁵⁾. Dik l-opinjoni tidentifika s-*Salmonella* spp. u l-*Escherichia coli* (*E. Coli*) li tipproduċi l-veroċitotossina patoġenika bħala l-aktar perikli rilevanti għall-ispezzjoniġiet tal-laħam f'annimali bovini. Tirrakkomanda l-ommissjoni ta' palpazzjoni u ta' inċiżjoni waqt l-ispezzjoni *post-mortem* ta' annimali soġġetti għal tbiċċir ta' rutina, peress li dan jista' jnaqqas it-tixrid u l-kontaminazzjoni kroċjata mal-perikoli bijoloġiċi ta' prijorità għolja. Madankollu, jenħtieġ li jinżammu l-palpazzjoniġiet u l-inċiżjoniġiet waqt l-ispezzjoni *post-mortem*, li huma meħtieġa biex tiġi mistħarrġa l-okkorrenza tat-tuberkulożi u taċ-ċistiċerkożi kkawżata mit-*Taenia saginata* (id-duda).
- (7) Fis-6 ta' Ġunju 2013 ukoll, l-EFSA adottat opinjoni xjentifika dwar il-perikli għas-saħħa tal-bniedem li jridu jkunu koperti mill-ispezzjoni tal-laħam tan-nagħaġ u tal-mogħoż ⁽²⁶⁾. Dik l-opinjoni tidentifika l-*E. coli* li tipproduċi l-veroċitotossina patoġenika bħala l-aktar periklu rilevanti għall-ispezzjoniġiet tal-laħam fin-nagħaġ u fil-mogħoż. Tirrakkomanda wkoll, sakemm ikun possibbli, l-ommissjoni ta' palpazzjoniġiet u inċiżjoniġiet waqt l-ispezzjoni *post-mortem* ta' nagħaġ u mogħoż soġġetti għal tbiċċir ta' rutina. Madankollu, għal raġunijiet ta' sorveljanza tas-saħħa tal-annimali u tal-bniedem, jenħtieġ li jinżammu l-palpazzjoniġiet u l-inċiżjoniġiet għas-sorveljanza tat-tuberkulożi u tal-fascioliasis fil-każ ta' annimali akbar fl-eà.
- (8) Fis-6 ta' Ġunju 2013 ukoll, l-EFSA adottat opinjoni xjentifika dwar il-perikli għas-saħħa tal-bniedem li jridu jkunu koperti mill-ispezzjoni tal-laħam (is-solipedi) ⁽²⁷⁾. Dik l-opinjoni tirrakkomanda l-użu ta' spezzjoni viżwali biss fis-solipedi, li jista' jkollha effett favorevoli sinifikanti fuq l-istatus mikrobijoloġiku tal-laħam tal-karkassi tas-solipedi. Din l-ispezzjoni x'aktarx li ma taffettwax is-sorveljanza globali tal-mard tal-annimali.
- (9) Fis-6 ta' Ġunju 2013 ukoll, l-EFSA adottat opinjoni xjentifika dwar l-ispezzjoni tal-laħam tal-kaċċa mrobbija. Dik l-opinjoni tirrakkomanda l-ommissjoni ta' palpazzjoni u inċiżjoni sakemm ma jinstabux anormalitajiet, filwaqt li fl-istess ħin tenfasizza li tali ommissjoni jista' jkollha konsegwenzi għas-sorveljanza globali tat-tuberkulożi.
- (10) Ir-rakkomandazzjoniġiet stabbiliti f'dawn l-opinjoniġiet tal-EFSA jenħtieġ li jittieħdu inkunsiderazzjoni meta jġu stabbiliti l-arranġamenti prattiċi uniformi għat-twettiq ta' kontrolli uffiċjali fuq prodotti ta' oriġini mill-annimali maħsuba għall-konsum mill-bniedem. Jenħtieġ li jitqies ukoll l-impatt possibbli fuq il-kummerċ ma' pajjiżi terzi. Fl-istess waqt, jenħtieġ li tiġi żgurata tranżizzjoni bla xkiel mir-rekwiżiti attwali, kif stabbilit fir-Regolament (KE) Nru 854/2004.

⁽²¹⁾ Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/1375 tal-10 ta' Awwissu 2015 li jstabilixxi regoli speċifiċi dwar kontrolli uffiċjali għat-*Trichinella* fil-laħam (ĠU L 212, 11.8.2015, p. 7).

⁽²²⁾ Ir-Regolament (UE) 2016/429 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Marzu 2016 dwar il-mard trasmisibbli tal-annimali u li jemenda u jħassar ċerti atti fil-qasam tas-saħħa tal-annimali (Liġi dwar is-Saħħa tal-Annimali) (ĠU L 84, 31.3.2016, p. 1).

⁽²³⁾ *EFSA Journal* 2011;9(10):2351

⁽²⁴⁾ *EFSA Journal* 2012;10(6):2741.

⁽²⁵⁾ *EFSA Journal* 2013;11(6):3266.

⁽²⁶⁾ *EFSA Journal* 2013;11(6):3265.

⁽²⁷⁾ *EFSA Journal* 2013;11(6):3263.

- (11) Dawn l-arranġamenti prattiċi jenħtieġ li japplikaw għall-kontrolli uffiċjali fuq prodotti ta' oriġini mill-annimali stabbiliti fl-Artikolu 18 tar-Regolament (UE) 2017/625 u fir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/624 ⁽²⁸⁾. Dawn l-arranġamenti prattiċi għat-tweqqi tal-kontrolli uffiċjali jenħtieġ li jkunu uniformi u jiffaċilitaw l-applikazzjoni tar-rekwiżiti għal livell minimu ta' kontrolli uffiċjali, b'kont meħud tad-daqs tan-negozji ż-żgħar kif stabbilit fl-Artikolu 16 tar-Regolament (UE) 2017/625 bl-użu ta' livell limitu b'mod nondiskriminatorju.
- (12) Billi l-istruttura tal-biċċeriji u tal-istabbilimenti li jipproċessaw il-kaċċa tvarja fost l-Istati Membri, il-livell limitu jenħtieġ li jkun ibbażat fuq l-għadd ta' annimali mbiċċra jew ipproċessati, jew jekk jintwera li dan jirrappreżenta perċentwal limitat u fiss tal-laħam imqiegħed fis-suq. L-Artikolu 17(6) tar-Regolament (KE) Nru 1099/2009 jiddefinixxi unitajiet ta' bhejtem u jistabbilixxi rati ta' konverżjoni biex l-għadd ta' annimali ta' ċerti speċijiet jiġi espress f'dawn l-unitajiet ta' bhejtem. Dawn id-dispożizzjonijiet jenħtieġ li jintużaw biex, sa fejn ikun possibbli, jiġu stabbiliti livelli limitu u jiġu armonizzati derogi minn ċerti rekwiżiti abbażi tad-daqs ta' biċċerija.
- (13) Ir-rekwiżiti speċifiċi għall-verifiki mill-awtoritajiet kompetenti għandhom jinżammu wkoll biex jiġi żgurat l-awditjar prattiku uniformi tal-konformità mar-rekwiżiti tal-Unjoni fuq prodotti ta' oriġini mill-annimali. L-awditjar huwa ta' interess partikolari għall-verifika tar-rekwiżiti ġenerali u speċifiċi marbuta mal-iġjene u l-applikazzjoni ta' proċeduri bbażati fuq analiżi tal-periklu u punti kritiċi ta' kontroll (HACCP).
- (14) Il-verifika tal-konformità mar-rekwiżiti dwar il-marki ta' identifikazzjoni fit-Taqsima I tal-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 853/2004, kif attwalment stabbilit fir-Regolament (KE) Nru 854/2004, jenħtieġ li tinżamm sabiex ikun jista' jsir traċċar b'lura tal-annimali.
- (15) L-ispezzjonijiet *ante-mortem* u *post-mortem* huma essenzjali biex tiġi verifikata l-konformità mar-rekwiżiti dwar is-saħħa tal-bniedem u tal-annimali kif ukoll it-trattament xieraq tal-annimali. Sabiex jiġi żgurat tal-anqas l-istess livell ta' protezzjoni għas-saħħa tal-bniedem u tal-annimali kif ukoll il-benessri tal-annimali kif previst fir-Regolament (KE) Nru 854/2004 u l-kummerċ ġust f'suq miftuħ, hemm bżonn li jiġu stabbiliti rekwiżiti prattiċi uniformi għal dawn l-ispezzjonijiet, inklużi każijiet fejn il-kontrolli uffiċjali jsiru taħt ir-responsabbiltà tal-veterinarju uffiċjali. Fir-rigward tal-kontrolli uffiċjali fuq il-laħam frisk, dawn l-ispezzjonijiet jenħtieġ li jiġu ssupplimentati minn kontrolli dokumentarji adegwati, kontrolli fuq ir-rimi mingħajr periklu ta' materjal speċifikat riskjuż, kif definit fl-Artikolu 3(1)(g) tar-Regolament (KE) Nru 999/2001, u fuq prodotti sekondarji oħra mill-annimali, u ttestjar fil-laboratorju fejn xieraq.
- (16) Huwa importanti li jiġu identifikati każijiet ta' nonkonformità suspettata u stabbilita fejn l-awtoritajiet kompetenti jridu jieħdu miżuri fir-rigward ta' ċerti prodotti ta' oriġini mill-annimali. In-nonkonformità mal-prattiki ta' iġjene tajba jenħtieġ li twassal ukoll għal azzjoni korrettiva mill-awtoritajiet kompetenti.
- (17) Il-marka tas-saħħa definita fil-punt 51 fl-Artikolu 3 tar-Regolament (UE) 2017/625 tkopri l-laħam ta' ċerti speċijiet u tiċċertifika li l-laħam huwa tajjeb għall-konsum mill-bniedem. Ir-rekwiżiti tekniċi tal-marka tas-saħħa u l-arranġamenti prattiċi għall-applikazzjoni tagħha jenħtieġ li jiġu stabbiliti b'mod speċifiku u uniformi sabiex jindikaw li l-laħam huwa tajjeb għall-konsum mill-bniedem u biex jiġi evitat kwalunkwe tfixkil għall-kummerċ.
- (18) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2074/2005 ⁽²⁹⁾ jistabbilixxi *inter alia* miżuri ta' implimentazzjoni għall-organizzazzjoni ta' kontrolli uffiċjali skont ir-Regolament (KE) Nru 854/2004 fir-rigward ta' metodi tal-ittestjar rikonoxxuti għall-bijotossini tal-baħar fil-molluski bivalvi ħajjin, il-metodi ta' ttestjar għall-ħalib mhux ipproċessat u għall-ħalib ittrattat bis-sħana, il-kontrolli uffiċjali fuq il-prodotti tas-sajd u l-ispezzjoni tal-laħam. Huwa xieraq li l-miżuri ta' implimentazzjoni kollha għall-organizzazzjoni tal-kontrolli uffiċjali jinġiebu kollha flimkien f'dan ir-Regolament u jiġu inklużi dawk mir-Regolament (KE) Nru 2074/2005. Dawn jenħtieġ li jitħassru fir-Regolament (KE) Nru 2074/2005.
- (19) Il-kundizzjonijiet attwali għall-klassifikazzjoni u għall-monitoraġġ taż-żoni kklassifikati ta' produzzjoni u ta' żamma ta' molluski bivalvi ħajjin urew li huma effettivi u jiżguraw livell għoli ta' protezzjoni għall-konsumaturi. Għalhekk jenħtieġ li jinżammu.

⁽²⁸⁾ Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/624 tat-8 ta' Frar 2019 rigward ir-regoli speċifiċi għat-tweqqi ta' kontrolli uffiċjali fuq il-produttjoni tal-laħam u fuq iż-żoni ta' produzzjoni u fejn jinżammu l-molluski bivalvi ħajjin skont ir-Regolament (UE) 2017/625 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ara l-paġna 1 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali).

⁽²⁹⁾ Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2074/2005 tal-5 ta' Diċembru 2005 li jistabbilixxi miżuri ta' implimentazzjoni għal ċerti prodotti taħt ir-Regolament (KE) Nru 853/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u għall-organizzazzjoni ta' kontrolli uffiċjali taħt ir-Regolament (KE) Nru 854/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u r-Regolament (KE) Nru 882/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, li jidderoga mir-Regolament (KE) Nru 852/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 853/2004 u (KE) Nru 854/2004 (ĠU L 338, 22.12.2005, p. 27).

- (20) Il-metodu ta' referenza għall-analiżi tal-*E. coli* fil-molluski bivalvi ħajjin, kif attwalment stabbilit fir-Regolament (KE) Nru 854/2004, jenħtieġ li jinżamm.
- (21) Il-limiti għall-bijotossini marini huma stabbiliti fir-Regolament (KE) Nru 853/2004. B'mod partikolari, il-punt 2 fil-Kapitolu V tas-Sezzjoni VII tal-Anness III ta' dak ir-Regolament jipprevedi li l-kwantitajiet totali (imkejla fil-ġisem kollu jew f'kull parti li tittiekel separatament) ta' bijotossini marini fil-molluski bivalvi ħajjin ma jridux jaqbu l-limiti stabbiliti f'dak il-Kapitolu.
- (22) Ir-reqwiziti speċifiċi għat-twertiq ta' kontrolli uffiċjali u l-frekwenza minima uniformi għal dawn il-kontrolli fuq il-ħalib mhux ipproċessat u fuq il-prodotti tal-ħalib jenħtieġ li jiġu stabbiliti sabiex jiġi żgurat livell għoli ta' protezzjoni tal-konsumatur u kompetizzjoni ġusta bejn l-operaturi tan-negozju tal-ikel.
- (23) Ir-reqwiziti speċifiċi għat-twertiq tal-kontrolli uffiċjali u l-frekwenza minima uniformi għal dawn il-kontrolli fuq il-prodotti tas-sajd jenħtieġ li jiġu stabbiliti sabiex jiġi żgurat livell għoli ta' protezzjoni għall-konsumaturi u kompetizzjoni ġusta bejn l-operaturi tan-negozju tal-ikel. Dawk il-kontrolli jenħtieġ li talanqas jinkludu kontrolli regolari fuq il-kundizzjonijiet tal-iġjene waqt il-ħatt u l-ewwel bejgħ, spezzjonijiet regolari tal-bastimenti u tal-istabbilimenti, inkluż tal-irkantijiet u tas-swieq bl-ingrossa tal-ħut, kif ukoll kontrolli fuq il-ħżin u t-trasport. Jenħtieġ li jiġu stabbiliti wkoll rekwiżiti speċifiċi għall-kontroll tal-bastimenti.
- (24) Dawk il-kontrolli jenħtieġ li jinkludu wkoll arranġamenti prattiċi fir-rigward ta' eżamijiet organolettiċi, indikaturi tal-freskezza, kontrolli fuq l-istamina, ir-residwi u l-kontaminanti u kontrolli mikrobijoloġiċi. Jenħtieġ li tingħata attenzjoni speċjali lill-kontrolli tal-parassiti u lill-prodotti tas-sajd velenużi. Il-prodotti tas-sajd li ma jissodisfawx dawn ir-reqwiziti ta' iġjene jenħtieġ li jiġu ddikjarati bħala mhux tajbin għall-konsum mill-bniedem.
- (25) Jenħtieġ li jiġu stabbiliti wkoll rekwiżiti speċjali li jikkonċernaw il-kontrolli uffiċjali fuq prodotti tas-sajd maqbuda minn bastimenti li jtajru l-bandiera ta' Stati Membri li jidħlu fl-Unjoni wara li jkunew ġew trasferiti f'pajjiżi terzi bil-faċilitajiet ta' ħżin jew mingħajrhom.
- (26) L-interess fil-produzzjoni u fit-tqegħid fis-suq ta' laħam tar-rettili aktar ma jmur qiegħed jikber. Sabiex tiġi żgurata s-sikurezza tal-laħam tar-rettili, huwa rilevanti li, minbarra r-regoli ġenerali eżistenti dwar l-iġjene stabbiliti fir-Regolament (KE) Nru 852/2004 u l-kontrolli għat-*Trichinella* stabbiliti fir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2015/1375, jiġu introdotti kontrolli uffiċjali speċifiċi waqt it-tbiċċir.
- (27) Ir-Regolament (KE) Nru 2074/2005 jenħtieġ li jiġi emendat skont dan.
- (28) Billi r-Regolament (UE) 2017/625 iħassar ir-Regolament (KE) Nru 854/2004 b'effett mill-14 ta' Diċembru 2019, dan ir-Regolament għandu japplikaw wkoll minn dik id-data.
- (29) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel u l-Għalf,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

TITOLU I

SUĠĠETT, KAMP TA' APPLIKAZZJONI U DEFINIZZJONIJIET

Artikolu 1

Suġġett u kamp ta' applikazzjoni

Dan ir-Regolament jistabbilixxi arranġamenti prattiċi uniformi għat-twertiq ta' kontrolli uffiċjali u azzjonijiet fir-rigward tal-produzzjoni ta' prodotti li joriġinaw mill-annimali maħsuba għall-konsum mill-bniedem. Dawn il-kontrolli u l-azzjonijiet uffiċjali għandhom jitwettqu mill-awtoritajiet kompetenti b'kont meħud tar-reqwiziti tal-Artikolu 18(2), (3) u (5) tar-Regolament (UE) 2017/625 u tar-Regolament Delegat (UE) 2019/624.

Ir-regoli speċifiċi jkopru:

- (a) ir-reqwiziti speċifiċi u l-frekwenza minima uniformi ta' kontrolli uffiċjali fuq kwalunkwe prodott li joriġina mill-annimali, fir-rigward ta' awditjar u marki ta' identifikazzjoni;
- (b) ir-reqwiziti speċifiċi u l-frekwenza minima uniformi ta' kontrolli uffiċjali fuq il-laħam frisk, inklużi rekwiżiti speċifiċi għall-awditjar u l-kompiti speċifiċi fir-rigward tal-kontrolli fuq il-laħam frisk;

- (c) il-miżuri li jridu jittieħdu f'każijiet ta' nonkonformità tal-laħam frisk mar-rekwiżiti tal-Unjoni għall-protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem u għas-saħħa u t-ttrattament xieraq tal-annimali;
- (d) ir-rekwiżiti tekniċi u l-arranġamenti prattiċi dwar il-marka tas-saħħa msemmija fl-Artikolu 5 tar-Regolament (KE) Nru 853/2004;
- (e) ir-rekwiżiti speċifiċi u l-frekwenza minima uniformi ta' kontrolli uffiċjali fuq il-ħalib, fuq il-kolostru, fuq il-prodotti tal-ħalib u fuq prodotti li fihom il-kolostru;
- (f) il-kundizzjonijiet għall-klassifikazzjoni u għall-monitoraġġ taż-żoni kklassifikati ta' produzzjoni u ta' żamma ta' molluski bivalvi ħajjin, inklużi d-deċiżjonijiet li jridu jittieħdu wara l-monitoraġġ taż-żoni kklassifikati ta' produzzjoni u ta' żamma;
- (g) ir-rekwiżiti speċifiċi u l-frekwenza minima uniformi ta' kontrolli uffiċjali fuq il-prodotti tas-sajd.

Artikolu 2

Definizzjonijiet

Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

- (1) "laħam frisk" tfisser laħam frisk kif definit fil-punt 1.10 tal-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 853/2004;
- (2) "kolostru" tfisser kolostru kif definit fil-punt 1 tat-Taqsima IX tal-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 853/2004;
- (3) "prodotti tal-ħalib" tfisser prodotti mill-ħalib kif definit fil-punt 7.2 tal-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 853/2004;
- (4) "prodotti li fihom il-kolostru" tfisser prodotti li fihom il-kolostru kif definit fil-punt 2 tat-Taqsima IX tal-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 853/2004;
- (5) "żona ta' produzzjoni" tfisser arja ta' produzzjoni kif definit fil-punt 2.5 tal-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 853/2004;
- (6) "żona fejn jinżammu l-molluski" tfisser arja ta' ripożizzjoni kif definit fil-punt 2.6 tal-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 853/2004;
- (7) "molluski bivalvi" tfisser molluski bivalvi kif definit fil-punt 2.1 tal-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 853/2004;
- (8) "prodotti tas-sajd" tfisser prodotti tas-sajd kif definit fil-punt 3.1 tal-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 853/2004;
- (9) "stabbiliment" tfisser stabbiliment kif definit fl-Artikolu 2(1)(c) tar-Regolament (KE) Nru 852/2004;
- (10) "operatur tan-negożju tal-ikel" tfisser operatur ta' negożju tal-ikel kif definit fl-Artikolu 3(3) tar-Regolament (KE) Nru 178/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽³⁰⁾;
- (11) "kriterju mikrobijoloġiku" tfisser kriterju mikrobijoloġiku kif definit fl-Artikolu 2(b) tar-Regolament (KE) Nru 2073/2005;
- (12) "biċċerija" tfisser biċċerija kif definit fil-punt 1.16 tal-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 853/2004;
- (13) "traċċabbiltà" tfisser traċċabbiltà kif definit fl-Artikolu 3(15) tar-Regolament (KE) Nru 178/2002;
- (14) "materjal speċifikat riskjuż" tfisser materjal speċifikat riskjuż kif definit fl-Artikolu 3(1)(g) tar-Regolament (KE) Nru 999/2001;
- (15) "kontaminazzjoni" tfisser kontaminazzjoni kif definit fl-Artikolu 2(1)(f) tar-Regolament (KE) Nru 852/2004;
- (16) "azjenda ta' provenjenza" tfisser azjenda ta' provenjenza kif definit fil-punt 2 tal-Artikolu 2 tar-Regolament Delegat (UE) 2019/624;
- (17) "produzzjoni primarja" tfisser produzzjoni primarja kif definit fl-Artikolu 3(17) tar-Regolament (KE) Nru 178/2002;

⁽³⁰⁾ Ir-Regolament (KE) Nru 178/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' Jannar 2002 li jstabbilixxi l-prinċipji ġenerali u l-ħtiġijiet tal-liġi dwar l-ikel, li jstabbilixxi l-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel u jstabbilixxi l-proċeduri fi kwistjonijiet ta' sigurtà tal-ikel (ĠU L 31, 1.2.2002, p. 1).

- (18) “ungulati domestiċi” tfisser ungulati domestiċi kif definit fil-punt 1.2 tal-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 853/2004;
- (19) “stabbiliment li jipproċessa l-kaċċa” tfisser stabbiliment li jipproċessa l-kaċċa kif definit fil-punt 1.18 tal-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 853/2004;
- (20) “kaċċa salvaġġa kbira” tfisser kaċċa salvaġġa kbira kif definit fil-punt 1.8 tal-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 853/2004;
- (21) “qatgħa” tfisser qatgħa kif definit fl-Artikolu 2(3)(b) tar-Regolament (KE) Nru 2160/2003;
- (22) “lagomorfi” tfisser lagomorfi kif definit fil-punt 1.4 tal-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 853/2004;
- (23) “karkassa” tfisser karkassa kif definit fil-punt 1.9 tal-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 853/2004;
- (24) “ġewwieni” tfisser ġewwieni kif definit fil-punt 1.11 tal-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 853/2004;
- (25) “biċċerija b'kapaċità baxxa” tfisser biċċerija b'kapaċità baxxa kif definit fl-Artikolu 2(17) tar-Regolament Delegat (UE) 2019/624;
- (26) “biċċerija b'kapaċità baxxa li tipproċessa l-kaċċa” tfisser biċċerija b'kapaċità baxxa li tipproċessa l-kaċċa kif definit fl-Artikolu 2(18) tar-Regolament Delegat (UE) 2019/624;
- (27) “unità ta' bhejjem” tfisser unità ta' bhejjem kif definit fl-Artikolu 17(6) tar-Regolament (KE) Nru 1099/2009;
- (28) “kaċċa salvaġġa żgħira” tfisser kaċċa salvaġġa żgħira kif definit fil-punt 1.7 tal-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 853/2004;
- (29) “pollam” tfisser pollam kif definit fil-punt 1.3 tal-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 853/2004;
- (30) “impjant tat-tqattigħ” tfisser impjant tat-tqattigħ kif definit fil-punt 1.17 tal-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 853/2004;
- (31) “vixxri” tfisser interjuri kif definit fil-punt 1.12 tal-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 853/2004;
- (32) “laħam” tfisser laħam kif definit fil-punt 1.1 tal-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 853/2004;
- (33) “kaċċa mrobbija” tfisser kaċċa mrobbija kif definit fil-punt 1.6 tal-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 853/2004;
- (34) “kaċċa salvaġġa” tfisser kaċċa salvaġġa kif definit fil-punt 1.5 tal-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 853/2004;
- (35) “azjenda ta' produzzjoni tal-ħalib” tfisser azjenda ta' produzzjoni tal-ħalib kif definit fil-punt 4.2 tal-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 853/2004;
- (36) “ħalib mhux ipproċessat” tfisser ħalib nej kif definit fil-punt 4.1 tal-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 853/2004;
- (37) “ċentru ta' purifikazzjoni” tfisser ċentru ta' purifikazzjoni kif definit fil-punt 2.8 tal-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 853/2004;
- (38) “bijotossini tal-baħar” tfisser bijotossini marini kif definit fil-punt 2.2 tal-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 853/2004;
- (39) “stadji ta' produzzjoni, ipproċessar u tqassim” tfisser l-istadji ta' produzzjoni, ipproċessar u tqassim kif definit fl-Artikolu 3(16) tar-Regolament (KE) Nru 178/2002;
- (40) “ċentru ta' spedizzjoni” tfisser ċentru ta' spedizzjoni kif definit fil-punt 2.7 tal-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 853/2004;
- (41) “tqegħid fis-suq” tfisser tqegħid fis-suq kif definit fl-Artikolu 3(8) tar-Regolament (KE) Nru 178/2002;
- (42) “bastiment fabbrika” tfisser bastiment fabbrika kif definit fil-punt 3.2 tal-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 853/2004;
- (43) “bastiment friża” tfisser bastiment friża kif definit fil-punt 3.3 tal-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 853/2004;
- (44) “rettilli” tfisser rettili kif definit fil-punt 15 tal-Artikolu 2 tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/625 ⁽³¹⁾;

⁽³¹⁾ Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/625 tal-4 ta' Marzu 2019 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2017/625 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward ta' rekwiżiti għad-dħul fl-Unjoni ta' kunsinni ta' ċerti animali u oġġetti maħsuba għall-konsum mill-bniedem (ara l-paġna 18 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali).

- (45) “laħam tar-rettali” tfisser laħam tar-rettali kif definit fil-punt 16 tal-Artikolu 2 tar-Regolament Delegat (UE) 2019/625;
- (46) “prodotti tas-sajd friski” tfisser prodotti tas-sajd friski kif definit fil-punt 3.5 tal-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 853/2004;
- (47) “prodotti tas-sajd preparati” tfisser prodotti tas-sajd preparati kif definit fil-punt 3.6 tal-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 853/2004;
- (48) “prodotti tas-sajd ipproċessati” tfisser prodotti tas-sajd ipproċessati kif definit fil-punt 7.4 tal-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 853/2004.

TITOLU II

**REKWIŻITI SPEĊIFIĊI GĦAT-TWETTIQ TAL-KONTROLLI UFFIĊJALI U L-FREKWENZA MINIMA UNIFORMI
GĦALL-KONTROLLI UFFIĊJALI FUQ IL-PRODOTTI TA' ORIĠINI MILL-ANIMALI**

KAPITOLU I

Rekwiżiti speċifiċi għall-awditjar mill-awtoritajiet kompetenti fi stabbilimenti li jipproċessaw il-prodotti ta' oriġini mill-animalli

Artikolu 3

Rekwiżiti soġġetti għal awditjar

1. Meta jwettqu awditi tal-prattiki tal-iġjene tajba fl-istabbilimenti, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jivverifikaw li l-operaturi tan-negozju tal-ikel li jipproċessaw il-prodotti ta' oriġini mill-animalli japplikaw kontinwament u kif suppost il-proċeduri dwar talanqas dawn li ġejjin:

- id-disinn u l-manutenzjoni tal-post u tat-tagħmir;
- l-iġjene preoperazzjonali, operazzjonali u postoperazzjonali;
- l-iġjene personali;
- it-taħriġ fl-iġjene u fil-proċeduri tax-xogħol;
- il-kontroll tal-organizzazzjoni ta' ħsara;
- il-kwalità tal-ilma;
- il-kontroll tat-temperatura;
- il-kontrolli fuq l-animalli jew fuq l-ikel li jidħol jew li jitlaq mill-istabbiliment, u kwalunkwe dokumentazzjoni ta' akkumpanjament.

2. Meta jwettqu awditi fuq il-proċeduri abbażi ta' analiżi tal-perikli u punti kritiċi ta' kontroll (HACCP), kif stabbilit fl-Artikolu 5 tar-Regolament (KE) Nru 852/2004, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jivverifikaw li l-operaturi tan-negozju tal-ikel li jipproċessaw il-prodotti ta' oriġini mill-animalli japplikaw dawn il-proċeduri kontinwament u kif suppost.

3. Dawn għandhom, b'mod partikolari, jistabbilixxu jekk il-proċeduri jiggwarantixxux, sa fejn hu possibbli, li prodotti ta' oriġini mill-animalli:

- jikkonformaw mal-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 2073/2005 f'dak li għandu x'jaqsam mal-kriterji mikrobijoloġiċi;
- jikkonformaw mal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar:
 - il-monitoraġġ tar-residwi ta' sustanzi kimiċi, skont id-Direttiva tal-Kunsill 96/23/KE u d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 97/747/KE ⁽³²⁾;
 - il-limiti massimi ta' residwi ta' sustanzi farmakoloġikament attivi, skont ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 37/2010 ⁽³³⁾ u r-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/470 ⁽³⁴⁾;

⁽³²⁾ Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 97/747/KE tas-27 ta' Ottubru 1997 li tiffissa l-livelli u l-frekwenzi tat-teħid tal-kampjuni provduti fid-Direttiva tal-Kunsill 96/23/KE sabiex jiġu monitorjati ċerti sustanzi u l-fdalijiet tagħhom f'ċerti prodotti mill-animalli (ĠU L 303, 6.11.1997, p. 12).

⁽³³⁾ Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 37/2010 tat-22 ta' Diċembru 2009 dwar is-sustanzi farmakoloġikament attivi u l-klassifikazzjoni tagħhom fir-rigward tal-limiti massimi ta' residwu fl-oġġetti tal-ikel li ġejjin mill-animalli (ĠU L 15, 20.1.2010, p. 1).

⁽³⁴⁾ Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/470 tal-21 ta' Marzu 2018 dwar regoli dettaljati dwar il-limitu massimu ta' residwi li jrid jiġi kkunsidrat għall-finijiet ta' kontroll għall-oġġetti tal-ikel li ġejjin mill-animalli li ġew trattati fl-UE skont l-Artikolu 11 tad-Direttiva 2001/82/KE (ĠU L 79, 22.3.2018, p. 16).

- is-sustanzi pprojbiti u mhux awtorizzati, skont ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 37/2010, id-Direttiva tal-Kunsill 96/22/KE ⁽³⁵⁾, id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2005/34/KE ⁽³⁶⁾;
- il-kontaminanti, skont ir-Regolamenti (KE) Nru 1881/2006 u (KE) Nru 124/2009 li jistabbilixxu livelli massimi ta' ċerti kontaminanti fl-oġġetti tal-ikel;
- ir-residwi ta' pestiċidi, skont ir-Regolament (KE) Nru 396/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽³⁷⁾;

(c) ma jkunx fihom perikli fiżiċi, bħal oġġetti minn barra.

4. Meta operatur tan-negozju tal-ikel juża l-proċeduri stabbiliti fil-gwidi għall-applikazzjoni tal-prinċipji bbażati fuq l-HACCP, skont l-Artikolu 5(5) tar-Regolament (KE) Nru 852/2004, l-awditjar għandu jkopri l-użu korrett ta' dawk il-gwidi.

5. Meta jwettqu kompiti ta' awditjar, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jagħtu attenzjoni speċjali:

- (a) biex jiddeterminaw jekk il-persunal u l-attivitajiet tal-persunal fl-istabbiliment f'kull stadju tal-proċess tal-produzzjoni humiex konformi mar-rekwiżiti, fir-rigward tal-prattiki tal-iġjene u tal-HACCP stabbiliti fl-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 2073/2005, l-Artikoli 4 u 5 tar-Regolament (KE) Nru 852/2004 u l-Artikolu 3(1) tar-Regolament (KE) Nru 853/2004. Biex jikkomplimentaw l-awditjar, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jwettqu testijiet tal-prestazzjoni, sabiex jiġi aċċertat li l-persunal huwa mħarreġ biżżejjed;
- (b) biex jivverifikaw ir-rekords rilevanti tal-operatur tan-negozju tal-ikel;
- (c) biex jieħdu kampjuni għall-analiżi fil-laboratorju fejn meħtieġ;
- (d) biex jiddokumentaw l-elementi li jkunu ttieħdu inkunsiderazzjoni u s-sejbiet tal-awditjar.

Artikolu 4

Natura u frekwenza tal-awditjar

1. In-natura u l-frekwenza tal-kompiti ta' awditjar fir-rigward ta' stabbilimenti individwali għandhom jiddependu fuq ir-riskju vvalutat. Għal dan il-għan, l-awtoritajiet kompetenti għandhom iwettqu valutazzjoni regolari:

- (a) tar-riskji għas-saħħa tal-bniedem, u fejn xieraq, tal-annimali;
- (b) fil-każ ta' biċċeriji, l-aspetti ta' trattament xieraq tal-annimali;
- (c) it-tip u l-ammont ta' materjal ipproċessat u l-proċessi mwettqa;
- (d) ir-rekord tal-passat tal-operatur tan-negozju tal-ikel fir-rigward tal-konformità mal-liġi dwar l-ikel.

2. Fejn l-operaturi tan-negozju tal-ikel fil-katina tal-ikel jieħdu miżuri addizzjonali biex jiggarantixxu s-sikurezza tal-ikel billi jimplimentaw sistemi integrati, sistemi privati ta' kontroll jew ċertifikazzjoni indipendenti minn partijiet terzi, jew b'xi mezzi oħra, u fejn dawn il-miżuri jkunu dokumentati u l-annimali koperti b'dawn l-iskemi jkunu identifikabbli b'mod ċar, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jieħdu dawn il-miżuri inkunsiderazzjoni meta jwettqu l-awditjar sabiex jirrevedu l-prattiki ta' iġjene tajba u l-proċeduri bbażati fuq l-HACCP.

KAPITOLU II

Rekwiżiti speċifiċi dwar il-marki ta' identifikazzjoni

Artikolu 5

Il-konformità mar-rekwiżiti tar-Regolament (KE) Nru 853/2004 dwar l-applikazzjoni ta' marki ta' identifikazzjoni għandha tiġi verifikata fl-istabbilimenti kollha approvati skont dak ir-Regolament, b'żieda mal-verifika ta' konformità ma' rekwiżiti oħra ta' traċċabilità skont l-Artikolu 18 tar-Regolament (KE) Nru 178/2002.

⁽³⁵⁾ Id-Direttiva tal-Kunsill 96/22/KE tad-29 ta' April 1996 li tikkonċerna l-projbizzjoni tal-użu fl-istockfarming ta' ċerti sustanzi li jkollhom azzjoni ormonika u tyrostatika u ta' β -agonists u li tħassar id-Direttivi 81/602/KEE, 88/146/KEE u 88/299/KEE (ĠU L 125, 23.5.1996, p. 3).

⁽³⁶⁾ Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2005/34/KE tal-11 ta' Jannar 2005 li tistabbilixxi standards armonizzati għall-ittestjar ta' ċerti residwi fil-prodotti li joriġinaw mill-annimali importati minn pajjiżi terzi (ĠU L 16, 20.1.2005, p. 61).

⁽³⁷⁾ Ir-Regolament (KE) Nru 396/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Frar 2005 dwar il-livelli massimi ta' residwu ta' pestiċidi fi jew fuq ikel u għalf li joriġina minn pjanti u annimali u jemenda d-Direttiva tal-Kunsill 91/414/KEE (ĠU L 70, 16.3.2005, p. 1).

KAPITOLU III

Żviluppi xjentifiċi u teknoloġiċi

Artikolu 6

L-Istati Membri għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri l-oħra dwar l-iżviluppi xjentifiċi u teknoloġiċi, kif imsemmi fl-Artikolu 16(2)(b) tar-Regolament (UE) 2017/625 għal kunsiderazzjoni u azzjoni ulterjuri skont kif xieraq.

TITOLU III

REKWIŻITI SPEĊIFIĊI GĦAT-TWETTIQ TAL-KONTROLLI UFFIĊJALI U L-FREKWENZA MINIMA UNIFORMI GĦALL-KONTROLLI UFFIĊJALI FUQ IL-LAĦAM FRISK

KAPITOLU I

Awditjar

Artikolu 7

Rekwiżiti addizzjonali għall-awditjar fi stabbilimenti li jipproċessaw il-laħam frisk

1. Minbarra r-rekwiżiti għall-awditjar stabbiliti fl-Artikoli 3 u 4, l-awtoritajiet kompetenti għandhom, meta jwettqu awditjar fl-istabbilimenti li jipproċessaw il-laħam frisk, jivverifikaw il-konformità kontinwa mal-proċeduri proprji tal-operaturi tan-negozju tal-ikel dwar il-ġbir, it-trasport, il-ħżin u l-ipproċessar tal-laħam frisk, u l-użu jew ir-rimi ta' prodotti sekondarji mill-annimali, inkluż il-materjal speċifikat riskjuż, li għalihom huma responsabbli.
2. Waqt it-twettiq ta' awditjar f'biċċeriji, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jivverifikaw l-evalwazzjoni tal-informazzjoni dwar il-katina alimentari, kif stabbilit fit-Taqsima III tal-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 853/2004.
3. Meta jwettqu awditjar tal-proċeduri bbażati fuq l-HACCP, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jivverifikaw li qed tingħata attenzjoni xierqa lill-proċeduri stabbiliti fit-Taqsima II tal-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 853/2004 u li l-proċeduri tal-operaturi tan-negozji tal-ikel jiggarrantixxu, sakemm ikun possibbli, li l-laħam frisk:
 - (a) ma fihx anormalitajiet jew tibdil patoloġiċi;
 - (b) ma fihx
 - (i) kontaminazzjoni fekali; jew,
 - (ii) xi kontaminazzjoni oħra li hija meqjusa li tippreżenta riskju inaċċettabbli għas-saħħa tal-bniedem;
 - (c) jikkonforma mal-kriterji mikrobijoloġiċi fl-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 2073/2005;
 - (d) ma fihx materjal speċifikat riskjuż, skont ir-rekwiżiti tar-Regolament (KE) Nru 999/2001.

KAPITOLU II

Kontrolli uffiċjali fuq il-laħam frisk

Artikolu 8

Rilevanza tar-riżultati tal-awditjar

Meta jwettaq il-kontrolli uffiċjali skont dan il-Kapitolu, il-veterinarju uffiċjali għandu jieħu inkunsiderazzjoni r-riżultati tal-awditjar li sar skont il-Kapitolu I. Fejn xieraq, il-veterinarju uffiċjali għandu jiffoka l-kontrolli uffiċjali fuq nuqqasijiet li jkunu ġew identifikati waqt l-awditjar preċedenti.

Taqsima 1

Kontrolli tad-dokumenti

Artikolu 9

Obbligi tal-awtoritajiet kompetenti fir-rigward tal-kontrolli tad-dokumenti

1. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jinfurmaw lill-operatur tan-negozju tal-ikel tal-azjenda ta' provenjenza dwar l-elementi minimi ta' informazzjoni dwar il-katina alimentari li trid tingħata lill-operatur tal-biċċerija skont it-Taqsima III tal-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 853/2004.

2. L-awtoritajiet kompetenti għandhom iwettqu l-kontrolli meħtieġa tad-dokumenti biex jivverifikaw li:
 - (a) l-informazzjoni dwar il-katina alimentari tiġi kkomunikata b'mod konsistenti u effettiv bejn l-operatur tan-negozju tal-ikel li jkun rabba jew żamm l-annimali qabel l-ispedizzjoni u l-operatur tal-biċċerija;
 - (b) l-informazzjoni dwar il-katina tal-ikel hija valida u affidabbli;
 - (c) il-feedback tal-informazzjoni rilevanti lill-azjenda ta' provenjenza, jekk applikabbli, jingħata skont l-Artikolu 39(5).
3. Meta l-annimali jintbagħtu għat-tbiċċir fi Stat Membru ieħor, l-awtoritajiet kompetenti fl-azjenda ta' provenjenza u fil-post tat-tbiċċir għandhom jikkooperaw biex jiġi żgurat li l-informazzjoni dwar il-katina alimentari pprovduta mill-operatur tan-negozju tal-ikel tal-azjenda ta' provenjenza hija faċilment aċċessibbli għall-operatur tal-biċċerija li jirċievha.

Artikolu 10

Obbligi tal-veterinarju uffiċjali fir-rigward tal-kontrolli tad-dokumenti

1. Il-veterinarju uffiċjali għandu jivverifika r-riżultati tal-kontrolli u tal-evalwazzjonijiet tal-informazzjoni dwar il-katina alimentari ipprovduta mill-operatur tal-biċċerija skont is-Sezzjoni III tal-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 853/2004. Il-veterinarju uffiċjali għandu jieħu inkunsiderazzjoni dawk il-kontrolli u l-evalwazzjonijiet meta jwettaq spezzjonijiet *ante-mortem* u *post-mortem*, flimkien ma' kwalunkwe informazzjoni rilevanti oħra mir-rekords tal-azjenda ta' provenjenza tal-annimali.
2. Meta jwettaq spezzjonijiet *ante-mortem* u *post-mortem*, il-veterinarju uffiċjali għandu jieħu inkunsiderazzjoni ċ-ċertifikati uffiċjali previsti skont l-Artikolu 29 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/628 ⁽³⁸⁾, u kwalunkwe dikjarazzjoni mill-veterinarji li jkun wettqu l-kontrolli uffiċjali jew kontrolli oħra fil-livell tal-produzzjoni primarja.
3. Fil-każ tat-tbiċċir b'emerġenza ta' unġulati domestiċi barra l-biċċerija, il-veterinarju uffiċjali fil-biċċerija għandu jeżamina ċ-ċertifikazzjoni prevista skont l-Artikolu 29 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/628 u li tkun inħarġet mill-veterinarju uffiċjali li jkun wettaq l-ispezzjoni *ante-mortem* skont il-punt 6 tal-Kapitolu VI tas-Sezzjoni I tal-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 853/2004 u kwalunkwe informazzjoni rilevanti oħra pprovduta mill-operatur tan-negozju tal-ikel.
4. Fil-każ ta' kaċċa salvaġġa kbira, il-veterinarju uffiċjali fl-istabbiliment li jimmaniġġja l-kaċċa għandu jeżamina u jieħu inkunsiderazzjoni d-dikjarazzjoni li takkumpanja l-karkassa tal-annimal, kif maħruġa minn persuna mħarrġa skont il-punt 4(a) tal-Kapitolu II tas-Sezzjoni IV tal-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 853/2004.

Taqsim 2

Spezzjoni *ante-mortem*

Artikolu 11

Rekwiżiti fir-rigward tal-ispezzjoni *ante-mortem* fil-biċċerija

1. L-annimali kollha għandhom jiġu sottoposti għal spezzjoni *ante-mortem* qabel it-tbiċċir. Madankollu, l-ispezzjoni tista' tkun limitata għal kampjun rappreżentattiv ta' għasafar minn kull qatgħa u għal kampjun rappreżentattiv ta' lagomorfi minn kull azjenda ta' provenjenza ta' lagomorfi.
2. L-ispezzjoni *ante-mortem* għandha ssir fi żmien 24 siegħa mill-wasla tal-annimali fil-biċċerija u finqas minn 24 siegħa qabel it-tbiċċir. Il-veterinarju uffiċjali jista' jitlob li ssir spezzjoni *ante-mortem* addizzjonali fi kwalunkwe ħin ieħor.
3. L-ispezzjoni *ante-mortem* għandha tiddetermina jekk, fir-rigward tal-annimal partikolari spezzjonat, ikunx hemm xi sinjal:
 - (a) li s-saħħa u t-trattament xieraq tal-annimal jkun ġew kompromessi;

⁽³⁸⁾ Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/628 tat-8 ta' April 2019 li jikkonċerna mudelli taċ-ċertifikati uffiċjali għal ċerti annimali u oġġetti u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 2074/2005 u r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2016/759 fir-rigward ta' dawn il-mudelli taċ-ċertifikati (ara l-paġna 101 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali).

- (b) ta' xi kundizzjoni, anormalità jew marda li jwasslu biex il-laħam frisk ma jkunx tajjeb għall-konsum mill-bniedem jew jista' jaffettwa ħażin is-saħħa tal-annimali, b'attenzjoni partikolari għad-detezzjoni ta' mard żoonotiku u ta' mard tal-annimali li dwaru hemm regoli dwar is-saħħa tal-annimali stabbiliti fir-Regolament (UE) 2016/429;
- (c) tal-użu ta' sustanzi pprojbiti jew mhux awtorizzati, tal-użu ħażin ta' prodotti mediċinali veterinarji jew tal-preżenza ta' residwi kimiċi jew kontaminanti.
4. L-ispezzjoni *ante-mortem* għandha tinkludi verifika tal-konformità tal-operaturi tan-negozju tal-ikel mal-obbligu tagħhom li jiżguraw li l-annimali jkollhom ġilda jew suf nadif, sabiex jiġi evitat kull riskju mhux aċċettabbli ta' kontaminazzjoni tal-laħam frisk waqt it-tbiċċir.
5. Il-veterinarju uffiċjali għandu jwettaq spezzjoni klinika tal-annimali kollha li l-operatur tan-negozju tal-ikel jew l-awżiljarju uffiċjali jista' jkun warrab għal spezzjoni *ante-mortem* aktar bir-reqqa.
6. Meta l-ispezzjoni *ante-mortem* issir fl-azjenda ta' provenjenza skont l-Artikolu 5 tar-Regolament Delegat (UE) 2019/624, il-veterinarju uffiċjali fil-biċċerija għandu jwettaq spezzjoni *ante-mortem* biss meta u sal-limitu speċifikat.

Taqsim 3

Spezzjoni *post-mortem*

Artikolu 12

Rekwiżiti għall-ispezzjoni *post-mortem*

1. Soġġett għad-deroga stabbilita fil-Punt 4 tal-Kapitolu II tas-Sezzjoni IV tal-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 853/2004, il-karkassi u l-ġewwieni li jakkumpanjahom, għandhom ikunu soġġetti għal spezzjoni *post-mortem*:
- (a) mingħajr dewmien wara t-tbiċċir, jew
- (b) kemm jista' jkun malajr wara l-wasla fl-istabiliment li jimmaniġġja l-kaċċa.
2. L-awtoritajiet kompetenti jistgħu jitolbu lill-operatur tan-negozju tal-ikel jipprovdi faċilitajiet tekniċi speċjali u biżżejjed spazju biex jiċċekkjaw il-ġewwieni.
3. L-awtoritajiet kompetenti għandhom:
- (a) jiċċekkjaw l-uċuh esterni kollha, inklużi dawk tal-kavitajiet tal-ġisem tal-karkassi kif ukoll il-ġewwieni;
- (b) jagħtu attenzjoni partikolari għad-detezzjoni ta' mard żoonotiku u mard tal-annimali li dwaru hemm regoli dwar is-saħħa tal-annimali stabbiliti fir-Regolament (UE) 2016/429.
4. Il-ħeffa tal-linja għat-tbiċċir u l-għadd ta' persunal preżenti li jwettaq l-ispezzjonijiet, għandhom ikunu tali li jippermettu spezzjoni xierqa.

Artikolu 13

Deroga dwar il-ħin li fih titwettaq l-ispezzjoni *post-mortem*

1. B'deroga mill-Artikolu 12(1), l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jippermettu li, f'każ li la l-veterinarju uffiċjali u lanqas l-uffiċjal awżiljarju ma jkunu preżenti fl-istabiliment li jimmaniġġja l-kaċċa jew fil-biċċerija waqt it-tbiċċir u t-tlestija, l-ispezzjoni *post-mortem* tittardja b'perjodu massimu ta' 24 siegħa mit-tbiċċir jew mill-wasla fl-istabiliment li jipproċessa l-kaċċa, sakemm:
- (a) l-annimali kkonċernati jkunu tbiċċru f'biċċerija b'kapaċità baxxa jew ikunu ġew ipproċessati fi stabiliment b'kapaċità baxxa li jipproċessa l-kaċċa li jbiċċer jew li jipproċessa:
- (i) inqas minn 1 000 unità ta' bhejjem fis-sena; jew
- (ii) inqas minn 150 000 pollam, lagomorfi u kaċċa salvaġġa żgħira fis-sena;
- (b) jeżistu biżżejjed faċilitajiet fi stabiliment sabiex il-laħam frisk u l-ġewwieni jkunu jistgħu jinħażnu sabiex ikunu jistgħu jiġu eżaminati;
- (c) l-ispezzjoni *post-mortem* issir mill-veterinarju uffiċjali.

(2) L-awtoritajiet kompetenti jistgħu jżidu l-limiti stabbiliti fil-punt (a)(i) u (ii) tal-paragrafu 1 filwaqt li jiżguraw li d-deroga tiġi applikata fl-iżgħar biċċeriji u stabbilimenti li jipproċessaw il-kaċċa li jikkonformaw mad-definizzjoni ta' biċċerija b'kapaċità baxxa jew ta' stabbiliment b'kapaċità baxxa li jipproċessa l-kaċċa u sakemm il-produzzjoni annwali kkombinata ta' dawn l-istabbilimenti ma taqbiżx il-5 % tal-ammont totali ta' laħam frisk prodott fi Stat Membru:

- (a) għall-ispeċijiet ikkonċernati;
- (b) jew għall-ungulati kollha flimkien;
- (c) tal-pollam kollu flimkien; jew,
- (d) tal-għasafar u tal-lagomorfi kollha flimkien.

F'tali każ, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jinnotifikaw din id-deroga u l-evidenza li ssostrniha skont il-proċedura stabbilita fid-Direttiva (UE) 2015/1535 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽³⁹⁾;

3. Għall-fini tal-punt (a)(i) tal-paragrafu 1, għandhom jintużaw ir-rati ta' konverżjoni stabbiliti fl-Artikolu 17(6) tar-Regolament (KE) Nru 1099/2009. Madankollu fil-każ ta' animali ovini u kaprini u ta' *Cervidae* żgħar (< 100 kg ta' piż ħaj) għandha tintuża r-rata ta' konverżjoni ta' 0,05 unità ta' bhejjem, u fil-każ ta' selvaġġina kbira oħra għandha tintuża r-rata ta' konverżjoni ta' 0,2 unità ta' bhejjem.

Artikolu 14

Rekwiżiti ta' eżamijiet addizzjonali għall-ispezzjoni post-mortem

1. Eżamijiet addizzjonali, bħal palpazzjoni u inċiżjoni ta' partijiet tal-karkassa u tal-ġewwieni, u testijiet tal-laboratorju, għandhom isiru jekk dan ikun meħtieġ biex:

- (a) tinkiseb dijanjożi definittiva ta' periklu suspettat; jew
- (b) tiġi skoperta l-preżenza ta':
 - (i) marda tal-annimali li dwarha hemm regoli dwar is-saħħa tal-annimali stabbiliti fir-Regolament (UE) 2016/429;
 - (ii) residwi kimiċi jew kontaminanti kif imsemmi fid-Direttiva 96/23/KE u fid-Deċiżjoni 97/747/KE, speċjalment:
 - residwi kimiċi li jaqbzū l-livelli stabbiliti fir-Regolamenti (UE) Nru 37/2010 u (KE) Nru 396/2005;
 - kontaminanti li jaqbzū l-livelli massimi stabbiliti fir-Regolamenti (KE) Nru 1881/2006 u (KE) Nru 124/2009; jew
 - residwi ta' sustanzi li huma pprojbiti jew mhux awtorizzati skont ir-Regolament (UE) Nru 37/2010 jew id-Direttiva 96/22/KE;
 - (iii) in-nuqqas ta' konformità mal-kriterji mikrobijoloġiċi msemmija fl-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 2073/2005 jew il-preżenza possibbli ta' perikli mikrobijoloġiċi oħra li jwasslu biex il-laħam frisk ma jkunx tajjeb għall-konsum mill-bniedem;
 - (iv) fatturi oħra li jistgħu jeħtieġu li l-laħam frisk jiġi ddikjarat mhux tajjeb għall-konsum mill-bniedem jew li jitqegħdu restrizzjonijiet dwar l-użu tiegħu.

2. Matul l-ispezzjoni *post-mortem*, għandhom jittieħdu prekawzjonijiet biex jiġi żgurat li l-kontaminazzjoni tal-laħam minħabba azzjonijiet bħal palpazzjoni, qtugħ jew inċiżjoni tinżamm għall-minimu possibbli.

Artikolu 15

Rekwiżiti għall-ispezzjoni post-mortem ta' solipedi domestiċi, ta' animali bovini ta' aktar minn tmien xhur u ta' ħnieżer domestiċi ta' aktar minn ħames ġimgħat, u ta' kaċċa salvaġġa kbira

1. Ir-rekwiżiti f'dan l-Artikolu għandhom japplikaw b'żieda mar-rekwiżiti fl-Artikolu 12 u 14.

⁽³⁹⁾ Id-Direttiva (UE) 2015/1535 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Settembru 2015 li tistabbilixxi proċedura għall-għoti ta' informazzjoni fil-qasam tar-regolamenti tekniċi u tar-regoli dwar is-servizzi tas-Soċjetà tal-Informatika (ĠU L 241, 17.9.2015, p. 1).

2. Il-veterinarju uffiċjali għandu jirrikjedi li l-karkassi ta' solipedi domestiċi, ta' annimali bovini ta' aktar minn tmien xhur u ta' ħnieżer domestiċi ta' aktar minn ħames ġimgħat jintbagħtu għal spezzjoni *post-mortem* maqsuma mit-tul f'nofs karkassi tul il-kolonna tad-dahar.
3. Jekk l-ispezzjoni *post-mortem* titlob dan, il-veterinarju uffiċjali jista' jitlob li xi ras jew karkassa tinqasam mit-tul. Iżda, biex jieħu inkunsiderazzjoni drawwiet partikolari ta' tmigħ, żviluppi teknoloġiċi jew sitwazzjonijiet sanitarji speċifiċi, il-veterinarju uffiċjali jista' jawtorizza s-sottomissjoni għall-ispezzjoni *post-mortem* ta' karkassi ta' solipedi domestiċi, ta' annimali bovini ta' aktar minn tmien xhur u ta' ħnieżer domestiċi ta' aktar minn ħames ġimgħat li ma jkunux maqsuma min-nofs.
4. F'biċċeriji b'kapaċità baxxa jew fi stabbilimenti b'kapaċità baxxa li jipproċessaw il-kaċċa li jipproċessaw inqas minn 1 000 unità ta' bhejjem fis-sena, il-veterinarju uffiċjali jista', għal raġunijiet ta' saħħa, jawtorizza li l-karkassi ta' solipedi domestiċi adulti, ta' annimali bovini adulti u ta' kaċċa salvaġġa kbira adulta jitqattgħu fi kwarti qabel l-ispezzjoni *post-mortem*.

Artikolu 16

Rekwiżiti addizzjonali għall-ispezzjoni *post-mortem* f'każijiet ta' tbiċċir b'emerġenza

Fil-każ ta' tbiċċir b'emerġenza, il-karkassa għandha tkun soġġetta għal spezzjoni *post-mortem* malajr kemm jista' jkun skont l-Artikolu 12, 13, 14 u 15 qabel tiġi rilaxxata għall-konsum mill-bniedem.

Artikolu 17

Arranġamenti prattiċi għall-ispezzjoni *post-mortem* ta' annimali bovini domestiċi, ta' nagħaġ u ta' mogħoż domestiċi, ta' solipedi domestiċi u ta' ħnieżer domestiċi

Meta l-ispezzjoni *post-mortem* issir minn veterinarju uffiċjali, taħt is-superviżjoni tal-veterinarju uffiċjali jew, fejn ikun hemm biżżejjed garanziji fis-seħħ, taħt ir-responsabbiltà tal-veterinarju uffiċjali skont l-Artikolu 18(2)(c) tar-Regolament (UE) 2017/625 u l-Artikolu 7 tar-Regolament Delegat 2019/624, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jiżguraw li, minbarra r-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 12, 14 u 15, l-arranġamenti prattiċi stabbiliti fis-segwenti Artikoli 18 sa 24 jiġu mħarsa fil-każ ta' annimali bovini domestiċi, ta' nagħaġ u ta' mogħoż domestiċi, ta' solipedi domestiċi u ta' ħnieżer domestiċi.

Artikolu 18

Annimali bovini żgħar

1. Il-karkassi u l-ġewwieni tal-annimali bovini li ġejjin għandhom jiġu sottoposti għall-proċeduri ta' spezzjoni *post-mortem* stabbiliti fil-paragrafu 2:
 - (a) annimali taħt it-tmien xhur; kif ukoll,
 - (b) annimali taħt l-20 xahar jekk tul ħajjithom kollha jkunu ġew imrobbija mingħajr aċċess għal mergħat fi Stat Membru jew freġjun ta' Stat Membru uffiċjalment rikonoxxut bħala ħieles mit-tuberkulożi skont l-Artikolu 1 tad-Deċiżjoni 2003/467/KE.
2. Il-proċeduri ta' spezzjoni *post-mortem* għandhom jinkludu tal-anqas spezzjoni viżwali ta' dawn li ġejjin:
 - (a) ir-ras u l-gerżuma; flimkien ma' palpazzjoni u eżami tan-nodi limfatiċi retrofarinġali (*Lnn. Retropharyngiales*), madankollu, sabiex tiġi żgurata s-sorveljanza tal-istatus ta' uffiċjalment ħieles mit-tuberkulożi, l-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li jwettqu investigazzjonijiet addizzjonali; spezzjoni tal-ħalq u tal-fawċi;
 - (b) il-pulmuni, it-trakea u l-esofagu; palpazzjoni tal-pulmuni; palpazzjoni u eżami tan-nodi limfatiċi tal-bronki u dawk medjastinali (*Lnn. bifurcationes, eparteriales u mediastinales*);
 - (c) il-perikardju u l-qalb;
 - (d) id-dijaframma;
 - (e) il-fwied u n-nodi limfatiċi tal-fwied u tal-pankreas (*Lnn. portales*);

- (f) il-passaġġ gastrointestinali, il-meżenterju, u n-nodi limfatiċi gastrici u meżenteriċi (*Lnn. gastrici, mesenterici, craniales u caudales*);
- (g) il-milsa;
- (h) il-kliewi;
- (i) il-plewra u l-peritoneu;
- (j) ir-reġjun ombelikali u l-ġogi ta' annimali żgħar.

3. Il-veterinarju uffiċjali għandu jipproċedi bil-proċeduri ta' spezzjoni *post-mortem* li ġejjin permezz ta' inċiżjoni u palpazzjoni tal-karkassa u tal-ġewwieni, meta jkun hemm indikazzjonijiet ta' riskju possibbli għas-saħħa tal-bniedem, għas-saħħa tal-annimali jew għat-trattament xieraq tal-annimali skont l-Artikolu 24:

- (a) inċiżjoni tan-nodi limfatiċi retrofarinġali (*Lnn. retropharyngiales*); palpazzjoni tal-ilsien;
- (b) inċiżjoni tan-nodi limfatiċi tal-bronki u dawk medjastinali (*Lnn. bifurcationes, eparteriales u mediastinales*); ftuħ lonġitudinali tat-trakea u tal-fergħat prinċipali tal-bronki; l-inċiżjoni tal-pulmuni għandha ssir fil-parti terza posterjuri tagħhom, b'mod perpendikolari għall-assi prinċipali tagħhom; dawn l-inċiżjonijiet mhumiex neċessarji meta l-pulmuni jkunu esklużi mill-konsum mill-bniedem;
- (c) inċiżjoni lonġitudinali tal-qalb sabiex jinfetħu l-ventrikoli u jinqata' s-septum interventrikolari;
- (d) inċiżjoni tan-nodi limfatiċi gastrici u dawk meżenteriċi;
- (e) palpazzjoni tal-milsa;
- (f) inċiżjoni tal-kliewi u tan-nodi limfatiċi tal-kliewi (*Lnn. renales*);
- (g) palpazzjoni tar-reġjun ombelikali u tal-ġogi. Għandha ssir inċiżjoni fir-reġjun ombelikali u l-ġogi għandhom jinfetħu; il-fluwidu sinovjali jrid jiġi eżaminat.

Artikolu 19

Annimali bovini oħra

1. Il-karkassi u l-ġewwieni ta' annimali bovini minbarra dawk imsemmija fl-Artikolu 18(1) għandhom jiġu sottoposti għall-proċeduri ta' spezzjoni *post-mortem* li ġejjin:

- (a) spezzjoni viżwali tar-ras u tal-gerżuma; inċiżjoni u eżami tan-nodi limfatiċi retrofarinġali (*Lnn. retropharyngiales*); eżami tal-masseters esterni, li fihom għandhom isiru żewġ inċiżjonijiet paralleli mal-mandibula, u tal-masseters interni (il-muskoli interni pterigojdi), fejn l-inċiżjoni għandha ssir fuq pjan wieħed. L-ilsien għandu jitneħħa biex jippermetti spezzjoni viżwali dettaljata tal-ħalq u tal-fawċi;
- (b) spezzjoni tat-trakea u tal-esofagu; spezzjoni viżwali u palpazzjoni tal-pulmuni; inċiżjoni u eżami tan-nodi limfatiċi tal-bronki u dawk medjastinali (*Lnn. bifurcationes, eparteriales u mediastinales*);
- (c) spezzjoni viżwali tal-perikardju u tal-qalb, fejn, f'din tal-aħħar, l-inċiżjoni ssir b'mod lonġitudinali sabiex jinfetħu l-ventrikoli u jinqata' s-septum interventrikolari;
- (d) spezzjoni viżwali tad-dijaframma;
- (e) spezzjoni viżwali tal-fwied u tan-nodi limfatiċi tal-fwied u dawk pankreatiċi (*Lnn. portales*);
- (f) spezzjoni viżwali tal-passaġġ gastrointestinali, tal-meżenterju, tan-nodi limfatiċi gastrici u dawk meżenteriċi (*Lnn. gastrici, mesenterici, craniales u caudales*); palpazzjoni tan-nodi limfatiċi gastrici u dawk meżenteriċi;
- (g) spezzjoni viżwali tal-milsa;
- (h) spezzjoni viżwali tal-kliewi;
- (i) spezzjoni viżwali tal-plewra u tal-peritoneu;
- (j) spezzjoni viżwali tal-organi ġenitali (ħlief għall-pene, jekk ikun diġà ntrema);
- (k) spezzjoni viżwali tad-driegħ u tan-nodi limfatiċi tiegħu (*Lnn. supramammarii*).

2. Il-veterinarju uffiċjali għandu jipproċedi bil-proċeduri ta' spezzjoni *post-mortem* li ġejjin permezz ta' inċiżjoni u palpazzjoni tal-karkassa u tal-ġewwieni, meta jkun hemm indikazzjonijiet ta' riskju possibbli għas-saħħa tal-bniedem, għas-saħħa tal-annimali jew għat-trattament xieraq tal-annimali skont l-Artikolu 24:

- (a) inċiżjoni u eżami tan-nodi limfatiċi submaxillari u tal-parotidu (*Lnn. mandibulares* u *parotidei*); palpazzjoni tal-ilsien u tal-fawċi;
- (b) inċiżjoni tan-nodi limfatiċi tal-bronki u dawk medjastinali (*Lnn. bifurcationes, eparteriales* u *mediastinales*); ftuħ lonġitudinali tat-trakea u tal-fergħat prinċipali tal-bronki; l-inċiżjoni tal-pulmuni għandha ssir fil-parti terza posterjuri tagħhom, b'mod perpendikolari għall-assi prinċipali tagħhom; dawn l-inċiżjonijiet mhumiex neċessarji meta l-pulmuni jkunu esklużi mill-konsum mill-bniedem;
- (c) palpazzjoni tal-fwied u tan-nodi limfatiċi tal-fwied u dawk pankreatiċi (*Lnn. portales*); inċiżjoni tas-superfiċje gastrika tal-fwied u fil-bażi tal-lobu tad-denb biex jiġu eżaminati l-kanali tal-bili;
- (d) inċiżjoni tan-nodi limfatiċi gastrici u dawk meżenteriċi;
- (e) palpazzjoni tal-milsa;
- (f) inċiżjoni tal-kliewi u tan-nodi limfatiċi tal-kliewi (*Lnn. renales*);
- (g) palpazzjoni u inċiżjoni tad-driegħ u tan-nodi limfatiċi tiegħu (*Lnn. Supramammarii*) fil-baqar. Kull nofs tad-driegħ għandu jinfetaħ b'inċiżjoni twila u fonda sas-sinuses lattiferużi (*sinus lactiferes*) u għandha ssir inċiżjoni fin-nodi limfatiċi tad-driegħ, ħlief meta d-driegħ ikun eskluż mill-konsum mill-bniedem.

Artikolu 20

Nagħaġ u mogħoż domestiċi żgħar u nagħaġ li ma għandhom l-ebda inċiżur permanenti ħiereġ mill-ħanek

1. Il-karkassi u l-ġewwieni ta' nagħaġ li ma għandhom l-ebda inċiżur permanenti ħiereġ mill-ħanek jew li ma għandhomx aktar minn 12-il xahar, u mogħoż ta' inqas minn sitt xhur, għandhom jiġu sottoposti għall-proċeduri ta' spezzjoni *post-mortem* li ġejjin:

- (a) spezzjoni viżwali tar-ras, inklużi l-gerżuma, il-ħalq, l-ilsien, in-nodi limfatiċi tal-parotidu u dawk retrofarinġali. Dawn l-eżamijiet mhumiex neċessarji jekk l-awtoritajiet kompetenti jkunu jistgħu jiggarantixxu li r-ras, inklużi l-ilsien u l-moħħ, se jkunu esklużi mill-konsum mill-bniedem;
- (b) spezzjoni viżwali tal-pulmuni, tat-trakea u tal-esofagu u tan-nodi limfatiċi tal-bronki u dawk medjastinali (*Lnn. bifurcationes, eparteriales* u *mediastinales*);
- (c) spezzjoni viżwali tal-perikardju u tal-qalb;
- (d) spezzjoni viżwali tad-dijaframma;
- (e) spezzjoni viżwali tal-fwied u tan-nodi limfatiċi tal-fwied u dawk pankreatiċi (*Lnn. portales*);
- (f) spezzjoni viżwali tal-passaġġ gastrointestinali, tal-meżenterju u tan-nodi limfatiċi gastrici u dawk meżenteriċi (*Lnn. gastrici, mesenterici, craniales* u *caudales*);
- (g) spezzjoni viżwali tal-milsa;
- (h) spezzjoni viżwali tal-kliewi;
- (i) spezzjoni viżwali tal-plewra u tal-peritoneu;
- (j) spezzjoni viżwali tar-reġjun ombelikali u tal-ġogi.

2. Il-veterinarju uffiċjali għandu jipproċedi bil-proċeduri ta' spezzjoni *post-mortem* li ġejjin permezz ta' inċiżjoni u palpazzjoni tal-karkassa u tal-ġewwieni, meta jkun hemm indikazzjonijiet ta' riskju possibbli għas-saħħa tal-bniedem, għas-saħħa tal-annimali jew għat-trattament xieraq tal-annimali skont l-Artikolu 24:

- (a) palpazzjoni tal-gerżuma, tal-ħalq, tal-ilsien u tan-nodi limfatiċi tal-parotidu. Sakemm ir-regoli dwar is-saħħa tal-annimali ma jipprevedux mod ieħor, dawn l-eżamijiet mhumiex meħtieġa jekk l-awtoritajiet kompetenti jkunu jistgħu jiggarantixxu li r-ras, inklużi l-ilsien u l-moħħ, se jkunu esklużi mill-konsum mill-bniedem;
- (b) palpazzjoni tal-pulmuni; inċiżjoni tal-pulmuni, tat-trakea, tal-esofagu, tan-nodi limfatiċi tal-bronki u dawk medjastinali;

- (c) inċiżjoni tal-qalb;
- (d) palpazzjoni tal-fwied u tan-nodi limfatiċi tiegħu; inċiżjoni tas-superfiċje gastrika tal-fwied sabiex jiġu eżaminati l-kanali tal-bili;
- (e) palpazzjoni tal-milsa;
- (f) inċiżjoni tal-kliewi u tan-nodi limfatiċi tal-kliewi (*Lnn. renales*);
- (g) palpazzjoni tar-reġjun ombelikali u tal-ġogi; għandha ssir inċiżjoni fir-reġjun ombelikali u l-ġogi għandhom jinfetħu; il-fluwidu sinovjali għandu jiġi eżaminat.

Artikolu 21

Nagħaġ u mogħoż domestiċi oħra

1. Il-karkassi u l-ġewwieni ta' nagħaġ li jkollhom inċiżur permanenti hierieg mill-ħanek jew ta' 12-il xahar jew aktar, u mogħoż ta' sitt xhur jew aktar, għandhom jiġu sottoposti għall-proċeduri ta' spezzjoni *post-mortem* li ġejjin:
 - (a) spezzjoni viżwali tar-ras, inklużi l-gerżuma, il-ħalq, l-ilsien u n-nodi limfatiċi tal-parotidu u palpazzjoni tan-nodi limfatiċi retrofarinġali. Dawn l-eżamijiet mhumiex neċessarji jekk l-awtoritajiet kompetenti jkunu jistgħu jggarantixxu li r-ras, inklużi l-ilsien u l-moħħ, se jkunu esklużi mill-konsum mill-bniedem;
 - (b) spezzjoni viżwali tal-pulmuni, tat-trakea u tal-esofagu; palpazzjoni tal-pulmuni, tan-nodi limfatiċi tal-bronki u dawk medjastinali (*Lnn. bifurcationes, eparteriales u mediastinales*);
 - (c) spezzjoni viżwali tal-perikardju u tal-qalb;
 - (d) spezzjoni viżwali tad-dijaframma;
 - (e) spezzjoni viżwali tal-fwied u tan-nodi limfatiċi tal-fwied u dawk pankreatiċi (*Lnn. portales*); palpazzjoni tal-fwied u tan-nodi limfatiċi tiegħu; inċiżjoni tas-superfiċje gastrika tal-fwied sabiex jiġu eżaminati l-kanali tal-bili;
 - (f) spezzjoni viżwali tal-passaġġ gastrointestinali, tal-meżenterju u tan-nodi limfatiċi gastrici u meżenteriċi (*Lnn. gastrici, mesenterici, craniales u caudales*);
 - (g) spezzjoni viżwali tal-milsa;
 - (h) spezzjoni viżwali tal-kliewi;
 - (i) spezzjoni viżwali tal-plewra u tal-peritonew;
 - (j) spezzjoni viżwali tal-organi ġenitali (ħlief għall-pene, jekk ikun diġà ntrema);
 - (k) spezzjoni viżwali tad-driegħ u tan-nodi limfatiċi tiegħu.
2. Il-veterinarju uffiċjali għandu jipproċedi bil-proċeduri ta' spezzjoni *post-mortem* li ġejjin permezz ta' inċiżjoni u palpazzjoni tal-karkassa u tal-ġewwieni, meta jkun hemm indikazzjonijiet ta' riskju possibbli għas-saħħa tal-bniedem, għas-saħħa tal-annimali jew għat-trattament xieraq tal-annimali skont l-Artikolu 24:
 - (a) palpazzjoni tal-gerżuma, tal-ħalq, tal-ilsien u tan-nodi limfatiċi tal-parotidu. Sakemm ir-regoli dwar is-saħħa tal-annimali ma jipprevedux mod ieħor, dawn l-eżamijiet mhumiex meħtieġa jekk l-awtoritajiet kompetenti jkunu jistgħu jggarantixxu li r-ras, inklużi l-ilsien u l-moħħ, se jkunu esklużi mill-konsum mill-bniedem;
 - (b) inċiżjoni tal-pulmuni, tat-trakea, tal-esofagu u tan-nodi limfatiċi tal-bronki u dawk medjastinali;
 - (c) inċiżjoni tal-qalb;
 - (d) palpazzjoni tal-milsa;
 - (e) inċiżjoni tal-kliewi u tan-nodi limfatiċi tal-kliewi (*Lnn. renales*).

Artikolu 22

Solipedi domestiċi

1. Il-karkassi u l-ġewwieni ta' solipedi domestiċi għandhom jiġu sottoposti għall-proċeduri ta' spezzjoni *post-mortem* li ġejjin:
 - (a) spezzjoni viżwali tar-ras u, wara li jitneħħa l-ilsien, tal-gerżuma; l-ilsien għandu jitneħħa biex jippermetti spezzjoni viżwali dettaljata tal-ħalq u tal-fawċi u huwa stess irid jiġi eżaminat viżwalment;

- (b) spezzjoni viżwali tal-pulmuni, tat-trakea, tal-esofagu u tan-nodi limfatiċi tal-bronki u dawk medjastinali (*Lnn. bifurcationes, eparteriales u mediastinales*);
- (c) spezzjoni viżwali tal-perikardju u tal-qalb;
- (d) spezzjoni viżwali tad-dijaframma;
- (e) spezzjoni viżwali tal-fwied u tan-nodi limfatiċi tal-fwied u dawk pankreatiċi (*Lnn. portales*);
- (f) spezzjoni viżwali tal-passaġġ gastrointestinali, tal-meżenterju u tan-nodi limfatiċi gastrici u meżenteriċi (*Lnn. gastrici, mesenterici, craniales u caudales*);
- (g) spezzjoni viżwali tal-milsa;
- (h) spezzjoni viżwali tal-kliewi;
- (i) spezzjoni viżwali tal-plewra u tal-peritonew;
- (j) spezzjoni viżwali tal-organi ġenitali ta' żwiemel mhux imsewwija (ħlief għall-pene, jekk ikun diġà tneħħa) u ta' dwieb;
- (k) spezzjoni viżwali tad-driegħ u tan-nodi limfatiċi tiegħu (*Lnn. supramammarii*);
- (l) spezzjoni viżwali tar-reġjun ombelikali u tal-ġogi ta' annimali żgħar;
- (m) eżami tal-muskoli u tan-nodi limfatiċi (*Lnn. subrhomboidi*) tal-ispallejn taħt il-qarquċa skapulari wara li jiġi l-laxkat l-attakkament ta' spalla waħda, fil-każ ta' żwiemel griżi, sabiex issir spezzjoni għall-melanosi u għall-melanomata. Il-kliewi għandhom jiġu esposti.

2. Il-veterinarju uffiċjali għandu jipproċedi bil-proċeduri ta' spezzjoni *post-mortem* li ġejjin permezz ta' inċiżjoni u palpazzjoni tal-karkassa u tal-ġewwieni, meta jkun hemm indikazzjonijiet ta' riskju possibbli għas-saħħa tal-bniedem, għas-saħħa tal-annimali jew għat-trattament xieraq tal-annimali skont l-Artikolu 24:

- (a) palpazzjoni u inċiżjoni tan-nodi limfatiċi sub-maxillari, retrofarinġali u tal-parotidu (*Lnn. retropharyngiales, mandibulares u parotidei*); palpazzjoni tal-ilsien;
- (b) palpazzjoni tal-pulmuni; palpazzjoni u inċiżjoni tan-nodi limfatiċi tal-bronki u dawk medjastinali. It-trakea u l-fergħat prinċipali tal-bronki għandhom jinfetħu b'mod lonġitudinali u għandha ssir inċiżjoni fit-tielet posterjuri tal-pulmuni, b'mod perpendikolari għall-assi prinċipali tagħhom; madankollu, dawn l-inċiżjonijiet mhumiex neċessarji meta l-pulmuni jkunu esklużi mill-konsum mill-bniedem;
- (c) inċiżjoni lonġitudinali tal-qalb, sabiex jinfetħu l-ventrikoli u jinqata' s-septum interventrikolari;
- (d) palpazzjoni u inċiżjoni tal-fwied u tan-nodi limfatiċi tal-fwied u dawk pankreatiċi, (*Lnn. portales*);
- (e) inċiżjoni tan-nodi limfatiċi gastrici u dawk meżenteriċi;
- (f) palpazzjoni tal-milsa;
- (g) palpazzjoni tal-kliewi u inċiżjoni tal-kliewi u tan-nodi limfatiċi tal-kliewi (*Lnn. renales*);
- (h) inċiżjoni tan-nodi limfatiċi supramammarij;
- (i) palpazzjoni tar-reġjun ombelikali u tal-ġogi ta' annimali żgħar. F'każijiet ta' dubju, għandha ssir inċiżjoni fir-reġjun ombelikali u l-ġogi jinfetħu; il-fluwidu sinovjali għandu jiġi eżaminat;
- (j) inċiżjoni fil-kilwa kollha fiż-żwiemel griżi.

Artikolu 23

Ħnieżer domestiċi

1. Il-karkassi u l-ġewwieni ta' ħnieżer domestiċi għandhom jiġu sottoposti għall-proċeduri ta' spezzjoni *post-mortem* li ġejjin:

- (a) spezzjoni viżwali tar-ras u tal-gerżuma;
- (b) spezzjoni viżwali tal-ħalq, tal-fawċi u tal-ilsien;
- (c) spezzjoni viżwali tal-pulmuni, tat-trakea u tal-esofagu;
- (d) spezzjoni viżwali tal-perikardju u tal-qalb;

- (e) spezzjoni viżwali tad-dijaframma;
- (f) spezzjoni viżwali tal-fwied u tan-nodi limfatiċi tal-fwied u dawk pankreatiċi (*Lnn. portales*); spezzjoni viżwali tal-passaġġ gastrointestinali, tal-meżenterju, tan-nodi limfatiċi gastrici u dawk meżenteriċi (*Lnn. gastrici, mesenterici, craniales* u *caudales*);
- (g) spezzjoni viżwali tal-milsa; spezzjoni viżwali tal-kliewi; spezzjoni viżwali tal-plewra u tal-peritonew;
- (h) spezzjoni viżwali tal-organi ġenitali (ħlief għall-pene, jekk ikun diġà ntrema);
- (i) spezzjoni viżwali tad-driegħ u tan-nodi limfatiċi tiegħu (*Lnn. supramammarii*);
- (j) spezzjoni viżwali tar-reġjun umbilicali u tal-ġogi ta' annimali żgħar.

2. Il-veterinarju uffiċjali għandu jipproċedi bil-proċeduri ta' spezzjoni *post-mortem* li ġejjin permezz ta' inċiżjoni u palpazzjoni tal-karkassa u tal-ġewwieni, meta jkun hemm indikazzjonijiet ta' riskju possibbli għas-saħħa tal-bniedem, għas-saħħa tal-annimali jew għat-trattament xieraq tal-annimali skont l-Artikolu 24:

- (a) inċiżjoni u eżami tan-nodi limfatiċi submassillari (*Lnn. mandibulares*);
- (b) palpazzjoni tal-pulmuni u tan-nodi limfatiċi tal-bronki u dawk medjastinali (*Lnn. bifurcationes, eparteriales* u *mediastinales*). It-trakea u l-fergħat prinċipali tal-bronki għandhom jinfetħu b'mod lonġitudinali u għandha ssir inċiżjoni fit-tielet posterjuri tal-pulmuni, b'mod perpendikolari għall-assi prinċipali tagħhom; dawn l-inċiżjonijiet mhumiex neċessarji meta l-pulmuni jkunu esklużi mill-konsum mill-bniedem;
- (c) inċiżjoni lonġitudinali tal-qalb, sabiex jinfetħu l-ventrikoli u jinqata' s-septum interventrikolari;
- (d) palpazzjoni tal-fwied u tan-nodi limfatiċi tiegħu;
- (e) palpazzjoni u, jekk meħtieġ, inċiżjoni tan-nodi limfatiċi gastrici u dawk meżenteriċi;
- (f) palpazzjoni tal-milsa;
- (g) inċiżjoni tal-kliewi u tan-nodi limfatiċi tal-kliewi (*Lnn. renales*);
- (h) inċiżjoni tan-nodi limfatiċi supramammarij;
- (i) palpazzjoni tar-reġjun ombelikali u tal-ġogi ta' annimali żgħar u, jekk meħtieġ inċiżjoni tar-reġjun ombelikali u l-ftuħ tal-ġogi.

Artikolu 24

Indikazzjonijiet ta' riskji possibbli għas-saħħa tal-bniedem, għas-saħħa tal-annimali jew għat-trattament xieraq tal-annimali f'annimali bovini domestiċi, naġħaġ u mogħoż domestiċi, solipedi domestiċi u ħnieżer domestiċi

Il-veterinarju uffiċjali għandu jipproċedi bil-proċeduri ta' spezzjoni *post-mortem* addizzjonali msemmija fl-Artikoli 18(3), 19(2), 20(2), 21(2), 22(2) u 23(2) permezz ta' inċiżjoni u palpazzjoni tal-karkassa u tal-ġewwieni, fejn, fl-opinjoni tiegħu, waħda minn dawn li ġejjin tindikar riskju possibbli għas-saħħa tal-bniedem, għas-saħħa tal-annimali jew għat-trattament xieraq tal-annimali:

- (a) il-kontrolli u l-analiżi tal-kontrolli tad-dokumenti mwettqa skont l-Artikolu 9 u 10;
- (b) is-sejbiet tal-ispezzjoni *ante-mortem* imwettqa skont l-Artikolu 11;
- (c) ir-riżultati tal-verifiki tal-konformità mar-regoli dwar it-trattament xieraq tal-annimali mwettqa skont l-Artikolu 38;
- (d) is-sejbiet tal-ispezzjoni *post-mortem* imwettqa skont l-Artikolu 12 sa 24;
- (e) *data* epidemjoloġika addizzjonali jew *data* oħra mill-azzjenda ta' provenjenza tal-annimali.

Artikolu 25

Arranġamenti prattiċi għall-ispezzjoni *post-mortem* tal-pollam

1. Il-pollam kollu għandu jiġi sottopost għal spezzjoni *post-mortem* li tista' tinkludi l-assistenza tal-persunal tal-biċċerija skont l-Artikolu 18(3) tar-Regolament (UE) 2017/625. Il-veterinarju uffiċjali jew l-awżiljarju uffiċjali, skont l-Artikolu 18(2)(c) ta' dak ir-Regolament għandu jwettaq huwa stess il-kontrolli li ġejjin:

- (a) spezzjoni kuljum tal-vixxri u tal-kavitajiet tal-ġisem ta' kampjun rappreżentattiv ta' kull qatgħa;

- (b) spezzjoni dettaljata ta' kampjun aleatorju ta' partijiet mill-għasafar jew tal-għasafar kollha ddikjarati mhux tajbin għall-konsum mill-bniedem wara spezzjoni post-mortem minn kull qatgħa;
- (c) kwalunkwe investigazzjoni ulterjuri meħtieġa fejn ikun hemm raġuni biex wieħed jissuspetta li l-laħam mill-għasafar ikkonċernati jista' ma jkunx tajjeb għall-konsum mill-bniedem.
2. B'deroga mill-paragrafu 1, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jiddeċiedu li l-ispezzjoni *post-mortem* issir biss fuq kampjun rappreżentattiv ta' pollam minn kull qatgħa jekk:
- (a) l-operaturi tan-negozji tal-ikel għandhom sistema fis-seħħ għas-sodisfazzjon tal-veterinarju uffiċjali, li tippermetti d-detezzjoni u s-separazzjoni ta' għasafar b'anormalitajiet, b'kontaminazzjoni jew b'difetti;
- (b) il-biċċerija għandha storja twila ta' konformità mar-rekwiżiti fir-rigward ta' dawn li ġejjin:
- (i) rekwiżiti ġenerali u speċifiċi skont l-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 852/2004, inklużi l-kriterji mikrobijoloġiċi applikabbli għall-Punt 1.28 u 2.1.5 tal-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 2073/2005;
- (ii) proċeduri bbażati fuq il-prinċipji tal-HACCP skont l-Artikolu 5 tar-Regolament (KE) Nru 852/2004; kif ukoll
- (iii) regoli speċifiċi dwar l-iġjene skont l-Artikolu 5 u s-Sezzjoni II tal-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 853/2004;
- (c) matul l-ispezzjoni *ante-mortem* jew il-verifika tal-informazzjoni dwar il-katina tal-ikel ma tkun instabet l-ebda anormalità li tista' tindika problema serja għas-saħħa tal-bniedem jew tal-annimali li tista' tindika l-ħtieġa għall-miżuri stabbiliti fl-Artikolu 40 sa 44.
3. Fil-każ ta' pollam imrobbi għall-produzzjoni tal-*foie gras* u l-pollam illi t-tneħħija tal-ġewwieni tħalliet għall-wara li jkun inkiseb mill-azjenda ta' provenjenza skont il-Punti 8 u 9 tal-Kapitolu VI tas-Sezzjoni II tal-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 853/2004, l-ispezzjoni *post-mortem* għandha ssir fl-impjant tat-tqattigħ fejn dawn il-karkassi jkunu ġew trasportati direttament mill-azjenda ta' provenjenza.

Artikolu 26

Arranġamenti prattiċi għall-ispezzjoni *post-mortem* ta' lagomorfi mrobbija

L-arranġamenti prattiċi għall-ispezzjoni *post-mortem* tal-pollam skont l-Artikolu 25, għandhom japplikaw għal-lagomorfi mrobbija. Id-dispożizzjonijiet applikabbli għal qatgħa unika ta' pollam fl-Artikolu 25 għandhom japplikaw għal-lagomorfi mrobbija li jitbiċċru fl-istess jum minn azjenda ta' provenjenza unika.

Artikolu 27

Arranġamenti prattiċi għall-ispezzjoni *post-mortem* ta' kaċċa mrobbija

1. Il-proċeduri ta' spezzjoni *post-mortem* li ġejjin għandhom japplikaw ukoll għall-kaċċa mrobbija:
- (a) fil-każ ta' *Cervidae* żgħar (< 100 kg), il-proċeduri *post-mortem* għall-annimali ovini stabbiliti fl-Artikolu 21, madankollu, fil-każ ta' renni għandhom jintużaw il-proċeduri *post-mortem* għall-annimali ovini stabbiliti fl-Artikolu 20 u l-ilsien jista' jintuża għall-konsum mill-bniedem mingħajr spezzjoni tar-ras;
- (b) fil-każ ta' kaċċa tal-familja *Suidae*, il-proċeduri *post-mortem* għall-ħnieżer domestiċi stabbiliti fl-Artikolu 23;
- (c) fil-każ ta' kaċċa kbira tal-familja *Cervidae* u kaċċa kbira oħra, li mhumiex koperti mill-paragrafu (a) u fil-każ ta' kaċċa kbira tal-familja *Suidae* li mhijiex koperta mill-paragrafu (b), il-proċeduri *post-mortem* għall-annimali bovini stabbiliti fl-Artikolu 19;
- (d) fil-każ ta' ratiti, il-proċeduri *post-mortem* għall-pollam stabbiliti fl-Artikolu 25(1).
2. Fejn l-annimali jkunu tbiċċru barra mill-biċċerija, il-veterinarju uffiċjali fil-biċċerija għandu jivverifika ċ-ċertifikat.

Artikolu 28

Arranġamenti prattiċi għall-ispezzjoni post-mortem ta' kaċċa salvaġġa

1. Il-veterinarju uffiċjali għandu jivverifika li l-kaċċa salvaġġa kbira li ma tkunx tneħħitilha l-ġilda li tiġi ttrasportata lejn l-istabbiliment li jitratta l-kaċċa salvaġġa mit-territorju ta' Stat Membru ieħor tkun akkumpanjata minn ċertifikat tas-saħħa li jikkonforma mal-mudell stabbilit fl-Anness tar-Regolament (UE) Nru 636/2014, jew mad-dikjarazzjoni(jiet) skont il-punt 8(b) tal-Kapitolu II tas-Sezzjoni IV tal-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 853/2004. Il-veterinarju uffiċjali għandu jieħu inkunsiderazzjoni l-kontenut ta' dak iċ-ċertifikat jew id-dikjarazzjoni(jiet).
2. Matul l-ispezzjoni post-mortem, il-veterinarju uffiċjali għandu jwettaq:
 - (a) spezzjoni viżwali tal-karkassa, tal-kavitajiet tagħha u, fejn xieraq, tal-organi bil-għan li:
 - (i) tiġi skoperta kwalunkwe anormalità li mhijiex riżultat tal-proċess tal-kaċċa. Għal dan il-għan, id-dijanjożi tista' tkun ibbażata fuq kwalunkwe informazzjoni li l-persuna mħarrġa tkun ipprovdiet dwar il-komportament tal-annimal qabel il-qatla;
 - (ii) jiġi vverifikat li l-mewt ma kinitx dovuta għal raġunijiet oħra minbarra l-kaċċa;
 - (b) investigazzjoni ta' anormalitajiet organolettiċi;
 - (c) palpazzjoni u inċiżjonijiet tal-organi, fejn xieraq;
 - (d) fejn ikun hemm raġunijiet serji biex wieħed jissuspetta l-preżenza ta' residwi jew ta' kontaminanti, analiżi permezz ta' kampjunar tar-residwi li ma jkunux ikkawżati mill-proċess tal-kaċċa, inklużi kontaminanti ambjentali. Fejn issir spezzjoni aktar estensiva abbażi ta' dawk is-suspetti, il-veterinarju għandu jistenna sakemm dik l-ispezzjoni tkun ġiet konkluża qabel ma jivvaluta l-kaċċa salvaġġa kollha maqtula matul kaċċa speċifika, jew dawk il-partijiet suspettati bl-istess anormalitajiet;
 - (e) eżami għal karatteristiċi li jindikaw li l-laħam jippreżenta riskju għas-saħħa, inkluż:
 - (i) aġir abnormali jew disturb tal-kundizzjoni ġenerali tal-annimal ħaj, kif irrapportat mill-kaċċatur;
 - (ii) il-preżenza ġeneralizzata ta' tumuri jew ta' axxessi li jeffettwaw organi interni jew muskoli differenti;
 - (iii) artrite, orkite, tibdil patoloġiku fil-fwied jew fil-milsa, infjammazzjoni tal-intestini jew tar-reġjun ombelikali;
 - (iv) il-preżenza ta' partikuli barranin li mhumieq riżultat tal-proċess tal-kaċċa fil-kavitajiet tal-ġisem, fl-istonku, fl-intestini jew fl-awrina, fejn ikun hemm skulurament tal-plewra jew tal-peritoneu (meta jkun hemm il-vixxri rilevanti preżenti);
 - (v) il-preżenza ta' parassiti;
 - (vi) il-formazzjoni ta' ammont sinifikanti ta' gass fil-passaġġ gastrointestinali bi skulurament tal-organi interni (meta din il-vixxri tkun preżenti);
 - (vii) anormalitajiet sinifikanti fil-kulur, fil-konsistenza jew fir-riħa tat-tessuti tal-muskoli jew tal-organi;
 - (viii) fratturi antiki miftuħa;
 - (ix) għelubija kbira u/jew edema ġenerali jew lokalizzata;
 - (x) aderenzi plewrali jew peritoneali reċenti;
 - (xi) tibdil estensiv ovvju ieħor, bħal putrifikazzjoni.
3. Fejn il-veterinarju uffiċjali hekk jeħtieġ, il-kolonna vertebrali u r-ras għandhom jinqasmu b'mod lonġitudinali.
4. Fil-każ ta' kaċċa salvaġġa żgħira li ma jkunux tnehhewla l-interjuri immedjatament wara l-qatla, il-veterinarju uffiċjali għandu jwettaq spezzjoni post-mortem fuq kampjun rappreżentattiv ta' annimali mill-istess sors. Fejn l-ispezzjoni tiżvela marda trażmissibbli lill-bniedem jew xi waħda mill-karatteristiċi elenkati fil-punt (e) fil-paragrafu 2, il-veterinarju uffiċjali għandu jwettaq kontrolli addizzjonali fuq il-lott sħiħ biex jistabbilixxi jekk għandux jiġi ddikjarat mhux tajjeb għall-konsum mill-bniedem jew jekk kull karkassa għandhiex tkun spezzjonata individwalment.
5. Il-veterinarju uffiċjali jista' jagħmel aktar qatgħat u spezzjonijiet tal-partijiet rilevanti tal-annimali li huma meħtieġa biex issir dijanjożi finali. Jekk ma tkunx tista' ssir valutazzjoni abbażi tal-arranġamenti prattiċi fil-paragrafu 2, għandhom isiru investigazzjonijiet addizzjonali fl-laboratorju.

6. Minbarra l-każijiet previsti fl-Artikolu 45, il-laħam li matul l-ispezzjoni *post-mortem* jippreżenta xi waħda mill-karatteristiċi elenkati fil-punt (e) fil-paragrafu 2 għandu jiġi ddikjarat mhux tajjeb għall-konsum mill-bniedem.

Taqsim 4

Kontrolli uffiċjali għal perikli speċifiċi u ttestjar fil-laboratorju

Artikolu 29

Arranġamenti prattiċi għall-kontrolli uffiċjali għal enċefalopatiji sponġiformi trażmissibbli (TSEs)

1. Minbarra r-rekwiżiti tar-Regolament (KE) Nru 999/2001 dwar il-kontrolli uffiċjali li jridu jitwettqu fir-rigward tat-TSEs, il-veterinarju uffiċjali għandu jiċċekkja li t-tneħħija, is-separazzjoni u, fejn xieraq, l-immarkar ta' materjal speċifikat riskjuż isiru wkoll skont ir-regoli stabbiliti fl-Artikolu 8(1) ta' dak ir-Regolament u fl-Artikolu 12 tar-Regolament (KE) Nru 1069/2009 dwar prodotti sekondarji tal-annimali.
2. Il-veterinarju uffiċjali għandu jiżgura li l-operatur tan-negozju tal-ikel jieħu l-miżuri kollha meħtieġa biex jiġi evitat li waqt it-tbiċċir il-laħam jiġi kkontaminat bil-materjal speċifikat riskjuż, inkluż waqt l-istordiment. Dan jinkludi t-tneħħija ta' materjal speċifikat riskjuż.

Artikolu 30

Arranġamenti prattiċi għall-kontrolli uffiċjali għaċ-ċistiċerkożi waqt l-ispezzjoni *post-mortem* ta' annimali bovini domestiċi u ta' *Suidae*

1. Il-proċeduri ta' spezzjoni *post-mortem* deskritti fl-Artikolu 18, 19 u 23 għandhom ikunu r-rekwiżiti minimi għall-eżami għaċ-ċistiċerkożi f'annimali bovini u fi *Suidae* (ħnieżer domestiċi, kaċċa mrobbija u kaċċa salvaġġa). Fil-każ tal-annimali bovini msemmija fl-Artikolu 19, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jiddeċiedu li l-inċiżjoni tal-masseters waqt l-ispezzjoni *post-mortem* mhijiex obligatorja jekk:
 - (a) jintuża test seroloġiku speċifiku;
 - (b) l-annimali jkunu ġew imrobbija f'azjenda ta' provenjenza uffiċjalment iċċertifikata bħala ħielsa miċ-ċistiċerkożi; jew,
 - (c) ikun intwera b'ċertezza ta' 95 % li l-prevalenza fil-popolazzjoni sors jew f'subpopolazzjoni definita tajjeb hija ta' inqas minn waħda minn kull miljun jew ma jkun instab l-ebda każ fl-annimali kollha mbiċċra fil-ħames snin preċedenti (jew sentejn fejn appoġġjat u ġustifikat mill-analiżi tar-riskju tal-awtoritajiet kompetenti) abbażi ta' *data* ta' rapportar li jkun sar skont l-Artikolu 9(1) tad-Direttiva 2003/99/KE.
2. Laħam infettat biċ-ċistiċerċi għandu jiġi ddikjarat mhux tajjeb għall-konsum mill-bniedem. Iżda, fejn l-annimal ma jkunx ġeneralment infettat biċ-ċistiċerku, il-partijiet li ma jkunux infettati jistgħu jiġu ddikjarati tajbin għall-konsum mill-bniedem wara li jkunu għaddew minn trattament kiesaħ.

Artikolu 31

Arranġamenti prattiċi għall-kontrolli uffiċjali għat-*Trichinella* waqt l-ispezzjoni *post-mortem*

1. Il-karkassi tas-*Suidae*, tas-solipedi u ta' speċijiet oħra suxxettibbli għat-*Trichinella* għandhom jiġu eżaminati għat-*Trichinella* skont ir-Regolament (UE) 2015/1375 sakemm ma tkunx tapplika waħda mid-derogi stabbiliti fl-Artikolu 3 ta' dak ir-Regolament.
2. Il-laħam minn annimali infettati bit-trichinae għandu jiġi ddikjarat mhux tajjeb għall-konsum mill-bniedem.

Artikolu 32

Arranġamenti prattiċi għall-kontrolli uffiċjali għall-glanders waqt l-ispezzjoni *post-mortem* tas-solipedi

1. Il-laħam frisk tas-solipedi għandu jitqiegħed fis-suq biss jekk kien prodott minn solipedi miżmuma għal mill-inqas 90 jum qabel id-data tat-tbiċċir tagħhom fi Stat Membru jew f'pajjiż terz jew f'reġjun tiegħu li minnu hija awtorizzata l-importazzjoni tas-solipedi fl-Unjoni.

2. Fil-każ ta' solipedi li joriġinaw minn Stat Membru jew minn pajjiż terz jew reġjun tiegħu li ma jissodisfawx il-kriterji tal-Organizzazzjoni Dinjija dwar is-Saħħa tal-Animali għal pajjiż ħieles mill-glanders, is-solipedi għandhom jiġu spezzjonati għall-glanders permezz ta' eżami bir-reqqa tal-membrani mukużi tat-trakea, tal-larinġi, tal-kavitajiet nażali u tas-sinus u r-ramifikazzjonijiet tagħhom, wara li r-ras tinqasam fil-pjan medjan u jkun inqata' barra s-septum nażali.
3. Il-laħam minn solipedi li jkunu ġew dijanjostikati bil-glanders għandu jiġi ddikjarat mhux tajjeb għall-konsum mill-bniedem.

Artikolu 33

Arranġamenti prattiċi għall-kontrolli uffiċjali għat-tuberkulożi waqt l-ispezzjoni post-mortem

1. Fejn annimali jkunu rreaġixxew b'mod pożittiv jew b'mod inkonklussiv għat-tuberkulina, jew ikun hemm raġunijiet oħra biex wieħed jissuspetta infezzjoni, dawn għandhom jitbiċċru separatament minn annimali oħra, filwaqt li jittieħdu prekawzjonijiet biex jiġi evitat ir-riskju ta' kontaminazzjoni tal-karkassi l-oħra, tal-linja tat-tbiċċir u tal-persunal preżenti fil-biċċerija.
2. Il-laħam kollu minn annimali li l-ispezzjoni post-mortem tagħhom tkun żvelat leżjonijiet lokalizzati simili għal-leżjonijiet tat-tuberkulożi f'għadd ta' organi jew f'għadd ta' partijiet tal-karkassa għandu jiġi ddikjarat mhux tajjeb għall-konsum mill-bniedem. Iżda, fejn il-leżjoni tat-tuberkulożi tkun instabet fin-nodi limfatiċi ta' organu wieħed biss jew f'parti mill-karkassa, l-organu affettwat biss jew il-parti tal-karkassa affettwata u n-nodi limfatiċi assoċjati biss għandhom jiġu ddikjarati bħala mhux tajbin għall-konsum mill-bniedem.

Artikolu 34

Arranġamenti prattiċi għall-kontrolli uffiċjali għall-bruċellożi waqt l-ispezzjoni post-mortem

1. Fejn annimali jkunu rreaġixxew b'mod pożittiv jew b'mod inkonklussiv għal test tal-bruċellożi, jew ikun hemm raġunijiet oħra biex wieħed jissuspetta infezzjoni, dawn għandhom jitbiċċru separatament minn annimali oħra, filwaqt li jittieħdu prekawzjonijiet biex jiġi evitat ir-riskju ta' kontaminazzjoni tal-karkassi l-oħra, tal-linja tat-tbiċċir u tal-persunal preżenti fil-biċċerija.
2. Il-laħam minn annimali li l-ispezzjoni post-mortem tagħhom tkun kixfet leżjonijiet li jindikaw bruċellożi akuta għandu jiġi ddikjarat mhux tajjeb għall-konsum mill-bniedem. Fil-każ li l-annimali jirreaġixxu b'mod pożittiv jew b'mod inkonklussiv għal test tal-bruċellożi, id-driegħ, il-kanal ġenitali u d-demem għandhom jiġu ddikjarati mhux tajbin għall-konsum mill-bniedem anke jekk ma tinstab l-ebda leżjoni.

Artikolu 35

Arranġamenti prattiċi għall-kontrolli uffiċjali għas-Salmonella

1. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jivverifikaw li l-operaturi tan-negozji tal-ikel jimplementaw b'mod korrett il-punti 2.1.3, 2.1.4 u 2.1.5 tal-Kapitolu 2 tal-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 2073/2005 billi japplikaw miżura waħda jew aktar minn dawn li ġejjin:
 - (a) it-teħid uffiċjali ta' kampjuni bl-użu tal-istess metodu u żona tal-kampjunar bħall-operaturi tan-negozju tal-ikel. Mill-inqas 49 kampjun aleatorju ⁽⁴⁰⁾ għandhom jittieħdu f'kull biċċerija fis-sena. Dan in-numru ta' kampjuni jista' jitnaqqas għall-biċċerija żgħira abbażi ta' evalwazzjoni tar-riskju;
 - (b) il-ġbir tal-informazzjoni kollha dwar l-għadd totali u l-għadd ta' kampjuni pożittivi għas-Salmonella meħuda mill-operaturi tan-negozji tal-ikel skont l-Artikolu 5 tar-Regolament (KE) Nru 2073/2005, fil-qafas tal-punt 2.1.3, 2.1.4 u 2.1.5 tal-Kapitolu 2 tal-Anness I tiegħu;
 - (c) il-ġbir tal-informazzjoni kollha dwar l-għadd totali u l-għadd ta' kampjuni pożittivi għas-Salmonella meħuda fil-qafas tal-programmi ta' kontroll nazzjonali fi Stati Membri jew f'reġjuni ta' Stati Membri li għalihom ġew approvati garanziji speċjali skont l-Artikolu 8 tar-Regolament (KE) Nru 853/2004 fir-rigward tal-produzzjoni ta' ruminanti, ta' ekwini, ta' ħnieżer u ta' pollam.
2. Fejn f'diversi okkażjonijiet l-operatur tan-negozju tal-ikel jonqos milli jikkonforma mal-kriterju tal-proċess tal-iġjene, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jeżiġu li dan jissottometti pjan ta' azzjoni u għandhom jissorveljaw strettament l-eżitu tiegħu.

⁽⁴⁰⁾ Jekk kollha jkunu negattivi, tingħata ċertezza statistika ta' 95 % li l-prevalenza hija ta' inqas minn 6 %.

3. L-għadd totali u l-għadd ta' kampjuni pożittivi għas-*Salmonella*-, b'divrenzjar bejn kampjuni meħuda skont il-punti (a), (b) u (c) fil-paragrafu 1, meta applikat, għandhom jiġu rrapportati skont l-Artikolu 9(1) tad-Direttiva 2003/99/KE.

Artikolu 36

Arranġamenti prattiċi għall-kontrolli uffiċjali għall-*Campylobacter*

1. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jivverifikaw li l-operaturi tan-negozji tal-ikel jimplimentaw b'mod korrett il-punt 2.1.9 (il-kriterju tal-igiene tal-proċess għall-*Campylobacter* fuq karkassi ta' tiġieġ tas-simna) tal-Kapitolu 2 tal-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 2073/2005 billi japplikaw il-miżuri li ġejjin:
- (a) it-teħid uffiċjali ta' kampjuni bl-użu tal-istess metodu u żona tal-kampjunar bħall-operaturi tan-negozju tal-ikel. Mill-inqas 49 kampjun każwali għandhom jittieħdu f'kull biċċerija kull sena. Dan in-numru ta' kampjuni jista' jitraqqas għall-biċċerija żgħira abbażi ta' evalwazzjoni tar-riskju; jew
- (b) il-ġbir tal-informazzjoni kollha dwar l-għadd totali u l-għadd ta' kampjuni pożittivi għall-*Campylobacter* b'aktar minn 1 000 cfu/g meħuda mill-operaturi tan-negozji tal-ikel skont l-Artikolu 5 tar-Regolament (KE) Nru 2073/2005, fil-qafas tal-punt 2.1.9 tal-Kapitolu 2 tal-Anness I tiegħu.
2. Fejn f'diversi okkażjonijiet l-operatur tan-negozju tal-ikel jonqos milli jikkonforma mal-kriterju tal-proċess tal-igiene, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jeżiġu li dan jissottometti pjan ta' azzjoni u għandhom jissorveljaw strettament l-eżitu tiegħu.
3. L-għadd totali u l-għadd ta' kampjuni pożittivi għall-*Campylobacter* b'aktar minn 1 000 cfu/g, b'divrenzjar bejn il-kampjuni meħuda skont il-punti (a) u (b) fil-paragrafu 1, meta applikat, għandhom jiġu rrapportati skont l-Artikolu 9(1) tad-Direttiva 2003/99/KE.

Artikolu 37

Rekwiżiti speċifiċi fir-rigward ta' testijiet fil-laboratorju

1. Meta jwettaq testijiet fil-laboratorju skont l-Artikolu 18(2)(d)(ii) u (iv) tar-Regolament (UE) 2017/625, il-veterinarju uffiċjali għandu jiżgura li, meta jittieħdu l-kampjuni, il-kampjuni jiġu identifikati u mmaniġġjati kif xieraq u jintbagħtu lil-laboratorju xieraq fil-qafas ta':
- (a) il-monitoraġġ u l-kontroll taż-żoonożi u ta' aġenti zoonotiċi;
- (b) il-programm annwali għall-monitoraġġ tat-TSE skont l-Artikolu 6 tar-Regolament (KE) Nru 999/2001;
- (c) id-detezzjoni ta' sustanzi farmakoloġikament attivi jew ta' prodotti li jew huma pprojbti jew mhux awtorizzati, u l-kontrolli għal sustanzi farmakoloġikament attivi regolati, pestiċidi, addittivi fl-għalf u kontaminanti li jaqbuż l-limiti massimi applikabbli tal-Unjoni, b'mod partikolari fil-qafas tal-pjanijiet nazzjonali għad-detezzjoni tar-residwi jew tas-sustanzi msemmija fl-Artikolu 110(2) tar-Regolament (UE) 2017/625 u fl-Artikolu 5 tad-Direttiva 96/23/KE;
- (d) id-detezzjoni ta' mard tal-annimali li dwaru hemm regoli sanitarji għall-annimali stabbiliti fir-Regolament (UE) 2016/429.
2. Il-veterinarju uffiċjali għandu jiżgura li kull test addizzjonali li jsir fil-laboratorju li jitqies meħtieġ biex jiġu ssodisfati l-obbligi skont l-Artikolu 18(2) tar-Regolament (UE) 2017/625 isir kif meħtieġ.

Taqsima 5

Kontrolli uffiċjali fuq it-ttrattament xieraq tal-annimali

Artikolu 38

Kontrolli uffiċjali fuq it-ttrattament xieraq tal-annimali waqt it-trasport u t-tbiċċir

Il-veterinarju uffiċjali għandu jivverifika l-konformità mar-regoli dwar il-protezzjoni tal-annimali matul it-trasport skont ir-Regolament (KE) Nru 1/2005 u fil-ħin tal-qatla skont ir-Regolament (KE) Nru 1099/2009 u mar-regoli nazzjonali dwar it-ttrattament xieraq tal-annimali.

KAPITOLU III

Komunikazzjoni tar-riżultati tal-ispezzjoni u miżuri li jridu jittieħdu mill-awtoritajiet kompetenti f'każijiet ta' nonkonformità speċifika mar-rekwiżiti għal-laħam frisk u għat-trattament xieraq tal-annimali

Artikolu 39

Miżuri dwar il-komunikazzjoni tar-riżultati tal-kontrolli uffiċjali

1. Il-veterinarju uffiċjali għandu jżomm rekord u jivvaluta r-riżultati tal-kontrolli uffiċjali mwettqa skont l-Artikolu 7 sal-Artikolu 38.
2. Il-veterinarju uffiċjali għandu jieħu l-azzjonijiet li ġejjin meta l-ispezzjonijiet jikxfu l-preżenza ta' xi marda jew kundizzjoni li tista' taffettwa s-saħħa tal-bniedem jew tal-annimali, jew tikkomprometti t-trattament xieraq tal-annimali:
 - (a) il-veterinarju uffiċjali għandu jinforma lill-operatur tal-biċċerija;
 - (b) fejn il-problema msemmija f'dan il-paragrafu tkun tfaċċat matul il-produzzjoni primarja u tirrigwarda s-saħħa tal-bniedem, is-saħħa tal-annimali, it-trattament xieraq tal-annimali jew ir-residwi ta' prodotti mediċinali veterinarji, sustanzi mhux awtorizzati jew ipprojbiti, residwi tal-pestiċidi, addittivi jew kontaminanti fl-għalf, il-veterinarju uffiċjali għandu jinforma:
 - (i) lill-veterinarju inkarigat tal-azjenda ta' provenjenza;
 - (ii) lill-veterinarju uffiċjali li jkun għamel xi spezzjoni *ante-mortem* fl-azjenda ta' provenjenza, jekk ikun differenti minn (i);
 - (iii) l-operatur tan-negozju tal-ikel responsabbli għall-azjenda ta' provenjenza (sakemm tali informazzjoni ma tippreġudikax proċedimenti legali sussegwenti); kif ukoll,
 - (iv) lill-awtoritajiet kompetenti responsabbli għas-superviżjoni tal-azjenda ta' provenjenza jew tal-erja tal-kaċċa;
 - (c) fejn l-annimali kkonċernati kienu trabbew f'pajjiż ieħor, il-veterinarju uffiċjali għandu jiżgura li l-awtoritajiet kompetenti tal-pajjiż jiġu infurmati.
3. L-awtoritajiet kompetenti għandhom idaħħlu r-riżultati tal-kontrolli uffiċjali fil-bażijiet tad-data rilevanti, talanqas meta l-għbir ta' tali informazzjoni jkun meħtieġ skont l-Artikolu 4 tad-Direttiva 2003/99/KE, l-Artikolu 8 tad-Direttiva tal-Kunsill 64/432/KEE ⁽⁴¹⁾ u l-Anness III tad-Direttiva 2007/43/KE.
4. Fejn il-veterinarju uffiċjali, waqt li jkun qed iwettaq spezzjonijiet *ante-mortem* jew *post-mortem* jew xi kontroll uffiċjali ieħor, jissuspetta l-preżenza ta' marda tal-annimali li dwarha hemm regoli dwar is-saħħa tal-annimali stabbiliti fir-Regolament (UE) 2016/429, huwa għandu jinnotifika lill-awtoritajiet kompetenti. Il-veterinarju uffiċjali u l-awtoritajiet kompetenti, fl-oqsma ta' kompetenza rispettivi tagħhom, għandhom jieħdu l-miżuri u l-prekawzjonijiet kollha meħtieġa biex jiġi evitat it-tixrid possibbli tal-aġent tal-marda.
5. Il-veterinarju uffiċjali jista' juża d-dokument mudell fl-Anness I sabiex jikkomunika r-riżultati rilevanti tal-ispezzjonijiet *ante-mortem* u *post-mortem* lill-azjenda ta' provenjenza fejn l-annimali kienu miżmuma qabel it-tbiċċir.
6. Fejn l-annimali kienu miżmuma f'azjenda ta' provenjenza fi Stat Membru ieħor, l-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru li fih kienu tbiċċru għandhom jikkomunikaw ir-riżultati rilevanti tal-ispezzjonijiet *ante-mortem* u *post-mortem* lill-awtoritajiet kompetenti fl-Istat Membru ta' provenjenza. Huma għandhom jużaw id-dokument mudell fl-Anness I fil-lingwi uffiċjali taż-żewġ Stati Membri involuti jew f'lingwa li tintfiehem miż-żewġ Stati Membri.

Artikolu 40

Miżuri f'każijiet ta' nonkonformità mar-rekwiżiti għall-informazzjoni dwar il-katina tal-ikel

1. Il-veterinarju uffiċjali għandu jiżgura li l-annimali ma jitbiċċrux sakemm l-operatur tal-biċċerija ma jkunx ingħata, iċċekkja u evalwa l-informazzjoni rilevanti dwar il-katina tal-ikel skont l-Artikolu 9(2)(a) u (b).

⁽⁴¹⁾ Id-Direttiva tal-Kunsill 64/432/KEE tas-26 ta' Ġunju 1964 dwar il-problemi tas-saħħa tal-annimali li jaffettwaw il-kummerċ ta' annimali bovini u suwini għewwa l-Komunità (ĠU L 121, 29.7.1964, p. 1977).

2. Permezz ta' deroga mill-paragrafu 1, il-veterinarju uffiċjali jista' jippermetti li l-annimali jitbiċċru fil-biċċerija anke jekk l-informazzjoni rilevanti dwar il-katina tal-ikel ma tkunx disponibbli. F'każijiet bħal dawn, qabel ma l-laħam jiġi ddikjarat tajjeb għall-konsum mill-bniedem l-ewwel għandha tiġi pprovduta l-informazzjoni rilevanti u l-karkassi u l-ġewwieni relatati għandhom jinħażnu separatament minn laħam ieħor sakemm issir dik id-dikjarazzjoni.

3. Fejn l-informazzjoni rilevanti dwar il-katina alimentari ma tkunx disponibbli fi żmien 24 siegħa mill-wasla tal-annimal fil-biċċerija, il-veterinarju uffiċjali għandu jiddikjara l-laħam kollu mill-annimal mhux tajjeb għall-konsum mill-bniedem. Jekk l-annimal ma jkunx għadu tbiċċer, għandu jinqatel separatament minn annimali oħra filwaqt li jittieħdu l-prekawzjonijiet kollha meħtieġa sabiex tiġi salvagwardjata s-saħħa tal-bniedem u tal-annimali.

Artikolu 41

Miżuri f'każijiet ta' nonkonformità rreġistrata fl-informazzjoni dwar il-katina tal-ikel

1. Il-veterinarju uffiċjali għandu jivverifika li l-operatur tal-biċċerija ma jaċċettax annimali għat-tbiċċir meta l-informazzjoni dwar il-katina tal-ikel jew kwalunkwe rekord, dokumentazzjoni jew informazzjoni oħra li takkumpanja lill-annimali turi li:

- (a) l-annimali jkunx ġejjin minn azjenda ta' provenjenza jew minn żona soġġetta għall-projbizzjoni ta' ċaqliq jew restrizzjoni oħra minħabba raġunijiet ta' saħħa tal-annimali jew tal-bniedem;
- (b) ir-regoli dwar l-użu ta' prodotti mediċinali veterinarji ma jkunux ġew imħarsa, l-annimali jkunx ġew trattati b'sustanzi pprojbiti jew mhux awtorizzati, jew il-limiti legali għar-residwi kimiċi jew għall-kontaminanti ma jkunux ġew rispettati; jew
- (c) ikun hemm xi kundizzjoni oħra preżenti li tista' taffettwa ħażin is-saħħa tal-bniedem jew tal-annimali.

2. Jekk l-annimali jkun diġà waslu fil-biċċerija, dawn għandhom jinqatlu separatament u jiġu ddikjarati mhux tajbin għall-konsum mill-bniedem, filwaqt li jittieħdu l-prekawzjonijiet biex tiġi salvagwardjata s-saħħa tal-annimali u tal-bniedem. Fejn il-veterinarju uffiċjali jqis meħtieġ, il-kontrolli uffiċjali għandhom isiru fl-azjenda ta' provenjenza.

Artikolu 42

Miżuri f'każijiet ta' informazzjoni qarrieqa dwar il-katina tal-ikel

1. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jieħdu azzjoni xierqa jekk jiskopru li r-rekords, id-dokumentazzjoni jew informazzjoni oħra li takkumpanja l-annimali ma tkunx tikkorrispondi mas-sitwazzjoni reali tal-azjenda ta' provenjenza jew mal-kundizzjoni reali tal-annimali, jew ikunu deliberatament intiżi biex iqarrqu lill-veterinarju uffiċjali.

2. Għandhom jieħdu azzjoni kontra l-operatur tan-negozju tal-ikel responsabbli għall-azjenda ta' provenjenza tal-annimali, jew kontra kull persuna oħra involuta, inkluż l-operatur tal-biċċerija. B'mod partikolari, din l-azzjoni tista' tikkonsisti f'kontrolli addizzjonali. Il-kostijiet ta' daww il-kontrolli addizzjonali għandhom jitħallsu mill-operatur tan-negozju tal-ikel responsabbli għall-azjenda ta' provenjenza jew minn kwalunkwe persuna oħra involuta.

Artikolu 43

Miżuri f'każijiet ta' nonkonformità mar-rekwiżiti għall-annimali hażjin

1. Il-veterinarju uffiċjali għandu jivverifika l-konformità tal-operatur tan-negozju tal-ikel mal-obbligu tiegħu skont il-punt 3 fil-Kapitolu IV tas-Sezzjoni I tal-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 853/2004 biex jiġi żgurat li l-annimali aċċettati għall-qatla għall-konsum mill-bniedem ikunu identifikati kif suppost. Il-veterinarju uffiċjali għandu jiżgura li l-annimali li l-identità tagħhom ma tkunx tista' tiġi aċċertata jinqatlu separatament u jiġu ddikjarati mhux tajbin għall-konsum mill-bniedem. Fejn il-veterinarju uffiċjali jqis meħtieġ, il-kontrolli uffiċjali għandhom isiru fl-azjenda ta' provenjenza.

2. Il-veterinarju uffiċjali għandu jiżgura li l-annimali soġġetti għal riskju mhux aċċettabbli ta' kontaminazzjoni tal-laħam waqt il-qatla, kif stabbilit fl-Artikolu 11(4), ma tbiċċrux għall-konsum mill-bniedem sakemm ma jkunux tnaqddfu qabel.

3. Il-veterinarju uffiċjali għandu jiżgura li l-annimali li jkollhom marda jew kundizzjoni li tista' tiġi trażmessa lill-annimali jew lill-bniedem li jipproċessaw jew li jieklu l-laħam u, b'mod ġenerali, l-annimali li juru sinjali kliniċi ta' mard sistemiku jew ta' għelubija kbira, jew kwalunkwe kundizzjoni oħra li tirrendi l-laħam mhux tajjeb għall-konsum mill-bniedem, ma jitbiċċrux għall-konsum mill-bniedem. Daww l-annimali għandhom jinqatlu separatament ftali kundizzjonijiet biex jiġi evitat li l-annimali jew il-karkassi oħra jiġu kontaminati, u għandhom jiġu ddikjarati mhux tajbin għall-konsum mill-bniedem.

4. Il-veterinarju uffiċjali għandu jipposponi t-tbiċċir ta' annimali suspettati li jkollhom marda jew kundizzjoni li tista' taffettwa ħażin is-saħħa tal-bniedem jew tal-annimali. Dawk l-annimali għandu jsirilhom eżami *ante-mortem* dettaljat mill-veterinarju uffiċjali sabiex issir dijanjożi. Barra minn hekk, il-veterinarju uffiċjali jista' jiddeċiedi li jridu jittieħdu kampjuni u jsiru eżamijiet fil-laboratorju sabiex jissupplimentaw l-ispezzjoni *post-mortem*. F'każ li jkun meħtieġ biex tkun evitata l-kontaminazzjoni ta' laħam ieħor, l-annimali għandhom jitbiċċru separatament jew fl-aħħar tat-tbiċċir normali, filwaqt li jittieħdu l-prekawzjonijiet l-oħra kollha meħtieġa.

5. Il-veterinarju uffiċjali għandu jiżgura li l-annimali li jista' jkun fihom residwi ta' sustanzi farmakoloġikament attivi pprojbti jew mhux awtorizzati jew residwi ta' sustanzi farmakoloġikament attivi awtorizzati, ta' pestiċidi jew kontaminanti li jaqbżu l-livelli stabbiliti skont il-leġiżlazzjoni tal-Unjoni, jiġu ttrattati skont l-Artikoli 16 sa 19 tad-Direttiva 96/23/KE.

6. Il-veterinarju uffiċjali għandu jimponi l-kundizzjonijiet li fihom l-annimali għandhom jiġu pproċessati taħt skema speċifika għall-eradikazzjoni jew għall-kontroll ta' marda speċifika, bħall-bruċellożi jew it-tuberkulożi, jew ta' aġenti zoonotiċi bħas-salmonella, taħt is-sorveljanza diretta tiegħu. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jistabbilixxu l-kundizzjonijiet li fihom jistgħu jitbiċċru dawk l-annimali. Dawn il-kundizzjonijiet għandhom ikunu mfassla b'tali mod sabiex titnaqqas il-possibbiltà ta' kontaminazzjoni ta' annimali oħra u tal-laħam ta' annimali oħra.

Bħala regola, annimali li jiġu ppreżentati f'biċċerija għall-qatla għandhom jitbiċċru hemmhekk. Iżda, f'ċirkostanzi eċċezzjonali, bħal pereżempju ħsara serja fil-faċilitajiet tal-biċċerija, il-veterinarju uffiċjali jista' jippermetti ċ-ċaqliq dirett lejn biċċerija oħra.

Fejn in-nonkonformità li twassal għal riskju għas-saħħa tal-annimali jew tal-bniedem, jew għat-trattament xieraq tal-annimali, tiġi skoperta waqt spezzjoni *ante-mortem* fl-azzjenda ta' provenjenza, il-veterinarju uffiċjali ma għandux jippermetti li l-annimali jiġu trasportati lejn il-biċċerija u għandhom japplikaw il-miżuri rilevanti dwar il-komunikazzjoni tar-riżultati tal-ispezzjonijiet skont l-Artikolu 39(2)(b)(i) u (iii).

Artikolu 44

Miżuri f'każijiet ta' nonkonformità mar-reqwiziti għat-trattament xieraq tal-annimali

1. F'każijiet ta' nonkonformità mar-regoli dwar il-protezzjoni tal-annimali fil-ħin tat-tbiċċir jew tal-qtil stabbiliti fl-Artikolu 3 sa 9 u fl-Artikolu 14 sa 17, 19 u 22 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1099/2009, l-uffiċjal veterinarju għandu jivverifika li l-operatur tan-negozju tal-ikel jieħu minnufih il-miżuri korrettivi meħtieġa u jipprevjeni r-rikorrenza.
2. Il-veterinarju uffiċjali għandu jadotta approċċ proporzjonat u progressiv biex jinforza l-azzjoni, li jvarja mill-ħruġ ta' struzzjonijiet sat-tnaqqis jew it-twaqqif tal-produzzjoni, skont in-natura u l-gravità tal-problema.
3. Fejn xieraq, il-veterinarju uffiċjali għandu jinforma lill-awtoritajiet kompetenti l-oħra dwar problemi marbuta mat-trattament xieraq tal-annimali.
4. Fejn il-veterinarju uffiċjali jiskopri nuqqas ta' konformità mar-regoli dwar il-protezzjoni tal-annimali waqt it-trasport stabbiliti fir-Regolament (KE) Nru 1/2005, huwa għandu jieħu l-miżuri meħtieġa skont il-leġiżlazzjoni rilevanti tal-Unjoni.
5. Fejn il-kontrolli fuq it-trattament xieraq tal-annimali jsiru minn awżiljarju uffiċjali u dawk il-kontrolli jidentifikaw nuqqas ta' konformità mar-regoli dwar il-protezzjoni tal-annimali, huwa għandu jinforma minnufih lill-veterinarju uffiċjali. Jekk ikun meħtieġ f'każijiet urġenti, huwa għandu jieħu l-miżuri meħtieġa msemmija fil-paragrafi 1 sa 4 sakemm jasal il-veterinarju uffiċjali.

Artikolu 45

Miżuri f'każijiet ta' nonkonformità mar-reqwiziti għal-laħam frisk

Il-veterinarju uffiċjali għandu jiddikjara laħam frisk mhux tajjeb għall-konsum mill-bniedem jekk:

- (a) ikun geġ minn annimali li ma jkunux ġew sottoposti għal spezzjoni *ante-mortem* skont l-Artikolu 18(2)(a) jew (b) tar-Regolament (UE) 2017/625, ħliet għall-kaċċa salvaġġa u r-renni li jgħixu barra imsemmija fl-Artikolu 12(1)(b) tar-Regolament Delegat (UE) 2019/624;

- (b) ikun ġej minn annimali li l-ġewwieni tagħhom ma jkunx ġie sottopost għal spezzjoni *post-mortem* skont l-Artikolu 18(2)(c) tar-Regolament (UE) 2017/625, ħlief fil-każ tal-vixxri ta' kaċċa kbira li ma tehtiegħ li takkumpanja l-karkassa fl-istabbiliment li jimmaniġġja l-kaċċa skont il-punt 4 tal-Kapitolu II tas-Sezzjoni IV fl-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 853/2004;
- (c) ikun ġej minn annimali li jkunu mietu qabel it-tbiċċir, ikunu twieldu mejtin, ma jkunux twieldu jew ikunu tbiċċru qabel l-età ta' sebat ijiem;
- (d) ikun ġej mill-irqim taż-żona minn fejn l-annimal ikun ġie mniffed biex jiżvina;
- (e) ikun ġej minn annimali milquta b'mard tal-annimali li dwaru hemm regoli sanitarji tal-annimali stabbiliti fil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni kif elenkat fl-Anness I tad-Direttiva 2002/99/KE, ħlief jekk dan ikun inkiseb skont ir-rekwiżiti speċifiċi previsti f'dik id-Direttiva; din l-eċċezzjoni ma għandhiex tapplika f'każ li jkun previst mod ieħor fir-rekwiżiti dwar il-kontrolli uffiċjali tat-tuberkulożi u tal-bruċellożi previsti fl-Artikolu 33 u 34 ta' dan ir-Regolament;
- (f) ikun ġej minn annimali affettwati minn mard ġeneralizzat, bħal sepsi, pijemija, tossemija jew viremija ġeneralizzati;
- (g) ma jkunx jikkonforma mal-kriterji tas-sikurezza tal-ikel stabbiliti fil-Kapitolu I tal-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 2073/2005 għad-determinazzjoni ta' jekk l-ikel jistax jitqiegħed fis-suq;
- (h) juri infestazzjoni parassitika, sakemm ma jkunx previst mod ieħor fir-rekwiżiti dwar il-kontrolli uffiċjali għaċ-ċistiċerkożi previsti fl-Artikolu 30;
- (i) ikun fih residwi kimiċi jew kontaminanti f'ammonti li jaqbżu l-livelli stabbiliti fir-Regolamenti (UE) Nru 37/2010, (KE) Nru 396/2005, (KE) Nru 1881/2006 u (KE) Nru 124/2009 jew residwi ta' sustanzi li huma pprojbiti jew mhux awtorizzati skont ir-Regolament (UE) Nru 37/2010 jew skont id-Direttiva 96/22/KE;
- (j) ikun jikkonsisti minn fwied u kliewi ta' annimali ta' aktar minn sentejn minn reġjuni fejn l-implimentazzjoni tal-pjanijiet approvati skont l-Artikolu 5 tad-Direttiva 96/23/KE tkun uriet il-preżenza ġeneralizzata ta' metalli tqal fl-ambjent;
- (k) ikun ġie ttrattat illegalment b'sustanzi ta' dekontaminazzjoni;
- (l) ikun ġie ttrattat illegalment b'radjazzjoni jonizzanti, inkluż bir-radjazzjoni bl-UV;
- (m) ikun fih partikuli barranin, ħlief, fil-każ ta' kaċċa salvaġġa, materjal li jintuża għall-kaċċa tal-annimali;
- (n) jaqbeż il-livelli massimi ta' radjuattività permessi stabbiliti skont il-leġiżlazzjoni tal-Unjoni jew, fin-nuqqas ta' leġiżlazzjoni tal-Unjoni, skont ir-regoli nazzjonali;
- (o) jindika tiddil patoloġiku jew organolettiku, b'mod partikolari riħa sesswali qawwija jew fsada insuffiċjenti (ħlief għall-kaċċa salvaġġa);
- (p) ikun ġej minn annimali magħlubin ħafna;
- (q) ikun fih materjal speċifikat riskjuż ħlief jekk ikun permess li t-tneħħija ssir fi stabbiliment ieħor skont il-Punt 4.3 tal-Anness V tar-Regolament (KE) Nru 999/2001 u l-laħam frisk jibqa' taħt il-kontroll tal-awtoritajiet kompetenti;
- (r) ikun maħmuġ, b'kontaminazzjoni fekali jew kontaminazzjoni oħra;
- (s) jikkonsisti minn demm li jista' jikkostitwixxi riskju għas-saħħa tal-bniedem jew tal-annimali minħabba l-istatus tas-saħħa ta' kwalunkwe annimal li minnu jkun ġej jew kontaminazzjoni li sseħħ matul il-proċess tat-tbiċċir;
- (t) fl-opinjoni tal-veterinarju uffiċjali, wara eżami tal-informazzjoni rilevanti kollha, jista' jikkostitwixxi riskju għas-saħħa tal-bniedem jew tal-annimali jew għal xi raġuni oħra ma jkunx tajjeb għall-konsum mill-bniedem;
- (u) jagħti lok għal perikli speċifiċi skont l-Artikoli 29 sa 36.

Artikolu 46

Miżuri f'każijiet ta' nonkonformità mar-rekwiżiti dwar il-prassi ta' igijene tajba

1. L-awtoritajiet kompetenti jistgħu jagħtu struzzjonijiet lill-operatur tan-negozju tal-ikel biex jieħu azzjoni korrettiva immedjata, inkluż it-tnaqqis tar-rata ta' tbiċċir, fejn dan jitqies meħtieġ mill-uffiċjal preżenti fil-każijiet li ġejjin:
 - (a) fejn tiġi skoperta kontaminazzjoni fuq l-uċuħ esterni ta' karkassa jew tal-kavitajiet tagħha u l-operatur tan-negozju tal-ikel ma jieħu azzjoni xierqa biex jirrettifika s-sitwazzjoni; jew
 - (b) jekk l-awtoritajiet kompetenti jqisu li l-prattiki ta' igijene tajba huma kompromessi.
2. F'każijiet bħal dawn, l-awtoritajiet kompetenti għandhom iżidu l-intensità tal-ispezzjonijiet sakemm ikunu sodisfatti li l-operatur tan-negozju tal-ikel reġa' kiseb kontroll tal-proċess.

KAPITOLU IV

Restrizzjonijiet

Artikolu 47

Restrizzjonijiet għal ċertu laħam frisk

Il-veterinarju uffiċjali jista' jimponi rekwiżiti dwar l-użu ta' laħam frisk li jkun ġej minn annimali:

- (a) li kellhom jitbiċċru b'emerġenza f'post ieħor barra mill-biċċerija; jew
- (b) minn merħliet li l-laħam tagħhom jiġi ttrattat skont il-Parti E tal-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 2160/2003 qabel il-laħam jitqiegħed fis-suq.

KAPITOLU V

Tqegħid ta' marki tas-saħħa fuq laħam tajjeb għall-konsum mill-bniedem wara spezzjoni ante-mortem u post-mortem

Artikolu 48

Rekwiżiti tekniċi tal-marka tas-saħħa u l-arranġamenti prattiċi għall-applikazzjoni tagħha

1. Il-veterinarju uffiċjali għandu jissorvelja t-tqegħid tal-marki tas-saħħa u l-marki użati.
2. Il-veterinarju uffiċjali għandu jiżgura, b'mod partikolari, li:
 - (a) il-marka tas-saħħa tiġi applikata biss fuq unġulati domestiċi u fuq mammiferi mrobbija tal-kaċċa minbarra lagomorfi, li jkunu ġew sottoposti għal spezzjoni *ante-mortem* u *post-mortem*, u fuq kaċċa salvaġġa kbira li tkun ġiet sottoposta għal spezzjoni *post mortem*, skont l-Artikolu 18(2)(a), (b) u (c) tar-Regolament (UE) 2017/625, fejn ma jkunx hemm raġuni biex il-laħam jiġi ddikjarat mhux tajjeb għall-konsum mill-bniedem. Madankollu, il-marka tista' tiġi applikata qabel ikunu disponibbli r-riżultati ta' kwalunkwe eżami għat-*Trichinella* u/jew testijiet għat-TSE, sakemm l-awtoritajiet kompetenti jkunu daħħlu sistema fis-seħħ fil-biċċerija jew fl-istabbiliment li jipproċessa l-kaċċa li tiżgura li kull parti tal-annimal tista' tiġi ntraċċata, u li l-ebda parti tal-annimali eżaminati li jkollhom il-marka ma jitilqu mill-biċċerija jew mill-istabbiliment li jipproċessa l-kaċċa sakemm ma jkun inkiseb riżultat negattiv ħliet meta previst skont l-Artikolu 2(3) tar-Regolament (UE) 2015/1375;
 - (b) il-marka tas-saħħa tiġi applikata fuq il-parti ta' barra tal-karkassa, permezz ta' stampar bil-linka jew bis-sħana, b'tali mod li, jekk fil-biċċerija l-karkassi jitqattgħu f'nofs karkassi jew fi kwarti, jew jekk in-nofs karkassi jitqattgħu fi tliet biċċiet, kull biċċa jkollha fuqha l-marka tas-saħħa.
3. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jiżguraw li l-arranġamenti prattiċi għall-marka tas-saħħa jiġu applikati skont l-Anness II.
4. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jiżguraw li l-marka tas-saħħa ma tiġix applikata fuq laħam minn kaċċa salvaġġa li ma tkunx tneħħitilha l-ġilda sakemm, wara li tkun ġiet imqaxxa fi stabbiliment li jipproċessa l-kaċċa, ikun għadda minn spezzjoni *post-mortem* u jkun ġie ddikjarat tajjeb għall-konsum mill-bniedem.

TITOLU IV

REKWIŻITI SPEĊIFIĊI U L-FREKWENZA MINIMA UNIFORMI TA' KONTROLLI UFFIĊJALI FIR-RIGWARD TA' ĦALIB MHUX IPPROĊESSAT, KOLOSTRU, PRODOTTI TAL-ĦALIB U PRODOTTI LI FIHOM IL-KOLOSTRU, KIF MEĦTIEĠ SABIEX JiĠU INDIRIZZATI L-PERIKLI U R-RISKJI UNIFORMI RIKONOXXUTI*Artikolu 49***Kontrolli ta' azjendi li jipproduċu l-ħalib u l-kolostru**

1. Il-veterinarju uffiċjali għandu jivverifika l-konformità mar-rekwiżiti tas-saħħa għall-produzzjoni tal-ħalib mhux trattat u tal-kolostru kif stabbiliti fil-Parti I tal-Kapitolu I tat-Taqsima IX tal-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 853/2004. B'mod partikolari, il-veterinarju uffiċjali għandu jivverifika:

- (a) l-istat ta' saħħa tal-annimali;
- (b) in-nuqqas tal-użu ta' sustanzi farmakoloġikament attivi pprojbiti jew mhux awtorizzati; kif ukoll
- (c) li l-preżenza possibbli ta' residwi ta' sustanzi farmakoloġikament attivi, ta' pestiċidi jew ta' kontaminanti awtorizzati ma taqbiżx il-livelli stabbiliti fir-Regolamenti (UE) Nru 37/2010, (KE) Nru 396/2005 jew (KE) Nru 1881/2006.

2. Il-kontrolli uffiċjali msemmija fil-paragrafu 1 jistgħu jsiru fl-okkażjoni tal-kontrolli veterinarji li jsiru skont id-dispożizzjonijiet tal-Unjoni dwar is-saħħa tal-annimali jew tal-bniedem jew dwar it-trattament xieraq tal-annimali.

3. Jekk ikun hemm raġunijiet biex wieħed jissuspetta li r-rekwiżiti tas-saħħa msemmija fil-paragrafu 1 mhumiex qed jiġu mħarsa, il-veterinarju uffiċjali għandu jiċċekkja l-istatus ġenerali tas-saħħa tal-annimali.

4. L-azjendi li jipproduċu l-ħalib u l-kolostru għandhom jiġu sottoposti għal kontrolli uffiċjali mill-awtoritajiet kompetenti sabiex jiġi verifikat li r-rekwiżiti tal-iġjene stabbiliti fil-Parti II tal-Kapitolu I tat-Taqsima IX tal-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 853/2004 qed jiġu mħarsa. Dawn il-kontrolli uffiċjali jistgħu jinvolvu spezzjonijiet u l-monitoraġġ tal-kontrolli mwettqa minn organizzazzjonijiet professjonali. Jekk jintwera li l-iġjene ma tkunx adegwata, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jivverifikaw li jittieħdu l-passi xierqa biex tiġi kkoreġuta din is-sitwazzjoni.

*Artikolu 50***Kontrolli tal-ħalib u tal-kolostru**

1. Fil-każ ta' ħalib mhux trattat u ta' kolostru, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jimmonitorjaw il-kontrolli mwettqa skont il-Parti III tal-Kapitolu I, it-Taqsima IX tal-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 853/2004. Meta jintuża ttestjar, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jużaw il-metodi analitiċi stabbiliti fl-Anness III ta' dan ir-Regolament sabiex jiċċekkjaw il-konformità mal-limiti stabbiliti għall-ħalib mhux trattat u għall-kolostru fil-Parti III tal-Kapitolu I, it-Taqsima IX tal-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 853/2004.

2. Jekk l-operatur tan-negozju tal-ikel tal-azjenda ta' produzzjoni ma jkunx ikkoreġa s-sitwazzjoni fi żmien tliet xhur mill-ewwel notifika lill-awtoritajiet kompetenti dwar in-nuqqas ta' konformità mal-għadd ta' kolonji u/jew mal-kriterji tal-għadd taċ-ċelloli somatiċi għall-ħalib mhux ipproċessat u għall-kolostru, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jivverifikaw li:

- (a) il-konsenja tal-ħalib mhux ipproċessat u tal-kolostru mill-azjenda ta' produzzjoni tiġi sospiża, jew
- (b) il-ħalib mhux ipproċessat u l-kolostru jiġu soġġetti għal rekwiżiti dwar it-trattament u l-użu taġġhom meħtieġa sabiex tiġi protetta s-saħħa tal-bniedem skont awtorizzazzjoni speċifika tal-awtoritajiet kompetenti jew struzzjonijiet ġenerali mingħandhom.

L-awtoritajiet kompetenti għandhom iżommu din is-sospensjoni jew dawn ir-rekwiżiti fis-seħħ sakemm l-operatur tan-negozju tal-ikel ikun ta prova li l-ħalib mhux ipproċessat u l-kolostru reġġu kkonformaw mal-kriterji.

3. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jużaw il-metodi analitiċi stabbiliti fl-Anness III ta' dan ir-Regolament sabiex jivverifikaw l-applikazzjoni korretta ta' proċess ta' pasturizzazzjoni lill-prodotti tal-ħalib kif imsemmi fil-Parti II tal-Kapitolu II, it-Taqsima IX tal-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 853/2004.

TITOLU V

REKWIŻITI SPEĊIFIĊI GĦALL-KONTROLI UFFIĊJALI LI JIKKONĊERNAW MOLLUSKI BIVALVI ĦAJJIN MINN ŻONI KKLASSIFIKATI TA' PRODUZZJONI U FEJN JINŻAMMU L-MOLLUSKI*Artikolu 51***Esklużjoni**

Dan it-Titolu japplika għall-molluski bivalvi ħajjin. Japplika wkoll għall-ekinodermi ħajjin, għat-tunikati ħajjin u għall-gasteropodi tal-baħar ħajjin. Dan it-Titolu ma japplikax għall-gasteropodi tal-baħar ħajjin u għall-*Holothuroidea* ħajjin li mhumiex organiżmi filtraturi.

*Artikolu 52***Klassifikazzjoni taż-żoni ta' produzzjoni u fejn jinżammu l-molluski bivalvi ħajjin**

1. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jistabbilixxu l-post u l-fruntieri taż-żoni ta' produzzjoni u fejn jinżammu l-molluski li jikklassifikaw skont l-Artikolu 18(6) tar-Regolament (UE) 2017/625. Fejn ikun xieraq, jistgħu jagħmlu dan b'kooperazzjoni mal-operatur tan-negozju tal-ikel.
2. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jikklassifikaw iż-żoni ta' produzzjoni u ta' żamma li minnhom jawtorizzaw il-ħsad ta' molluski bivalvi ħajjin bħala żoni tal-Klassi A, tal-Klassi B u tal-Klassi C skont il-livell ta' kontaminazzjoni fekali. Fejn ikun xieraq, jistgħu jagħmlu dan b'kooperazzjoni mal-operatur tan-negozju tal-ikel.
3. Sabiex jikklassifikaw iż-żoni ta' produzzjoni u ta' żamma, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jistabbilixxu perjodu ta' rieżami għad-*data* tal-kampjuni minn kull żona ta' produzzjoni u fejn jinżammu l-molluski sabiex jiddeterminaw il-konformità mal-istandards imsemmija fl-Artikolu 53, 54 u 55.

KAPITOLU I

Rekwiżiti speċifiċi għall-klassifikazzjoni taż-żoni ta' produzzjoni u ta' żamma għal molluski bivalvi ħajjin*Artikolu 53***Rekwiżiti għaż-żoni tal-Klassi A**

1. L-awtoritajiet kompetenti jistgħu jikklassifikaw żoni bħala tal-Klassi A dawk iż-żoni li minnhom jistgħu jinġabru molluski bivalvi ħajjin għall-konsum dirett mill-bniedem.
2. Il-molluski bivalvi ħajjin li jitqiegħdu fis-suq minn dawn iż-żoni għandhom jissodisfaw l-istandards tas-saħħa għall-molluski bivalvi ħajjin stabbiliti fil-Kapitolu V tas-Sezzjoni VII tal-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 853/2004.
3. Fi 80 % tal-kampjuni tal-molluski bivalvi ħajjin miġbura minn żoni tal-Klassi A fil-perjodu tar-rieażmi ma għandux ikun hemm iktar minn 230 ta' *E. coli* għal kull 100 g ta' laħam u likwidu intravalvulari.
4. L-20 % tal-kampjuni li jifdal ma għandux ikun fihom aktar minn 700 ta' *E. coli* għal kull 100 g ta' laħam u likwidu intravalvulari.
5. Meta jivvalutaw ir-riżultati għall-perjodu ta' rieżami fiss għaż-żamma ta' żona tal-Klassi A, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu, abbażi ta' valutazzjoni tar-riskju bbażata fuq investigazzjoni, jiddeċiedu li jinjoraw riżultat anomalu li jaqbeż il-livell ta' 700 ta' *E. coli* għal kull 100 g ta' laħam u likwidu intravalvulari.

*Artikolu 54***Rekwiżiti għaż-żoni tal-Klassi B**

1. L-awtoritajiet kompetenti jistgħu jikklassifikaw żoni bħala tal-Klassi B dawk iż-żoni li minnhom molluski bivalvi ħajjin jistgħu jinġabru u jitqiegħdu fis-suq għall-konsum mill-bniedem biss wara trattament f'ċentru ta' purifikazzjoni jew wara r-riinstallazzjoni sabiex jilhqgħu l-istandards tas-saħħa msemmija fl-Artikolu 53.
2. F'90 % tal-kampjuni tal-molluski bivalvi ħajjin minn żoni tal-Klassi B ma għandux ikun hemm iktar minn 4 600 ta' *E. coli* għal kull 100 g ta' laħam u likwidu intravalvulari.

3. L-10 % tal-kampjuni li jifdal ma għandux ikun fihom aktar minn 46 000 ta' *E. coli* għal kull 100 g ta' laħam u likwidu intravalvulari.

Artikolu 55

Rekwiżiti għaż-żoni tal-Klassi C

1. L-awtoritajiet kompetenti jistgħu jikklassifikaw żoni bħala tal-Klassi C dawk iż-żoni li minnhom il-molluski bivalvi ħajjin jistgħu jinġabru u jitqiegħdu fis-suq biss wara riinstallazzjoni fuq perjodu twil sabiex jissodisfaw l-istandards tas-saħħa msemmija fl-Artikolu 53.
2. Il-molluski bivalvi ħajjin minn żoni tal-Klassi C ma għandux ikun fihom iktar minn 46 000 ta' *E. coli* għal kull 100 g ta' laħam u likwidu intravalvulari.

Artikolu 56

Rekwiżiti tal-istħarriġ dwar is-sanità

1. Qabel jikklassifikaw żona ta' produzzjoni jew fejn jinżammu l-molluski, l-awtoritajiet kompetenti għandhom iwettqu stħarriġ dwar is-sanità li jinkludi:
 - (a) inventarju tas-sorsi ta' tniġġis li joriġina mill-bniedem jew mill-annimali li x'aktarx ikunu sors ta' kontaminazzjoni għaż-żona ta' produzzjoni;
 - (b) eżami tal-kwantitajiet ta' sustanzi organiċi niġġiesa rilaxxati matul perjodi differenti tas-sena, skont il-varjazzjonijiet staġjonali tal-popolazzjonijiet tal-bniedem kif ukoll tal-annimali fiż-żona ta' qbid, kejl tal-ammont ta' xita, trattament tal-ilma mormi, eċċ.;
 - (c) determinazzjoni tal-karatteristiċi taċ-ċirkolazzjoni tas-sustanzi niġġiesa skont ix-xejriet tal-kurrenti, il-batimetrija u ċ-ċiklu tal-marea fiż-żona ta' produzzjoni.
2. L-awtoritajiet kompetenti għandhom iwettqu stħarriġ dwar is-sanità li jissodisfa r-rekwiżiti stabbiliti fil-paragrafu 1 f'kull żona kklassifikati ta' produzzjoni u fejn jinżammu l-molluski, sakemm ma jkunx sar qabel.
3. L-awtoritajiet kompetenti jistgħu jkunu assistiti minn korpi uffiċjali oħra jew minn operaturi tan-negozju tal-ikel taħt kundizzjonijiet stabbiliti mill-awtoritajiet kompetenti fir-rigward tat-twettiq ta' dan l-istħarriġ.

Artikolu 57

Programm ta' monitoraġġ

L-awtoritajiet kompetenti għandhom jistabbilixxu programm ta' monitoraġġ għaż-żoni ta' produzzjoni ta' molluski bivalvi ħajjin li huwa bbażat fuq eżami tal-istħarriġ dwar is-sanità msemmi fl-Artikolu 56. L-għadd ta' kampjuni, id-distribuzzjoni ġeografika tal-punti ta' kampjunar u l-frekwenza tat-teħid ta' kampjuni għall-programm għandhom jiżguraw li r-riżultati tal-analiżi huma rappreżentattivi taż-żona inkwistjoni.

Artikolu 58

L-awtoritajiet kompetenti għandhom jistabbilixxu proċedura sabiex jiġi żgurat li l-istħarriġ dwar is-sanità msemmi fl-Artikolu 56 u l-programm ta' monitoraġġ imsemmi fl-Artikolu 57 huma rappreżentattivi taż-żona kkunsidrata.

KAPITOLU II

Kundizzjonijiet għall-monitoraġġ taż-żoni kklassifikati ta' produzzjoni u fejn jinżammu l-molluski bivalvi ħajjin

Artikolu 59

Monitoraġġ taż-żoni kklassifikati ta' produzzjoni u fejn jinżammu l-molluski

Fuq bażi perijodika l-awtoritajiet kompetenti għandhom jimmonitorjaw iż-żoni ta' produzzjoni u fejn jinżammu l-molluski kklassifikati skont l-Artikolu 18(6) tar-Regolament (UE) 2017/625 sabiex jiċċekkjaw:

- (a) li ma jkun hemm l-ebda malprassi fir-rigward tal-oriġini, il-provenjenza u d-destinazzjoni ta' molluski bivalvi ħajjin;

- (b) il-kwalità mikrobijoloġika ta' molluski bivalvi haġġin fir-rigward taż-żoni kklassifikati ta' produzzjoni u fejn jinżammu l-molluski;
- (c) għall-preżenza ta' plankton li jipproduċi t-tossini fl-ibħra ta' produzzjoni u fejn jinżammu l-molluski u ta' bijotossini tal-baħar f'molluski bivalvi haġġin;
- (d) għall-preżenza ta' sustanzi kimiċi kontaminanti f'molluski bivalvi haġġin.

Artikolu 60

Metodi rikonoxxuti għad-detezzjoni ta' bijotossini tal-baħar f'molluski bivalvi haġġin

1. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jużaw il-metodi analitiċi stabbiliti fl-Anness V biex jiċċekkjaw il-konformità mal-limiti stabbiliti fil-punt 2 tal-Kapitolu V tat-Taqsima VII tal-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 853/2004 u, fejn xieraq, biex jivverifikaw il-konformità mill-operaturi tan-negozju tal-ikel. L-operaturi tan-negozji tal-ikel għandhom jużaw dawn il-metodi fejn xieraq.
2. Skont l-Artikolu 4 tad-Direttiva 2010/63/UE, kull meta jkun possibbli għandu jintuża metodu jew strateġija ta' ttestjar xjentifikament sodisfaċenti, li ma jeħtiġux l-użu ta' annimali haġġin, minflok il-proċess kif definit fl-Artikolu 3(1) ta' dik id-Direttiva.
3. Skont l-Artikolu 4 tad-Direttiva 2010/63/UE, meta jintużaw metodi bijoloġiċi, iridu jitqiesu l-elementi ta' sostituzzjoni, ta' raffinament u ta' tnaqqis.

Artikolu 61

Pjanijiet għat-teħid ta' kampjuni

1. Għall-finijiet tal-kontrolli previsti fil-punti (b), (c) u (d) tal-Artikolu 59, l-awtoritajiet kompetenti għandhom iħejju pjanijiet għat-teħid ta' kampjuni li jipprevedu li tali kontrolli jsiru f'intervalli regolari, jew fuq bażi ta' każ b'każ jekk il-perjodi ta' ħsad ikunu irregolari. Id-distribuzzjoni ġeografika tal-punti ta' kampjunar u l-frekwenza tat-teħid ta' kampjuni għandhom jiżguraw li r-riżultati tal-analiżi jkunu rappreżentattivi taż-żona kklassifikata ta' produzzjoni u fejn jinżammu l-molluski taħt kunsiderazzjoni.
2. Il-pjanijiet għat-teħid ta' kampjuni biex tiġi ċċekkjata l-kwalità mikrobijoloġika tal-molluski bivalvi haġġin għandhom iqisu b'mod partikolari:
 - (a) il-varjazzjoni probabbli fil-kontaminazzjoni fekali;
 - (b) il-parametri msemmija fl-Artikolu 56(1).
3. Il-pjanijiet għat-teħid ta' kampjuni biex tiġi ċċekkjata l-preżenza ta' plankton li jipproduċi t-tossini fl-ilma fiż-żoni kklassifikati ta' produzzjoni u fejn jinżammu l-molluski u għal bijotossini tal-baħar f'molluski bivalvi haġġin, għandhom iqisu b'mod partikolari l-varjazzjonijiet possibbli fil-preżenza ta' plankton li jkun fih bijotossini tal-baħar. Il-kampjunar għandu jinkludi:
 - (a) kampjunar perjodik biex jiġi identifikat tibdil fil-kompożizzjoni tal-plankton li fih it-tossini u d-distribuzzjoni ġeografika tiegħu. Riżultati li jissuġġerixxu l-akkumulazzjoni ta' tossini fil-laħam tal-molluski bivalvi haġġin għandhom ikunu segwiti minn kampjunar intensiv;
 - (b) testijiet perjodiċi dwar it-tossiċità fejn jintużaw molluski bivalvi haġġin miż-żona affettwata l-aktar suxxettibbli għall-kontaminazzjoni.
4. Il-frekwenza tal-kampjunar għall-analiżi tat-tossini f'molluski bivalvi haġġin għandha tkun ta' kull ġimgħa waqt il-perjodi ta' ħsad, ħliet meta:
 - (a) il-frekwenza tal-kampjunar tista' titnaqqas f'żoni kklassifikati speċifiċi ta' produzzjoni jew fejn jinżammu l-molluski, jew għal tipi speċifiċi ta' molluski bivalvi haġġin, jekk valutazzjoni tar-riskju ta' tossini jew l-okkorrenza ta' fitoplankton tissuġġerixxi riskju baxx ħafna ta' episodji tossiċi;
 - (b) il-frekwenza tal-kampjunar għandha tiżdied jekk dik il-valutazzjoni tissuġġerixxi li kampjunar fil-ġimgħa ma jkunx biżżejjed.
5. Il-valutazzjoni tar-riskju msemmija fil-paragrafu 4 għandha tiġi rieżaminata perjodikament sabiex jiġi vvalutat ir-riskju ta' tossini fil-molluski bivalvi haġġin minn dawn iż-żoni.

6. Meta jkun hemm għarfien disponibbli dwar ir-rata ta' akkumulazzjoni tat-tossini għal grupp ta' speċi li jikbru fl-istess żona kklassifikata ta' produzzjoni jew fejn jinżammu l-molluski, l-ispeċijiet bl-ogħla rata jistgħu jintużaw bħala speċijiet indikaturi. Dan jippermetti l-isfruttament tal-ispeċijiet kollha fil-grupp jekk il-livelli ta' tossini fl-ispeċijiet indikaturi jkunu taħt il-limiti regolatorji. Fejn il-livelli tat-tossini fl-ispeċijiet indikaturi jkunu ogħla mil-limiti regolatorji, il-ħsad tal-ispeċi l-oħrajn jista' jkun permess biss jekk analiżi ulterjuri tal-ispeċijiet l-oħra turi livelli ta' tossini taħt il-limiti.
7. Fir-rigward tal-monitoraġġ tal-plankton, il-kampjuni għandhom ikunu rappreżentattivi tal-kolonna tal-ilma fiż-żona kklassifikata ta' produzzjoni jew fejn jinżammu l-molluski u jipprovdu informazzjoni dwar il-preżenza ta' speċijiet tossiċi kif ukoll dwar ix-xejriet tal-popolazzjoni. Jekk jiġi identifikat xi tibdil fil-popolazzjonijiet tossiċi li jista' jwassal għall-akkumulazzjoni ta' tossini, il-frekwenza tal-kampjunar tal-molluski bivalvi ħajjin għandha tiżdied jew jiġi stabbilit l-għeluq prekawzjonarju taż-żoni sakemm jinkisbu r-riżultati tal-analiżi tat-tossini.
8. Il-pjanijiet għat-tehdid ta' kampjuni biex tiġi ċċekkjata l-preżenza ta' sustanzi kimiċi kontaminanti għandhom jippermettu l-identifikazzjoni ta' kull qbiż tal-livelli stabbiliti fir-Regolament (KE) Nru 1881/2006.

KAPITOLU III

Immaniġġjar taż-żoni kklassifikati ta' produzzjoni u fejn jinżammu l-molluski wara l-monitoraġġ

Artikolu 62

Deċiżjonijiet wara l-monitoraġġ

1. Fejn ir-riżultati tal-monitoraġġ previst fl-Artikolu 59 jindikaw li l-istandards tas-saħħa għall-molluski bivalvi ħajjin ma jkunux intlaħqu jew jekk ikun hemm xi riskju ieħor għas-saħħa tal-bniedem, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jaġhqu ż-żona kklassifikata kkonċernata ta' produzzjoni jew fejn jinżammu l-molluski, li dan jimpedixxi l-ħsad ta' molluski bivalvi ħajjin. Madankollu, jistgħu jergħu jirriklassifikaw żona ta' produzzjoni jew fejn jinżammu l-molluski bħala tal-Klassi B jew C jekk din tissodisfa l-kriterji rilevanti stabbiliti fl-Artikolu 54 u 55 u ma tippreżenta l-ebda riskju ieħor għas-saħħa tal-bniedem.
2. Fejn ir-riżultati tal-monitoraġġ mikrobijoloġiku juru li l-istandards tas-saħħa għall-molluski bivalvi ħajjin imsemmija fl-Artikolu 53 ma ġewx issodisfati, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu, abbażi ta' valutazzjoni tar-riskju, u biss fuq bażi temporanja u mhux rikorrenti, jippermettu li l-ħsad jitkompla mingħajr għeluq jew riklassifikazzjoni soġġett għall-kundizzjonijiet li ġejjin:
 - (a) iż-żona klassifikata ta' produzzjoni kkonċernata u l-istabbilimenti kollha approvati li jirċievu molluski bivalvi ħajjin mingħandha jkunu taħt il-kontroll uffiċjali tal-istess awtoritajiet kompetenti;
 - (b) il-molluski bivalvi ħajjin ikkonċernati jiġu soġġetti għal miżuri restrittivi xierqa bħal purifikazzjoni, riinstallazzjoni jew ipproċessar.
3. Id-dokument ta' reġistrazzjoni ta' akkumpanjament, kif imsemmi fil-Kapitolu I tas-Sezzjoni VII tal-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 853/2004, għandu jinkludi l-informazzjoni kollha dwar l-applikazzjoni tal-paragrafu 2.
4. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jistabbilixxu l-kundizzjonijiet li skonthom jista' japplika l-paragrafu 2 sabiex tiġi żgurata, għaż-żona ta' produzzjoni kkonċernata, li tinżamm il-konformità mal-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 53.

Artikolu 63

Ftuħ mill-ġdid taż-żoni ta' produzzjoni

1. L-awtoritajiet kompetenti jistgħu jergħu jiftħu żona ta' produzzjoni jew fejn jinżammu l-molluski magħluqa biss jekk l-istandards tas-saħħa għall-molluski bivalvi ħajjin jergħu jikkonformaw mar-rekwiżiti rilevanti tal-Kapitolu V tas-Sezzjoni VII tal-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 853/2004 u ma jippreżentaw l-ebda riskju ieħor għas-saħħa tal-bniedem.
2. Fejn l-awtoritajiet kompetenti jkunu għalqu żona ta' produzzjoni jew ta' żamma minħabba l-preżenza ta' plankton jew minħabba livelli ta' tossini fil-molluski bivalvi ħajjin li jaqbu l-limitu regolatorju għall-bijotossini marini stabbiliti fil-punt 2 tal-Kapitolu V tas-Sezzjoni VII tal-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 853/2004, jistgħu jergħu jiftħuha biss jekk mill-inqas żewġ riżultati analitiċi konsekuttivi tal-anqas 48 siegħa 'l bogħod minn xulxin jkunu taħt il-limitu regolatorju.
3. Meta jkunu qed jiddeċiedu jekk jergħu jiftħu żona ta' produzzjoni jew fejn jinżammu l-molluski, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jieħdu inkunsiderazzjoni l-informazzjoni dwar ix-xejriet tal-fitoplankton.

4. Fejn ikun hemm *data* robusta dwar id-dinamika tat-tossiċità għal żona partikolari, u sakemm ikun hemm *data* reċenti disponibbli dwar xejriet ta' tnaqqis fit-tossiċità, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jiddeċiedu li jergħu jifitħu żona li r-riżultati tagħha miksuba minn kampjun uniku jkunu taħt il-limitu regolatorju fil-punt 2 tal-Kapitolu V tas-Sezzjoni VII tal-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 853/2004.

Artikolu 64

Sistema ta' kontroll

1. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jistabbilixxu sistema ta' kontroll li tiżgura li l-prodotti ta' oriġini mill-annimali li jagħmlu ħsara lis-saħħa tal-bniedem ma jitqiegħdux fis-suq. Is-sistema ta' kontroll għandha tinkludi testijiet fil-laboratorju sabiex tiġi verifikata l-konformità tal-operaturi tan-negozji tal-ikel mar-rekwiżiti għall-prodott finali, fosthom għall-molluski bivalvi ħajjin u għal kwalunkwe prodott derivat minnhom, f'kull stadju tal-produzzjoni, tal-ipproċessar u tat-tqassim.

2. Is-sistema ta' kontroll għandha tivverifika, fejn applikabbli, li l-livelli ta' bijotossini tal-baħar u ta' kontaminanti ma jaqbżux il-limiti ta' sikurezza u li l-kwalità mikrobijoloġika tal-molluski ma toħloqx periklu għas-saħħa tal-bniedem.

Artikolu 65

Deċiżjoni mill-awtoritajiet kompetenti

1. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jaġixxu fil-pront meta żona ta' produzzjoni jkollha tingħalaq jew tiġi riklassifikata, jew tista' terġa tinfetaħ, jew fejn molluski bivalvi ħajjin huma soġġetti għall-applikazzjoni tal-miżuri kif imsemmi fl-Artikolu 62(2).

2. Meta jkunu qed jiddeċiedu dwar il-klassifikazzjoni, ir-riklassifikazzjoni, il-ftuħ jew l-għeluq ta' żoni ta' produzzjoni skont l-Artikolu 52, 62 u 63, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jieħdu inkunsiderazzjoni r-riżultati tal-kontrolli mwettqa mill-operaturi tan-negozji tal-ikel jew minn organizzazzjonijiet li jirrappreżentaw l-operaturi tan-negozji tal-ikel, biss jekk il-laboratorju li jkun wettaq l-analiżi jkun intgħażel mill-awtoritajiet kompetenti, u l-kampjunar u l-analiżi jsiru skont protokoll miftiehem b'mod konġunt mill-awtoritajiet kompetenti u l-operaturi jew l-organizzazzjoni tan-negozju tal-ikel ikkonċernati.

KAPITOLU IV

Rekwiżiti oħra

Artikolu 66

Reġstrar u skambju ta' informazzjoni

L-awtoritajiet kompetenti għandhom:

- jistabbilixxu u jżommu lista aġġornata ta' żoni kklassifikati ta' produzzjoni u fejn jinżammu l-molluski, bid-dettalji tal-post fejn ikunu jinsabu, u l-konfini tagħhom, kif ukoll il-Klassi li fiha ż-żona hija klassifikata, li minnha l-molluski bivalvi ħajjin jistgħu jittieħdu skont ir-rekwiżiti tal-Artikolu 52. Din il-lista għandha tiġi kkomunikata lill-partijiet interessati affettwati b'dan ir-Regolament, bħal produttori, ġemmiġġi u operaturi ta' ċentri ta' purifikazzjoni u ċentri ta' dispaċċ;
- jinfurmaw minnufih lill-partijiet interessati bħall-produttori, il-ġemmiġġi u l-operaturi ta' ċentri ta' purifikazzjoni u ċentri ta' dispaċċ, dwar kwalunkwe tibdil fil-post, fil-konfini jew fil-Klassi ta' żona ta' produzzjoni, dwar l-għeluq temporanju jew finali tagħha, jew dwar l-applikazzjoni tal-miżuri kif imsemmi fl-Artikolu 60(2).

TITOLU VI

REKWIŻITI SPEĊIFIĊI U L-FREKWENZA MINIMA UNIFORMI TA' KONTROLLI UFFIĊJALI FIR-RIGWARD TA' PRODOTTI TAS-SAJD

Artikolu 67

Kontrolli uffiċjali fuq il-produzzjoni u t-tqegħid fis-suq

Il-kontrolli uffiċjali fuq il-produzzjoni u t-tqegħid fis-suq ta' prodotti tas-sajd għandhom jinkludu verifika tal-konformità mar-rekwiżiti stabbiliti fis-Sezzjoni VIII tal-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 853/2004, b'mod partikolari:

- verifika regolari dwar il-kundizzjonijiet tal-iġjene waqt il-ħatt u l-ewwel bejgħ;

- (b) spezzjonijiet regolari ta' bastimenti u ta' stabbilimenti fuq l-art, inklużi rkantijiet u swieq ta' bejgħ bl-ingrossa tal-ħut, b'mod partikolari biex jiġi ċċekkjat:
- (i) jekk il-kundizzjonijiet għal approvazzjoni għadhomx issodisfati;
 - (ii) jekk il-prodotti tas-sajd humiex jiġu mmaniġġati kif suppost;
 - (iii) il-konformità mar-rekwiżiti tal-iġjene u tat-temperatura;
 - (iv) l-indafa tal-istabbilimenti, inklużi l-bastimenti, u l-faċilitajiet u t-tagħmir tagħhom, u l-iġjene tal-persunal;
- (c) kontrolli fuq il-kundizzjonijiet tal-ħżin u tat-trasport.

Artikolu 68

Sit tal-kontrolli uffiċjali

1. L-awtoritajiet kompetenti għandhom iwettqu kontrolli uffiċjali fuq bastimenti meta dawn jidħlu f'port fi Stat Membru. Dawn il-kontrolli għandhom jikkonċernaw il-bastimenti kollha li jħottu prodotti tas-sajd fil-portijiet tal-UE, irrispettivament mill-bandiera.
2. L-awtoritajiet kompetenti tal-istat tal-bandiera jistgħu jwettqu kontrolli uffiċjali fuq bastimenti taħt il-bandiera tagħhom waqt li l-bastiment ikun fuq il-baħar jew f'port fi Stat Membru ieħor jew f'pajjiż terz.

Artikolu 69

Approvazzjoni ta' bastimenti fabrika, friża jew reefer

1. Meta bastiment fabrika, friża jew reefer li jtajjar il-bandiera ta' Stat Membru jiġi spezzjonat bil-għan li tingħata approvazzjoni lill-bastiment, l-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru tal-bandiera għandhom iwettqu l-kontrolli uffiċjali skont l-Artikolu 148 tar-Regolament (UE) 2017/625, b'mod partikolari l-limiti ta' żmien imsemmija fl-Artikolu 148(4). Jekk ikun meħtieġ, jistgħu jispezzjonaw il-bastiment waqt li jkun fuq il-baħar jew f'port fi Stat Membru ieħor jew f'pajjiż terz.
2. Meta l-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru tal-bandiera jkun taw il-bastiment l-approvazzjoni kondizzjonali skont l-Artikolu 148 tar-Regolament (UE) 2017/625, huma jistgħu jawtorizzaw lill-awtoritajiet kompetenti ta' Stat Membru ieħor, jew ta' pajjiż terz biex iwettqu kontrolli ta' segwitu bil-għan li tingħata approvazzjoni sħiħa, tittawwal l-approvazzjoni kondizzjonali jew sabiex l-approvazzjoni tinżamm taħt rieżami, sakemm, fil-każ ta' pajjiż terz, dak il-pajjiż jidher fuq lista ta' pajjiżi terzi li minnhom l-importazzjonijiet ta' prodotti tas-sajd huma permessi skont l-Artikolu 127 tar-Regolament (UE) 2017/625. Jekk ikun meħtieġ, dawn l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jispezzjonaw il-bastiment waqt li jkun fuq il-baħar jew f'port fi Stat Membru ieħor jew f'pajjiż terz.
3. Fejn l-awtoritajiet kompetenti ta' Stat Membru jawtorizzaw lill-awtoritajiet kompetenti ta' Stat Membru ieħor jew ta' pajjiż terz biex iwettqu kontrolli għan-nom tagħhom skont dan l-Artikolu, iż-żewġ awtoritajiet kompetenti għandhom jiftiehem dwar il-kundizzjonijiet li jirregolaw dawk il-kontrolli. Dawn il-kundizzjonijiet għandhom jiżguraw, b'mod partikolari, li l-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru tal-bandiera jirċievu rapporti dwar ir-riżultati tal-kontrolli u dwar kwalunkwe suspett ta' nonkonformità mingħajr dewmien, sabiex ikunu jistgħu jieħdu l-miżuri meħtieġa.

Artikolu 70

Kontrolli uffiċjali fuq il-prodotti tas-sajd

Il-kontrolli uffiċjali fuq il-prodotti tas-sajd għandhom jinkludu tal-anqas l-arranġamenti prattiċi stabbiliti fl-Anness VI dwar:

- (a) l-eżamijiet organolettiċi;
- (b) l-indikaturi ta' freskezza;
- (c) l-istamina;
- (d) ir-residwi u l-kontaminanti;
- (e) il-kontrolli mikrobijoloġiċi;
- (f) il-parassiti;
- (g) il-prodotti tas-sajd velenużi.

Artikolu 71

Deċiżjonijiet wara l-kontrolli

L-awtoritajiet kompetenti għandhom jiddikjaraw prodotti tas-sajd mhux tajbin għall-konsum mill-bniedem jekk:

- (a) il-kontrolli uffiċjali mwettqa skont l-Artikolu 70 jiżvelaw li mhumiex konformi mar-rekwiżiti organolettiċi, kimiċi, fiżiċi jew mikrobijoloġiċi jew mar-rekwiżiti għall-parassiti kif stabbilit fis-Sezzjoni VII tal-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 853/2004 u/jew tar-Regolament (KE) Nru 2073/2005;
- (b) il-partijiet tagħhom li jittieklu fihom residwi kimiċi jew kontaminanti f'ammonti li jaqbżu l-livelli stabbiliti fir-Regolamenti (UE) Nru 37/2010, (KE) Nru 396/2005, (KE) Nru 1881/2006, jew residwi ta' sustanzi li huma pprojbti jew mhux awtorizzati skont ir-Regolament (UE) Nru 37/2010 jew skont id-Direttiva 96/22/KE, jew mhumiex konformi ma' xi leġiżlazzjoni rilevanti oħra tal-Unjoni dwar is-sustanzi farmakoloġikament attivi;
- (c) ikunu ġejjin minn:
 - (i) ħut velenuż;
 - (ii) prodotti tas-sajd li ma jikkonformawx mar-rekwiżiti dwar il-bijotossini tal-baħar;
 - (iii) molluski bivalvi haġġin, ekinodermi, tunikati jew gasteropodi marini li jkun fihom bijotossini marini fi kwantitajiet totali li jaqbżu l-limiti msemmija fir-Regolament (KE) Nru 853/2004; jew
- (d) l-awtoritajiet kompetenti jqisu li jistgħu jikkostitwixxu riskju għas-saħħa tal-bniedem jew tal-annimali jew għal xi raġuni oħra ma jkunux adattati għall-konsum mill-bniedem.

Artikolu 72

Rekwiżiti dwar il-kontrolli uffiċjali fuq prodotti tas-sajd maqbuda minn bastimenti li jtajru l-bandiera ta' Stati Membri li jidħlu fl-Unjoni wara li jiġu ttrasferiti f'pajjiżi terzi bi jew mingħajr faċilitajiet ta' ħżin

1. Prodotti tas-sajd maħsuba għall-konsum mill-bniedem maqbuda minn bastimenti li jtajru l-bandiera ta' Stat Membru, mhux imħatta, b'faċilitajiet ta' ħżin jew mingħajrhom, f'pajjiżi terzi elenkati kif previst fl-Artikolu 126(2)(a) tar-Regolament (UE) 2017/625 qabel ma jidħlu fl-Unjoni b'mezz differenti ta' trasport, għandhom ikunu akkumpanjati minn ċertifikat tas-saħħa maħruġ mill-awtoritajiet kompetenti ta' dak il-pajjiż terz u mimli skont il-mudell taċ-ċertifikat tas-saħħa stabbilit fil-Kapitolu B tal-Parti II tal-Anness III tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/628.
2. Jekk il-prodotti tas-sajd imsemmija fil-paragrafu 1 jinħattu u jiġu ttrasportati lejn faċilità ta' ħżin li tkun tinsab fil-pajjiż terz imsemmi f'dak il-paragrafu, dik il-faċilità ta' ħżin għandha tidher fuq lista kif previst fl-Artikolu 5 tar-Regolament Delegat (UE) 2019/625.
3. Jekk il-prodotti tas-sajd imsemmija fil-paragrafu 1 jiġu mgħobbija fuq bastiment li jtajjar il-bandiera ta' pajjiż terz, dak il-pajjiż terz għandu jiġi elenkat kif previst fl-Artikolu 3 tar-Regolament Delegat (UE) 2019/625 u l-bastiment għandu jidher f'lista kif previst fl-Artikolu 5 tar-Regolament Delegat (UE) 2019/625.
4. Il-bastimenti tal-kontejners użati għat-trasport ta' prodotti tas-sajd f'kontejners huma esklużi minn dan ir-rekwiżit.

TITOLU VII

REKWIŻITI SPEĊIFIĊI GĦAT-TWETTIQ TAL-KONTROLLI UFFIĊJALI U FREKWENZA MINIMA UNIFORMI GĦALL-KONTROLLI UFFIĊJALI FUQ IL-LAĦAM TAR-RETTILI

Artikolu 73

Spezzjoni ante-mortem u post-mortem tar-rettilli

L-Artikolu 11 għandu japplika għall-ispezzjoni ante-mortem tar-rettilli.

L-Artikolu 12, 13 u 14 għandhom japplikaw għall-ispezzjoni post-mortem tar-rettilli. Għall-fini tal-Artikolu 13(a)(i), rettilli jittqies bħala 0,5 unità ta' bhejjem.

TITOLU VIII

DISPOŻIZZJONIJIET FINALI

Artikolu 74

Emendi għar-Regolament (KE) Nru 2074/2005

Ir-Regolament (KE) Nru 2074/2005 huwa emendat kif ġej:

1. Jitħassru l-Artikoli 5, 6b u 6c.
2. Fl-Anness I, jitħassru t-Taqsima II u l-Appendiċi.
3. Fl-Anness II, tithassar it-Taqsima II.
4. Jitħassru l-Annessi III u V.
5. Jitħassar l-Anness VIa.
6. Jitħassru l-Anness VIb u l-Appendiċi tiegħu.

Artikolu 75

Dħul fis-seħħ u applikazzjoni

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-20 jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Għandu japplika mill-14 ta' Diċembru 2019.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, il-15 ta' Marzu 2019.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Jean-Claude JUNCKER

ANNEX I

DOKUMENT MUDELL GĦALL-KOMUNIKAZZJONI MAL-AZJENDA TA' PROVENJENZA SKONT L-ARTIKOLU 39(5)

1. Dettalji ta' identifikazzjoni

1.1. Azjenda ta' provenjenza (sid jew manijer)

Isem/numru

Indirizz sħiħ

Numru tat-telefown

Indirizz elettroniku jekk disponibbli

1.2. Numri ta' identifikazzjoni ta'[jekk jogħġbok speċifika] jew ehmeż lista

Għadd totali ta' annimali (skont l-ispeċi)

Problemi ta' identifikazzjoni (jekk hemm)

1.3. Numru ta' identifikazzjoni tal-merħla/qatgħa/gaġġa (jekk applikabbli)

1.4. Speċi tal-annimal

1.5. Numru ta' referenza taċ-ċertifikat tas-saħħa (jekk applikabbli)

2. Sejbiet *ante-mortem*

2.1. Trattament xieraq

Għadd ta' annimali milquta

Tip/klassi/età

Osservazzjonijiet

2.2. L-annimali kienu konsenjati maħmuġin

2.3. Sejbiet kliniċi ta' mard

Għadd ta' annimali milquta

Tip/klassi/età

Osservazzjonijiet

Data tal-ispezzjoni

2.4. Riżultati tal-laboratorju ⁽¹⁾

⁽¹⁾ Mikrobijoloġiċi, kimiċi, seroloġiċi, eċċ. (inkludi r-riżultati kif mehmuża).

3. Sejbiet *post-mortem*

3.1. Sejbiet makroskopiċi

Għadd ta' annimali milquta

Tip/klassi/età

Organu jew parti tal-annimal(i) milqut(a)

Data tat-tbiċċir

3.2. Mard (jistgħu jintużaw kodiċijiet ⁽²⁾)

Għadd ta' annimali milquta

Tip/klassi/età

Organu jew parti tal-annimal(i) milquta

Karkassa parzjalment jew totalment ikkundannata
(aġħti r-raġuni)

Data tat-tbiċċir

3.3. Riżultati tal-laboratorju ⁽³⁾**3.4. Riżultati oħra****3.5. Sejbiet dwar it-trattament xieraq**

4. Tagħrif addizzjonali

5. Dettalji ta' kuntatt tal-biċċerija (numru ta' approvazzjoni)

Isem

Indirizz sħiħ

Numru tat-telefown

Indirizz elettroniku jekk disponibbli

6. Veterinarju uffiċjali (b'ittri kbar)

Firma u timbru

7. Data

8. Numru ta' paġni mehmuża ma' din il-formola:

⁽²⁾ L-awtoritajiet kompetenti jistgħu jintroduċu l-kodiċijiet li ġejjin: il-kodiċi A għall-mard elenkat mill-OIE; il-kodiċijiet B100 u B200 għal kwistjonijiet ta' trattament xieraq u C100 sa C290 għal deċiżjonijiet dwar il-laħam. Is-sistema tal-kodifikar tista', jekk ikun meħtieġ, tinkludi aktar subdiviżjonijiet (pereżempju C141 għal mard ġeneralizzat ħafif, C142 għal mard aktar serju, eċċ.). Jekk jintużaw il-kodiċijiet, iridu jkunu faċilment disponibbli għall-operaturi tan-negozju tal-ikel bi spjegazzjoni xierqa tat-tifsira tagħhom.

⁽³⁾ Mikrobijoloġiċi, kimiċi, seroloġiċi, eċċ. (inkludi r-riżultati kif mehmuża).

ANNEX II

ARRANĠAMENTI PRATTIĊI GĦALL-MARKA TAS-SAĦĦA SKONT L-ARTIKOLU 48

1. Il-marka tas-saħħa għandha tkun marka ovali mill-inqas 6,5 cm wiesgħa u għolja 4,5 cm bis-segwent i informazzjoni f'karattri perfettament leġibbli:
 - (a) l-isem tal-pajjiż li fih jinstab l-istabiliment, li għandu jinkiteb sħiħ u b'ittri kbar jew inkella bħala kodiċi b'żewġ ittri skont il-kodiċi tal-ISO rilevanti. Madankollu, fil-każ tal-Istati Membri, dawn il-kodiċijiet huma BE, BG, CZ, DK, DE, EE, IE, GR, ES, FR, HR, IT, CY, LV, LT, LU, HU, MT, NL, AT, PL, PT, RO, SI, SK, FI, SE u UK;
 - (b) in-numru ta' approvazzjoni tal-biċċerija; u
 - (c) (meta l-marka tiġi applikata fi stabbiliment li jinsab fl-Unjoni) l-abbrevjazzjoni CE, EC, EF, EG, EK, EO, EY, ES, EÜ, EB, EZ, KE jew WE. Dawn l-abbrevjazzjonijiet ma jridux jidhru fuq marki applikati fuq laħam importat fl-Unjoni minn biċċeriji li jkunu jinsabu barra mill-Unjoni.
 2. L-ittri jridu jkunu għoljin mill-anqas 0,8 cm u ċ-ċifri għoljin mill-anqas 1 cm. Id-dimensjonijiet tal-karattri u tal-marka jistgħu jitnaqqsu fil-każ tal-immarkar ta' ħrief, gidien u qżieqeż.
 3. Il-linka użata għall-immarkar tas-saħħa trid tkun awtorizzata skont ir-regoli tal-Unjoni dwar l-użu ta' sustanzi kuluranti fuq oġġetti tal-ikel.
 4. Il-marka tas-saħħa tista' tinkludi wkoll indikazzjoni tal-veterinarju uffiċjali li jkun wettaq l-ispezzjoni sanitarja tal-laħam.
-

ANNEX III

**METODI TA' TTESTJAR GĦALL-ĦALIB MHUX IPPROĊESSAT U GĦALL-ĦALIB TAL-BAQAR ITTRATTAT
BIS-SĦANA SKONT L-ARTIKOLU 50**

KAPITOLU I

DETERMINAZZJONI TAL-GĦADD TA' KOLONJI U TAL-GĦADD TAĊ-ĊELLOLI SOMATIĊI

A. Meta tiġi verifikata l-konformità mal-kriterji stabbiliti fil-Parti III tat-Taqsima IX, il-Kapitolu I tal-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 853/2004, iridu jiġu applikati l-istandards li ġejjin bħala metodi ta' referenza:

1. EN ISO 4833-1 għall-għadd ta' kolonji fi 30 °C;
2. EN ISO 13366-1 għall-għadd taċ-ċelloli somatiċi.

B. L-użu ta' metodi analitiċi alternattivi huwa aċċettabbli:

1. għall-għadd ta' kolonji fi 30 °C, meta l-metodi jiġu vvalidati skont il-metodu ta' referenza msemmi fil-punt 1 tal-Parti A skont il-protokoll stabbilit fl-istandard EN ISO 16140-2, u supplimentati mill-istandard EN ISO 16297 għall-każ speċifiku tal-għadd ta' kolonji fil-ħalib mhux ipproċessat.

B'mod partikolari, ir-relazzjoni ta' konverżjoni bejn metodu alternattiv u l-metodu ta' referenza msemmi fil-punt 1 tal-Parti A tkun stabbilita skont l-istandard EN ISO 21187.

2. għall-għadd taċ-ċelloli somatiċi, meta l-metodi jiġu vvalidati skont il-metodu ta' referenza msemmi fil-punt 2 tal-Parti A skont il-protokoll stabbilit fl-istandard ISO 8196-3 u operati skont l-istandard EN ISO 13366-2 jew protokoll simili oħrajn aċċettati internazzjonalment.

KAPITOLU II

DETERMINAZZJONI TAL-ATTIVITÀ TAL-FOSFATAŻI ALKALINA FIL-ĦALIB TAL-BAQAR

A. Sabiex tiġi determinata l-attività tal-fosfatażi alkalina fil-ħalib tal-baqar pasturizzat, l-istandard EN ISO 11816-1 irid jiġi applikat bħala l-metodu ta' referenza.

B. L-attività tal-fosfatażi alkalina fil-ħalib tal-baqar pasturizzat tiġi espressa bħala milliunitajiet ta' attività enzimatika għal kull litru (mU/l). Unità waħda tal-attività tal-fosfatażi alkalina hija l-ammont tal-enzima fosfatażi alkalina li tikkatalizza t-trasformazzjoni ta' mikromola waħda ta' substrat kull minuta.

C. Test tal-fosfatażi alkalina huwa meqjus li jagħti riżultat negattiv jekk l-attività mkejla fil-ħalib tal-baqar ma tkunx ta' aktar minn 350 mU/l.

D. L-użu ta' metodi analitiċi alternattivi huwa aċċettabbli meta dawn jiġu vvalidati skont il-metodi ta' referenza msemmija fil-Parti A skont protokoll u regoli ta' prattika tajba tal-laboratorju aċċettati internazzjonalment.

ANNEX IV

**METODU TA' TTESTJAR TA' REFERENZA GĦALL-ANALIŻI TAL-E. COLI FMOLLUSKI BIVALVI ĦAJJIN
GĦALL-KLASSIFIKAZZJONI TA' ŻONI TA' PRODUZZJONI U FEJN JINŻAMMU L-MOLLUSKI SKONT L-
ARTIKOLU 52(2)**

Il-metodu ta' referenza għall-analiżi tal-E. coli fmolluski bivalvi ħajjin għandu jkun id-detezzjoni u t-teknika tan-“numru l-iktar probabbli” (MPN) kif speċifikat fl-ISO 16649-3. Jistgħu jintużaw metodi alternattivi jekk ikunu vvalidati skont dan il-metodu ta' referenza skont il-kriterji fl-ISO 16140.

ANNEX V

METODI RIKONOXXUTI GĦAD-DETEZZJONI TA' BIJOTOSSINI TAL-BAĦAR SKONT L-ARTIKOLU 60

KAPITOLU I

METODU GĦAD-DETEZZJONI TA' VELENU PARALITIKU TAL-FROTT TAL-BAĦAR BIL-QOXRA

- A. Il-kontenut ta' tossini tal-velenu paralitiku tal-frott tal-baħar bil-qoxra (PSP) fil-ġisem kollu jew f'kull parti li tittiekel separatament ta' molluski bivalvi għandu jiġi determinat permezz tal-metodu uffiċjali tal-AOAC OMA 2005.06, kif ippubblikat fl-AOAC *International Journal* 88(6), 1714-1732, (il-metodu Lawrence), permezz ta' testijiet bijoloġiċi fuq il-ġrieden jew bi kwalunkwe metodu validat ieħor rikonoxxut internazzjonalment.
- B. Jekk ir-riżultati jiġu kkontestati, il-metodu ta' referenza għandu jkun il-metodu uffiċjali tal-AOAC OMA 2005.06 kif imsemmi fil-Parti A.

KAPITOLU II

METODU GĦAD-DETEZZJONI TA' VELENU AMNEŽIKU TAL-FROTT TAL-BAĦAR BIL-QOXRA

- A. Il-kontenut ta' tossini tal-velenu amneżiku tal-frott tal-baħar bil-qoxra (ASP) fil-ġisem kollu jew f'kull parti li tittiekel separatament ta' molluski bivalvi għandu jiġi determinat permezz tal-metodu ta' kromatografija likwida bi prestazzjoni għolja b'detezzjoni permezz ta' raġġi ultravjola (HPLC/UV) jew b'xi metodu validat ieħor rikonoxxut internazzjonalment.
- B. Madankollu, għal raġunijiet ta' skrinjar, jista' jintuża wkoll il-metodu uffiċjali tal-AOAC 2006.02, kif ippubblikat fil-*Ġurnal Internazzjonali tal-AOAC* 90, 1011-1027 (metodu ta' assaġġ ta' immunoassorbiment enzimatiċu (ELISA) tal-ASP), jew kwalunkwe metodu validat ieħor rikonoxxut internazzjonalment.
- C. Jekk ir-riżultati jiġu kkontestati, il-metodu ta' referenza għandu jkun il-metodu HPLC/UV.

KAPITOLU III

METODI GĦAD-DETEZZJONI TA' TOSSINI LIPOFILIĊI

- A. Il-metodu ta' referenza għad-detezzjoni ta' tossini marini kif imsemmi fil-punt (c), (d) u (e) fil-Kapitolu V(2) tas-Sezzjoni VII tal-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 853/2004 għandu jkun il-metodu ta' referenza ta' kromatografija likwida-spettrometrija tal-massa/spettrometrija tal-massa (EURL LC-MS/MS) fil-laboratorju. Dan il-metodu għandu jstabbilixxi talanqas il-komposti li ġejjin:
- (a) tossini tal-grupp tal-aċidu okadajku: OA, DTX1 u DTX2, inklużi l-esteri tagħhom (DTX3);
 - (b) tossini tal-grupp ta' pektenotossini: PTX1 u PTX2;
 - (c) tossini tal-grupp ta' jessotossini: YTX, 45 OH YTX, homo YTX u 45 OH homo YTX;
 - (d) tossini tal-grupp ta' azaspiracidi: AZA 1, AZA 2 u AZA 3.

F'każ li jinstabu analogi ġodda tat-tossini ta' hawn fuq, li għalihom ikun ġie stabbilit fattur ta' ekwivalenza tat-tossiċità (TEF), dawn għandhom jiġu inklużi fl-analiżi.

L-ekwivalenza tossika totali għandha tiġi kkalkulata permezz tat-TEFs kif rakkomandat mill-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel (EFSA) fil-*Ġurnal* (2008) 589, 1-62 jew xi parir aġġornat tal-EFSA.

- B. Metodi oħra għajr daww imsemmija fil-Parti A, bħall-metodu LC-MS, HPLC b'detezzjoni xierqa, immunoassaġġi u assaġġi funzjonali, bħall-assaġġ tal-inibizzjoni tal-fosfatażi, jistgħu jintużaw bħala alternattivi, jew flimkien mal-metodu EURL LC-MS/MS, sakemm:
- (a) waħedhom jew ikkombinati jistgħu jindividwaw talanqas l-analogi identifikati fil-Parti A; meta jkun meħtieġ għandhom jiġu definiti kriterji aktar xierqa;

- (b) jissodisfaw il-kriterji tal-prestazzjoni analitika stipulati mill-metodu EURL LC-MS/MS. Dawn il-metodi jridu jiġu vvalidati b'mod intralaboratorju u jkunu ġew ittestjati b'suċċess skont skema rikonoxxuta għal test tal-profiċjenza. Il-Laboratorju ta' Referenza Ewropew għall-bijotossini tal-baħar għandu jsostni l-attivitajiet li jwasslu għall-validazzjoni interlaboratorja tat-teknika għal standardizzazzjoni formali;
- (c) l-implimentazzjoni tagħhom tipprovdi livell ekwivalenti ta' protezzjoni għas-saħħa pubblika.

KAPITOLU IV

DETEZZJONI TA' TOSSINI TAL-BAĦAR ĠODDA JEW EMERĠENTI

Matul il-monitoraġġ perjodiku taż-żoni ta' produzzjoni u fejn jinżammu l-molluski jistgħu jintużaw metodi kimiċi, metodi alternattivi b'detezzjoni xierqa, jew testijiet bijoloġiċi fuq il-ġrieden għad-detezzjoni ta' tossini tal-baħar ġodda jew emerġenti abbażi tal-programmi nazzjonali ta' kontroll elaborati mill-Istati Membri.

ANNEX VI

ARRANĠAMENTI PRATTIĊI GĦALL-KONTROLLI UFFIĊJALI FUQ IL-PRODOTTI TAS-SAJD SKONT L-ARTIKOLU 70

KAPITOLU I

DISPOŻIZZJONIJIET ĠENERALI

A. Eżamijiet organolettiċi

Il-kontrolli organolettiċi aleatorji għandhom isiru f'kull stadju tal-produzzjoni, tal-ipproċessar u tad-distribuzzjoni. Għan wieħed tal-kontrolli huwa li tiġi verifikata l-konformità mal-kriterji ta' freskezza stabbiliti skont dan ir-Regolament. B'mod partikolari, dan jinkludi l-verifika, f'kull stadju tal-produzzjoni, tal-ipproċessar u tad-distribuzzjoni, li l-prodotti tas-sajd talanqas jissodisfaw il-linji bażi tal-kriterji ta' freskezza stabbiliti skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2406/96 ⁽¹⁾.

B. Indikaturi ta' freskezza

Meta l-eżami organolettiku jagħti lok għal xi dubju dwar il-freskezza tal-prodotti tas-sajd, jistgħu jittieħdu kampjuni u jiġu sottoposti għal testijiet fil-laboratorju sabiex jiġu determinati l-livelli tan-nitroġenu bażiku volatili totali (TVB-N) u tat-trimetilamina-nitroġenu (TMA-N) skont l-arranġamenti tekniċi fil-Kapitolu II.

L-awtoritajiet kompetenti għandhom jużaw il-kriterji stabbiliti f'dan ir-Regolament.

Meta l-eżami organolettiku jagħti lok għal suspett tal-preżenza ta' kundizzjonijiet oħra li jistgħu jaffettwaw is-saħħa tal-bniedem, għandhom jittieħdu kampjuni xierqa għal skopijiet ta' verifika.

C. Istamina

L-ittestjar aleatorju għall-istamina għandu jsir biex tiġi verifikata l-konformità mal-livelli permessi stabbiliti fir-Regolament (KE) Nru 2073/2005.

D. Residwi u kontaminanti

L-arranġamenti ta' monitoraġġ għandhom jiġu stabbiliti skont id-Direttiva 96/23/KE u d-Deċiżjoni 97/747/KE biex tiġi kkontrollata l-konformità mal-leġiżlazzjoni tal-UE dwar:

- il-limiti massimi ta' residwi ta' sustanzi farmakoloġikament attivi, skont ir-Regolamenti (UE) Nru 37/2010 u (UE) 2018/470;
- is-sustanzi pprojbiti u mhux awtorizzati, skont ir-Regolament (UE) Nru 37/2010, id-Direttiva 96/22/KE, u d-Deċiżjoni 2005/34/KE;
- il-kontaminanti, skont ir-Regolament (KE) Nru 1881/2006 li jstabbilixxi livelli massimi ta' ċerti kontaminanti fl-oġġetti tal-ikel; u
- ir-residwi tal-pestiċidi, skont ir-Regolament (KE) Nru 396/2005.

E. Kontrolli mikrobijoloġiċi

Fejn meħtieġ, il-kontrolli mikrobijoloġiċi għandhom isiru skont ir-regoli u l-kriterji rilevanti stabbiliti fir-Regolament (KE) Nru 2073/2005.

F. Parassiti

L-ittestjar abbażi tar-riskju għandu jsir biex tiġi verifikata l-konformità mal-Parti D tal-Kapitolu III tas-Sezzjoni VIII tal-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 853/2004 u mat-Taqsima I tal-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 2074/2005.

⁽¹⁾ Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2406/96 tas-26 ta' Novembru 1996 li jstabbilixxi standards komuni għall-marketing għal ċerti prodotti tal-industrija tas-sajd. ĠUL 334, 23.12.1996, p. 1

G. Prodotti tas-sajd velenużi

Il-kontrolli għandhom isiru sabiex jiġi żgurat li:

1. prodotti tas-sajd li ġejjin minn ħut velenuż mill-familji li ġejjin ma jitqegħdux fis-suq: *Tetraodontidae*, *Molidae*, *Diodontidae* u *Canthigasteridae*;
2. prodotti tas-sajd friski, ippreparati, iffriżati u pproċessati li jagħmlu parti mill-familja *Gempylidae*, b'mod partikolari *Ruvettus pretiosus* u *Lepidocybium flavobrunneum*, jistgħu jitqiegħdu fis-suq biss jekk ikunu f'forma mqartsa/ippakkjata u jkunu tikkettati sew sabiex il-konsumatur jiġi mgħarraf dwar il-metodi ta' preparazzjoni/tisjir u r-riskji relatati mal-preżenza ta' sustanzi li jista' jkollhom effetti gastrointestinali negattivi. Fuq it-tikketta għandu jkun hemm l-ismijiet xjentifiċi kif ukoll l-ismijiet komuni tal-prodotti tas-sajd;
3. prodotti tas-sajd li jkun fihom bijotossini bħaċ-čigwata jew tossini oħra perikolużi għas-saħħa tal-bniedem ma jitqegħdux fis-suq. Madankollu, prodotti tas-sajd li ġejjin minn molluski bivalvi ħajjin, ekinodermi, tunikati u gasteropodi tal-baħar jistgħu jitqiegħdu fis-suq jekk ikunu ġew prodotti skont is-Sezzjoni VII tal-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 853/2004 u jkunu konformi mal-istandards stabbiliti fil-punt 2 tal-Kapitolu V ta' dik is-Sezzjoni.

KAPITOLU II

KONTROLLI FUQ IN-NITROĠENU BAŻIKU VOLATILI TOTALI (TVB-N)**A. Il-valuri limitu tat-TVB-N għal ċerti kategoriji ta' prodotti tas-sajd u l-metodi ta' analiżi li jridu jintużaw**

1. Prodotti tas-sajd li ma jkunux ipproċessati għandhom jitqiesu li mhumiex tajbin għall-konsum mill-bniedem fejn il-valutazzjoni organolettika tkun qajmet dubji dwar il-freskezza tagħhom u l-kontrolli kimiċi juru li nqabżu l-limiti tat-TVB-N li ġejjin:
 - (a) 25 mg ta' nitroġenu/100 g ta' laħam għall-ispeċijiet imsemmija fil-punt 1 tal-Parti B ta' dan il-Kapitolu;
 - (b) 30 mg ta' nitroġenu/100 g ta' laħam għall-ispeċijiet imsemmija fil-punt 2 tal-Parti B ta' dan il-Kapitolu;
 - (c) 35 mg ta' nitroġenu/100 g ta' laħam għall-ispeċijiet imsemmija fil-punt 3 tal-Parti B ta' dan il-Kapitolu;
 - (d) 60 mg ta' nitroġenu/100 g tal-prodott tas-sajd kollu użat direttament għall-preparazzjoni taż-żejt tal-ħuta għall-konsum mill-bniedem, kif imsemmi fit-tieni paragrafu tal-punt 1 tal-Kapitolu IV.B tat-Taqsima VIII tal-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 853/2004; madankollu, fejn il-materja prima tikkonforma mal-punti (a), (b) u (c) tal-ewwel paragrafu ta' dak il-punt, l-Istati Membri jistgħu jistabbilixxu limiti f'livell ogħla għal ċerti speċijiet sakemm tiġi stabbilita leġiżlazzjoni speċifika tal-Unjoni.

Il-metodu ta' referenza li jrid jintuża biex jiġu ċċekkjati l-limiti tat-TVB-N jinvolvi d-distillar ta' estratt deproteinizzat permezz tal-aċidu perkloriku kif stabbilit fil-Parti C hawn taħt.
2. Id-distillazzjoni kif imsemmija fil-punt 1 għandha ssir bl-użu ta' apparat li huwa konformi mad-dijagramma fil-Parti D hawn taħt.
3. Il-metodi ta' rutina li jistgħu jintużaw biex jiġi ččekkijat il-limitu tat-TVB-N huma kif ġej:
 - (a) il-metodu ta' mikrodifuzjoni deskritt minn Conway u Byrne (1933);
 - (b) il-metodu ta' distillazzjoni diretta deskritta minn Antonacopoulos (1968);
 - (c) id-distillazzjoni ta' estratt deproteinizzat permezz tal-aċidu trikloroaċetiku (Kumitat tal-Codex Alimentarius dwar il-Ħut u l-Prodotti tas-Sajd, 1968).
4. Il-kampjun għandu jkun magħmul minn madwar 100 g ta' laħam, meħud minn talanqas tliet partijiet differenti u mħallat flimkien permezz ta' tħin.

L-Istati Membri għandhom jirrakkomandaw li, bħala rutina, il-laboratorji uffiċjali jużaw il-metodi msemmija hawn fuq. Fejn ir-riżultati jkunu dubjużi jew fil-każ ta' nuqqas ta' qbil dwar ir-riżultati ta' analiżi li jsiru b'wieħed mill-metodi ta' rutina, jista' jintuża biss il-metodu ta' referenza għall-iċċekkjar tar-riżultati.

B. Kategoriji ta' speċijiet li għalihom għew iffissati l-valuri limitu tat-TVBN

Il-valuri limitu tat-TVBN huma iffissati għall-kategoriji ta' speċijiet li ġejjin:

1. *Sebastes spp.*, *Helicolenus dactylopterus*, *Sebastichthys capensis*;
2. speċijiet li jagħmlu parti mill-familja *Pleuronectidae* (bl-eċċezzjoni tal-ħalibatt: *Hippoglossus spp.*);
3. *Salmo salar*, speċi li tagħmel parti mill-familja *Merlucciidae*, speċi li tagħmel parti mill-familja *Gadidae*.

C. Proċedura ta' referenza għad-determinazzjoni tal-konċentrazzjoni tat-TVBN fil-ħut u fil-prodotti tas-sajd

1. Skop u kamp ta' applikazzjoni

Dan il-metodu jiddeskrivi proċedura ta' referenza għall-identifikazzjoni tal-konċentrazzjoni tan-nitroġenu ta' TVBN fil-ħut u fil-prodotti tas-sajd. Din il-proċedura hija applikabbli f'konċentrazzjonijiet ta' TVBN ta' 5 mg/100 g sa mill-inqas 100 mg/100 g.

2. Definizzjonijiet

"Konċentrazzjoni ta' TVBN" tfisser il-kontenut ta' nitroġenu ta' bażijiet volatili nitroġenużi kif determinat bil-proċedura ta' referenza deskritta.

"Soluzzjoni" tfisser soluzzjoni milwiema kif ġej:

- (a) soluzzjoni ta' aċidu perkloriku = 6 g/100 ml;
- (b) soluzzjoni ta' idrossidu tas-sodju = 20 g/100 ml;
- (c) soluzzjoni standard ta' aċidu idrokloriku 0,05 mol/l (0,05 N). Meta jkun qed jintuża apparat tad-distillazzjoni awtomatiku, it-titrazzjoni trid issir permezz ta' soluzzjoni standard ta' aċidu idrokloriku ta' 0,01 mol/l (0,01 N);
- (d) soluzzjoni ta' aċidu boriku = 3 g/100 ml;
- (e) aġent tas-siliċju kontra r-ragħwa;
- (f) soluzzjoni ta' fenoltaleina = 1 g/100 ml 95 % etanol;
- (g) soluzzjoni indikatur (indikatur imħallat ta' Tashiro) = 2 g ta' metil-aħmar u 1 g ta' metilen-blu maħlula f'1 000 ml ta' etanol ta' 95 %.

3. Deskrizzjoni qasira

Il-bażijiet volatili nitroġenużi jiġu estratti minn kampjun permezz ta' soluzzjoni ta' 0,6 mol/l ta' aċidu perkloriku. Wara l-alkanizzazzjoni, l-estratt jgħaddi minn distillazzjoni bil-fwar u l-komponenti bażiċi volatili jiġu assorbiti minn riċevitur tal-aċidu. Il-konċentrazzjoni tat-TVBN tiġi determinata bit-titrazzjoni tal-bażijiet assorbiti. Il-konċentrazzjoni tiġi espressa f'mg/100 g.

4. Sustanzi kimiċi

Sakemm ma jkunx indikat mod ieħor, għandhom jintużaw sustanzi kimiċi li jkollhom grad ta' reaġent. L-ilma użat għandu jkun distillat jew demineralizzat u mill-anqas tal-istess purità.

5. Għandhom jintużaw l-istrumenti u l-aċċessorji li ġejjin:

- (a) magna tal-ikkappuljat li tipproduċi kkappuljat tal-ħut omoġenju biżżejjed;
- (b) blender b'veloċità għolja b'veloċità ta' bejn 8 000 u 45 000 dawra/min;
- (c) filtru skanalat, b'dijametru ta' 150 mm, li jiffiltra malajr;
- (d) buretta, ta' 5 ml, gradwata sa 0,01 ml;
- (e) apparat għad-distillazzjoni bil-fwar. L-apparat irid ikun kapaċi jirregola diversi ammonti ta' fwar u jipproduċi ammont kostanti ta' fwar tul perjodu partikolari ta' żmien. Irid jiżgura li, matul iż-żieda ta' sustanzi alkalizzanti, il-bażijiet ħielsa li jirriżultaw ma jistgħux jaħrabu.

6. Eżekuzzjoni tal-proċedura ta' referenza

Waqf l-użu tal-aċidu perkloriku, li huwa korrużiv ħafna, għandhom jittieħdu l-miżuri meħtieġa ta' prekawżjoni u ta' prevenzjoni. Il-kampjuni għandhom jitħejjew malajr kemm jista' jkun wara l-wasla tagħhom, skont l-istruzzjonijiet li ġejjin:

(a) Preparazzjoni tal-kampjun

Il-kampjun li se jiġi analizzat jiġi mitħun b'attenzjoni b'magna tal-ikkapuljat kif deskritt fil-punt 5(a). Ammont ta' $10 \text{ g} \pm 0,1 \text{ g}$ tal-kampjun mitħun jintiżen f'kontenitur adattat. Dan jiġi mħallat ma' $90,0 \text{ ml}$ ta' soluzzjoni ta' aċidu perkloriku, omoġenizzat għal żewġ minuti fi blender kif deskritt fil-punt 5(b), u mbagħad iffiltrat.

L-estratt li jinkiseb jista' jinżamm għal mill-inqas sebat ijiem f'temperatura ta' bejn wieħed u ieħor $2 \text{ }^\circ\text{C}$ u $6 \text{ }^\circ\text{C}$;

(b) Distillazzjoni bil-fwar

$50,0 \text{ ml}$ tal-estratt miksub skont il-punt (a) jitqiegħed f'apparat għad-distillazzjoni bil-fwar kif deskritt fil-punt 5 (e). Sabiex tkun tista' ssir verifika aktar tard fuq l-alkalinizzazzjoni tal-estratt, jiġu miżjuda diversi qtar ta' soluzzjoni ta' fenoltaleina. Wara li jkunu ġew miżjuda f'tit qtar ta' aġent tas-siliċju kontra r-raqhwa, jiġu miżjuda $6,5 \text{ ml}$ ta' soluzzjoni ta' idrossidu tas-sodju mal-estratt u d-distillazzjoni bil-fwar tibda minnufih.

Id-distillazzjoni bil-fwar hija regolata sabiex madwar 100 ml ta' distillat jiġu prodotti f'10 minuti. It-tubu tal-ħruġ tad-distillazzjoni jiġi mgħaddas riċevitur b' 100 ml ta' soluzzjoni ta' aċidu boriku, li miegħu jkunu ġew miżjuda bejn tlieta u ħames qatriet tas-soluzzjoni indikatur. Wara eżatt 10 minuti, id-distillazzjoni tintemm. It-tubu tal-ħruġ tad-distillazzjoni jitneħħa mir-riċevitur u jinħasel bl-ilma. Il-bażijiet volatili li jkunu nġabru fis-soluzzjoni riċevitur jiġu determinati permezz ta' titrazzjoni b'soluzzjoni standard tal-aċidu idrokloriku.

Il-pH tal-punt tat-tarf irid ikun ta' $5,0 \pm 0,1$;

(c) Titrizzjoni

Hemm bżonn li jsiru analiżi duplikati. Il-metodu applikat huwa korrett jekk id-differenza bejn id-duplikati ma tkunx ta' aktar minn $2 \text{ mg}/100 \text{ g}$;

(d) Test inbjank

Jitwettaq test inbjank kif deskritt fil-punt (b). Minflok l-estratt, jintuża $50,0 \text{ ml}$ ta' soluzzjoni ta' aċidu perkloriku.

7. Kalkolu tal-konċentrazzjoni tat-TVBN

Permezz tat-titrizzjoni tas-soluzzjoni riċevitur bl-aċidu idrokloriku, il-konċentrazzjoni tat-TVBN tiġi kkalkulata permezz tal-ekwazzjoni li ġejja:

$$\text{TVB-N (espress f'kampjun ta' mg/ } 100 \text{ g)} = \frac{(V_1 - V_0) \times 0,14 \times 2 \times 100}{M}$$

fejn:

V_1 = Volum ta' $0,01 \text{ mol}$ ta' soluzzjoni standard ta' aċidu idrokloriku f'ml għall-kampjun;

V_0 = Volum ta' $0,01 \text{ mol}$ ta' soluzzjoni standard ta' aċidu idrokloriku f'ml għal test inbjank;


M = massa tal-kampjun fi g.

Barra minn hekk, hemm bżonn ta' dawn li ġejjin:

(a) analiżi duplikata. Il-metodu applikat huwa korrett jekk id-differenza bejn id-duplikati ma tkunx ta' aktar minn $2 \text{ mg}/100 \text{ g}$;

(b) iċċekkjar tat-tagħmir. It-tagħmir jiġi iċċekkjat permezz tad-distillazzjoni ta' soluzzjonijiet ta' NH_4Cl ekwivalenti għal 50 mg ta' TVB-N/100 g;

(c) devjazzjonijiet standard. Tiġi kkalkulata d-devjazzjoni standard għar-ripetibilità $S_r = 1,20 \text{ mg}/100 \text{ g}$ u d-devjazzjoni standard għar-riproduċibilità $S_R = 2,50 \text{ mg}/100 \text{ g}$.

D. Apparat għad-distillazzjoni bil-fwar tat-TVBN

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2019/628**tat-8 ta' April 2019****dwar mudelli taċ-ċertifikati uffiċjali għal ċerti animali u oġġetti u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 2074/2005 u r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2016/759 fir-rigward ta' dawn il-mudelli taċ-ċertifikati****(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2017/625 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Marzu 2017 dwar il-kontrolli uffiċjali u attivitajiet uffiċjali oħra mwettqa biex jiżguraw l-applikazzjoni tal-liġi tal-ikel u tal-ġhalf, ta' regoli dwar is-saħħa u t-trattament xieraq tal-annimali, dwar is-saħħa tal-pjanti u dwar prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 999/2001, (KE) Nru 396/2005, (KE) Nru 1069/2009, (KE) Nru 1107/2009, (UE) Nru 1151/2012, (UE) Nru 652/2014, (UE) 2016/429 u (UE) 2016/2031 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1/2005 u (KE) Nru 1099/2009 u d-Direttivi tal-Kunsill 98/58/KE, 1999/74/KE, 2007/43/KE, 2008/119/KE u 2008/120/KE, u li jħassar ir-Regolamenti (KE) Nru 854/2004 u (KE) Nru 882/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, id-Direttivi tal-Kunsill 89/608/KEE, 89/662/KEE, 90/425/KEE, 91/496/KEE, 96/23/KE, 96/93/KE u 97/78/KE u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 92/438/KEE (Regolament dwar il-Kontrolli Uffiċjali) ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-punti (a), (c) u (e) tal-ewwel paragrafu tal-Artikolu 90 u 126(3) tiegħu,

Billi:

- (1) Ir-Regolament (UE) 2017/625 jistabbilixxi regoli għall-kontrolli uffiċjali u attivitajiet uffiċjali oħra mwettqa mill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri sabiex jivverifika l-konformità mal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni fil-qasam, fost l-oħrajn, tas-sikurezza tal-ikel fl-istadji kollha tal-proċess tal-produzzjoni, l-ipproċessar u d-distribuzzjoni. B'mod partikolari, jipprevedi ċertifikazzjoni uffiċjali meta jitqies xieraq biex tkun żgurata l-konformità mar-regoli tal-UE dwar l-annimali u l-oġġetti.
- (2) Il-punt (a) tal-ewwel paragrafu tal-Artikolu 90 tar-Regolament (UE) 2017/625 jagħti s-setgħa lill-Kummissjoni biex tadotta, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, regoli dwar ċertifikati uffiċjali mudelli u regoli għall-ħruġ ta' tali ċertifikati, fejn ir-rekwiżiti ma jiġux stabbiliti bir-regoli msemmija fl-Artikolu 1(2) ta' dak ir-Regolament.
- (3) Kunsinni ta' annimali u oġġetti għandhom ikunu akkumpanjati minn ċertifikat uffiċjali maħruġ f'forma stampata jew elettronika. Għalhekk, huwa xieraq li jiġu stabbiliti rekwiżiti komuni fir-rigward tal-ħruġ ta' ċertifikati uffiċjali fiż-żewġ każijiet flimkien mar-rekwiżiti stabbiliti fil-Kapitolu VII tat-Titolu II tar-Regolament (UE) 2017/625.
- (4) Il-mudelli taċ-ċertifikati huma inklużi fis-sistema elettronika TRACES, stabbilita bid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2003/623/KE ⁽²⁾, biex jiffaċilitaw u jaċċelleraw il-proċeduri amministrattivi fil-fruntieri tal-Unjoni u biex jippermettu komunikazzjoni elettronika bejn l-awtoritajiet kompetenti li tgħin fil-prevenzjoni ta' prattiki frodulentli jew qarriqa fir-rigward taċ-ċertifikati uffiċjali.
- (5) Sa mill-2003, it-teknoloġija tal-kompjuter evolviet b'mod konsiderevoli u s-sistema TRACES ġiet modifikata biex ittejjeb il-kwalità, l-ipproċessar u l-iskambju sigur tad-*data*. Bħala riżultat, il-format tal-mudelli taċ-ċertifikati u noti dwar il-mili tagħhom stabbiliti b'dan ir-Regolament jenħtieġ li jiġu adattati għas-sistema TRACES, pereżempju billi jirriflettu l-użu ta' kodiċijiet multipli tan-Nomenklatura Magħquda (NM) jew billi jipprovdut traċċabbiltà għal kummerċ trijangolari, fejn il-pajjiż ta' spedizzjoni mhuwiex il-pajjiż tal-orijini tal-kunsinna.
- (6) Skont l-Artikolu 133(4) tar-Regolament (UE) 2017/625, is-sistema TRACES trid tiġi integrata fis-Sistema ta' Ġestjoni tal-Infommazzjoni għall-Kontrolli Uffiċjali (IMSOC). Għaldaqstant, il-mudelli taċ-ċertifikati tas-saħħa stabbiliti f'dan ir-Regolament jenħtieġ li jiġu adattati għall-IMSOC.
- (7) Il-punt (c) tal-ewwel paragrafu tal-Artikolu 90 tar-Regolament (UE) 2017/625 jagħti s-setgħa lill-Kummissjoni biex tistabbilixxi permezz ta' atti ta' implimentazzjoni regoli dwar il-proċeduri li jridu jiġu segwiti għall-ħruġ ta' ċertifikati ta' sostituzzjoni.

⁽¹⁾ ĠUL 95, 7.4.2017, p. 1.⁽²⁾ Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2003/623/KE tad-19 ta' Awwissu 2003 dwar l-iżvilupp ta' sistema kompjuterizzata integrata magħrufa bħala Traces (ĠUL 216, 28.8.2003, p. 58).

- (8) Sabiex jiġi evitat l-użu ħażin u l-abbuż, huwa importanti li jiġu definiti l-każijiet fejn jista' jinħareġ ċertifikat ta' sostituzzjoni kif ukoll ir-rekwiżiti li jridu jiġu ssodisfati minn tali ċertifikati. B'mod partikolari, dawn il-każijiet jenħtieġ li jkunu limitati għal żbalji amministrattivi ovvji, bħal numri trasposti fin-numru tal-kontejner jew fin-numru tas-siġill, żbalji tal-ortografija fl-indirizzi jew fid-deskrizzjonijiet tal-prodott.
- (9) L-Artikolu 126(2)(c) tar-Regolament (UE) 2017/625 jistabbilixxi r-rekwiżit li l-kunsinni ta' ċerti annimali u oġġetti jridu jkunu akkumpanjati minn ċertifikat uffiċjali, attestazzjoni uffiċjali jew kwalunkwe evidenza oħra li l-kunsinna tikkonforma mar-regoli applikabbli msemmija fl-Artikolu 1(2) ta' dak ir-Regolament.
- (10) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/625 ⁽³⁾ jipprevedi lista ta' oġġetti u annimali maħsuba għall-konsum mill-bniedem, b'mod partikolari prodotti ta' oriġini mill-annimali, insetti haġġin u nebbieta u żrieragħ maħsuba għall-produzzjoni ta' nebbieta, li jridu jkunu akkumpanjati minn ċertifikat uffiċjali mad-dħul fl-Unjoni jekk maħsuba għat-tqegħid fis-suq. Sabiex jiġu ffaċilitati l-kontrolli uffiċjali mad-dħul fl-Unjoni, jenħtieġ li jiġu stabbiliti ċertifikati uffiċjali mudelli għal tali oġġetti u annimali maħsuba għall-konsum mill-bniedem skont il-Punt (a) tal-ewwel paragrafu tal-Artikolu 90 u tal-Artikolu 126(3) tar-Regolament (UE) 2017/625.
- (11) Il-mudelli taċ-ċertifikati meħtieġa għal raġunijiet ta' saħħa pubblika bħalissa huma stabbiliti f'diversi atti legali. Huwa xieraq li dawn il-mudelli taċ-ċertifikati jiġu kkonsolidati fatt legali uniku wieħed billi jsiru kontroreferenzi għalihom.
- (12) Fir-rigward taċ-ċertifikazzjoni ta' ċerti prodotti ta' oriġini mill-annimali għal raġunijiet ta' saħħa tal-annimali, jintużaw mudelli taċ-ċertifikati komuni. Ir-rekwiżiti għaċ-ċertifikazzjoni għal raġunijiet ta' saħħa tal-annimali jenħtieġ li jiġu riveduti sal-21 ta' April 2021, li hija d-data tal-applikazzjoni tar-Regolament (UE) 2016/429 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽⁴⁾. Il-mudelli taċ-ċertifikati komuni jenħtieġ li jinżammu sa dik ir-reviżjoni.
- (13) Għal raġunijiet ta' armonizzazzjoni u ċarezza, il-mudelli taċ-ċertifikati attwalment stabbiliti fir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2074/2005 ⁽⁵⁾, fir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 211/2013 ⁽⁶⁾ u fir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/759 ⁽⁷⁾ jenħtieġ li jiġu inkorporati f'dan ir-Regolament. B'riżultat ta' dan, ir-Regolament (KE) Nru 2074/2005 u r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2016/759 jenħtieġ li jiġu emendati skont dan u r-Regolament (UE) Nru 211/2013 jenħtieġ li jitħassar.
- (14) Sabiex tiġi ffaċilitata l-verifika tal-konformità mar-rekwiżiti tal-UE, jidher xieraq li jiġu introdotti mudelli taċ-ċertifikati tas-saħħa ġodda addizzjonali għad-dħul ta' xaħmijiet tal-annimali mdewba u qrieqeċ, insetti u laħam tar-rettilli maħsuba għat-tqegħid fis-suq. Dawn il-mudelli taċ-ċertifikati jagħmluha wkoll aktar faċli għall-awtoritajiet kompetenti fil-pajjiżi terzi biex jifhmu r-rekwiżiti tal-UE u għalhekk jiffaċilitaw id-dħul ta' xaħmijiet tal-annimali u qrieqeċ, insetti u laħam tar-rettilli fl-Unjoni.
- (15) Il-punt (e) tal-ewwel paragrafu tal-Artikolu 90 tar-Regolament (UE) 2017/625 jagħti s-setgħa lill-Kummissjoni biex tadotta, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, regoli dwar il-format tad-dokumenti li jridu jakkumpanjaw annimali jew oġġetti wara li jkunu saru l-kontrolli uffiċjali. Skont l-Artikolu 5 tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni 2019/624 ⁽⁸⁾, dawn iċ-ċertifikati tas-saħħa jridu jakkumpanjaw l-annimali lejn il-biċċerija wara li tkun saret l-ispezzjoni *ante-mortem* fl-azjenda ta' provenjenza. Għaldaqstant, jenħtieġ li l-format ta' dawn iċ-ċertifikati jiġi stabbilit f'dan ir-Regolament.

⁽³⁾ Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/625 tal-4 ta' Marzu 2019 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2017/625 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward ta' rekwiżiti għad-dħul fl-Unjoni ta' kunsinni ta' ċerti annimali u oġġetti maħsuba għall-konsum mill-bniedem (ara l-paġna 18 dan il-Ġurnal Uffiċjali).

⁽⁴⁾ Ir-Regolament (UE) 2016/429 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Marzu 2016 dwar il-mard trasmisibbli tal-annimali u li jemenda u jħassar ċerti atti fil-qasam tas-saħħa tal-annimali (Liġi dwar is-Saħħa tal-Annimali) (ĠUL 84, 31.3.2016, p. 1).

⁽⁵⁾ Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2074/2005 tal-5 ta' Diċembru 2005 li jistabbilixxi miżuri ta' implimentazzjoni għal ċerti prodotti taħt ir-Regolament (KE) Nru 853/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u għall-organizzazzjoni ta' kontrolli uffiċjali taħt ir-Regolament (KE) Nru 854/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u r-Regolament (KE) Nru 882/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, li jidderoga mir-Regolament (KE) Nru 852/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 853/2004 u (KE) Nru 854/2004 (ĠUL 338, 22.12.2005, p. 27).

⁽⁶⁾ Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 211/2013 tal-11 ta' Marzu 2013 dwar ir-rekwiżiti taċ-ċertifikazzjoni għall-importazzjonijiet fl-Unjoni tan-nebbieta (sprouts) u ż-żrieragħ maħsuba għall-produzzjoni tan-nebbieta (ĠUL 68, 12.3.2013, p. 26).

⁽⁷⁾ Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/759 tat-28 ta' April 2016 li jfassal listi tal-pajjiżi terzi, il-partijiet ta' pajjiżi terzi u t-territorji li minnhom l-Istati Membri għandhom jawtorizzaw l-introduzzjoni fl-Unjoni ta' ċerti prodotti mill-annimali maħsuba għall-konsum uman, li jistabbilixxi ċertifikati, rekwiżiti u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 2074/2005 u li jħassar id-Deċiżjoni 2003/812/KE (ĠUL 126, 14.5.2016, p. 13).

⁽⁸⁾ Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/624 tat-8 ta' Frar 2019 rigward ir-regoli speċifiċi għat-tweqqif ta' kontrolli uffiċjali fuq il-produzzjoni tal-laħam u fuq iż-żoni ta' produzzjoni u fejn jinżammu l-molluski bivalvi haġġin skont ir-Regolament (UE) 2017/625 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ara l-paġna 1 dan il-Ġurnal Uffiċjali).

- (16) Fil-każ ta' tbiċċir b'emerġenza mhux ġol-biċċerija, huwa xieraq għal raġunijiet ta' armonizzazzjoni u ċarezza, li jiġi stabbilit mudell taċ-ċertifikat f'dan ir-Regolament għad-dikjarazzjoni li trid tinħareġ mill-veterinarju (uffiċjali) skont il-punt 6 tal-Kapitolu VI tas-Sezzjoni I tal-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 853/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽⁹⁾.
- (17) Billi r-Regolament (UE) 2017/625 japplika b'effett mill-14 ta' Diċembru 2019, dan ir-Regolament jenħtieġ li japplika wkoll minn dik id-data.
- (18) Huwa xieraq li jiġi introdott perjodu tranżizzjonali biex jitqiesu l-kunsinni ta' annimali u oġġetti ttrasportati u ċertifikati, jekk ikun meħtieġ, qabel id-data ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament.
- (19) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel u l-Għalf,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Suġġett u kamp ta' applikazzjoni

1. Dan ir-Regolament jistabbilixxi:
 - (a) regoli għall-applikazzjoni uniformi tal-Artikoli 88 u 89 tar-Regolament (UE) 2017/625 fir-rigward tal-firma u l-ħruġ ta' ċertifikati uffiċjali u l-garanziji ta' affidabbiltà għal ċertifikati uffiċjali, sabiex ikunu konformi mar-rekwiżiti tal-Artikolu 126(2)(c) ta' dak ir-Regolament;
 - (b) rekwiżiti għall-mudelli taċ-ċertifikati uffiċjali li mhumiex sottomessi fl-IMSOC;
 - (c) rekwiżiti għall-mudelli taċ-ċertifikati uffiċjali li huma sottomessi fl-IMSOC;
 - (d) rekwiżiti għaċ-ċertifikati ta' sostituzzjoni.
2. Dan ir-Regolament jistabbilixxi wkoll:
 - (a) mudelli taċ-ċertifikati uffiċjali għad-dħul fl-Unjoni ta' annimali, prodotti ta' oriġini mill-annimali, prodotti komposti, prodotti ġerminali u prodotti sekondarji mill-annimali u noti għal mili taċ-ċertifikat;
 - (b) mudelli taċ-ċertifikati uffiċjali speċifiċi għad-dħul fl-Unjoni tal-annimali u l-oġġetti li ġejjin, li huma maħsuba għall-konsum mill-bniedem u għat-tqegħid fis-suq:
 - (i) prodotti ta' oriġini mill-annimali li għalihom ċertifikat bħal dan huwa meħtieġ skont l-Artikolu 13 tar-Regolament Delegat (UE) 2019/625;
 - (ii) insetti ħajjin;
 - (iii) nebbieta u żerriegħa maħsuba għall-produzzjoni tan-nebbieta;
 - (c) mudelli taċ-ċertifikati uffiċjali fil-każ ta' spezzjoni *ante-mortem* fl-azjenda ta' provenjenza jew fil-każ ta' tbiċċir b'emerġenza mhux ġol-biċċerija.

Artikolu 2

Definizzjonijiet

Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

- (1) "tqegħid fis-suq" tfisser tqegħid fis-suq kif definit fil-punt (8) tal-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 178/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽¹⁰⁾;

⁽⁹⁾ Ir-Regolament (KE) Nru 853/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 li jistabbilixxi ċerti regoli speċifiċi ta' iġjene għall-ikel li joriġina mill-annimali (ĠU L 139, 30.4.2004, p. 55).

⁽¹⁰⁾ Ir-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (KE) Nru 178/2002 tat-28 ta' Jannar 2002 li jistabbilixxi l-prinċipji ġenerali u l-ħtiġijiet tal-liġi dwar l-ikel, li jistabbilixxi l-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel u jistabbilixxi l-proċeduri fi kwistjonijiet ta' sigurtà tal-ikel (ĠU L 31, 1.2.2002, p. 1).

- (2) “nebbieta” tfisser nebbieta kif definit fil-punt (a) tal-Artikolu 2 tar-Regolament ta’ Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 208/2013 ⁽¹⁾;
- (3) “biċċerija” tfisser biċċerija kif definit fil-punt 1.16 tal-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 853/2004;
- (4) “laħam frisk” tfisser laħam frisk kif definit fil-punt 1.10 tal-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 853/2004;
- (5) “laħam” tfisser laħam kif definit fil-punt 1.1 tal-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 853/2004;
- (6) “pollam” tfisser pollam kif definit fil-punt 1.3 tal-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 853/2004;
- (7) “kaċċa salvaġġa” tfisser kaċċa salvaġġa kif definit fil-punt 1.5 tal-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 853/2004;
- (8) “bajd” tfisser bajd kif definit fil-punt 5.1 tal-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 853/2004;
- (9) “prodotti tal-bajd” tfisser prodotti mill-bajd kif definit fil-punt 7.3 tal-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 853/2004;
- (10) “preparati tal-laħam” tfisser preparati tal-laħam kif definit fil-punt 1.15 tal-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 853/2004;
- (11) “prodotti tal-laħam” tfisser prodotti tal-laħam kif definit fil-punt 7.1 tal-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 853/2004;
- (12) “stonkijiet, bżieżaq tal-awrina u msaren trattati” tfisser stonkijiet, vexxiki u intestini trattati kif definit fil-punt 7.9 tal-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 853/2004;
- (13) “molluski bivalvi” tfisser molluski bivalvi kif definit fil-punt 2.1 tal-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 853/2004;
- (14) “prodotti tas-sajd” tfisser prodotti tas-sajd kif definit fil-punt 3.1 tal-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 853/2004;
- (15) “ħalib mhux ipproċessat” tfisser ħalib nej kif definit fil-punt 4.1 tal-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 853/2004;
- (16) “prodotti tal-ħalib” tfisser prodotti mill-ħalib kif definit fil-punt 7.2 tal-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 853/2004;
- (17) “kolostru” tfisser kolostru kif definit fil-punt 1 tat-Taqsima IX tal-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 853/2004;
- (18) “prodotti li fihom il-kolostru” tfisser prodotti li fihom il-kolostru kif definit fil-punt 2 tat-Taqsima IX tal-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 853/2004;
- (19) “koxox taż-żrinġijiet” tfisser saqajn taż-żrinġijiet kif definit fil-punt 6.1 tal-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 853/2004;
- (20) “bebbux” tfisser bebbux kif definit fil-punt 6.2 tal-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 853/2004;
- (21) “xaħam tal-annimali mdewweb” tfisser grass tal-annimali mdewweb kif definit fil-punt 7.5 tal-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 853/2004;
- (22) “qrieqċ” tfisser qrieqċ kif definit fil-punt 7.6 tal-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 853/2004;
- (23) “ġelatina” tfisser ġelatina kif definit fil-punt 7.7 tal-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 853/2004;
- (24) “kollaġen” tfisser kollaġni kif definit fil-punt 7.8 tal-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 853/2004;
- (25) “għasel” tfisser għasel kif definit fil-punt 1 tal-Parti IX tal-Anness II tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽¹²⁾;

⁽¹⁾ Ir-Regolament ta’ Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 208/2013 tal-11 ta’ Marzu 2013 dwar ir-rekwiżiti ta’ traċċabbiltà għan-nebbieta u ż-żrieragħ maħsubin għall-produzzjoni tan-nebbieta (ĠU L 68, 12.3.2013, p. 16).

⁽¹²⁾ Ir-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta’ Diċembru 2013 li jstabbilixxi organizzazzjoni komuni tas-swieq fi prodotti agrikoli u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 922/72, (KEE) Nru 234/79, (KE) Nru 1037/2001 u (KE) Nru 1234/2007 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 671).

- (26) “prodotti tal-apikultura” tfisser prodotti tal-apikultura kif definit fil-punt 2 tal-Parti IX tal-Anness II tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013;
- (27) “laħam tar-rettili” tfisser laħam tar-rettili kif definit fil-punt (16) tal-Artikolu 2 tar-Regolament Delegat (UE) 2019/625;
- (28) “insetti” tfisser insetti kif definit fil-punt (17) tal-Artikolu 2 tar-Regolament Delegat (UE) 2019/625;
- (29) “bastiment reefer” tfisser bastiment reefer kif definit fil-punt (26) tal-Artikolu 2 tar-Regolament Delegat (UE) 2019/625;
- (30) “bastiment friża” tfisser bastiment friża kif definit fil-punt 3.3 tal-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 853/2004;
- (31) “bastiment fabbrika” tfisser bastiment fabbrika kif definit fil-punt 3.2 tal-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 853/2004;
- (32) “żona tal-produzzjoni” tfisser arja ta’ produzzjoni kif definit fil-punt 2.5 tal-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 853/2004;
- (33) “ċentru ta’ spedizzjoni” tfisser ċentru ta’ spedizzjoni kif definit fil-punt 2.7 tal-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 853/2004;
- (34) “laħam separat mekkanikament” tfisser laħam separat mekkanikament kif definit fil-punt 1.14 tal-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 853/2004;
- (35) “stabbiliment li jipproċessa l-kaċċa” tfisser stabbiliment li jipproċessa l-kaċċa kif definit fil-punt 1.18 tal-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 853/2004;
- (36) “impjant tat-tqattigħ” tfisser impjant tat-tqattigħ kif definit fil-punt 1.17 tal-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 853/2004;
- (37) “kaċċa mrobbija” tfisser kaċċa mrobbija kif definit fil-punt 1.6 tal-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 853/2004.

Artikolu 3

Rekwiżiti għall-mudelli taċ-ċertifikati uffiċjali mhux sottomessi fl-IMSOC

Il-mudelli taċ-ċertifikati uffiċjali għal dawk l-annimali, prodotti ta’ oriġini mill-annimali, prodotti komposti, prodotti ġerminali, prodotti sekondarji mill-annimali, nebbieta u żrieragħ maħsuba għall-produzzjoni tan-nebbieta li joriġinaw minn pajjiżi terzi jew mir-reġjuni tagħhom li huma meħtieġa mil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni għad-dħul fl-Unjoni u mhumiex sottomessi fl-IMSOC, għandhom jissodisfaw ir-rekwiżiti li ġejjin:

- (1) B’żieda mal-firma tal-uffiċjal li jiċċertifika, iċ-ċertifikat għandu jkollu timbru uffiċjali. Il-kulur tal-firma għandu jkun differenti minn dak tal-istampar. Dan ir-rekwiżit japplika wkoll għat-timbri għajr dawk imbuzzati jew b’marka tal-ilma.
- (2) Fejn il-mudell taċ-ċertifikat ikun fiħ dikjarazzjonijiet, id-dikjarazzjonijiet li ma jkunux rilevanti għandhom jiġu ingassati, inizjalati u timbrati mill-uffiċjal li jiċċertifika, jew jitneħħew kompletament miċ-ċertifikat.
- (3) Iċ-ċertifikat għandu jkun magħmul minn:
 - (a) folja tal-karta waħda; jew
 - (b) diversi folji tal-karta fejn il-folji kollha huma indiviżibbli u jikkostitwixxu parti sħiħa integrali; jew
 - (c) sekwenza ta’ paġni numerati sabiex jiġi indikat li hija paġna partikolari f’sekwenza finita.
- (4) Meta iċ-ċertifikat ikun magħmul minn sekwenza ta’ paġni, kull paġna għandha tindika l-kodiċi uniku kif imsemmi fl-Artikolu 89(1)(a) tar-Regolament (UE) 2017/625 u jkollha l-firma tal-uffiċjal li jiċċertifika u t-timbru uffiċjali.
- (5) Iċ-ċertifikat għandu jinħareġ qabel il-kunsinna li huwa relatat magħha tħalli l-kontroll tal-awtoritajiet kompetenti tal-pajjiż terz li qed joħroġ iċ-ċertifikat.

Artikolu 4

Rekwiżiti għall-mudelli taċ-ċertifikati uffiċjali sottomessi fl-IMSOC

1. Il-mudelli taċ-ċertifikati uffiċjali għad-dħul fl-Unjoni ta' annimali, prodotti ta' orġini mill-annimali, prodotti komposti, prodotti ġerminali u prodotti sekondarji mill-annimali li joriġinaw minn pajjiżi terzi jew mir-reġjuni tagħhom, sottomessi fl-IMSOC, għandhom ikunu bbażati fuq il-mudell taċ-ċertifikat uffiċjali kif stabbilit fl-Anness I.
2. Il-Parti II tal-mudelli taċ-ċertifikati uffiċjali msemmija fil-paragrafu 1 għandha tinkludi l-garanziji speċifiċi tas-saħħa u l-informazzjoni kif meħtieġa fil-Parti II tal-mudelli taċ-ċertifikati uffiċjali rilevanti għal dawk l-annimali, prodotti ta' orġini mill-annimali, prodotti komposti, prodotti ġerminali u prodotti sekondarji mill-annimali li joriġinaw minn pajjiżi terzi jew mir-reġjuni tagħhom li huma meħtieġa mil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni għad-dħul fl-Unjoni.
3. Iċ-ċertifikat uffiċjali għandu jiġi sottomess fl-IMSOC qabel il-kunsinna li huwa relatat magħha tħalli l-kontroll tal-awtoritajiet kompetenti tal-pajjiż terz li qed joħroġ iċ-ċertifikat.
4. Ir-rekwiżiti stabbiliti f'dan l-Artikolu ma għandhomx jaffettwaw in-natura, il-kontenut u l-format taċ-ċertifikati uffiċjali jew tal-attestazzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 73(2)(b) u (c) u fl-Artikolu 129(2)(a) tar-Regolament (UE) 2017/625.

Artikolu 5

Ċertifikati ta' sostituzzjoni

1. L-awtoritajiet kompetenti jistgħu joħroġu ċertifikat ta' sostituzzjoni biss fil-każ ta' żbalji amministrattivi fiċ-ċertifikat inizzjali jew fejn iċ-ċertifikat inizzjali jkun ġie mħassar jew mitluf.
2. Iċ-ċertifikat ta' sostituzzjoni ma għandux jimmodifika l-informazzjoni fiċ-ċertifikat inizzjali dwar l-identifikazzjoni, it-traċċabbiltà u l-garanziji tas-saħħa tal-kunsinni.
3. Barra minn hekk, iċ-ċertifikat ta' sostituzzjoni għandu:
 - (a) jagħmel referenza ċara għall-kodiċi uniku msemmi fl-Artikolu 89(1)(a) tar-Regolament (UE) 2017/625 u d-data tal-ħruġ taċ-ċertifikat inizzjali, u jiddikjara b'mod ċar li qed jissostitwixxi iċ-ċertifikat inizzjali;
 - (b) ikollu numru ta' ċertifikat ġdid li jkun differenti minn dak taċ-ċertifikat inizzjali;
 - (c) iġorr id-data ta' meta nħarġet, li ma tkunx l-istess bħad-data tal-ħruġ taċ-ċertifikat inizzjali; kif ukoll
 - (d) ikun ippreżentat fil-forma oriġinali tiegħu lill-awtoritajiet kompetenti, ħlief fil-każ ta' ċertifikati ta' sostituzzjoni elettroniċi sottomessi fl-IMSOC.

Artikolu 6

Noti dwar il-mili tal-mudelli taċ-ċertifikati uffiċjali

Il-mudelli taċ-ċertifikati uffiċjali msemmija fl-Artikoli 12, 13 u 15 sa 27 għandhom jimtlew abbażi tan-noti stabbiliti fl-Anness II.

Artikolu 7

Mudelli taċ-ċertifikati uffiċjali għad-dħul fl-Unjoni għat-tqegħid fis-suq ta' laħam frisk tal-ungulati

Biex jiġu ssodisfati r-rekwiżiti taċ-ċertifikazzjoni stabbiliti fl-Artikoli 88, 89 u fl-Artikolu 126(2)(c) tar-Regolament (UE) 2017/625, il-mudelli taċ-ċertifikati uffiċjali "BOV", "OVI", "POR", "EQU", "RUF", "RUW", "SUF", "SUW" u "EQW" stipulati fil-Parti 2 tal-Anness II tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 206/2010 ⁽¹³⁾ għandhom jintużaw għad-dħul fl-Unjoni għat-tqegħid fis-suq ta' laħam frisk tal-ungulati.

⁽¹³⁾ Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 206/2010 tat-12 ta' Marzu 2010 li jistabbilixxi listi ta' pajjiżi terzi, territorji jew partijiet minnhom awtorizzati għall-introduzzjoni fl-Unjoni Ewropea ta' annimali partikulari u laħam frisk u r-rekwiżiti relatati maċ-ċertifikazzjoni veterinarja (ĠU L 73, 20.3.2010, p. 1).

Artikolu 8

Mudelli taċ-ċertifikati uffiċjali għad-dħul fl-Unjoni għat-tqegħid fis-suq ta' laħam tal-pollam, tar-rati u tal-għasafar tal-kaċċa salvaġġi, bajd u prodotti tal-bajd

Sabiex jiġu ssodisfati r-rekwiżiti taċ-ċertifikazzjoni stabbiliti fl-Artikoli 88, 89 u fl-Artikolu 126(2)(c) tar-Regolament (UE) 2017/625, il-mudelli taċ-ċertifikati uffiċjali "POU", "POU-MI/MSM", "RAT", "RAT-MI/MSM", "WGM", "WGM-MI/MSM", "E" u "EP" stipulati fil-Parti 2 tal-Anness I tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 798/2008 ⁽¹⁴⁾ għandhom jintużaw għad-dħul fl-Unjoni għat-tqegħid fis-suq tal-laħam tat-tjur, tar-rati u tal-għasafar tal-kaċċa salvaġġi, bajd u prodotti tal-bajd.

Artikolu 9

Il-mudelli taċ-ċertifikati uffiċjali għad-dħul fl-Unjoni għat-tqegħid fis-suq ta' laħam ta' leporidae salvaġġi, ta' ċerti mammali tal-art salvaġġi u ta' fniek imrobbija

Sabiex jiġu ssodisfati r-rekwiżiti taċ-ċertifikazzjoni stabbiliti fl-Artikoli 88, 89 u fl-Artikolu 126(2)(c) tar-Regolament (UE) 2017/625, il-mudelli taċ-ċertifikati uffiċjali "WL", "WM" u "RM" stipulati fl-Anness II tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 119/2009 ⁽¹⁵⁾ għandhom jintużaw għad-dħul fl-Unjoni għat-tqegħid fis-suq tal-laħam ta' leporidae salvaġġi, ta' ċerti mammali tal-art salvaġġi u ta' fniek imrobbija fl-irziezet.

Artikolu 10

Mudelli taċ-ċertifikati uffiċjali għad-dħul fl-Unjoni għat-tqegħid fis-suq tal-preparati tal-laħam

Sabiex jiġu ssodisfati r-rekwiżiti taċ-ċertifikazzjoni stabbiliti fl-Artikoli 88, 89 u fl-Artikolu 126(2)(c) tar-Regolament (UE) 2017/625, il-mudelli taċ-ċertifikati uffiċjali stipulati fl-Anness II tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2000/572/KE ⁽¹⁶⁾ għandhom jintużaw għad-dħul fl-Unjoni għat-tqegħid fis-suq tal-preparati tal-laħam.

Artikolu 11

Mudelli taċ-ċertifikati uffiċjali għad-dħul fl-Unjoni għat-tqegħid fis-suq ta' ċerti prodotti tal-laħam u tal-istonku, il-bżieżaq tal-awrina u l-imsaren ittrattati

Sabiex jiġu ssodisfati r-rekwiżiti taċ-ċertifikazzjoni stabbiliti fl-Artikoli 88, 89 u fl-Artikolu 126(2)(c) tar-Regolament (UE) 2017/625, il-mudelli taċ-ċertifikati uffiċjali stipulati fl-Anness III tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2007/777/KE ⁽¹⁷⁾ għandhom jintużaw għad-dħul fl-Unjoni għat-tqegħid fis-suq ta' ċerti prodotti tal-laħam u tal-istonku, il-bżieżaq tal-awrina u l-imsaren ittrattati. Madankollu, fil-każ tad-dħul fl-Unjoni għat-tqegħid fis-suq tal-imsaren, iċ-ċertifikat tas-saħħa tal-annimal stabbilit fl-Anness I A tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2003/779/KE ⁽¹⁸⁾ għandu jintuża.

Artikolu 12

Mudelli taċ-ċertifikati uffiċjali għad-dħul fl-Unjoni għat-tqegħid fis-suq ta' molluski bivalvi, ekinodermi, tunikati u gasteropodi tal-baħar ħajjin

Sabiex jiġu ssodisfati r-rekwiżiti taċ-ċertifikazzjoni stabbiliti fl-Artikoli 88, 89 u fl-Artikolu 126(2)(c) tar-Regolament (UE) 2017/625, il-mudell taċ-ċertifikat uffiċjali stipulat fil-Kapitolu A tal-Parti I tal-Anness III ta' dan ir-Regolament għandu jintuża għad-dħul fl-Unjoni għat-tqegħid fis-suq ta' molluski bivalvi, ekinodermi, tunikati u gasteropodi tal-baħar

⁽¹⁴⁾ Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 798/2008 tat-8 ta' Awwissu 2008 li jistabbilixxi lista ta' pajjiżi terzi, territorji, żoni jew kumpartimenti li minnhom jistgħu jiġu impurtati u jsir tranżitu ta' tjur u prodotti tat-tjur fil-Komunità u r-rekwiżiti ta' ċertifikazzjoni veterinarja (ĠU L 226, 23.8.2008, p. 1).

⁽¹⁵⁾ Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 119/2009 tad-9 ta' Frar 2009 li jistabbilixxi lista ta' pajjiżi terzi jew ta' partijiet minnhom, għall-importazzjoni fil-Komunità, jew għat-tranżitu minnha, ta' laħam ta' leporidae salvaġġi, ta' ċerti mammali tal-art salvaġġi u ta' fniek imrobbija fl-irziezet u r-rekwiżiti taċ-ċertifikazzjoni veterinarja (ĠU L 39, 10.2.2009, p. 12).

⁽¹⁶⁾ Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2000/572/KE tat-8 ta' Settembru 2000 li tniżżel il-kondizzjonijiet tas-saħħa tal-annimali u tas-saħħa pubblika u ċ-ċertifikazzjoni veterinarja tal-importi tal-preparazzjonijiet tal-laħam lejn il-Komunità minn pajjiżi terzi (ĠU L 240, 23.9.2000, p. 19).

⁽¹⁷⁾ Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2007/777/KE tad- 29 ta' Novembru 2007 li tistipula l-kondizzjonijiet tas-saħħa tal-annimali u tas-saħħa pubblika kif ukoll il-mudelli taċ-ċertifikati għall-importazzjonijiet ta' ċerti prodotti tal-laħam u tal-istonku, il-bżieżaq tal-awrina u l-imsaren ittrattati għall-konsum mill-bniedem minn pajjiżi terzi u li tirrevoka d-Deċiżjoni 2005/432/KE (ĠU L 312, 30.11.2007, p. 49).

⁽¹⁸⁾ Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2003/779/KE tal-31 ta' Ottubru 2003 tniżżel il-kondizzjonijiet meħtieġa tas-saħħa tal-annimali u ċ-ċertifikat veterinarju għall-importazzjoni tal-imsaren tal-annimali mill-pajjiżi terzi (ĠU L 285, 1.11.2003, p. 38).

ħajjin. Fil-każ tad-dħul fl-Unjoni u t-tqegħid fis-suq ta' molluski bivalvi pproċessati tal-ispeċi *Acanthocardia Tuberculatum*, il-mudell taċ-ċertifikazzjoni uffiċjali stabbilit fil-Kapitolu B tal-Parti I tal-Anness III ta' dan ir-Regolament għandu jżied maċ-ċertifikat imsemmi fl-ewwel sentenza.

Artikolu 13

Mudelli taċ-ċertifikati uffiċjali għad-dħul fl-Unjoni għat-tqegħid fis-suq ta' prodotti tas-sajd

1. Sabiex jiġu ssodisfati r-rekwiżiti taċ-ċertifikazzjoni stabbiliti fl-Artikoli 88, 89 u fl-Artikolu 126(2)(c) tar-Regolament (UE) 2017/625, il-mudell taċ-ċertifikat uffiċjali stipulat fil-Kapitolu A tal-Parti II tal-Anness III ta' dan ir-Regolament għandu jintuża għad-dħul fl-Unjoni għat-tqegħid fis-suq ta' prodotti tas-sajd.
2. Fil-każ ta' prodotti tas-sajd maqbuda minn bastimenti li jtajru l-bandiera ta' Stat Membru u trasferiti f'pajjiżi terzi maħżuna jew mhux maħżuna, għandu jintuża l-mudell taċ-ċertifikat stabbilit fil-Kapitolu B tal-Parti II tal-Anness III ta' dan ir-Regolament.
3. Sabiex jiġu ssodisfati r-rekwiżiti taċ-ċertifikazzjoni stabbiliti fl-Artikoli 88, 89 u fl-Artikolu 126(2)(c) tar-Regolament (UE) 2017/625, għandu jintuża l-mudell taċ-ċertifikat uffiċjali stipulat fil-Kapitolu C tal-Parti II tal-Anness III ta' dan in-Regolament meta l-prodotti tas-sajd jiġu importati direttament minn bastiment reefer, bastiment friża jew bastiment fabrika kif previst fl-Artikolu 11(3) tar-Regolament Delegat (UE) 2019/625.

Artikolu 14

Mudelli taċ-ċertifikati uffiċjali għad-dħul fl-Unjoni għat-tqegħid fis-suq ta' ħalib mhux ipproċessat, prodotti tal-ħalib u prodotti li fihom il-kolostru

Sabiex jiġu ssodisfati r-rekwiżiti taċ-ċertifikazzjoni stabbiliti fl-Artikoli 88, 89 u fl-Artikolu 126(2)(c) tar-Regolament (UE) 2017/625, il-mudelli taċ-ċertifikati uffiċjali "Milk-RM", "Milk-RMP", "Milk-HTB", "Milk-HTC" u "Colostrum-C/CPB" stipulati fil-Parti 2 tal-Anness II tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 605/2010 ⁽¹⁹⁾ għandhom jintużaw għad-dħul fl-Unjoni għat-tqegħid fis-suq ta' ħalib mhux ipproċessat, prodotti tal-ħalib u prodotti li fihom il-kolostru.

Artikolu 15

Mudell taċ-ċertifikat uffiċjali għad-dħul fl-Unjoni għat-tqegħid fis-suq ta' koxox taż-żrinġijiet imkessħin, iffriżati jew ippreparati maħsuba għall-konsum mill-bniedem

Sabiex jiġu ssodisfati r-rekwiżiti taċ-ċertifikazzjoni stabbiliti fl-Artikoli 88, 89 u fl-Artikolu 126(2)(c) tar-Regolament (UE) 2017/625, il-mudell taċ-ċertifikat uffiċjali stipulat fil-Parti III tal-Anness III ta' dan ir-Regolament għandu jintuża għad-dħul fl-Unjoni għat-tqegħid fis-suq ta' koxox taż-żrinġijiet imkessħin, iffriżati jew ippreparati maħsuba għall-konsum mill-bniedem.

Artikolu 16

Mudell taċ-ċertifikat uffiċjali għad-dħul fl-Unjoni għat-tqegħid fis-suq ta' bebbux imkessaħ, iffriżat, imqaxxar, imsajjar, ippreparat jew ippreservat maħsub għall-konsum mill-bniedem

Sabiex jiġu ssodisfati r-rekwiżiti taċ-ċertifikazzjoni stabbiliti fl-Artikoli 88, 89 u fl-Artikolu 126(2)(c) tar-Regolament (UE) 2017/625, il-mudell taċ-ċertifikat uffiċjali stipulat fil-Parti IV tal-Anness III ta' dan ir-Regolament għandu jintuża għad-dħul fl-Unjoni għat-tqegħid fis-suq ta' bebbux imkessaħ, iffriżat, imqaxxar, imsajjar, ippreparat jew ippreservat maħsub għall-konsum mill-bniedem.

⁽¹⁹⁾ Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 605/2010 tat-2 ta' Lulju 2010 li jistipula l-kundizzjonijiet tas-saħħa tal-annimali u tas-saħħa pubblika kif ukoll iċ-ċertifikazzjoni veterinarja għall-introduzzjoni fl-Unjoni Ewropea ta' ħalib mhux ipproċessat, prodotti tal-ħalib, kolostru u prodotti li fihom il-kolostru maħsuba għall-konsum mill-bniedem (ĠU L 175, 10.7.2010, p. 1).

*Artikolu 17***Mudell taċ-ċertifikat uffiċjali għad-dħul fl-Unjoni għat-tqegħid fis-suq ta' xaħmijiet tal-annimali mdewba u qrieqeċ maħsuba għall-konsum mill-bniedem**

Sabiex jiġu ssodisfati r-rekwiżiti taċ-ċertifikazzjoni stabbiliti fl-Artikoli 88, 89 u fl-Artikolu 126(2)(c) tar-Regolament (UE) 2017/625, il-mudell taċ-ċertifikat uffiċjali stipulat fil-Parti V tal-Anness III ta' dan ir-Regolament għandu jintuża għad-dħul fl-Unjoni għat-tqegħid fis-suq ta' xaħmijiet tal-annimali mdewba u qrieqeċ maħsuba għall-konsum mill-bniedem.

*Artikolu 18***Mudell taċ-ċertifikat uffiċjali għad-dħul fl-Unjoni għat-tqegħid fis-suq ta' ġelatina maħsuba għall-konsum mill-bniedem**

Sabiex jiġu ssodisfati r-rekwiżiti taċ-ċertifikazzjoni stabbiliti fl-Artikoli 88, 89 u fl-Artikolu 126(2)(c) tar-Regolament (UE) 2017/625, il-mudell taċ-ċertifikat uffiċjali stipulat fil-Parti VI tal-Anness III ta' dan ir-Regolament għandu jintuża għad-dħul fl-Unjoni għat-tqegħid fis-suq ta' ġelatina maħsuba għall-konsum mill-bniedem.

*Artikolu 19***Mudell taċ-ċertifikat uffiċjali għad-dħul fl-Unjoni għat-tqegħid fis-suq ta' kollaġen maħsub għall-konsum mill-bniedem**

Sabiex jiġu ssodisfati r-rekwiżiti taċ-ċertifikazzjoni stabbiliti fl-Artikoli 88, 89 u fl-Artikolu 126(2)(c) tar-Regolament (UE) 2017/625, il-mudell taċ-ċertifikat uffiċjali stipulat fil-Parti VII tal-Anness III ta' dan ir-Regolament għandu jintuża għad-dħul fl-Unjoni għat-tqegħid fis-suq ta' kollaġen maħsub għall-konsum mill-bniedem.

*Artikolu 20***Mudell taċ-ċertifikat uffiċjali għad-dħul fl-Unjoni għat-tqegħid fis-suq ta' materja prima għall-produzzjoni tal-ġelatina u tal-kollaġen maħsuba għall-konsum mill-bniedem**

Sabiex jiġu ssodisfati r-rekwiżiti taċ-ċertifikazzjoni stabbiliti fl-Artikoli 88, 89 u fl-Artikolu 126(2)(c) tar-Regolament (UE) 2017/625, il-mudell taċ-ċertifikat uffiċjali stipulat fil-Parti VIII tal-Anness III ta' dan ir-Regolament għandu jintuża għad-dħul fl-Unjoni għat-tqegħid fis-suq ta' materja prima għall-produzzjoni tal-ġelatina u tal-kollaġen maħsuba għall-konsum mill-bniedem.

*Artikolu 21***Mudell taċ-ċertifikat uffiċjali għad-dħul fl-Unjoni għat-tqegħid fis-suq ta' materja prima trattata għall-produzzjoni tal-ġelatina u tal-kollaġen maħsuba għall-konsum mill-bniedem**

Sabiex jiġu ssodisfati r-rekwiżiti taċ-ċertifikazzjoni stabbiliti fl-Artikoli 88, 89 u fl-Artikolu 126(2)(c) tar-Regolament (UE) 2017/625, il-mudell taċ-ċertifikat uffiċjali stipulat fil-Parti IX tal-Anness III ta' dan ir-Regolament għandu jintuża għad-dħul fl-Unjoni għat-tqegħid fis-suq ta' materja prima trattata għall-produzzjoni tal-ġelatina u tal-kollaġen maħsuba għall-konsum mill-bniedem.

*Artikolu 22***Mudell taċ-ċertifikat uffiċjali għad-dħul fl-Unjoni għat-tqegħid fis-suq tal-għasel u ta' prodotti oħra tal-apikultura maħsuba għall-konsum mill-bniedem**

Sabiex jiġu ssodisfati r-rekwiżiti taċ-ċertifikazzjoni stabbiliti fl-Artikoli 88, 89 u fl-Artikolu 126(2)(c) tar-Regolament (UE) 2017/625, il-mudell taċ-ċertifikat uffiċjali stipulat fil-Parti X tal-Anness III ta' dan ir-Regolament għandu jintuża għad-dħul fl-Unjoni għat-tqegħid fis-suq tal-għasel u ta' prodotti oħra tal-apikultura maħsuba għall-konsum mill-bniedem.

*Artikolu 23***Mudell taċ-ċertifikat uffiċjali għad-dħul fl-Unjoni għat-tqegħid fis-suq ta' sulfat tal-kondrojtina, aċidu jaluroniku, prodotti oħrajn tal-qarquċa idrolizzata, kitosan, glukosammina, tames, isinglass u aċidi amminiċi maħsuba għall-konsum mill-bniedem**

Sabiex jiġu ssodisfati r-rekwiżiti taċ-ċertifikazzjoni stabbiliti fl-Artikoli 88, 89 u fl-Artikolu 126(2)(c) tar-Regolament (UE) 2017/625, il-mudell taċ-ċertifikat uffiċjali stipulat fil-Parti XI tal-Anness III ta' dan ir-Regolament għandu jintuża għad-dħul fl-Unjoni għat-tqegħid fis-suq ta' sulfat tal-kondrojtina, aċidu jaluroniku, prodotti oħrajn tal-qarquċa idrolizzata, kitosan, glukosammina, tames, isinglass u aċidi amminiċi maħsuba għall-konsum mill-bniedem.

*Artikolu 24***Mudell taċ-ċertifikat uffiċjali għad-dħul fl-Unjoni għat-tqegħid fis-suq ta' laħam tar-rettili maħsub għall-konsum mill-bniedem**

Sabiex jiġu ssodisfati r-rekwiżiti taċ-ċertifikazzjoni stabbiliti fl-Artikoli 88, 89 u fl-Artikolu 126(2)(c) tar-Regolament (UE) 2017/625, il-mudell taċ-ċertifikat uffiċjali stipulat fil-Parti XII tal-Anness III ta' dan ir-Regolament għandu jintuża għad-dħul fl-Unjoni għat-tqegħid fis-suq ta' laħam tar-rettili maħsub għall-konsum mill-bniedem.

*Artikolu 25***Mudell taċ-ċertifikat uffiċjali għad-dħul fl-Unjoni għat-tqegħid fis-suq ta' insetti maħsuba għall-konsum mill-bniedem**

Sabiex jiġu ssodisfati r-rekwiżiti taċ-ċertifikazzjoni stabbiliti fl-Artikoli 88, 89 u fl-Artikolu 126(2)(c) tar-Regolament (UE) 2017/625, il-mudell taċ-ċertifikat uffiċjali stipulat fil-Parti XIII tal-Anness III ta' dan ir-Regolament għandu jintuża għad-dħul fl-Unjoni għat-tqegħid fis-suq ta' insetti maħsuba għall-konsum mill-bniedem.

*Artikolu 26***Mudell taċ-ċertifikat uffiċjali għad-dħul fl-Unjoni għat-tqegħid fis-suq ta' prodotti oħra ta' oriġini mill-annimali maħsuba għall-konsum mill-bniedem u li mhumiex koperti mill-Artikoli 7 sa 25**

Sabiex jiġu ssodisfati r-rekwiżiti taċ-ċertifikazzjoni stabbiliti fl-Artikoli 88, 89 u fl-Artikolu 126(2)(c) tar-Regolament (UE) 2017/625, il-mudell taċ-ċertifikat uffiċjali stipulat fil-Parti XIV tal-Anness III ta' dan ir-Regolament għandu jintuża għad-dħul fl-Unjoni għat-tqegħid fis-suq ta' prodotti oħra ta' oriġini mill-annimali maħsuba għall-konsum mill-bniedem u li mhumiex koperti mill-Artikoli 7 sa 25 ta' dan ir-Regolament.

*Artikolu 27***Mudell taċ-ċertifikat uffiċjali għad-dħul fl-Unjoni għat-tqegħid fis-suq tan-nebbieta u taż-żrieragħ maħsuba għall-produzzjoni tan-nebbieta**

Sabiex jiġu ssodisfati r-rekwiżiti taċ-ċertifikazzjoni stabbiliti fl-Artikoli 88, 89 u fl-Artikolu 126(2)(c) tar-Regolament (UE) 2017/625, il-mudell taċ-ċertifikat uffiċjali stipulat fil-Parti XV tal-Anness III ta' dan ir-Regolament għandu jintuża għad-dħul fl-Unjoni għat-tqegħid fis-suq tan-nebbieta u taż-żrieragħ maħsuba għall-produzzjoni tan-nebbieta.

*Artikolu 28***Mudelli taċ-ċertifikati uffiċjali fil-każ ta' spezzjoni ante-mortem fl-azjenda ta' provenjenza**

Sabiex jiġu sodisfatti r-rekwiżiti taċ-ċertifikazzjoni stabbiliti fl-Artikoli 88, 89 u l-Artikolu 126(2)(c) tar-Regolament (UE) 2017/625, il-mudelli taċ-ċertifikati uffiċjali stipulati fl-Anness IV ta' dan ir-Regolament għandhom jintużaw fil-każ ta' spezzjoni ante-mortem fl-azjenda ta' provenjenza skont l-Artikoli 5 u 6 tar-Regolament Delegat (UE) 2019/624.

*Artikolu 29***Mudell taċ-ċertifikat uffiċjali fil-każ ta' tbiċċir b'emerġenza mhux ġol-biċċerija**

Sabiex jiġu ssodisfati r-rekwiżiti taċ-ċertifikazzjoni stabbiliti fl-Artikoli 88, 89 u fl-Artikolu 126(2)(c) tar-Regolament (UE) 2017/625, il-mudell taċ-ċertifikat uffiċjali stipulat fl-Anness V ta' dan ir-Regolament għandu jintuża fil-każ ta' tbiċċir b'emerġenza mhux ġol-biċċerija skont l-Artikolu 4 tar-Regolament Delegat (UE) 2019/624.

*Artikolu 30***Emendi għar-Regolament (KE) Nru 2074/2005**

Ir-Regolament (KE) Nru 2074/2005 huwa emendat kif ġej:

- (1) L-Artikolu 6 jitħassar;
- (2) L-Anness VI jitħassar.

*Artikolu 31***Emendi għar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2016/759**

Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2016/759 huwa emendat kif ġej:

- (1) L-Artikolu 2 jitħassar;
- (2) L-Anness II jitħassar.

*Artikolu 32***Tħassir**

Ir-Regolament (UE) Nru 211/2013 jitħassar. Ir-referenzi għar-Regolament (UE) Nru 211/2013 għandhom jitqiesu bħala referenzi għal dan ir-Regolament u għandhom jinqraw skont it-tabella ta' korrelazzjoni mogħtija fl-Anness VI għal dan ir-Regolament.

*Artikolu 33***Dispożizzjonijiet tranżizzjonali**

Il-kunsinni ta' prodotti ta' oriġini mill-annimali akkumpanjati miċ-ċertifikati rilevanti maħruġa f'konformità mar-Regolament (KE) Nru 2074/2005, mar-Regolament (UE) Nru 211/2013 u mar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2016/759 jistgħu jiġu aċċettati għad-dħul fl-Unjoni sat-13 ta' Marzu 2020 sakemm iċ-ċertifikat ikun ġie ffirmat qabel l-14 ta' Diċembru 2019.

Sat-13 ta' Marzu 2020, il-kunsinni ta' xaħmijiet tal-annimali mdewba u qrieqeċ jistgħu jidħlu fl-Unjoni meta jintuża ċ-ċertifikat għall-prodotti tal-laħam stabbilit fl-Anness III tad-Deċiżjoni 2007/777/KE u l-kunsinni ta' laħam tar-rettili, insetti u prodotti oħra ta' oriġini mill-annimali msemmija fl-Artikolu 26 jistgħu jidħlu fl-Unjoni mingħajr ċertifikat stabbilit fl-Anness III ta' dan ir-Regolament.

*Artikolu 34***Dħul fis-seħħ u applikazzjoni**

Dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu fl-*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandu japplika mill-14 ta' Diċembru 2019.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-8 ta' April 2019.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Jean-Claude JUNCKER

ANNEX I

MUDELLI TA' ĊERTIFIKATI UFFIĊJALI GĦAD-DĦUL FL-UNJONI TA' ANIMALI, PRODOTTI TA' ORIĠINI MILL-ANIMALI, PRODOTTI KOMPOSTI, PRODOTTI ĠERMINALI U PRODOTTI SEKONDARJI TAL-ANIMALI

PAJJIŻ				Ċertifikat uffiċjali lill-UE			
Parti I: Dettalji tal-kunsinna mibgħuta	I.1. Konsenjatur/Esportatur			I.2. Nru ta' referenza taċ-ċertifikat		I.2.a Nru ta' referenza IMSOC	
	Isem						
	Indirizz			I.3. Awtorità Kompetenti Ċentrali			
	Nru tat-tel.			I.4. Awtorità Kompetenti Lokali			
	I.5. Konsenjatarju/Importatur			I.6. Operatur responsabbli għall-kunsinna			
	Isem			Isem			
	Indirizz			Indirizz			
	Kodiċi postali			Kodiċi postali			
	Nru tat-tel.						
	I.7. Pajjiż ta' oriġini	ISO	I.8. Reġjun tal-oriġini	Kodiċi	I.9. Pajjiż tad-destinazzjoni	ISO	I.10. Reġjun tad-destinazzjoni
I.11 Post tal-ispedizzjoni		Nru. tal-approvazzjoni		I.12. Post tad-destinazzjoni			
Isem				Isem			
Indirizz				Indirizz			
I.13. Post tat-tagħbija				I.14. Data u ħin tat-tluq			
I.15. Mezz tat-trasport					I.16. Post ta' kontroll fuq il-fruntiera tad-dħul		
Ajruplan	<input type="checkbox"/>	Bastiment	<input type="checkbox"/>	Oħrajn	<input type="checkbox"/>	I.17. Dokumenti ta' akkumpanjament	
Vettura tat-triq	<input type="checkbox"/>	Ferrovija	<input type="checkbox"/>				
Identifikazzjoni:							
I.18. Kondizzjonijiet tat-trasport					Tip		
Ambjent	<input type="checkbox"/>	Imkessaħ	<input type="checkbox"/>	Iffriżat	<input type="checkbox"/>	Nru	
I.19. Nru tal-Kontejner/Nru tas-Siġill							

PAJJIŻ

Ċertifikat uffiċjali lill-UE

I.20. Oġġetti ċertifikati bħala					
Industrija tal-ikel ippreżervat fil-laned <input type="checkbox"/>	Tismin <input type="checkbox"/>	Użu tekniku <input type="checkbox"/>	Kampjuni tal-kummerċ <input type="checkbox"/>		
Għalf tal-annimali <input type="checkbox"/>	Kwarantina <input type="checkbox"/>	Użu farmaċewtiku <input type="checkbox"/>	Ċirku/wirja <input type="checkbox"/>		
Konsum mill-bniedem <input type="checkbox"/>	Proċess ulterjuri <input type="checkbox"/>	Korp approvat <input type="checkbox"/>	Annimali domestiċi <input type="checkbox"/>		
Tnissil/produzzjoni <input type="checkbox"/>	Tbiċċir <input type="checkbox"/>	Żamma tal-molluski <input type="checkbox"/>	Oħrajn <input type="checkbox"/>		
Ripopolazzjoni tal-kaċċa <input type="checkbox"/>	Riproduzzjoni artifiċjali <input type="checkbox"/>	Ekwidi rreġistrati <input type="checkbox"/>			
I.21. Għat-tranżitu <input type="checkbox"/>		I.22. Għas-suq intern <input type="checkbox"/>			
ISO pajjiż terz		Importazzjoni definittiva <input type="checkbox"/>			
		Dħul mill-ġdid <input type="checkbox"/>			
		Dħul temporanju <input type="checkbox"/>			
I.23. Għadd totali ta' pakketti	I.24. Kwantità Għadd totali	Piż nett totali (Kg)	Piż gross totali (Kg)		
I.25. Deskrizzjoni tal-oġġetti					
Nru		Kodiċi u titolu NM			
Speċi (isem xjentifiku) Età	Razza/Kategorija Sess	Sistema ta' identifikazzjoni Kwantità	Nru ta' identifikazzjoni Test		
Speċi (isem xjentifiku) Żona	Natura tal-komodità Impjant tal-manifattura		Tip ta' trattament Maħżen kiesaħ		
Bieċċerija Konsumatur finali	Numru ta' pakketti	Piż nett	Nru tal-lott	Tip ta' imballaġġ	
<input type="checkbox"/>					
Timbru			Firma		

PAJJIŻ

Mudell taċ-ċertifikat (**)

Parti II: Ċertifikazzjoni	II. Tagħrif dwar is-saħħa (*)	II.a. Nru ta' referenza taċ-ċertifikat	II.b. Nru ta' referenza IMSOC
Uffiċjal li jiċċertifika			
Isem (b'ittri kbar)		Kwalifika u titolu	
Data		Firma	
Timbru			

(*) Indika r-rekwiżit sanitarju speċifiku

(**) Irid jiġi sostitwit bit-titolu speċifiku għal kull mudell ta' ċertifikat

ANNEX II

NOTI DWAR IL-MILI TAL-MUDELLI TAĊ-ĊERTIFIKATI UFFIĊJALI GĦAD-DĦUL FL-UNJONI TA' ANIMALI, PRODOTTI TA' ORIĠINI MILL-ANIMALI, PRODOTTI KOMPOSTI, PRODOTTI ĠERMINALI, U PRODOTTI SEKONDARJI TAL-ANIMALI**Tagħrif ġenerali**

Biex tagħżel pożittivament kwalunkwe għażla, jekk jogħġbok immarka l-kaxxa relevanti b'salib (X).

Kull meta jissemma, il-kodiċi "ISO" jfisser il-kodiċi standard internazzjonali b'żewġ ittri għal pajjiż, skont l-istandard internazzjonali ISO 3166 alpha-2 ⁽¹⁾.

Tista' tintgħażel biss waħda mill-għażliet fil-kaxxi I.15, I.18, I.20 u I.22.

Jekk il-konsenjatarju, il-post ta' kontroll fuq il-fruntiera tad-dħul (il-BCP) jew id-dettalji tat-trasport (jiġifieri, il-mezzi u d-data) jinbidlu wara li jkun inħareġ iċ-ċertifikat, l-operatur responsabbli għall-kunsinna jrid javża lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tad-dħul. Bidla bħal din ma għandhiex tirriżulta f'talba għal ċertifikat ta' sostituzzjoni.

Parti I: Dettalji tal-kunsinna mibgħuta

Pajjiż: L-isem tal-pajjiż terz li qed joħroġ iċ-ċertifikat.

Kaxxa I.1. Konsenjatur/Esportatur: l-isem u l-indirizz (it-triq, il-belt u r-reġjun, il-provinċja jew l-istat, kif xieraq) tal-persuna fiżika jew ġuridika li tibgħat il-kunsinna li trid tkun tinsab fil-pajjiż terz, ħlief għad-dħul mill-ġdid ta' kunsinni li joriġinaw mill-Unjoni Ewropea.

Kaxxa I.2. Nru ta' referenza taċ-ċertifikat: il-kodiċi obligatorju uniku assenjat mill-awtorità kompetenti tal-pajjiż terz skont il-klassifikazzjoni tiegħu stess. Huwa obligatorju li din il-kaxxa timtela għaċ-ċertifikati kollha mhux sottomessi fl-IMSOC.

Kaxxa I.2.a Nru ta' referenza IMSOC: il-kodiċi ta' referenza uniku assenjat b'mod awtomatiku mill-IMSOC, f'każ li ċ-ċertifikat huwa rreġstrat fl-IMSOC. Din il-kaxxa ma tridx timtela jekk iċ-ċertifikat ma ġiex sottomess fl-IMSOC.

Kaxxa I.3. Awtorità kompetenti ċentrali: isem l-awtorità ċentrali fil-pajjiż terz li qed joħroġ iċ-ċertifikat.

Kaxxa I.4. Awtorità kompetenti lokali: meta applikabbli, isem l-awtorità lokali fil-pajjiż terz li qed joħroġ iċ-ċertifikat.

Kaxxa I.5. Konsenjatarju/Importatur: l-isem u l-indirizz tal-persuna fiżika jew ġuridika li għaliha hija maħsuba l-kunsinna fl-Istat Membru jew fil-pajjiż terz tad-destinazzjoni fil-każ ta' tranżitu. Madankollu, din l-informazzjoni mhix obligatorja għall-kunsinni fi tranżitu mill-Unjoni Ewropea.

Kaxxa I.6. Operatur responsabbli għall-kunsinna:

L-isem u l-indirizz tal-persuna fl-Unjoni Ewropea responsabbli mill-kunsinna meta tiġi ppreżentata fil-BCP u li tagħmel id-dikjarazzjonijiet meħtieġa lill-awtoritajiet kompetenti jew bħala l-importatur jew fisem l-importatur.

Għall-prodotti fi tranżitu mill-Unjoni Ewropea: l-isem u l-indirizz huma obligatorji.

Għal ċerti animali: l-isem u l-indirizz huma obligatorji jekk ikunu meħtieġa mil-leġiżlazzjoni rilevanti tal-Unjoni Ewropea.

Għal animali u prodotti għat-tqegħid fis-suq: l-isem u l-indirizz huma fakultattivi.

Kaxxa I.7. Pajjiż ta' oriġini:

Għal prodotti: l-isem u l-kodiċi ISO tal-pajjiż fejn l-oġġetti ġew prodotti, manifatturati u mballati (ittikkettati bil-marka ta' identifikazzjoni).

⁽¹⁾ Lista ta' ismijiet tal-pajjiżi u elementi tal-kodiċi f'dan is-sit web: http://www.iso.org/iso/country_codes/iso-3166-1_decoding_table.htm

Għall-annimali: il-pajjiż ta' residenza matul il-perjodu meħtieġ kif stipulat fiċ-ċertifikat tas-saħħa rilevanti tal-Unjoni Ewropea. F'każ ta' żwiemel irreġistrati li jerġgħu jidħlu fl-Unjoni Ewropea, il-pajjiż tal-orijini jfisser il-pajjiż li minnu kienu kkunsinnati l-aħħar.

Fil-każ ta' kummerċ li jinvolvi aktar minn pajjiż terz wieħed (kummerċ trijangolari), irid jimtela ċertifikat separat għal kull pajjiż ta' orijini.

Kaxxa I.8. Reġjun tal-orijini: meta applikabbli, għal annimali jew prodotti affettwati mill-miżuri ta' reġjonalizzazzjoni skont il-leġiżlazzjoni tal-Unjoni Ewropea. Il-kodiċi tar-reġjuni, iż-żoni jew il-kompartimenti approvati jrid jiġi ddiġarjat kif definit fil-leġiżlazzjoni rilevanti tal-Unjoni Ewropea.

Kaxxa I.9. Pajjiż tad-destinazzjoni: l-isem u l-kodiċi ISO tal-pajjiż tad-destinazzjoni tal-Unjoni Ewropea tal-annimali jew tal-prodotti.

Jekk il-prodotti jkunu fi tranżitu, l-isem u l-kodiċi ISO tal-pajjiż terz tad-destinazzjoni huma meħtieġa.

Kaxxa I.10. Reġjun tad-destinazzjoni: ara kaxxa I.8.

Kaxxa I.11. Post tad-dispaċċ: l-isem, l-indirizz u n-numru tal-approvazzjoni, jekk meħtieġa mil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni Ewropea, tal-azjendi jew l-istabbilimenti li minnhom jiġu l-annimali jew il-prodotti.

Għall-annimali: azjenda jew kwalunkwe stabbiliment agrikolu, industrijali jew kummerċjali ieħor immonitorjat uffiċjalment, inklużi ż-żoos, il-parks tad-divertiment, ir-riservi tal-organiżmi selvaġġi u tal-kaċċa, fejn l-annimali jinżammu jew jitrabbew regolarment.

Għal prodotti ġerminali: ċentri ta' ġbir jew ta' ħażna ta' semen, jew ġbir ta' embrijuni jew gruppi ta' produzzjoni.

Għal prodotti oħra: kwalunkwe unità ta' kumpanija fis-settur tal-ikel jew tal-prodott sekondarju tal-annimali. Irid jissema biss l-istabbiliment li jibgħat il-prodotti bil-baħar. Fil-każ ta' kummerċ li jinvolvi aktar minn pajjiż terz wieħed (kummerċ trijangolari), il-post tal-ispedizzjoni huwa l-aħħar stabbiliment fil-pajjiż terz tal-katina ta' esportazzjoni li minnha l-kunsinna finali hija ttrasportata lejn l-Unjoni Ewropea.

Kaxxa I.12. Post tad-destinazzjoni:

Ħlief fil-każ ta' ħażna ta' prodotti fi tranżitu, din l-informazzjoni hija fakultattiva.

Għat-tqegħid fis-suq: il-post fejn jintbagħtu l-annimali jew il-prodotti sabiex jinhatu definittivament. Agħti l-isem, l-indirizz u n-numru tal-approvazzjoni tal-azjendi jew tal-istabbilimenti tal-post tad-destinazzjoni, jekk applikabbli.

Għall-ħażna tal-prodotti fi tranżitu: l-isem, l-indirizz u n-numru tal-approvazzjoni tal-maħżen f'żona ħielsa, il-maħżen doganali jew il-fornitur tal-bastiment.

Kaxxa I.13. Post tat-tagħbija:

Għall-annimali: isem il-belt jew il-post fejn jitgħabbew l-annimali u jekk jiġu miġbura minn qabel, id-dettalji taċ-ċentru uffiċjali tal-ġbir.

Għal prodotti: isem il-belt u l-kategorija (pereżempju, stabbiliment, azjenda, port jew ajruport) tal-post finali fejn il-prodotti jridu jitgħabbew fil-mezz ta' trasport għall-vjaġġ lejn l-Unjoni Ewropea. Fil-każ ta' kontejner, iddikjara fejn irid jitqiegħed abbord il-mezz finali tat-trasport lejn l-Unjoni Ewropea. Fil-każ ta' trasport b'bastiment, indika l-post fejn it-trakk tela' abbord.

Kaxxa I.14. Data u ħin tat-tluq:

Għall-annimali: id-data u l-ħin li fihom l-annimali huma skedati li jtilqu fil-mezzi tat-trasport tagħhom (ajruplan, bastiment, ferrovija jew vettura tat-triq).

Għal prodotti: id-data meta jtilqu l-mezzi tat-trasport (ajruplan, bastiment, ferrovija jew vettura tat-triq).

Kaxxa I.15. Mezz ta' trasport: il-mezz ta' trasport li jitlaq mill-pajjiż tal-ispedizzjoni.

Modi ta' trasport: ajruplan, bastiment, ferrovija, vettura tat-triq jew mezz ieħor. "Oħrajn" tfisser mezz ta' trasport mhux koperti bir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1/2005⁽²⁾.

(²) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1/2005 tat-22 ta' Diċembru 2004 dwar il-protezzjoni tal-annimali waqt it-trasport u operazzjonijiet relatati u li temenda d-Direttivi 64/432/KEE u 93/119/KE u r-Regolament (KE) Nru 1255/97, (ĠU L 3, 5.1.2005, p. 1).

Identifikazzjoni tal-mezz tat-trasport: għall-ajruplani n-numru tat-titjira, għall-bastimenti isem il-vapur(i), għall-ferroviji n-numru tal-ferrovija u n-numru tal-vagun, għat-trasport bit-triq il-panċa ta' reġistrazzjoni u l-panċa tat-trejler, jekk dan ikun applikabbli.

Fil-każ ta' trasport b'bastiment, iddikjara l-identifikazzjoni tal-vettura tat-triq, il-panċa tan-numru tar-reġistrazzjoni bil-panċa tan-numru tat-trejler meta applikabbli, u l-isem tal-bastiment skedat.

Kaxxa I.16. BCP tad-dħul: iddikjara isem il-BCP l-kodiċi ta' identifikazzjoni tiegħu assenjat mill-IMSOC.

Kaxxa I.17. Dokumenti ta' akkumpanjament:

It-tip ta' dokument u n-numru ta' referenza tiegħu jridu jiġu ddikjarati meta kunsinna tkun akkumpanjata mid-dokumenti l-oħra bħall-permess tas-CITES, il-permess għall-ispeċijiet aljeni invażivi (IAS) jew dokument kummerċjali (pereżempju, in-numru tal-polza tat-trasport bl-ajru, in-numru tal-polza tat-tagħbija jew in-numru kummerċjali tal-ferrovija jew tal-vettura tat-triq)

Kaxxa I.18. Kondizzjonijiet ta' trasport: kategorija tat-temperatura meħtieġa matul it-trasport ta' prodotti (ambjentali, imkessħa, iffriżata). Tista' tintgħażel kategorija waħda biss.

Kaxxa I.19. Nru tal-Kontejner/Nru tas-Siġill: meta applikabbli, in-numri korrispondenti.

In-numru tal-kontejner irid ikun ipprovdut jekk l-oġġetti jkunu ttrasportati f'kontejners magħluqa.

In-numru uffiċjali tas-siġill biss irid jiġi ddikjarat. Siġill uffiċjali japplika jekk siġill jitwāħhal fuq il-kontejner, it-trakk jew il-vagun tal-ferrovija taħt is-supervizzjoni tal-awtorità kompetenti li toħroġ iċ-ċertifikat.

Kaxxa I.20. Oġġetti ċertifikati bħala: iddikjara l-iskop għat-tqegħid fis-suq tal-annimali jew l-użu maħsub għall-prodotti kif speċifikat fiċ-ċertifikat tas-saħħa tal-Unjoni Ewropea rilevanti.

Għalf tal-annimali: jikkonċerna biss prodotti sekondarji tal-annimali maħsuba għall-għalf tal-annimali kif imsemmi fir-Regolament (KE) Nru 1069/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽³⁾.

Korp approvat: moviment tal-annimali lejn korp, istitut jew ċentru approvat skont id-Direttiva tal-Kunsill 92/65/KEE ⁽⁴⁾.

Riproduzzjoni artifiċjali: tikkonċerna biss prodotti ġerminali.

Tnissil/produzzjoni: għat-tnassil u l-produzzjoni ta' annimali, inkluż annimali tal-akkwakultura maħsuba għall-biedja.

Industrija tal-ikel ippreżervat fil-laned: tikkonċerna, pereżempju, it-tonn maħsub għall-industrija tal-ikel ippreżervat fil-laned.

Ċirku/eżibizzjoni: għal annimali taċ-ċirku u tal-wirjiet irreġistrati u annimali akkwatiċi għall-akkwarji jew negozji simili mhux maħsuba għall-bejgħ ulterjuri.

Tismin: jikkonċerna annimali ovini u kaprini biss.

Proċess ulterjuri: jikkonċerna biss prodotti li jridu jiġu pproċessati ulterjorment qabel ma jitqiegħdu fis-suq.

Ripopolazzjoni tal-kaċċa: tikkonċerna biss kaċċa għall-iskop li jiġu rikostitwiti l-istokkijiet.

Konsum mill-bniedem: jikkonċerna biss prodotti maħsuba għall-konsum mill-bniedem li għalihom huwa meħtieġ ċertifikat tas-saħħa jew veterinarju skont il-leġiżlazzjoni tal-Unjoni Ewropea.

Oħrajn: maħsuba għal skopijiet mhux elenkati band'oħra f'din il-klassifikazzjoni, inkluż annimali akkwatiċi maħsuba għal meded ta' ilma ta' sajd "tqiegħed u tieħu".

⁽³⁾ Ir-Regolament (KE) Nru 1069/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Ottubru 2009 li jistabbilixxi regoli tas-saħħa li jirrigwardaw prodotti sekondarji tal-annimali jew idderivati minnhom mhux maħsuba għall-konsum mill-bniedem u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1774/2002 (Regolament dwar prodotti sekondarji tal-annimali) (ĠU L 300, 14.11.2009, p. 1).

⁽⁴⁾ Id-Direttiva tal-Kunsill 92/65/KEE tat-13 ta' Lulju 1992 li tistabbilixxi l-ħtiġijiet dwar saħħa tal-annimali li jirregolaw il-kummerċ ta', u l-importazzjoni fil-Komunità ta' annimali, semen, ova u embrijuni mhux suġġetti għal ħtiġijiet ta' saħħa tal-annimali meħtieġa f'regoli speċifiċi tal-Komunità li hemm referenza għalihom fl-Anness A(I) tad-Direttiva 90/425/KEE (ĠU L 268, 14.9.1992, p. 54).

Annimali domestiċi: movimenti kummerċjali fl-Unjoni ta' klieb, qtates, nemes u għasafar. Għal annimali akkwatiċi ornamental maħsuba għal ħwienet tal-annimali domestiċi jew negozji simili għal bejgħ ulterjuri.

Użu farmaċewtiku: prodotti sekondarji tal-annimali li mhumiex tajbin għall-konsum mill-bniedem jew mill-annimali, kif imsemmi fir-Regolament (KE) Nru 1069/2009.

Kwarantina: tirreferi għar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 139/2013 ⁽⁵⁾ għal għasafar minbarra tjur tal-irziezet, għad-Direttiva 92/65/KEE għal karnivori, primati u friefet il-lejl, u għad-Direttiva tal-Kunsill 2006/88/KE ⁽⁶⁾ għall-annimali tal-akkwakultura.

Ekwiid rreġistrati: skont id-Direttiva tal-Kunsill 2009/156/KE ⁽⁷⁾.

Żamma tal-molluski: jikkonċerna biss annimali tal-akkwakultura.

Tbiċċir: għal annimali maħsuba direttament jew permezz ta'ċentru tal-għbir għal biċċerija.

Użu tekniku: prodotti sekondarji tal-annimali li mhumiex tajbin għall-konsum mill-bniedem jew mill-annimali, kif imsemmi fir-Regolament (KE) Nru 1069/2009.

Kampjuni tal-kummerċ: kif definit f'punt 39 tal-Anness I għar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 142/2011 ⁽⁸⁾.

Kaxxa I.21. Fil-każ ta' tranżitu: biss għat-tranżitu ta' annimali jew prodotti mill-Unjoni Ewropea minn pajjiż terz wieħed għal pajjiż terz ieħor jew minn parti minn pajjiż terz għal parti oħra tal-istess pajjiż terz. Indika l-isem u l-kodiċi ISO tal-pajjiż terz tad-destinazzjoni.

Kaxxa I.22. Għas-suq intern: għall-kunsinni kollha maħsuba għas-suq tal-Unjoni Ewropea.

Importazzjoni definitiva: din l-għażla trid tintuża biss għal kunsinni maħsuba biex jitqiegħdu taħt il-proċedura doganali ta' "rilaxx għal ċirkolazzjoni libera" fl-Unjoni Ewropea.

Għal ċerti annimali (pereżempju, ekwiid rreġistrati) trid tintgħażel waħda biss mill-għażliet li ġejjin:

Dħul mill-ġdid: din l-għażla trid tintuża biss għal annimali awtorizzati għal dħul mill-ġdid, bħal żwiemel irreġistrati għal tlielaq, kompetizzjonijiet u avvenimenti kulturali li jergħu jidħlu fl-Unjoni Ewropea wara l-esportazzjoni temporanja tagħhom.

Dħul temporanju: din l-għażla trid tintuża biss għad-dħul ta' annimali awtorizzati għal dħul temporanju fl-Unjoni Ewropea, bħal żwiemel irreġistrati għal perjodu ta' inqas minn 90 jum.

Kaxxa I.23. Numru totali ta' pakketti: in-numru ta' kaxxi, gaġeġ jew tilari, li fihom l-annimali qed jiġu trasportati, in-numru ta' kontenituri krijoġeniċi għall-prodotti ġerminali jew in-numru ta' pakketti għall-prodotti. Fil-każ ta' kunsinni bl-ingrossa, din il-kaxxa hija fakultattiva.

Kaxxa I.24. Kwantità:

Għall-annimali: l-għadd totali ta' annimali jew tiben espressi bħala unitajiet.

Għal prodotti ġerminali: l-għadd totali ta' tiben espress bħala unitajiet.

Għal prodotti u annimali akkwatiċi, minbarra ħut ornamental: it-total tal-piż gross u nett f'kilogrammi.

Piż nett totali: dan huwa definit bħala l-massa tal-oġġetti biss mingħajr ebda kontenitur jew imballaġġ.

Piż gross totali: piż totali f'kilogrammi. Dan huwa ddefinit bħala l-massa aggregata tal-prodotti u tal-kontenituri immedjati u l-imballaġġ kollu tagħhom, imma mingħajr il-kontenituri għat-trasport u tagħmir ieħor tat-trasport.

⁽⁵⁾ Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 139/2013 tas-7 ta' Jannar 2013 li tistipula l-kondizzjonijiet tas-saħħa tal-annimali għall-importazzjoni ta' ċerti għasafar fl-Unjoni u l-kondizzjonijiet ta' kwarantina tagħhom (ĠU L 47, 20.2.2013, p. 1).

⁽⁶⁾ Id-Direttiva tal-Kunsill 2006/88/KE tal-24 ta' Ottubru 2006 dwar il-ħtiġiet tas-saħħa tal-annimali għall-annimali tal-akkwakultura u l-prodotti tagħhom, u dwar il-prevenzjoni u l-kontroll ta' ċertu mard f'annimali akkwatiċi (ĠU L 328, 24.11.2006, p. 14).

⁽⁷⁾ Id-Direttiva tal-Kunsill 2009/156/KE tat-30 ta' Novembru 2009 dwar kundizzjonijiet tas-saħħa tal-annimali li jirregolaw il-moviment u l-importazzjoni minn pajjiżi terzi ta' ekwiid (ĠU L 192, 23.7.2010, p. 1).

⁽⁸⁾ Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 142/2011 tal-25 ta' Frar 2011 li jimplementa r-Regolament (KE) Nru 1069/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi regoli tas-saħħa li jirrigwardaw prodotti sekondarji tal-annimali jew derivati minnhom mhux maħsuba għall-konsum mill-bniedem u li jimplementa d-Direttiva tal-Kunsill 97/78/KE li tistabbilixxi l-prinċipji li jirregolaw l-organizzazzjoni tal-verifika veterinarja fuq prodotti li jidħlu fil-Komunità minn pajjiżi terzi skont dik id-Direttiva (ĠU L 54, 26.2.2011, p. 1).

Kaxxa I.25. Deskrizzjoni tal-oġġetti: Iddikjara l-kodiċi tas-Sistema Armonizzata rilevanti (kodiċi SA) u t-titlu definit mill-Organizzazzjoni Dinjija Doganali kif imsemmi fir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87⁽⁹⁾. Din id-deskrizzjoni doganali għandha tiġi ssupplimentata, jekk meħtieġ, b'informazzjoni addizzjonali meħtieġa biex l-annimali jew il-prodotti jiġu kklassifikati f'termini veterinarji. Barra minn hekk, iddikjara kwalunkwe rekwiżit speċifiku relatat mal-annimali jew man-natura/l-ipproċessar tal-prodotti kif definit fil-mudell taċ-ċertifikat tas-saħħa jew veterinarju tal-Unjoni Ewropea rilevanti.

Żona: għal annimali jew prodotti affettwati mit-twaqqif ta' żoni jew kompartimenti approvati skont il-leġislazzjoni tal-Unjoni Ewropea. Iż-żoni jew iż-żoni ta' produzzjoni (pereżempju, fil-każ ta' molluski bivalvi) iridu jiġu indikati kif ippubblikati fil-listi ta' stabbilimenti approvati tal-Unjoni Ewropea.

Għall-annimali: l-ispeċi, ir-razza jew il-kategorija, il-metodu ta' identifikazzjoni, in-numru ta' identifikazzjoni, l-età, is-sess, il-kwantità jew il-piż nett, u t-test.

Għal prodotti ġerminali: id-data tal-ġbir jew tal-produzzjoni, in-numru tal-approvazzjoni taċ-ċentru jew tat-tim, l-identifikazzjoni tat-tiben, u l-kwantità. Barra minn hekk, fir-rigward ta' annimali donaturi, l-ispeċi, ir-razza jew il-kategorija, u l-identifikazzjoni.

Għal prodotti: l-ispeċi, it-tipi ta' prodotti, it-tip ta' trattament, in-numru ta' approvazzjoni tal-istabbilimenti flimkien mal-kodiċi ISO tal-pajjiż (tal-biċċerija, tal-impjant tal-ipproċessar, tal-maħżen kiesaħ), in-numru ta' pakketti, it-tip ta' imballaġġ, in-numru tal-lott, il-piż nett, u l-konsumatur finali (jiġifieri l-prodotti huma ppakkjati għall-konsumatur finali).

Speċi: l-isem xjentifiku jew kif definit skont il-leġislazzjoni tal-Unjoni Ewropea.

Tip ta' imballaġġ: identifika t-tip ta' imballaġġ skont id-definizzjoni mogħtija fir-Rakkomandazzjoni Nru 21⁽¹⁰⁾ taċ-Ċentru tan-Nazzjonijiet Uniti għall-Iffaċilitar tal-Kummerċ u għan-Negozju Elettroniku (UN/CEFACT).

Parti II: Ċertifikazzjoni

Din il-parti trid timtela minn veterinarju uffiċjali jew spettur uffiċjali.

Kaxxa II. Informazzjoni dwar is-saħħa: jekk jogħġbok imla din il-parti skont ir-rekwiżiti speċifiċi tas-saħħa tal-Unjoni Ewropea relatati mal-ispeċi tal-annimali jew man-natura tal-prodotti u kif definit fil-ftehimiet ta' ekwivalenza ma' ċerti pajjiżi terzi jew f'leġislazzjoni oħra tal-Unjoni Ewropea, bħal dik għaċ-ċertifikazzjoni.

Fejn ma hemmx attestazzjonijiet tal-annimali jew tas-saħħa pubblika għall-kunsinna, allura din it-taqsimha kollha għandha titħassar jew tiġi invalidata jew ma tkun preżenti xejn skont in-noti f'qiegħ il-paġna għall-Parti II taċ-ċertifikati speċifiċi tas-saħħa tal-Unjoni Ewropea.

Kaxxa II.a. Nru ta' referenza taċ-ċertifikat: l-istess kodiċi ta' referenza bħal fil-kaxxa I.2.

Kaxxa II.b. Nru ta' referenza IMSOC: l-istess kodiċi ta' referenza bħal fil-kaxxa I.2.a.

Uffiċjal li jiċċertifika: Veterinarju uffiċjali jew spettur uffiċjali kif definit mil-leġislazzjoni rilevanti tal-Unjoni Ewropea: l-isem b'ittri kbar, il-kwalifika u t-titlu, fejn applikabbli, in-numru ta' identifikazzjoni u t-timbru oriġinali tal-awtorità kompetenti u d-data tal-firma.

⁽⁹⁾ Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 tat-23 ta' Lulju 1987 dwar in-nomenklatura tat-tariffa u l-istatistika u dwar it-Tariffa Doganali Komuni ta' Dwana (ĠU L 256, 7.9.1987, p. 1).

⁽¹⁰⁾ L-aħħar verżjoni: Reviżjoni 9 Annessi V u VI kif ippubblikati fuq: <http://www.unece.org/tradewelcome/un-centre-for-trade-facilitation-and-e-business-uncfact/outputs/cefactrecommendationsrec-index/list-of-trade-facilitation-recommendations-n-21-to-24.html>.

ANNEX III

**MUDELL TAĊ-ĊERTIFIKATI UFFIĊJALI GĦAD-DĦUL FL-UNJONI GĦAT-TQEGĦID FIS-SUQ TA' ANIMALI
U OĠĠĠETTI MAĦSUBA GĦALL-KONSUM MILL-BNIEDEM**

PARTI I

**KAPITOLU A: MUDELL TAĊ-ĊERTIFIKAT UFFIĊJALI GĦAD-DĦUL FL-UNJONI GĦAT-TQEGĦID FIS-SUQ
TA' MOLLUSKI BIVALVI, EKINODERMI, TUNIKATI U GASTEROPODI TAL-BAĦAR ĦAJJIN**

PAJJIŻ				Ċertifikat uffiċjali lill-UE				
Parti I: Dettalji tal-kunsinna mibgħuta	I.1. Konsenjatur/Esportatur Isem			I.2. Nru ta' referenza taċ- ċertifikat		I.2.a Nru ta' referenza IMSOC		
	Indirizz			I.3. Awtorità Kompetenti Ċentrali				
	Nru tat-tel.			I.4. Awtorità Kompetenti Lokali				
	I.5. Konsenjatarju/Importatur Isem			I.6. Operatur responsabbli għall-kunsinna Isem				
	Indirizz			Indirizz				
	Kodiċi postali			Kodiċi postali				
	Nru tat-tel.							
	I.7. Pajjiż ta' oriġini	ISO	I.8. Reġjun tal-oriġini	Kodiċi	I.9. Pajjiż tad- destinazzjoni	ISO	I.10. Reġjun tad- destinazzjoni	Kodiċi
	I.11 Post tal-ispedizzjoni		Nru. tal-approvazzjoni		I.12. Post tad-destinazzjoni			
	Isem				Isem			
Indirizz				Indirizz				
I.13. Post tat-tagħbija				I.14. Data u ħin tat-tluq				
I.15. Mezz tat-trasport				I.16. Post ta' kontroll fuq il-fruntiera tad-dħul				
Ajruplan	<input type="checkbox"/>	Bastiment	<input type="checkbox"/>	I.17. Dokumenti ta' akkumpanjament				
Vettura tat-triq	<input type="checkbox"/>	Ferrovija	<input type="checkbox"/>					
Identifikazzjoni:								
I.18. Kondizzjonijiet tat- trasport				Tip Nru				
Ambjent	<input type="checkbox"/>	Imkessaħ	<input type="checkbox"/>					Iffriżat
I.19. Nru tal-Kontejner/Nru tas-Siġill								

PAJJIŻ

Ċertifikat uffiċjali liil-UE

I.20. Oġġetti ċertifikati bħala Konsum mill-bniedem <input type="checkbox"/>				
I.21.		I.22.		
I.23 Għadd totali ta' pakketti	I.24. Kwantità Għadd totali	Piż nett totali (Kg)	Piż gross totali (Kg)	
I.25. Deskrizzjoni tal-oġġetti Nru Kodiċi u titolu NM				
Speċi (isem xjentifiku) Konsumatur finali Numru ta' pakketti <input type="checkbox"/>		Natura tal-komodità Impjant tat-tqattigħ/impjant tal-manifattura Piż nett Nru tal-lott		Tip ta' trattament Mażen kiesaħ Tip ta' imballaġġ

PAJJIŻ

Molluski bivalvi, ekinodermi, tunikati u gasteropodi tal-baħar ħajjin

II.	Informazzjoni dwar is-saħħa	II.a. Numru ta' referenza taċ-ċertifikat	II.b.
II.1	(¹) Attestazzjoni tas-saħħa pubblika għall-molluski bivalvi ħajjin, l-ekinodermi, it-tunikati u l-gasteropodi tal-ibħra		
	<p>Jiena, hawn taħt iffirmat, niddikjara li jien konxju tad-dispożizzjonijiet rilevanti tar-Regolament (KE) Nru 178/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' Jannar 2002 li jstabbilixxi l-prinċipji ġenerali u l-ħtiġijiet tal-liġi dwar l-ikel, li jstabbilixxi l-Awtorit� Ewropea dwar is-Sigurt� fl-Ikel u jstabbilixxi l-proċeduri fi kwistjonijiet ta' sigurt� tal-ikel (ĠU L 31, 1.2.2002, p. 1), ir-Regolament (KE) Nru 852/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 dwar l-iġjene tal-oġġetti tal-ikel (ĠU L 139, 30.4.2004, p. 1) u r-Regolament (KE) Nru 853/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 li jstabbilixxi ċerti regoli speċifiċi ta' iġjene għall-ikel li joriġina mill-annimali (ĠU L 139, 30.4.2004, p. 55) u r-Regolament (UE) 2017/625 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Marzu 2017 dwar il-kontrolli uffiċjali u attivitajiet uffiċjali oħra mwettqa biex jiżguraw l-applikazzjoni tal-liġi tal-ikel u tal-għalf, ta' regoli dwar is-saħħa u t-trattament xieraq tal-annimali, dwar is-saħħa tal-pjanti u dwar prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 999/2001, (KE) Nru 396/2005, (KE) Nru 1069/2009, (KE) Nru 1107/2009, (UE) Nru 1151/2012, (UE) Nru 652/2014, (UE) 2016/429 u (UE) 2016/2031 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1/2005 u (KE) Nru 1099/2009 u d-Direttivi tal-Kunsill 98/58/KE, 1999/74/KE, 2007/43/KE, 2008/119/KE u 2008/120/KE, u li jħassar ir-Regolamenti (KE) Nru 854/2004 u (KE) Nru 882/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, id-Direttivi tal-Kunsill 89/608/KEE, 89/662/KEE, 90/425/KEE, 91/496/KEE, 96/23/KE, 96/93/KE u 97/78/KE u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 92/438/KEE (Regolament dwar il-Kontrolli Uffiċjali) (ĠU L 95, 7.4.2017, p. 1) u niċċertifika li (⁴) l-[molluski bivalvi ħajjin], (⁴) l-[ekinodermi ħajjin], (⁴) it-[tunikati ħajjin], (⁴) il-[gasteropodi tal-baħar ħajjin] deskritti hawn fuq ġew prodotti skont dawk ir-rekwiżiti, b'mod partikolari li:</p>		
	<ul style="list-style-type: none"> — ġejjin minn stabbiliment(i) li jimplementa(w) programm imsejjes fuq il-prinċipji tal-HACCP skont l-Artikolu 5 tar-Regolament (KE) Nru 852/2004; 		
	<ul style="list-style-type: none"> — inħasdu, fejn meħtieġ inżammu u ġew trasportati skont is-Sezzjoni VII, il-Kapitoli I u II tal-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 853/2004; 		
	<ul style="list-style-type: none"> — ġew ittrattati, fejn meħtieġ purifikati u ppakkjati f'konformit� mas-Sezzjoni VII, il-Kapitoli III u IV tal-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 853/2004; 		
	<ul style="list-style-type: none"> — jissodisfaw l-istandards sanitarji stabbiliti fis-Sezzjoni VII, il-Kapitolu V tal-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 853/2004 u l-kriterji stabbiliti fir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2073/2005 tal-15 ta' Novembru 2005 dwar kriterji mikrobijoloġiċi għall-oġġetti tal-ikel [traduzzjoni mhux uffiċjali] (ĠU L 338, 22.12.2005, p. 1); 		
	<ul style="list-style-type: none"> — ġew ippakkjati, maħżuna u trasportati skont is-Sezzjoni VII, il-Kapitoli VI u VIII tal-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 853/2004; 		
	<ul style="list-style-type: none"> — ġew immarkati u ttikkettati skont it-Taqsima I tal-Anness II u s-Sezzjoni VII, il-Kapitolu VII tal-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 853/2004; 		
	<ul style="list-style-type: none"> — fil-każ ta' <i>Pectinidae</i>, gasteropodi marini u <i>Holothuroidea</i> li mhumiex organiżmi filtraturi barra miż-żoni ta' produzzjoni klassifikati, jikkonformaw mar-rekwiżiti speċifiċi stabbiliti fis-Sezzjoni VII, il-Kapitolu IX tal-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 853/2004; 		
	<ul style="list-style-type: none"> — għaddew b'mod sodisfaċenti mill-kontrolli uffiċjali stabbiliti fl-Artikoli 42 sa 58 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/627 tal-15 ta' Marzu 2019 li jstabbilixxi arranġamenti prattiċi uniformi għat-tweġġ ta' kontrolli uffiċjali fuq prodotti li joriġinaw mill-annimali maħsuba għall-konsum mill-bniedem f'konformit� mar-Regolament (UE) 2017/625 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jemenda r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2074/2005 fir-rigward tal-kontrolli uffiċjali (ĠU L 131, 17.5.2019, p. 51) u fl-Artikolu 7 tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/624 tat-8 ta' Frar 2019 rigward ir-regoli speċifiċi għat-tweġġ ta' kontrolli uffiċjali fuq il-produttjoni tal-laħam u fuq iż-żoni ta' produzzjoni u fejn jinżammu l-molluski bivalvi ħajjin skont ir-Regolament (UE) 2017/625 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 131, 17.5.2019, p. 1); u 		
	<ul style="list-style-type: none"> — jissodisfaw il-garanziji li jkopru l-annimali ħajjin u l-prodotti tagħhom, jekk l-oriġini tagħhom hija mill-akkwakultura, ipprovduti mill-pjanijiet ta' residwu li ġew sottomessi skont id-Direttiva tal-Kunsill 96/23/KE tad-29 ta' April 1996 dwar miżuri għall-monitoraġġ ta' ċerti sustanzi u residwi tagħhom f'annimali ħajjin u prodotti tal-annimali u li tħassar id-Direttivi 85/358/KEE u 86/469/KEE u d-Deċiżjonijiet 89/187/KEE u 91/664/KEE (ĠU L 125, 23.5.1996, p. 10), u b'mod partikolari l-Artikolu 29 tagħha. 		
II.2	(²) (⁴) Attestazzjoni tas-saħħa tal-annimali għall-molluski bivalvi ħajjin li joriġinaw mill-akkwakultura		
II.2.1	(³) (⁴) [Rekwiżiti għall-ispeċi suxxettibbli għall-<i>Bonamia exitiosa</i>, il-<i>Perkinsus marinus</i> u l-<i>Mikrocytos mackini</i>		
	<p>Jiena, l-ispettur uffiċjali hawn taħt iffirmat, b'dan niċċertifika li l-molluski bivalvi ħajjin imsemmija fil-Parti I ta' dan iċ-ċertifikat:</p>		

PAJJIŻ

Molluski bivalvi, ekinodermi, tunikati u gasteropodi tal-baħar ħajjin

II.	Informazzjoni dwar is-saħħa	II.a. Numru ta' referenza taċ- ċertifikat	II.b.
	<p>(⁵) joriġinaw minn pajjiż/territorju, żona jew kompartiment iddikjarat ħieles minn (⁴) [Bonamia exitiosa] (⁴) [Perkinsus marinus] (⁴) [Mikrocytos mackini] skont il-Kapitolu VII tad-Direttiva tal-Kunsill 2006/88/KE tal-24 ta' Ottubru 2006 dwar il-ħtiġiet tas-saħħa tal-annimali għall-annimali tal-akkwakultura u l-prodotti tagħhom, u dwar il-prevenzjoni u l-kontroll ta' ċertu mard f'annimali akkwatiċi (ĠU L 328, 24.11.2006, p. 14) jew l-Istandard OIE rilevanti mill-awtorità kompetenti ta' pajjiżi,</p> <p>— fejn il-mard rilevanti jingħarraf lill-awtorità kompetenti, u r-rapporti dwar suspetti ta' infezzjoni tal-marda rilevanti jridu jiġu investigati minnufih mis-servizzi uffiċjali, u</p> <p>— l-ispeċijiet kollha introdotti suxxettibbli għall-mard rilevanti ġejjin minn żona ddikjarata ħielsa mill-marda.]</p>		
II.2.2	<p>(³) (⁴) [Rekwiżiti għal speċi suxxettibbli għall-Marteilia refringens u l-Bonamia ostreae maħsuba għal Stat Membri, żona jew kompartiment iddikjarati ħielsa mill-mard jew suġġetti għal sorveljenza jew programm ta' qerda għall-marda rilevanti]</p> <p>Jien, l-ispettur uffiċjali hawn taħt iffirmat, b'dan niċċertifika li l-molluski bivalvi ħajjin imsemmija hawn fuq:</p> <p>(⁶) joriġinaw minn pajjiż/territorju, żona jew kompartiment iddikjarati ħielsa mill-(⁴) [Marteilia refringens] (⁴) [Bonamia ostreae] skont il-Kapitolu VII tad-Direttiva 2006/88/KE jew l-Istandard OIE rilevanti mill-awtorità kompetenti ta' pajjiżi,</p> <p>(i) fejn il-mard rilevanti jingħarraf lill-awtorità kompetenti, u r-rapporti dwar suspetti ta' infezzjoni tal-marda rilevanti jridu jiġu investigati minnufih mis-servizzi uffiċjali, u</p> <p>(ii) l-ispeċijiet kollha introdotti suxxettibbli għall-mard rilevanti ġejjin minn żona ddikjarata ħielsa mill-marda.]</p>		
II.2.3	<p>Rekwiżiti għat-trasport u għall-ittikkettar</p> <p>Jiena, l-ispettur uffiċjali hawn taħt iffirmat, b'dan niċċertifika li:</p>		
II.2.3.1	il-molluski bivalvi ħajjin imsemmija hawn fuq huma mqiegħda taħt kondizzjonijiet, inkluż bil-kwalità tal-ilma, li ma jbiddux l-istat ta' saħħithom,		
II.2.3.2	qabel it-tagħbija, il-kontejner għat-trasport jew id-dgħajsa barrada jkun nodfa u ddiżinfettati jew ma jkunux intużaw qabel; u		
II.2.3.3	il-kunsinna hija identifikata b'tikketta li tinqara faċilment fuq barra tal-mikrokontejner, jew meta tinġarr minn dgħajsa barrada, fil-manifest tal-bastiment, bl-informazzjoni rilevanti msemmija fil-kaxxi I.7 sa I.11 tal-Parti I ta' dan iċ-ċertifikat, u din id-dikjarazzjoni li ġejja: <p>"Molluski bivalvi ħajjin maħsubin għall-konsum mill-bniedem fl-Unjoni".</p>		
Noti	<p>Ara n-noti fl-Anness II tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/628 tat-8 ta' April 2019 li jikkonċerna mudelli taċ-ċertifikati uffiċjali għal ċerti annimali u oġġetti u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 2074/2005 u r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2016/759 fir-rigward ta' dawn il-mudelli taċ-ċertifikati (ĠU 131, 17.5.2019, p. 101)</p>		
Parti I:	<p>— Il-kaxxa bin-numru ta' referenza I.8: Reġjun tal-orijini: indika ż-żona ta' produzzjoni.</p>		
Parti II:	<p>(¹) Il-Parti II.1 <u>ma tapplikax</u> għall-pajjiżi b'rekwiżiti ta' ċertifikazzjoni tas-saħħa pubblika speċjali stipulati fi Ftehimiet ta' Ekwivalenza jew leġislazzjoni oħra tal-Unjoni.</p> <p>(²) Il-Parti II.2 ma tapplikax għal:</p> <p>(a) molluski mhux vijabbli, li tfisser molluski li mhumiex kapaċi jgħixu bħala annimali ħajjin jekk jittieħdu lura fl-ambjent minn fejn inġabu,</p> <p>(b) molluski bivalvi ħajjin li tqiegħdu fis-suq għall-konsum mill-bniedem mingħajr aktar ipproċessar, dment li jkun ppakkjati f'imballaġġi tal-bejgħ bl-imnut li jikkonformaw mad-dispożizzjonijiet għal tali imballaġġi fir-Regolament (KE) Nru 853/2004,</p>		

PAJJIŻ

Molluski bivalvi, ekinodermi, tunikati u gasteropodi tal-baħar ħajjin

II. Informazzjoni dwar is-saħħa	II.a. Numru ta' referenza taċ-ċertifikat	II.b.
<p>(c) molluski bivalvi ħajjin maħsuba għall-istabbiliment tal-ipproċessar awtorizzati skont l-Artikolu 4(2) tad-Direttiva 2006/88/KE, jew għal ċentri ta' spedizzjoni, ċentri ta' purifikazzjoni jew negozji simili mgħammra b'sistema ta' trattament tal-effluwent li tista' tagħmel lill-patoġeni kkonċernati inattivi, jew fejn l-effluwent huwa soġġett għal tipi oħra ta' trattament li jnaqqsu r-riskju tat-tixrid tal-mard fl-ilmijiet naturali għal livell aċċettabbli,</p> <p>(d) molluski bivalvi ħajjin maħsuba għal aktar ipproċessar qabel ma jiġu kkonsmati mill-bniedem mingħajr ħżin temporanju fuq il-post tal-ipproċessar u pakkjati u ttikkettati għal dak il-għan skont ir-Regolament (KE) Nru 853/2004.</p> <p>(³) Il-Partijiet II.2.1 u II.2.2 japplikaw <u>biss</u> għall-ispeċijiet suxxettibbli għal waħda jew aktar mill-mard imsemmija fit-titlu. L-ispeċijiet suxxettibbli huma elenkati fl-Anness IV tad-Direttiva 2006/88/KE.</p> <p>(⁴) Żomm kif jixraq.</p> <p>(⁵) Għall-kunsinni tal-ispeċijiet suxxettibbli għall-<i>Bonamia exitiosa</i>, il-<i>Perkinsus marinus</i> u l-<i>Mikrocytos mackini</i>, din id-dikjarazzjoni trid tinżamm għall-kunsinna li trid tiġi awtorizzata fi kwalunkwe parti tal-Unjoni.</p> <p>(⁶) Sabiex jiġu awtorizzati fi Stat Membru, żona jew kompartiment (il-kaxxi I.9 u I.10 tal-Parti I taċ-ċertifikat) iddikjarati ħielsa mill-<i>Marteilia refringens</i> jew mill-<i>Bonamia ostreae</i> jew programm ta' sorveljanza u għall-qerda tal-mard stabbilit skont l-Artikolu 44(1) jew (2) tad-Direttiva 2006/88/KE, waħda minn dawn id-dikjarazzjonijiet trid tinżamm jekk il-kunsinna fiha speċijiet suxxettibbli għall-marda jew għall-mard li għalih tintalab l-immunità jew jiġu applikati l-programmi. Id-<i>data</i> dwar l-istatus tal-mard ta' kull stabbiliment u żona tat-trobbija tal-molluski fl-Unjoni huma aċċessibbli fuq http://ec.europa.eu/food/animal/liveanimals/aquaculture/index_en.htm.</p> <p>— Il-kulur tat-timbru u l-firma jridu jkunu differenti mill-kulur tad-dettalji l-oħra fiċ-ċertifikat.</p>		
<p>Spettur uffiċjali</p> <p>Isem (b'ittri kapitali):</p> <p>Data:</p> <p>Timbru:</p> <p>Kwalifika u titlu:</p> <p>Firma:</p>		

**KAPITOLU B: MUDELL ADDIZZJONALI TA' ĊERTIFIKAZZJONI UFFIĊJALI GĦAL MOLLUSKI BIVALVI
PPROĊESSATI LI JAPPARTJENU GĦALL-ISPEĊI ACANTHOCARDIA TUBERCULATUM**

L-ispettur uffiċjali b'dan jiċċertifika li l-molluski bivalvi pproċessati tal-ispeċi *Acanthocardia tuberculatum*, iċċertifikati fiċ-ċertifikat tas-saħħa bin-Nru ta' referenza:

1. ġew maħsuda f'żoni ta' produzzjoni li huma identifikati, immonitorjati u awtorizzati b'mod ċar mill-awtorità kompetenti skont l-Artikolu 12 tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/625 tal-4 ta' Marzu 2019 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2017/625 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward ta' rekwiżiti għad-dħul fl-Unjoni ta' kunsinni ta' ċerti annimali u oġġetti maħsuba għall-konsum mill-bniedem (ĠU L 131, 17.5.2019, p. 18). u fejn il-livell ta' tossina paralizzanti tal-muskoli (PSP) fil-partijiet li jittieklu ta' dawn il-molluski huwa inqas minn 300 µg għal 100 g;

2. ġew trasportati f'kontejners jew vetturi ssiġillati mill-awtorità kompetenti, direttament lejn l-istabbiliment:

.....

.....

(l-isem u n-numru tal-approvazzjoni uffiċjali tal-istabbiliment, awtorizzat b'mod speċjali mill-awtorità kompetenti biex iwettaq it-trattament tagħhom);

3. kienu akkumpanjati matul it-trasport lejn dan l-istabbiliment minn dokument maħruġ mill-awtorità kompetenti li jawtorizza t-trasport, jiċċertifika n-natura u l-kwantità tal-prodott, iż-żona tal-orijini u l-istabbiliment tad-destinazzjoni;

4. kienu soġġetti għat-trattament tas-sħana, imsemmija fl-Anness tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 96/77/KE tat-18 ta' Jannar 1996 li tistabbilixxi l-kondizzjonijiet għall-ħsad u l-ipproċessar ta' ċerti molluski bi-valvoli li ġejjin minn żoni fejn il-livell paralitiku tal-velenu tal-frott tal-baħar jaqbeż il-limitu preskritt fid-Direttiva tal-Kunsill 91/492/KEE (ĠU L 15, 20.1.1996, p. 46); u

5. ma fihomx livell ta' PSP rilevabbli permezz tal-metodu ta' bjoassaġġ, kif muri fir-rapport jew fir-rapporti analitiċi mehmuża tat-test imwettaq fuq kull lott inkluż fil-kunsinna koperta minn din iċ-ċertifikazzjoni.

L-ispettur uffiċjali b'dan jiċċertifika li l-awtorità kompetenti vverifikat li l-kontrolli "tas-saħħa proprja" ("own health") implimentati fl-istabbiliment imsemmi fil-punt 2 huma applikati b'mod speċifiku għat-trattament tas-sħana msemmi fil-punt 4.

L-ispettur uffiċjali hawn taħt iffirmat b'dan jiddikjara li hu/hi jaf/taf bid-dispożizzjonijiet tad-Deċiżjoni 96/77/KE u li r-rapport jew ir-rapporti analitiċi mehmuża jikkorrispondu mat-test imwettaq fuq il-prodotti wara l-ipproċessar.

Spettur uffiċjali

Isem (b'ittri kbar):

Kwalifika u titlu:

Data:

Firma:

Timbru:

PARTI II

KAPITOLU A: MUDELL TA' ĊERTIFIKAT UFFIĊJALI GĦAD-DĦUL FL-UNJONI GĦAT-TQEGĦID FIS-SUQ
TAL-PRODOTTI TAS-SAJD

PAJJIŻ				Ċertifikat uffiċjali lill-UE		
Parti I: Dettalji tal-kunsinna mibgħuta	I.1. Konsenjatur/Esportatur			I.2. Nru ta' referenza taċ- ċertifikat	I.2.a Nru ta' referenza IMSOC	
	Isem					
	Indirizz			I.3. Awtorità Kompetenti Ċentrali		
	Nru tat-tel.			I.4. Awtorità Kompetenti Lokali		
	I.5. Konsenjatarju/Importatur			I.6. Operatur responsabbli għall-kunsinna		
	Isem			Isem		
	Indirizz			Indirizz		
	Kodiċi postali			Kodiċi postali		
	Nru tat-tel.					
	I.7. Pajjiż ta' oriġini	ISO	I.8. Reġjun tal-oriġini	Kodiċi	I.9. Pajjiż tad- destinazzjoni	ISO
I.11 Post tal-ispedizzjoni				I.12. Post tad-destinazzjoni		
Isem		Nru. tal-approvazzjoni		Isem		
Nru. tal-approvazzjoni				Indirizz		
I.13. Post tat-tagħbija				I.14. Data u ħin tat-tluq		
I.15. Mezz tat-trasport			I.16. Post ta' kontroll fuq il-fruntiera tad-dħul			
Ajruplan	<input type="checkbox"/>	Bastiment	<input type="checkbox"/>	Oħrajn		<input type="checkbox"/>
Vettura tat-triq	<input type="checkbox"/>	Ferrovija	<input type="checkbox"/>			
Identifikazzjoni:						
I.17. Dokumenti ta' akkumpanjament						
			Tip			
			Nru			
I.18. Kondizzjonijiet tat- trasport						
Ambjent	<input type="checkbox"/>	Imkessaħ	<input type="checkbox"/>	Iffriżat		<input type="checkbox"/>
I.19. Nru tal-Kontejner/Nru tas-Siġill						

PAJJIŻ

Ċertifikat uffiċjali liill-UE

I.20. Oġġetti ċertifikati bħala Industrija tal-ikel ippreżervat fil-laned <input type="checkbox"/> Konsum mill-bniedem <input type="checkbox"/>				
I.21.		I.22.		
I.23 Għadd totali ta' pakketti	I.24. Kwantità Għadd totali	Piż nett totali (Kg)	Piż gross totali (Kg)	
I.25. Deskrizzjoni tal-oġġetti Nru Kodiċi u titolu NM				
Speċi (isem xjentifiku) Konsumatur finali	Numru ta' pakketti <input type="checkbox"/>	Natura tal-komodità Bastiment/impjant ta' manifattura Piż nett	Nru tal-lott	Tip ta' trattament Mażen kiesaħ Tip ta' imballaġġ

PAJJIŻ

Prodotti tas-sajd

Parti II: Ċertifikazzjoni	II.	II.a. Numru ta' referenza taċ-ċertifikat	II.b.
	<p>II.1. (1) Attestazzjoni tas-saħħa pubblika</p> <p>Jiena, hawn taħt iffirmat, niddikjara li jien konxju tad-dispożizzjonijiet rilevanti tar-Regolament (KE) Nru 178/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' Jannar 2002 li jstabbilixxi l-prinċipji ġenerali u l-ħtiġijiet tal-liġi dwar l-ikel, li jstabbilixxi l-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel u jstabbilixxi l-proċeduri fi kwistjonijiet ta' sigurtà tal-ikel (ĠU L 31, 1.2.2002, p. 1), ir-Regolament (KE) Nru 852/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 dwar l-iġjene tal-oġġetti tal-ikel (ĠU L 139, 30.4.2004, p. 1) u r-Regolament (KE) Nru 853/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 li jstabbilixxi ċerti regoli speċifiċi ta' iġjene għall-ikel li joriġina mill-annimali (ĠU L 139, 30.4.2004, p. 55) u r-Regolament (UE) 2017/625 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Marzu 2017 dwar il-kontrolli uffiċjali u attivitajiet uffiċjali oħra mwettqa biex jiżguraw l-applikazzjoni tal-liġi tal-ikel u tal-għalf, ta' regoli dwar is-saħħa u t-trattament xieraq tal-annimali, dwar is-saħħa tal-pjanti u dwar prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 999/2001, (KE) Nru 396/2005, (KE) Nru 1069/2009, (KE) Nru 1107/2009, (UE) Nru 1151/2012, (UE) Nru 652/2014, (UE) 2016/429 u (UE) 2016/2031 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1/2005 u (KE) Nru 1099/2009 u d-Direttivi tal-Kunsill 98/58/KE, 1999/74/KE, 2007/43/KE, 2008/119/KE u 2008/120/KE, u li jħassar ir-Regolamenti (KE) Nru 854/2004 u (KE) Nru 882/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, id-Direttivi tal-Kunsill 89/608/KEE, 89/662/KEE, 90/425/KEE, 91/496/KEE, 96/23/KE, 96/93/KE u 97/78/KE u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 92/438/KEE (Regolament dwar il-Kontrolli Uffiċjali) (ĠU L 95, 7.4.2017, p. 1) u niċċertifika li l-prodotti tas-sajd deskritti hawn fuq ġew prodotti skont dawk ir-rekwiżiti, b'mod partikolari li huma:</p> <ul style="list-style-type: none"> — ġejjin minn stabbiliment(i) li jimplementa(w) programm imsejjes fuq il-prinċipji tal-punti tal-analiżi u l-kontrolli kritiku tal-perikli (HACCP) skont l-Artikolu 5 tar-Regolament (KE) Nru 852/2004; — inqabdu u ġew ittrattati abbord bastimenti, twasslu l-art, ġew ittrattati u fejn meħtieġ imħejjija, ipproċessati, iffriżati, u tħallaw jinħallu mis-silġ iġjenikament f'konformità mar-rekwiżiti stipulati fis-Sezzjoni VIII, tal-Kapitoli I sa IV tal-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 853/2004; — jissodisfaw l-istandards tas-saħħa stabbiliti fis-Sezzjoni VIII, il-Kapitolu V tal-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 853/2004 u l-kriterji stabbiliti fir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2073/2005 tal-15 ta' Novembru 2005 dwar kriterji mikrobijoloġiċi għall-oġġetti tal-ikel [traduzzjoni mhux uffiċjali] (ĠU L 338, 22.12.2005, p. 1); — ġew ippakkjati, maħżuna u ttrasportati f'konformità mas-Sezzjoni VIII, il-Kapitoli VI sa VIII tal-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 853/2004; — ġew immarkati skont it-Taqsima I tal-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 853/2004; — jissodisfaw il-garanziji li jkopru l-annimali ħajjin u l-prodotti tagħhom, jekk l-oriġini tagħhom hija mill-akkwakultura, ipprovduti mill-pjanijiet ta' residwu li ġew sottomessi skont id-Direttiva tal-Kunsill 96/23/KE tad-29 ta' April 1996 dwar miżuri għall-monitoraġġ ta' ċerti sustanzi u residwi tagħhom f'annimali ħajjin u prodotti tal-annimali u li tħassar id-Direttivi 85/358/KEE u 86/469/KEE u d-Deċiżjonijiet 89/187/KEE u 91/664/KEE (ĠU L 125, 23.5.1996, p. 10), u b'mod partikolari l-Artikolu 29 tagħha; u — għaddew mill-kontrolli uffiċjali stabbiliti fl-Artikoli 59 sa 65 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/627 tal-15 ta' Marzu 2019 li jstabbilixxi arranġamenti prattiċi uniformi għat-tweġiq ta' kontrolli uffiċjali fuq prodotti li joriġinaw mill-annimali maħsuba għall-konsum mill-bniedem f'konformità mar-Regolament (UE) 2017/625 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jemenda r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2074/2005 fir-rigward tal-kontrolli uffiċjali (ĠU L 131, 17.5.2019, p. 51). <p>II.2. (2) (4) Attestazzjoni tas-saħħa tal-annimali għall-ħut u l-krustaċji li joriġinaw mill-akkwakultura</p> <p>II.2.1. (3) (4) [Rekwiżiti għall-ispeċi suxxettibbli għan-nekrożi ematopojetika epiżotika (EHN, epizootic haematopoietic necrosis), is-sindromu Taura u l-marda tar-ras safra</p> <p>Jiena, l-ispettur uffiċjali hawn taħt iffirmat, niċċertifika li l-annimali tal-akkwakultura jew il-prodotti tagħhom imsemmija fil-Parti I ta' dan iċ-ċertifikat:</p> <p>(5) joriġinaw minn pajjiż/territorju, żona jew kompartiment iddikjarat ħieles mill-(4) [EHN] (4) [Sindromu Taura] (4) [il-marda Yellowhead] skont il-Kapitolu VII tad-Direttiva tal-Kunsill 2006/88/KE tal-24 ta' Ottubru 2006 dwar il-ħtiġiet tas-saħħa tal-annimali għall-annimali tal-akkwakultura u l-prodotti tagħhom, u dwar il-prevenzjoni u l-kontroll ta' ċertu mard f'annimali akkwatiċi (ĠU L 328, 24.11.2006, p. 14) jew l-Istandard OIE rilevanti mill-awtorità kompetenti ta' pajjiżi,</p> <ul style="list-style-type: none"> (i) fejn il-mard rilevanti huwa notifikabbli lill-awtorità kompetenti u r-rapporti ta' suspetti ta' infezzjoni tal-mard rilevanti jridu jiġu investigati minnufih mill-awtorità kompetenti, (ii) l-ispeċijiet kollha introdotti suxxettibbli għall-mard rilevanti ġejjin minn żona ddikjarata ħielsa mill-marda, u 		

PAJJIŻ

Prodotti tas-sajd

II.	Informazzjoni dwar is-saħħa	II.a. Numru ta' referenza taċ- ċertifikat	II.b.
	(iii) I-ispeċijiet suxxettibbli għall-mard rilevanti mhumiex imlaqqma kontra l-mard rilevanti.]		
II.2.2.	(³) (⁴) [Rekwiżiti għall-ispeċi suxxettibbli għas-settiċemija emorraġika virali (VHS), in-nekrożi ematopojetika li tinfetta (IHN), anemija tas-salamun li tinfetta (ISA), Marda bil-vajrus erpete tal-Koi (KHV) u l-marda tal-ponot bojod maħsuba għal Stat Membru, żona jew kompartiment iddikjarati ħielsa mill-mard jew suġġetti għal sorveljanza jew programm ta' qerda għall-marda rilevanti		
	Jiena, l-ispettur uffiċjali hawn taħt iffirmat, niċċertifika li l-annimali tal-akkwakultura jew il-prodotti tagħhom imsemmija fil-Parti I ta' dan iċ-ċertifikat:		
	⁽⁶⁾ joriġinaw minn pajjiż/territorju, żona jew kompartiment iddikjarati ħielsa mill-(⁴) [VHS] (⁴) [IHN] (⁴) [ISA] (⁴) [KHV] (⁴) [Marda tal-Ponot Bojod] skont il-Kapitolu VII tad-Direttiva 2006/88/KE jew l-Istandard OIE rilevanti mill-awtorità kompetenti ta' pajjiżi,		
	(i) fejn il-mard rilevanti huwa notifikabbli lill-awtorità kompetenti u r-rapporti ta' suspetti ta' infezzjoni tal-mard rilevanti jridu jiġu investigati minnufih mill-awtorità kompetenti,		
	(ii) I-ispeċijiet kollha introdotti suxxettibbli għall-mard rilevanti ġejjin minn żona ddiċjarata ħielsa mill-marda, u		
	(iii) I-ispeċijiet suxxettibbli għall-mard rilevanti mhumiex imlaqqma kontra l-mard rilevanti.]		
II.2.3.	Rekwiżiti għat-trasport u għall-ittikkettar		
	Jiena, l-ispettur uffiċjali hawn taħt iffirmat, b'dan niċċertifika li:		
II.2.3.1.	l-annimali tal-akkwakultura msemija hawn fuq jinsabu taħt kondizzjonijiet fejn il-kwalità tal-ilma ma tiddilx l-istatus tas-saħħa tagħhom;		
II.2.3.2.	qabel it-tagħbija, il-kontejner tat-trasport jew id-dgħajsa barrada jkun nodfa u diżinfettati jew ma jkunux intużaw qabel; u		
II.2.3.3.	il-kunsinna hi identifikata minn tikketta li tinqara faċilment fuq in-naħa ta' barra tal-kontejner, jew meta tinġarr minn dgħajsa barrada, fil-manifest tal-vapur, bit-tagħrif rilevanti msemmi fil-kaxxi minn l.7 sa l.11 tal-Parti I ta' dan iċ-ċertifikat, kif ukoll din id-dikjarazzjoni:		
	“(⁴) [Ħut] (⁴) [Krustaċji] maħsuba għall-konsum mill-bniedem fl-Unjoni”.		
Noti			
Ara n-noti fl-Anness II tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/628 tat-8 ta' April 2019 li jikkonċerna mudelli taċ-ċertifikati uffiċjali għal ċerti annimali u oġġetti u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 2074/2005 u r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2016/759 fir-rigward ta' dawn il-mudelli taċ-ċertifikati (ĠU L 131, 17.5.2019, p. 101)			
Parti I:			
—	Il-kaxxa bin-numru ta' referenza l.8: Reġjun tal-oriġini: Għal molluski bivalvi ffriżati jew ipproċessati, indika ż-żona tal-produzzjoni.		
—	Il-kaxxa bin-numru ta' referenza l.20: Immarka “Industrija tal-ikel ippreżervat fil-laned” għall-ħut sfiħ inizjalment iffriżat fis-salmura f'temperatura ta' -9 °C jew f'temperatura ogħla minn -18 °C u maħsub biex ikun ippreżervat fil-laned skont ir-rekwiżiti tas-Sezzjoni VIII, il-Kapitolu I; il-punt II(7) tal-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 853/2004. Immarka “Konsum mill-bniedem” għal każijiet oħra.		
—	Il-kaxxa bin-numru ta' referenza l.25: Niżżel il-kodiċi(ijiet) xierqa tas-Sistema Armonizzata (SA) bl-użu ta' intestaturi bħal: 0301, 0302, 0303, 0304, 0305, 0306, 0307, 0308, 0511, 1504, 1516, 1518, 1603, 1604, 1605 jew 2106.		
—	Il-kaxxa bin-numru ta' referenza l.25: <i>Natura tal-komodità:</i> speċifika jekk joriġinax mill-akkwakultura jew mill-baħar ħieles.		
	<i>Tip ta' trattament:</i> speċifika jekk hux ħaj, imkessaħ, iffriżat jew ipproċessat.		
	<i>L-impjant tal-manifattura:</i> jinkludi bastiment fabbrika, bastiment friża, bastimenti reefer, maħżen		
kiesi u impjant tal-ipproċessar.			
Parti II:			
(¹)	Il-Parti II.1 ta' dan iċ-ċertifikat <u>ma tapplikax</u> għall-pajjiżi b'rekwiżiti ta' ċertifikazzjoni tas-saħħa pubblika speċjali stipulati fi fehimiet ta' ekwivalenza jew f'leġiżlazzjoni oħra tal-UE.		

PAJJIŻ

Prodotti tas-sajd

II. Informazzjoni dwar is-saħħa	II.a. Numru ta' referenza taċ- ċertifikat	II.b.
<p>(²) II-Parti II.2 ta' dan iċ-ċertifikat <u>ma tapplikax</u> għal:</p> <p>(a) krustaċji li ma jkunux vijabbli, jiġifieri krustaċji li ma jistgħux jgħixu bħala annimali ħajjin jekk jitreġġgħu lura fl-ambjent li tiegħu minnu,</p> <p>(b) ħut li jinqatel u jiġi evixxerat qabel l-ispedizzjoni,</p> <p>(c) annimali tal-akkwakultura u prodotti tagħhom, li jitqiegħdu fis-suq għall-konsum mill-bniedem mingħajr aktar ipproċessar, sakemm dawn ikunu ppakkjati f'imballaġġ tal-bejgħ bl-imnut li jikkonforma mad-dispożizzjonijiet għal tali imballaġġ fir-Regolament (KE) Nru 853/2004,</p> <p>(d) krustaċji maħsuba għall-istabbiliment tal-ipproċessar skont l-Artikolu 4(2) tad-Direttiva 2006/88/KE, jew għal ċentri ta' spedizzjoni, ċentri ta' purifikazzjoni jew negozji simili mgħammra b'sistema ta' trattament tal-effluwent li tista' tagħmel lill-patoġeni kkonċernati inkwistjoni inattivu, jew fejn l-effluwent huwa soġġett għal tipi oħra ta' trattament li jnaqqsu r-riskju tat-tixrid tal-mard fl-ilmijiet naturali għal livell aċċettabbli, kif ukoll</p> <p>(e) krustaċji maħsuba għal aktar ipproċessar qabel ma jiġu kkonsmati mill-bniedem mingħajr ħżin temporanju fuq il-post tal-ipproċessar u ppakkjati u ttikkettati għal dak l-għan skont ir-Regolament (KE) Nru 853/2004.</p>		
<p>(³) II-Partijiet II.2.1 u II.2.2 ta' dan iċ-ċertifikat japplikaw <u>biss</u> għall-ispeċijiet suxxettibbli għal waħda jew aktar mill-mard imsemmi fl-intestatura tal-parti kkonċernata. L-ispeċijiet suxxettibbli huma elenkati fl-Anness IV tad-Direttiva 2006/88/KE.</p>		
<p>(⁴) Żomm kif jixraq.</p>		
<p>(⁵) Għall-kunsinni tal-ispeċijiet suxxettibbli għall-EHN, għas-sindromu Taura u/jew għall-marda Yellowhead, din id-dikjarazzjoni trid tinżamm għall-kunsinna li trid tiġi awtorizzata fi kwalunkwe parti tal-UE.</p>		
<p>(⁶) Sabiex jiġu awtorizzati fi Stat Membru, żona jew kompartiment (il-kaxxi I.9 u I.10 tal-Parti I taċ-ċertifikat) iddikjarati ħielsa mill-VHS, l-IHN, l-ISA, il-KHV jew il-marda tal-ponot bojod jew bi programm ta' sorveljanza jew għall-qerda tal-mard stabbilit skont l-Artikolu 44(1) jew (2) tad-Direttiva 2006/88/KE, waħda minn dawn id-dikjarazzjonijiet trid tinżamm jekk il-kunsinna jkun fiha speċi suxxettibbli għall-marda jew għall-mard li għalih tintalab l-immunità jew jiġu applikati l-programmi. Id-<i>data</i> dwar l-istatus tal-mard ta' kull stabbiliment u żona tat-trobbija tal-molluski fl-Unjoni hija aċċessibbli fuq http://ec.europa.eu/food/animal/liveanimals/aquaculture/index_en.htm.</p>		
<p>— Il-kulur tat-timbru u l-firma jridu jkunu differenti mill-kulur tad-dettalji l-oħra fiċ-ċertifikat.</p>		
Spettur uffiċjali		
Isem (b'ittri kapitali):	Kwalifika u titlu:	
Data:	Firma:	
Timbru:		

KAPITOLU B: MUDELL TA' ĊERTIFIKAT UFFIĊJALI GĦALL-PRODOTTI TAS-SAJD MAQBUDA MINN BASTIMENTI LI JTAJRU L-BANDIERA TA' STAT MEMBRU U TRASFERITI F'PAJJIŻI TERZI B'ĦAŻNA JEW MINGĦAJRHA

PAJJIŻ				Ċertifikat uffiċjali lill-UE		
Parti I: Dettalji tal-kunsinna mibgħuta	I.1. Konsenjatur/Esportatur			I.2. Nru ta' referenza taċ- ċertifikat	I.2.a Nru ta' referenza IMSOC	
	Isem					
	Indirizz			I.3. Awtorità Kompetenti Ċentrali		
	Nru tat-tel.			I.4. Awtorità Kompetenti Lokali		
	I.5. Konsenjatarju/Importatur			I.6. Operatur responsabbli għall-kunsinna		
	Isem			Isem		
	Indirizz			Indirizz		
	Kodiċi postali			Kodiċi postali		
	Nru tat-tel.					
	I.7. Pajjiż ta' orġini	ISO	I.8. Reġjun tal-orġini	Kodiċi	I.9. Pajjiż tad- destinazzjoni	ISO
I.11 Post tal-ispedizzjoni		Nru. tal-approvazzjoni		I.12. Post tad-destinazzjoni		
Isem				Isem		
Indirizz				Indirizz		
I.13. Post tat-tagħbija				I.14. Data u ħin tat-tluq		
I.15. Mezz tat-trasport				I.16. Post ta' kontroll fuq il-fruntiera tad-dħul		
Ajruplan	<input type="checkbox"/>	Bastiment	<input type="checkbox"/>	I.17. Dokumenti ta' akkumpanjament		
Vettura tat-triq	<input type="checkbox"/>	Ferrovija	<input type="checkbox"/>			
Oħrajn <input type="checkbox"/>						
Identifikazzjoni:				Tip		
				Nru		
I.18. Kondizzjonijiet tat- trasport						
Ambjent	<input type="checkbox"/>	Imkessaħ	<input type="checkbox"/>	Iffriżat <input type="checkbox"/>		
I.19. Nru tal-Kontejner/Nru tas-Siġill						

PAJJIŻ

Ċertifikat uffiċjali liil-UE

I.20. Oġġetti ċertifikati bħala Industrija tal-ikel ippreżervat fil-laned <input type="checkbox"/> Konsum mill-bniedem <input type="checkbox"/>				
I.21.		I.22.		
I.23 Għadd totali ta' pakketti	I.24. Kwantità Għadd totali	Piż nett totali (Kg)	Piż gross totali (Kg)	
I.25. Deskrizzjoni tal-oġġetti Nru Kodiċi u titolu NM				
Speċi (isem xjentifiku) Żona Konsumatur finali	Numru ta' pakketti <input type="checkbox"/>	Natura tal-komodità Bastiment//impjant tal-manifattura Piż nett	Nru tal-lott	Tip ta' trattament Mażen kiesaħ Tip ta' imballaġġ

PAJJIŻ

Prodotti tas-sajd ittrasferiti f'pajjiżi terzi

	II. Informazzjoni dwar is-saħħa	II.a. Numru ta' referenza taċ-ċertifikat	II.b.
Parti II: Ċertifikazzjoni	II.1. Attestazzjoni tas-saħħa pubblika		
